ISSN 1725-5198

Il-Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea

C 211

Volum 51

Edizzjoni bil-Malti

Informazzjoni u Avviżi

19 ta' Awissu 2008

Avviż Nru | Werrej | Paġna

III *Atti preparatorji*

KUMITAT EKONOMIKU U SOĊJALI EWROPEW

444 sessjoni plenarja tal-KTR it-22 u l-23 ta' April 2008

2008/C 211/01 Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar Il-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni — Reġjuni Ewropej Kompetittivi permezz tar-Riċerka u l-Innovazzjoni — Kontribuzzjoni lejn aktar tkabbir u impjiegi aktar u itjeb *COM(2007) 474 finali* 1

2008/C 211/02 Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar Il-Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-ħarsien ta' persuni għaddejjin bil-mixi u utenti vulnerabbli oħra tat-triq *COM(2007) 560 finali — 2007/0201(COD)* 9

2008/C 211/03 Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar Il-Proposta ta' regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-approvazzjoni tat-tip ta' vetturi bil-mutur u magni rigward l-emissjonijiet minn vetturi heavy-duty (Euro VI) u dwar l-aċċess għal informazzjoni dwar it-tiswija u l-manutenzjoni tal-vetturi *COM(2007) 851 finali — 2007/0295 (COD)* 12

2008/C 211/04 Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar Proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar strutturi ta' protezzjoni kontra l-qlib ta' tratturi bir-roti għall-agrikoltura jew għall-foresterija (kontroll statiku) (Verżjoni kkodifikata) *COM(2008) 25 finali — 2008/0008 (COD)* 17

2008/C 211/05 Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar Lejn politika komuni ta' l-enerġija 17

MT

Prezz:
18 EUR

(Ikompli fil-paġna ta' wara)

Avviż Nru	Werrej (ikompli)	Paġna
2008/C 211/06	Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar — Proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda d-Direttiva 2003/54/KE dwar ir-regoli komuni għas-suq intern fil-qasam ta' l-elettriku — Proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda d-Direttiva 2003/55/KE dwar ir-regoli komuni għas-suq intern fil-gass naturali — Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi aġenzija għall-kooperazzjoni tar-regolaturi ta' l-enerġija — Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1228/2003 dwar kondizzjonijiet għall-aċċess għan-netwerks għall-bdil bejn il-fruntieri fl-elettriku — Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1775/2005 dwar kondizzjonijiet għall-aċċess għan-netwerks ta' trasmissjoni tal-gass naturali *COM (2007) 528 finali — 2007/0195 (COD) — COM(2007) 529 finali — 2007/0196 (COD) — COM (2007) 530 finali — 2007/0197 (COD) — COM(2007) 531 finali — 2007/0198 (COD) — COM (2007) 532 finali — 2007/0199 (COD)*	23
2008/C 211/07	Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar il-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali u lill-Kumitat tar-Reġjuni — Politika Marittima Integrata għall-Unjoni Ewropea *COM(2007) 575 finali*	31
2008/C 211/08	Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar il-Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1172/98 dwar prospetti ta' l-istatistika rigward it-trasport ta' merkanzija bit-triq, għal dak li għandu x'jaqsam mal-ħiliet ta' twettiq mogħtija lill-Kummissjoni *COM(2007) 778 finali — 2007/0269 (COD)*	36
2008/C 211/09	Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar Il-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Kunsill, il-Parlament Ewropew, il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali u l-Kumitat tar-Reġjuni — Żgħar, nodfa u kompetittivi — Programm biex jgħin intrapriżi żgħar u ta' daqs medju jikkonformaw mal-leġiżlazzjoni ambjentali *COM(2007) 379 finali {SEC(2007) 906, SEC(2007) 907, SEC(2007) 908}*	37
2008/C 211/10	Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar Il-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Kunsill, lill-Parlament Ewropew, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni dwar ir-reviżjoni tar-Rakkomandazzjoni 2001/331/KE li tipprovdi għal kriterji minimi ta' spezzjonijiet ambjentali fl-Istati Membri *COM(2007) 707 finali*	40
2008/C 211/11	Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar il-Proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-oġġetti ta' l-ikel għal użu ta' nutriment parikolari (Riformulazzjoni) *COM (2008) 3 finali — 2008/0003 (COD)*	44
2008/C 211/12	Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar L-adattament tal-proċedura regolatorja bi skrutinju/Proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 338/97 dwar il-protezzjoni ta' speċi ta' fawna u flora selvaġġi billi jkun regolat il-kummerċ fihom rigward is-setgħat implimentattivi konferiti lill-Kummissjoni *COM(2008) 104 finali — 2008/0184 (COD)*	45
2008/C 211/13	Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar L-adattament tal-proċedura regolatorja bi skrutinju/Proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 79/409/KEE dwar il-konservazzjoni ta' l-għasafar selvaġġi, fir-rigward tas-setgħat ta' implimentazzjoni mogħtija lill-Kummissjoni *COM(2008) 105 finali — 2008/0038 (COD)*	46

MT

(Ikompli fuq il-qoxra ta' wara minn ġewwa)

Avviż Nru	Werrej (ikompli)	Paġna
2008/C 211/14	Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar il-Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (KE) Nru 999/2001 (li jistabbilixxi regoli għall-prevenzjoni, kontroll u eradikazzjoni ta' ċerti enċefalopatiji spongiformi li jinxterdu) rigward is-setgħat implimentattivi konferiti lill-Kummissjoni *COM(2008) 53 finali — 2008/0030 (COD)*	47
2008/C 211/15	Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar Il-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni — Lejn Prinċipji Komuni ta' Flessigurtà: Aktar impjiegi u impjiegi aħjar permezz tal-flessibbiltà u s-sigurtà *COM(2007) 359 finali*	48
2008/C 211/16	Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar il-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni Niġġieldu kontra l-inugwaljanza fil-pagi bejn in-nisa u l-irġiel *COM(2007) 424 finali*	54
2008/C 211/17	Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar Il-prevenzjoni tat-terroriżmu u tar-radikalizzazzjoni vjolenti	61
2008/C 211/18	Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar il-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Kunsill u l-Parlament Ewropew dwar ir-rati tal-VAT minbarra r-rati standard tal-VAT *COM(2007) 380 finali — SEC(2007) 910*	67
2008/C 211/19	Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar Strateġija għall-ibgħad reġjuni: kisbiet u prospettivi fil-ġejjieni *COM(2007) 507 finali*	72
2008/C 211/20	Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar Il-libertà ta' assoċjazzjoni fil-pajjiżi msieħba ta' l-Euromed	77
2008/C 211/21	Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar In-negozjati dwar il-ftehimiet il-ġodda tal-kummerċ — Il-pożizzjoni tal-KESE	82
2008/C 211/22	Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni: "Nikkomunikaw l-Ewropa fi Sħubija" *COM(2007) 568 & Appendiċi COM(2007) 569*	90

MT

III

(Atti preparatorji)

KUMITAT EKONOMIKU U SOĊJALI EWROPEW

444 SESSJONI PLENARJA TAL-KTR IT-22 U L-23 TA' APRIL 2008

Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar Il-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni — Reġjuni Ewropej Kompetittivi permezz tar-Riċerka u l-Innovazzjoni — Kontribuzzjoni lejn aktar tkabbir u impjiegi aktar u itjeb

COM(2007) 474 finali

(2008/C 211/01)

Nhar is-16 ta' Awissu 2007, il-Kummissjoni Ewropea ddeċidiet, b'konformità ma' l-Artikolu 262 tat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, li tikkonsulta lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar

Il-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni dwar Reġjuni Ewropej kompetittivi permezz tar-riċerka u l-innovazzjoni — Kontribuzzjoni lejn aktar tkabbir u impjiegi aktar u itjeb.

Is-Sezzjoni Speċjalizzata għas-Suq Uniku, il-Produzzjoni u l-Konsum, inkarigata sabiex tipprepara l-ħidma tal-Kumitat dwar is-suġġett, adottat l-opinjoni tagħha nhar it-3 ta' April 2008. Ir-rapporteur kien is-Sur Pezzini.

Matul l-444 sessjoni plenarja tiegħu li nżammet fit-22 u t-23 ta' April 2008 (seduta tat-22 ta' April 2008), il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew adotta din l-opinjoni b'130 vot favur u 2 astensjonijiet.

1. Konklużjonijiet u rakkomandazzjonijiet

1.1 Il-Kumitat jagħti l-appoġġ sod li jħoss li huwa xieraq għall-inizjattiva tal-Kummissjoni sakemm din tqis mhux biss il-problemi tad-domanda, iżda wkoll — u primarjament — l-ottimizzazzjoni mil-lat tal-provvista u tevita l-fallimenti u l-burokrazija.

1.2 Il-Kumitat huwa konvint li l-promozzjoni ta' l-inizjattivi fil-livell lokali u reġjonali u l-kapaċità li dawn jingħaqdu f'network sabiex tissaħħaħ l-istrateġija ta' Lisbona huma essenzjali għall-isforzi konġunti tar-riċerka u l-iżvilupp li jiksbu suċċess fit-twaqqif u l-iżvilupp ta' intrapriżi innovattivi madwar l-Unjoni. Madankollu, qabel kollox, huwa essenzjali li jkunu involuti l-atturi ekonomiċi u soċjali li joperaw fil-livell territorjali fil-ħidma għall-għanijiet komuni ta' iktar impjiegi u impjiegi aħjar, fil-kuntest ġenerali ta' l-iżvilupp sostenibbli u kompetittiv.

1.3 Il-Kumitat itenni l-importanza ta' Trijangolu ta' Għarfien (edukazzjoni, riċerka u innovazzjoni), li jaqdi rwol kruċjali fil-promozzjoni tat-tkabbir u l-impjiegi. Għal din ir-raġuni, huwa urġenti li jissaħħu r-riformi, tiġi promossa l-eċċellenza fl-edukazzjoni għolja u fis-shubijiet bejn l-universitajiet, iċ-ċentri tar-riċerka u l-kumpaniji u li jiġi assigurat li s-setturi kollha ta' l-edukazzjoni u t-taħriġ jaqdu l-parti shiħa tagħhom fit-trawwim tal-kreattività u l-innovazzjoni, speċjalment fil-livell reġjonali u lokali. Dawn jinkludu b'mod speċjali dawk ir-reġjuni speċifiċi — Euregio — fejn il-ġirien u l-imsieħba jkunu magħqudin f'network ta' żoni li jmorru lilhinn mill-fruntieri nazzjonali.

1.4 Il-Kumitat huwa tal-fehma li l-kompetittività tar-reġjuni ta' l-Ewropa u l-iżvilupp tagħhom fl-oqsma ekonomiċi, soċjali u ta' l-impjieg għandhom jiġu segwiti b'mod iktar proattiv u b'iktar koordinazzjoni. Dan jagħmilha iktar faċli sabiex jinkisbu l-aħjar riżultati tanġibbli possibbli fit-triq lejn il-ksib ta' l-għanijiet ta' l-istrateġija ta' Lisbona.

1.5 Il-Kumitat jaqbel bis-shiħ ma' l-analiżi tal-Kummissjoni dwar in-nuqqasijiet fl-użu konġunt u koordinat ta' l-istrumenti Komunitarji, iżda jesprimi d-dispjaċir tiegħu li iktar minn għaxar snin wara, din il-kwistjoni kruċjali għadha tiġi ffaċjata f'termini ta' analiżi iktar milli jiġu indirizzati l-għeruq tal-problema, li hija l-iżvilupp ta' kapaċitajiet ġodda ta' "simultaneous engineering" [1] ta' tipi varji li jħaddnu l-azzjoni Komunitarja u Ewropea.

1.6 Il-Kumitat jikkunsidra li tinħtieġ l-azzjoni min-naħa tad-domanda, iżda fiha nnifisha din m'hijiex biżżejjed. Fil-fehma tiegħu, għandna nimxu lilhinn milli niddikjaraw il-bżonn li r-reġjuni jkunu iktar ffokati u għandna niksbu:

[1] Kif inhu użat it-terminu fid-dokumenti tal-Kummissjoni, jiġifieri bit-tifsira ta' pjanar simultanju.

— strateġija territorjali għar-riċerka u l-iżvilupp teknoloġiku u ta' l-innovazzjoni;

— konsiderazzjonijiet speċifiċi fir-rigward tal-kooperazzjoni transkonfinali (Euregio);

— użu koordinat ta' l-istrumenti Komunitarji;

— iktar informazzjoni dwar opportunitajiet disponibbli fil-livell nazzjonali u Ewropew;

— u tnaqqis sostanzjali ta' l-obbligi burokratiċi.

1.7 Fil-fehma tal-Kumitat, għandha tittieħed azzjoni mifruxa mil-lat tal-provvista sabiex jiġi assigurat qafas ta' koerenza u aċċess faċli għall-istrumenti kollha disponibbli. L-għan huwa li jingħelbu l-ostakli legali u d-differenza fiż-żmien bejn il-bidu u t-twettiq ta' l-appoġġ finanzjarju, sabiex ir-reġjuni ta' l-Ewropa jsiru iktar kompetittivi.

1.8 Il-Kumitat jikkunsidra li għandha titfassal Gwida Prattika Ewropea li tagħti ħarsa ġenerali lejn:

— it-tipi ta' azzjonijiet disponibbli Komunitarji u pan-Ewropej;

— id-differenzi fil-kriterji ta' l-eliġibilità u l-evalwazzjoni;

— jekk il-proċeduri u l-ġestjoni jikkonformawx jew le;

— u jekk intervenzjonijiet potenzjali humiex kompatibbli u komplementari.

1.9 Il-Kumitat isostni wkoll li azzjoni Komunitarja speċifika u preċiża m'għadhiex tista' tiġi postponuta jekk ser jinkisbu kapaċitajiet ġodda ta' "simultaneous engineering" ta' tipi varji u r-riżorsi ser jiġu sfruttati kemm jista' jkun u konċentrati fir-reġjuni.

1.10 Għaldaqstant, il-Kumitat jaħseb li hemm bżonn urġenti li jiġu indirizzati l-problemi tal-pluralità fil-livelli ta' gvernanza u l-frammentazzjoni ta' interventi meħtieġa għal tnedija mill-ġdid tar-reġjuni ta' l-Ewropa, b'konformità ma' dak li diġà esprima l-Kumitat ([2]). B'rabta ma' dan jipproponi t-tnedija ta' inizjattiva ġdida — bl-isem ta' Jasmine: *Joint Assistance Supporting Multiprojects for Innovation Networking in Europe* — sabiex tindirizza d-differenzi istituzzjonali attwali fuq in-naħat tad-domanda u l-provvista u sabiex il-burokrazija titnaqqas b'mod sostanzjali.

1.11 L-għan ta' Jasmine għandu jkun li jagħmilha possibbli li d-diversi atturi involuti f'network ta' proċess tat-tehid tad-deċiżjonijiet jagħmlu għażliet b'mod iktar informat u koordinat f'qafas uniku u koerenti għall-ippjanar reġjonali.

([2]) Ara l-opinjoni fil-ĠU C 44/1, 16.2.2008, rapporteur: is-Sur Wolf, "Il-Kumitat jirrakkomanda li jiġu żviluppati regoli ċari u li jiftiehmu sabiex jiġġestjonaw il-firxa wiesgħa ta' strumenti Komunitarji għall-promozzjoni u l-koordinazzjoni tar-Riċerka u l-Iżvilupp. Dawn jinkludu lista sintetizzata (u struzzjonijiet għall-użu) ta' l-istrumenti u l-miżuri kollha disponibbli lill-Kummissjoni għall-promozzjoni u l-koordinazzjoni ta' l-objettivi tar-riċerka u l-iżvilupp …".

2. **Sfond**

2.1 Ir-reġjuni Ewropej ta' għarfien qegħdin jiffaċċjaw bosta elementi ta' bidla li jikkostitwixxu kemm sfidi kif ukoll opportunitajiet u jinfluwenzaw il-ħila tagħhom sabiex jiksbu l-għanijiet ta' l-istrateġija riveduta ta' Lisbona.

2.2 Dawn l-elementi jinkludu:

— **fatturi esterni:** globalizzazzjoni iktar intensiva, il-ħolqien ta' żoni tal-kontinent bi tkabbir dinamiku qawwi, prezzijiet ħafna ogħla għall-enerġija u l-materji primi, żviluppi xjentifiċi u teknoloġiċi mhux mistennija, l-internazzjonalizzazzjoni ta' l-innovazzjoni, kwistjonijiet dwar il-bidla fil-klima u ħafna drabi pressjonijiet migratorji li ma jiġux ġestjonati jew li ma jistgħux jiġu ġestjonati;

— **fatturi interni:** it-tixjiħ tal-popolazzjoni, il-ħarsien ta' l-ambjent u l-kwalità tal-ħajja, l-iskadenza tal-produzzjoni u s-servizzi, il-modernizzazzjoni tas-settur pubbliku, iż-żieda fl-interazzjoni bejn il-ħolqien ġdid ta' tipi ta' għarfien u riżorsi umani disponibbli, il-kapaċità għat-tkabbir kulturali u l-kreattività, u l-iżvilupp ta' infrastruttura territorjali komuni, kemm fiżika kif ukoll intanġibbli.

2.3 Mhux għall-ewwel darba, il-Kumitat esprima l-fehmiet tiegħu dwar dawn il-kwistjonijiet, kemm f'kuntesti speċifiċi kif ukoll fil-kuntest wiesa' ta' l-evoluzzjoni ta' l-istrateġija ta' Lisbona u l-politiki tal-Komunità dwar ir-riċerka u l-innovazzjoni, l-ambjent u l-edukazzjoni u t-taħriġ.

2.4 B'mod partikulari, il-Kumitat enfasizza l-bżonn li ż-żona kollha ta' l-UE għandha tkun tista' tadatta għall-isfidi ta' l-ekonomija bbażata fuq l-għarfien u b'ħekk tgħin lir-reġjuni kollha sabiex jikkunsidraw l-għanijiet ta' Lisbona ([3]).

2.5 Il-Kumitat sostna wkoll li l-konfigurazzjoni l-ġdida ta' mudelli kompetittivi fis-suq globali qiegħda timponi sfidi importanti. Il-pjattaformi u n-networks integrati l-ġodda għandhom jindirizzaw temi relatati mar-riċerka u l-innovazzjoni, il-ġestjoni ta' riżorsi umani ġodda, il-promozzjoni u l-marketing, il-finanzi u l-kreditu, il-loġistika u s-suq u l-ġestjoni tas-servizz tal-klijenti ([4]).

2.6 Il-Kumitat itenni l-konvinzjoni tiegħu li l-promozzjoni ta' inizjattivi fil-livell lokali u l-kapaċità li jingħaqdu f'network għat-tishiħ ta' l-istrateġija ta' Lisbona huma essenzjali għat-thejjiġ ta' intraprizi innovattivi fil-kuntest ta' żvilupp sostenibbli u kompetittiv. Din għandha tinkludi, b'mod partikulari, dawk ir-reġjuni kollha — Euregios — u l-attivitajiet fejn in-networks bejn il-ġirien u l-imsieħba jinsabu fl-oqsma li jmorru lilhinn mill-fruntieri nazzjonali.

([3]) Ara l-opinjoni fil-ĠU C 10/88, 14.1.2004 (rapporteur: is-Sur Malosse) Mhux disponibbli bil-Malti.

([4]) Ara l-opinjoni fil-ĠU C 255/1, 14.10.2005 (Mhux disponibbli bil-Malti).

2.7 Fl-opinjoni tiegħu dwar il-Green Paper dwar iż-Żona Ewropea tar-Riċerka: Perspettivi ġodda, il-Kumitat irrakkomanda li "ż-Żona Ewropea tar-Riċerka għandha tiġi kkomplementata minn *Żona Ewropea ta' l-Għarfien* imfassla sabiex toħloq soċjetà Ewropea msejsa fuq l-għarfien" u osserva li "Hija meħtieġa wkoll koordinazzjoni min-naħa tal-Kummissjoni sabiex tiġi stabbilita tmexxija effettiva u strutturi konsultattivi u organizzazzjoni tax-xogħol li taħdem tajjeb …" ([5]).

2.8 Fl-aħħarnett, il-Kumitat enfasizza l-importanza ta' trijangolu ta' għarfien (edukazzjoni, riċerka u innovazzjoni), li jaqdi rwol kritiku fil-promozzjoni tat-tkabbir u l-impjiegi. Għal din ir-raġuni, huwa urġenti li jissaħħu r-riformi, tiġi promossa l-eċċellenza fl-edukazzjoni għolja u fis-sħubijiet bejn l-universitajiet, iċ-ċentri tar-riċerka u l-kumpaniji u li jiġi assigurat li s-setturi kollha ta' l-edukazzjoni u t-taħriġ jaqdu l-parti sħiħa tagħhom fit-trawwim tal-kreattività u l-innovazzjoni, speċjalment fil-livell reġjonali u lokali.

2.9 Il-Kumitat huwa tal-fehma li l-kompetittività tar-reġjuni ta' l-Ewropa u l-iżvilupp tagħhom fl-oqsma ekonomiċi, soċjali u ta' l-impjieg għandhom jiġu segwiti b'mod iktar proattiv u b'iktar koordinazzjoni: il-Kummissjoni għandha tipprova tmur lil hinn mill-ostakli ppreżentati mid-diversi bażijiet legali u l-kriterji proċedurali. L-għan għandu jkun li jsir l-aħjar użu għal min iħallas it-taxxa ta' l-istrumenti varji tal-baġit Komunitarju sabiex jinkisbu l-aħjar riżultati tanġibbli fit-triq tal-ksib ta' l-għanijiet ta' l-istrateġija ta' Lisbona. Dawn ir-riżultati għandhom jidhru f'oqsma bħall-effikaċja ta' l-aċċess konġunt, il-koordinazzjoni u s-sinerġiji u s-sinkronizzazzjoni ta' l-interventi disponibbli fil-livell Komunitarju u pan-Ewropew. Dawn għandhom jiksbu l-massa kritika meħtieġa sabiex jiġi ġġenerat effett multiplu.

2.10 Skond il-linji gwida integrati ta' l-Aġenda mġedda ta' Lisbona għat-tkabbir u l-impjiegi, il-politika tal-koeżjoni għandha tliet prijoritajiet strateġiċi ([6]):

— it-tisħiħ ta' l-attraenza ta' l-Istati Membri, ir-reġjuni u l-bliet (bliet tax-xjenza) ([7]) billi tittejjeb l-aċċessibilità, jiġu assigurati l-kwalità u livell adegwat tas-servizzi, u l-preservazzjoni ta' l-ambjent;

— it-tħeġġiġ ta' l-innovazzjoni, l-intraprenditorija u t-tkabbir ta' l-ekonomija ta' l-għarfien bis-saħħa tar-riċerka u l-applikazzjonijiet innovattivi, inklużi t-teknoloġiji ġodda ta' l-informazzjoni u tal-komunikazzjoni; u

— il-ħolqien ta' iktar impjiegi u impjiegi aħjar billi jinġibdu iktar nies fl-impjieg jew l-attività intraprenditorjali, it-titjib fl-adattabilità tal-ħaddiema u l-intraprizi u ż-żieda fl-investiment fil-kapital uman.

2.11 Min-naħa tal-provvista, id-diffikultajiet fil-ksib ta' l-effett ta' lieva u l-użu koordinat ta' l-istrumenti tal-fondi disponibbli għall-ksib ta' dawn l-għanijiet jinbtu min-natura intrinsika ta' l-istrumenti nfushom, jiġifieri:

— l-enfasi maniġerjali u proċedurali differenti li jiggvernawhom;

— id-daqs tagħhom (jiġifieri territorjali jew transnazzjonali);

— in-natura speċifika ta' l-għanijiet tagħhom;

— il-bażijiet legali differenti;

— u l-allokazzjoni tat-teħid tad-deċiżjonijiet u r-responsabilità maniġerjali għad-diversi korpi u organizzazzjonijiet.

2.12 Min-naħa tad-domanda, ħafna drabi r-reġjuni:

— ma jkollhomx viżjoni ċara, definita u komuni ta' strateġija reġjonali għar-riċerka u l-iżvilupp teknoloġiku u ta' l-innovazzjoni;

— jiffaċċjaw diffikultajiet fl-informazzjoni u l-komunikazzjoni;

— ma jkollhomx biżżejjed kapaċità sabiex jiġġestjonaw proġetti kumplessi li jħaddnu livelli differenti b'għanijiet differenti;

— ikollhom clusters u networks distrettwali li ma jkunux żviluppati biżżejjed;

— ikollhom kapaċitajiet professjonali, tekniċi u organizzattivi li ma jkunux żviluppati biżżejjed sabiex jisfruttaw l-istrateġija ta' l-innovazzjoni.

2.13 In-nuqqasijiet għandhom jiġu indirizzati billi l-assistenza u l-koordinazzjoni teknika ssir disponibbli għall-programmi Komunitarji kollha sa mill-bidunett.

2.14 L-inizjattivi rakkomandabbli tas-sinerġija fid-diversi programmi u strumenti strutturali għall-perijodu 2007-2013 jidhru li huma prerekwiżit — għalkemm mhux l-uniku wieħed — sabiex jinħarġu l-aħjar riżultati konkreti minnhom.

2.15 Il-Kumitat esprima l-appoġġ tiegħu għall-inizjattivi tal-Kummissjoni bħal JEREMIE u ppropona JEREMIE Focal Point sabiex jaġixxi bħala unità għall-koordinazzjoni u l-informazzjoni bejn id-diversi azzjonijiet, u enfasizza n-nuqqas ta' proġett li huwa kapaċi li jikkoordina u jirfina l-ħafna strumenti ta' self li jeżistu attwalment ([8]).

2.16 Il-Kumitat jappoġġja bis-sħiħ u jaqbel ma' l-istqarrijiet tal-Kummissarju Hübner dwar JASPER, JEREMIE u JESSICA ([9]), li ħalqu dinamiki u stennijiet ġodda għall-investiment, it-tkabbir u l-impjiegi fl-Istati Membri u r-reġjuni, kif ukoll fost l-imsieħba soċjali fir-reġjuni kollha ta' l-Unjoni Ewropea.

([5]) Ara l-opinjoni fil-ĠU C 44, 16.2.2008 (Mhux disponibbli bil-Malti).
([6]) Deċiżjoni tal-Kunsill tas-6.10.2006.
([7]) Ara wkoll l-inizjattiva tal-bliet tax-xjenza (www.sciencecities.eu).
([8]) Ara l-opinjoni fil-ĠU C 110, 9.5.2006 (Mhux disponibbli bil-Malti).
([9]) JEREMIE: Joint European Resources for Micro to Medium Enterprises; JESSICA: Joint European Support for Sustainable Investment in City Areas; JASPERS: Joint Assistance in Supporting Projects in European Regions.

2.17 Il-Kumitat isostni li l-linji gwida adottati mill-kumitat ta' l-Unjoni Ewropea għar-riċerka xjentifika u teknika (CREST) ([10]) u ppubblikati f'Settembru 2007 huma importanti biex juru t-triq quddiemna, għalkemm huma ristretti għall-interazzjoni bejn il-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Iżvilupp u l-Fondi Strutturali ġodda.

3. **Il-proposta tal-Kummissjoni**

3.1 Il-proposta tal-Kummissjoni tiċċara s-sinerġiji potenzjali li diġà jeżistu fl-istrumenti ta' fondi tar-riċerka, l-innovazzjoni u l-politiki ta' koeżjoni Ewropej. Dawn huma disponibbli għall-partijiet interessati sabiex ir-reġjuni ta' l-Ewropa jsiru iktar kompetittivi skond il-kapaċità tagħhom li jassorbuhom.

3.2 L-istrumenti prinċipali għall-azzjoni enfasizzati huma s-Seba' Programm Qafas għar-Riċerka u l-Iżvilupp, il-Programm Qafas ġdid għall-Kompetittività u l-Innovazzjoni (CIP) u l-enfasi ġdid tal-Fondi Strutturali u tal-Koeżjoni.

3.3 Il-Kummissjoni tagħmilha ċara li ħadmet ma' għadd ta' gruppi ta' konsulenza li rrakkomandaw:

— l-iżvilupp, bħala parti mill-istrateġija tagħhom ta' l-RTDI, ta' strateġija speċifika għall-użu koordinat tal-programm qafas u tal-programmi tal-politika tal-koeżjoni;

— l-użu ta' l-iskambji u l-konnessjonijiet tan-network għat-titjib fil-gvernanza strateġika ta' l-RTDI;

— sinerġiji effettivi għall-konsolidazzjoni u t-titjib fil-kapaċitajiet ta' l-RTDI, it-trawwim ta' l-eċċellenza, l-attenzjoni għall-SMEs u t-twaqqif ta' kooperazzjoni fil-livell Ewropew u internazzjonali u l-isfruttar tar-riżultati;

— it-titjib fil-komunikazzjoni u l-kollaborazzjoni bejn l-operaturi nazzjonali u reġjonali u mal-benefiċjarji;

— l-użu ta' inizjattivi tal-programm speċifiku tal-Kapaċitajiet tas-Seba' Programm Qafas għall-azzjonijiet koordinati;

— it-tisħiħ tas-sinerġiji, flimkien ma' l-Istati Membri, bejn il-politika tal-koeżjoni u s-Seba' programm qafas ta' l-RTD.

3.4 Il-Kummissjoni ssejjaħ lill-Istati Membri sabiex itejbu l-għażliet għall-iżvilupp koordinat u l-użu ta' l-istrumenti Komunitarji u sabiex joħolqu sistemi li jinfurmaw lill-operaturi parteċipanti dwar l-opportunitajiet disponibbli għalihom. Sabiex jitħeġġeġ l-aċċess koordinat għall-fondi, tieħu l-impenn ukoll li sa tmiem l-2007 tippubblika gwida prattika dwar l-opportunitajiet ta' fondi għall-istituzzjonijiet ta' riċerka, inklużi l-arranġamenti provduti mill-mekkaniżmi nazzjonali u reġjonali.

4. **Kummenti ġenerali**

4.1 Il-Kumitat jaqbel bis-sħiħ ma' l-analiżi tal-Kummissjoni dwar in-nuqqasijiet fl-użu konġunt u koordinat ta' l-istrumenti Komunitarji li jissemmew; madankollu, ma japprovax it-trattament preskritt, li jaħseb li m'huwiex biżżejjed sabiex jinkisbu l-għanijiet tal-politiki Komunitarji, l-ewwelnett fir-rigward tar-riċerka, l-innovazzjoni u t-taħriġ.

4.2 Il-Kumitat jaqbel mal-Kummissjoni ([11]) li "L-isforz għall-promozzjoni ta' l-ekonomija ta l-għarfien huwa ċentrali għat-twettiq tas-Sħubija mġedda għat-Tkabbir u l-Impjiegi, b'mod partikolari permezz tar-riċerka, l-iżvilupp teknoloġiku u l-innovazzjoni", iżda jemmen li din is-sħubija hija r-responsabilità konġunta tal-partijiet kollha kkonċernati, fil-livell Komunitarju mhux inqas mil-livell nazzjonali, regionali u lokali.

4.3 Il-Kumitat jara l-bżonn li mmorru lilhinn mill-iżvilupp ta' strateġija territorjali ta' riċerka u żvilupp teknoloġiku u ta' l-innovazzjoni u b'żieda ma' dan għandna nagħmlu użu minn:

— strumenti ta' tbassir u analiżi SWOT ([12]) sabiex jiġu identifikati l-opportunitajiet strateġiċi tar-reġjuni;

— azzjonijiet rilevanti għall-bini tal-kapaċità u t-taħriġ professjonali;

— żieda fl-attraenza tal-ħidma fir-riċerka u l-iżvilupp sabiex jiġi evitat brain drain kemm fl-UE stess kif ukoll lejn il-bqija tad-dinja;

— l-iskambju ta' l-esperti u l-esperjenza fl-innovazzjoni;

— l-appoġġ għall-iżvilupp u l-koordinazzjoni tad-distretti industrijali bbażati fuq l-għarfien,

— il-Pjattaformi Teknoloġiċi Ewropej u l-inizjattivi Konġunti Ewropej;

— strumenti Komunitarji b'mod koordinat, bil-ħolqien ta' sistemi interattivi li jinfurmaw l-operaturi parteċipanti dwar l-opportunitajiet disponibbli għalihom;

— l-opportunitajiet għall-komunikazzjoni u l-ġbir ta' l-esperjenza, speċjalment bejn l-SMEs.

4.4 Fil-fehma tal-Kumitat, għandha tittieħed azzjoni mifruxa mil-lat tal-provvista sabiex jiġi assigurat qafas aċċessibbli għall-istrumenti kollha disponibbli għall-iżvilupp kompetittiv tar-reġjuni Ewropej. Dan l-iżvilupp għandu jkun kompatibbli ma' l-għanijiet ta' "reġjun responsabbli soċjalment", jinvolvi lill-imsieħba soċjali, lill-kmamar tal-kummerċ, lill-akkademja u lis-soċjetà ċivili organizzata, u għandu jkun ibbażat fuq strateġija ta' politika industrijali Ewropea ([13]) li tkun sostenibbli f'termini kemm ta' produzzjoni kif ukoll ta' konsum.

([10]) Linji Gwida CREST — 1.6.2007.

([11]) Ara COM(2007) 474 finali.

([12]) SWOT: *Strengths and Weaknesses, Opportunities and Threats Analysis.*

([13]) COM(2007) 374 finali, 4.7.2007.

4.5 Barraminhekk, filwaqt li hemm lista ta' strumenti li jgħinu jagħtu spinta lit-tkabbir, joħolqu iktar impjiegi u impjiegi aħjar u jagħmlu r-reġjuni ta' l-Ewropa iktar kompetittivi permezz tar-riċerka u l-innovazzjoni, il-Kumitat huwa tal-fehma li din il-lista mhix kompluta, billi ma ssemmix l-istrumenti Komunitarji kollha rilevanti, tħalli barra l-medda ta' opportunitajiet disponibbli għar-reġjuni ta' l-Ewropa u ma ssemmi xejn dwar il-ħtieġa li jiġu koordinati l-istrumenti pan-Ewropej u internazzjonali attwali.

4.6 Il-Komunikazzjoni ma ssemmix, jew issemmi biss ta' fuq fuq ([14]), il-possibbilitajiet ta' intervent bħal:

— l-opportunitajiet tal-Bank Ewropew ta' l-Investiment (BEI);

— l-*Innovation 2010 Initiative* (i2i);

— l-inizjattivi kollaborattivi li ttieħdu fil-livell Ewropew u Komunitarju, bħall-*European R&D Infrastructures* (ESFRI) u l-Pjattaformi Teknoloġiċi Ewropej;

— il-faċilitajiet għar-riżorsi umani fix-xjenza u t-teknoloġija u l-EIBURS (*EIB University Research Sponsorship Programme*);

— STAREBEI (*STAges de REcherche BEI*) u l-*BEI University Networks*;

— il-fondi reġjonali u lokali għar-riċerka u l-iżvilupp u l-innovazzjoni;

— l-investimenti pubbliċi u privati fir-riċerka u l-iżvilupp u l-innovazzjoni;

— is-servizzi ta' l-ICT u awdjoviżivi;

— il-programm ta' ħidma integrat dwar l-edukazzjoni u t-taħriġ li jħaddan programmi settorjali addizzjonali li jkopru t-tagħlim matul il-ħajja għall-għarfien, il-kreattività u l-innovazzjoni ([15]), li huwa parti integrali ta' trijangolu ta' għarfien ta' l-edukazzjoni, ir-riċerka u l-innovazzjoni;

— l-istrumenti ta' intervenzjoni Komunitarji tas-soċjetà ta' l-informazzjoni bħall-programmi fl-ambitu ta' l-inizjattiva i2010 ([16]);

— il-kontribut tad-djalogu soċjali għat-tisħiħ tas-soċjetà bbażata fuq l-għarfien;

— it-titjib ta' l-edukazzjoni matul il-ħajja u kontinwa;

— il-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni ([17]), li għandu l-għan li jipprovdi appoġġ immirat ta' darba biss sabiex jittaffa l-impjieg mill-ġdid tal-ħaddiema minn fergħat jew setturi li qegħdin ibatu mix-xokk ta' taqlib ekonomiku serju ([18]).

4.7 Barraminhekk, ma jissemmewx il-programmi u l-inizjattivi pan-Ewropej non-Komunitarji li madankollu jippromovu l-innovazzjoni fl-UE, bħal:

— l-inizjattiva Eureka, network pan-Ewropew għall-organizzazzjonijiet tar-riċerka u l-iżvilupp industrijali orjentati lejn issuq li magħhom il-Kummissjoni kkonkludiet ftehim ta' kooperazzjoni, li tassisti l-kompetittività tal-kumpaniji Ewropej billi jinħolqu r-rabtiet u n-networks ta' l-innovazzjoni f'36 pajjiż;

— il-programm Eurostars, l-inizjattiva konġunta KE-Eureka bbażata fuq skema pan-Ewropea għall-appoġġ ta' l-SMEs fl-iżvilupp ta' prodotti u servizzi ġodda tas-suq;

— il-Bank Ewropew għar-Rikostruzzjoni u l-Iżvilupp (BERŻ), li kkonkluda ftehim ta' sħubija mal-Kummissjoni ddisinjat sabiex jiffaċilita l-ippjanar ta' proġetti kbar kofinanzjati mill-Fond tal-Koeżjoni u l-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali (FEŻR), speċjalment fl-Istati Membri l-ġodda, matul il-perijodu 2007-2013;

— il-programm LEED/OECD (*Local Economic and Employment Development*), li jidentifika, janalizza u jxerred ideat innovattivi għall-iżvilupp lokali u jipprova — kultant b'kollaborazzjoni mal-Kummissjoni Ewropea — itejjeb il-gvernanza ta' l-SMEs;

— il-Kunsill tal-Bank Ewropew għall-Iżvilupp (BEŻ), li għandu ftehim ta' sħubija mal-Kummissjoni u jiffinanzja proġetti soċjali sabiex tittejjeb il-koeżjoni ekonomika u soċjali u tissaħħaħ l-integrazzjoni soċjali, il-ħarsien ambjentali u l-iżvilupp tal-kapital uman fir-reġjuni;

— id-diversi attivitajiet u inizjattivi Euregio;

— u l-inizjattivi tal-bliet tax-xjenza.

4.8 Il-Kumitat jagħraf ukoll li, filwaqt li jiġi rispettat l-Artikolu 54(5) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1083/2006, hemm bżonn ta' iktar ċarezza tad-diffikultajiet u l-impedimenti għall-użu konġunt u koordinat ta' l-istrumenti applikabbli fil-livell ([19]) nazzjonali, reġjonali u lokali u mill-operaturi individwali, mhux biss fir-rigward ta' bażijiet legali differenti, speċjalizzazzjoni tematika, żona ġeografika u modi ta' implimentazzjoni, iżda wkoll f'termini ta' differenzi sostanzjali, u kultant fatali, bħal:

— jekk il-proġetti humiex transnazzjonali jew le;

([14]) Ara SEC (2007) 1045 tas-16.8.2007.
([15]) Ara COM(2007) 703 finali, 12.11.2007.
([16]) Ara COM(2007) 146 finali.
([17]) Ara COM(2006) 91 finali.
([18]) Ara l-opinjoni ĠU C 318, 23.12.2006.

([19]) Ara l-opinjoni fil-ĠU C 44/1, 16.2.2008 "Strumenti Komunitarji eżistenti għall-promozzjoni u l-koordinazzjoni tar-riċerka u l-iżvilupp. Min-naħa l-oħra, il-Kumitat jirrakkomanda li regoli ġenerali, ċari u li jinftiehmu għandhom jiġu żviluppati sabiex tiġi ġġestjonata firxa wiesgħa ta' strumenti Komunitarji għall-promozzjoni u l-koordinazzjoni tar-riċerka u l-iżvilupp. Tkun ta' għajnuna kbira jekk il-Kummissjoni telenka u tiddeskrivi (jiġifieri tipprovdi struzzjonijiet għall-użu li jinftiehmu) l-istrumenti u l-miżuri kollha disponibbli lilha għall-promozzjoni u l-koordinazzjoni ta' objettivi tar-riċerka u l-iżvilupp. Dan għandu juri wkoll jekk, fost l-ammont li qiegħed jikber ta' strumenti, l-għan ta' kull wieħed minnhom huwa ddefinit b'mod adegwat u l-istrumenti jinfirdu kif xieraq, u jekk jistgħu jinftiehmu b'mod faċli minn utenti potenzjali u mill-istaff tal-Kummissjoni jew jekk jenħtieġu jiġu aġġornati sabiex ikunu iktar ċari."

— jekk jibdewx fl-istess ħin;

— jekk il-fondi jiġux provduti fl-istess ħin;

— jekk il-proġetti jimxu b'mod konkorrenti;

— il-possibbilitajiet u l-kapaċitajiet li proġett mifrux ta' azzjoni territorjali jinqasam f'sensiela ta' "sotto-proġetti" li għandhom jitwettqu skond il-ħtieġa tal-programmi u l-istrumenti Komunitarji, pan-Ewropej u internazzjonali.

4.9 Il-Kumitat jikkunsidra li għandha titfassal Gwida Prattika Ewropea li tagħti ħarsa ġenerali lit-tipi ta' azzjonijiet Komunitarji u pan-Ewropej disponibbli, id-diversi kriterji ta' evalwazzjoni u jekk interventi potenzjali humiex kompatibbli u komplementari.

4.10 Il-Kumitat itenni l-bżonn ta' azzjoni koordinata u konġunta fir-rigward tar-rabtiet bejn il-politiki strutturali Komunitarji u l-politiki tar-riċerka u l-innovazzjoni ta' l-Unjoni, kif ħeġġeġ il-Kumitat f'diversi okkażjonijiet. Huwa jenfasizza li l-koordinazzjoni stretta ta' dawn il-politiki hija essenzjali sabiex jinkisbu l-aħjar livelli possibbli ta' sinerġija prattika u sabiex il-ħtiġijiet taċ-ċittadini, l-intrapriżi u s-soċjetà jintlaħqu bil-għan ta' l-objettiv globali ta' tkabbir fil-perijodu medju u fit-tul li jkun sostenibbli u mingħajr problemi, b'konformità ma' l-approċċ integrat ta' l-RTD għall-indirizzar tal-problemi u bil-fattur ewlieni ta' l-iżvilupp ta' investiment intanġibbli ([20]).

4.11 Il-Kumitat jenfasizza l-għadd kbir ta' politiki Komunitarji li, flimkien mal-politika ta' koeżjoni u l-politika tar-riċerka, jgħinu sabiex tittejjeb il-kompetittività tar-reġjuni ta' l-Ewropa, u jtenni l-bżonn għal approċċ integrat u koordinat li jħaddan:

— politika industrijali sostenibbli, kif ġiet enfasizzata fil-Kunsill Ewropew ta' Brussell f'Diċembru 2007, fejn "approċċ integrat għall-Kompetittività Ewropea għandu jitrawwem permezz ta' politika industrijali sostenibbli, magħquda ma' l-innovazzjoni u l-ħiliet, filwaqt li tiġi żviluppata d-dimensjoni esterna tagħha biex jiġi żgurat ambjent ta' kompetizzjoni ugwali ([21])";

— valutazzjoni mill-ġdid tal-politika Ewropea għas-suq uniku li tassigura ambjent favur l-innovazzjoni, il-ħarsien tal-proprjetà intellettwali u l-kollaborazzjoni bejn l-universitajiet, l-intrapriżi u ċ-ċentri tar-riċerka, kif ukoll politika mtejba ta' l-istandardizzazzjoni leġislattiva;

— politika soċjali u ta' l-impjieg li tipprovdi għal djalogu soċjali strutturat, prinċipji komuni tal-flessigurtà ([22]), appoġġ għat-tixjiħ attiv u politiki ta' inklużjoni attiva u tagħlim matul il-ħajja kollha għal kulħadd;

— politika ta' żvilupp sostenibbli u konsum li tkun impenjata għar-riċerka u l-applikazzjoni ta' teknoloġiji nodfa u innovattivi u tinkludi politika integrata dwar il-klima u l-enerġija, il-ġestjoni sostenibbli tar-riżorsi naturali u l-produzzjoni u l-konsum sostenibbli.

4.12 B'rabta ma' dan, il-Kumitat itenni il-fehmiet eżistenti tiegħu dwar il-bżonn li ([23]):

— tiġi formulata u adottata strateġija Komunitarja globali għas-semplifikazzjoni tal-mekkaniżmi rilevanti tal-politiki Ewropej, sabiex — filwaqt li jiġu rispettati l-identitajiet reġjonali — l-Ewropa tkun tista' titkellem b'vuċi waħda mil-lat tal-kompetittività u l-iżvilupp sostenibbli u armonjuż tas-sistema Ewropea;

— jiġu identifikati strumenti integrati tas-swieq innovattivi lokali, reġjonali u nazzjonali;

— jitwaqqfu l-livelli ta' integrazzjoni u l-interazzjoni tagħhom, fost oħrajn sabiex jiġu sinkronizzati u tiġi assigurata l-kompatibilità tat-tehid tad-deċiżjonijiet u l-aspetti ta' l-implimentazzjoni tal-politika tal-koeżjoni strutturali u l-politika ta' l-RTD/innovazzjoni. Dan huwa essenzjali sabiex il-politiki jkunu integrati b'mod sħiħ u effettiv;

— jiġu identifikati modi ġodda li jikkombinaw l-istrumenti ta' l-RTDD, billi jintużaw metodi u proċeduri semplifikati li, kulfejn huwa possibbli, ikunu uniformi u awtomatiċi. Għandha tiġi sfruttata l-possibbilità li jiġu varjati l-livelli ta' appoġġ għall-RTD tal-kumpaniji;

— jitwaqqfu sistemi li jikkontrollaw u jimmonitorjaw l-iskemi konġunti RTDD/koeżjoni sabiex jiġu analizzati l-effikaċja tagħhom f'termini tal-ksib ta' l-għanijiet iddikjarati; dan għandu jsir bl-użu ta' indikaturi stabbiliti minn qabel u armonizzati, kif ukoll il-valutazzjoni komparattiva fil-livell reġjonali.

4.12.1 Il-Kumitat jirrakkomanda wkoll l-integrazzjoni tal-programmi Komunitarji għat-taħriġ.

4.13 Il-Kumitat jesprimi d-dispjaċir tiegħu li wara għaxar snin din il-kwistjoni kruċjali għadha ffaċjata f'termini ta' analiżi iktar milli jiġu indirizzati l-għeruq tal-problema, li teħtieġ l-intervent Komunitarju sabiex jiġu provduti kapaċitajiet ta' "simultaneous engineering" tad-diversi tipi ta' azzjoni (teknoloġiċi, demostrattivi, innovattivi, tqassim, edukattivi, finanzjarji eċċ.) — bil-għan li jissaħħu l-impjieg u l-produzzjoni fil-livell reġjonali ([24]).

([20]) Ara l-opinjoni fil-ĠU C 40, 15.2.1999 (Mhux disponibbli bil-Malti).
([21]) Konklużjonijiet tal-Presidenza, il-Kunsill Ewropew ta' Brussell, l-14 ta' Diċembru 2007.
([22]) Kif tressaq fil-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew tat-13 u l-14 ta' Marzu 2008 (punt 16) u fl-opinjonijiet tal-KESE.
([23]) Ara l-opinjoni fil-ĠU C 40, 15.2.1999 (Mhux disponibbli bil-Malti).
([24]) Ara n-nota 23 f'qiegħ il-paġna.

4.14 Il-Kumitat isostni wkoll li **azzjoni Komunitarja speċifika u preċiża m'għadhiex tista' tiġi postponuta** jekk għandu jiġi evitat ir-riskju tat-telf fil-produttività u l-impjieg fir-reġjuni.

5. **Il-proposta tal-KESE**

L-inizjattiva Jasmine (***Joint Assistance Supporting Multiprojects for Innovation Networking in Europe***)

5.1 Il-KESE jinsab deċiż li l-inizjattiva Jasmine għandha tkun strument volontarju għas-semplifikazzjoni u t-tneħħija ta' l-ostakli burokratiċi, proċedurali u kunċettwali għall-użu konġunt ta' programmi pan-Ewropej, Komunitarji, nazzjonali u reġjonali b'konformità ma' l-iżvilupp imħaffef taż-Żona Ewropea tar-Riċerka (ŻER).

5.2 Il-Kumitat jikkunsidra li l-prijorità attwali għandha tkun li jiġu indirizzati l-problemi relatati mal-pluralità tal-livelli ta' gvernanza tad-diversi interventi disponibbli sabiex titnieda mill-ġdid il-kompetittività tar-reġjuni ta' l-Ewropa. Għal dan il-għan, jipproponi inizjattiva ġdida — *Jasmine: Joint Assistance Supporting Multiprojects for Innovation Networking in Europe* — sabiex jiġu indirizzati d-differenzi istituzzjonali attwali, kemm min-naħa tad-domanda kif ukoll tal-provvista, fl-interventi li jappoġġjaw l-innovazzjoni u r-riċerka fir-reġjuni.

5.3 L-azzjoni Komunitarja tista' ssir konkreta permezz:

— tal-ħolqien ta' inizjattiva Komunitarja — li tista' tissejjaħ per eżempju "l-Inizjattiva Komunitarja Jasmine" — li tkun biswit JASPER, JEREMIE u JESSICA għall-iżvilupp ta' azzjonijiet ta' assistenza teknika ffokati mhux biss fuq l-awtoritajiet nazzjonali, reġjonali u lokali, iżda wkoll fuq l-operaturi kkonċernati, sabiex il-koordinazzjoni bejn l-interventi nazzjonali ssir iktar effettiva u jintlaħaq il-bżonn għal "simultaneous engineering" bejn id-diversi tipi ta' interventi;

— ta' l-azzjoni Komunitarja għall-assistenza teknika għandha l-għan li l-atturi involuti f'network ta' proċess tat-teħid tad-deċiżjonijiet ikunu jistgħu jagħmlu għażliet b'mod iktar informat u koordinat u jkunu dipendenti fuq xulxin għall-informazzjoni, il-kapaċitajiet maniġerjali, il-kompetenzi u r-riżorsi finanzjarji. Dan iwassal sabiex ikunu jistgħu jitnedew l-interventi ta' gvernanza fuq diversi livelli fl-istess ħin ma' qafas uniku koerenti għall-ippjanar reġjonali, kemm jekk dan jinvolvi l-azzjonijiet ta' Sħubija Pubblika/Privata jew l-azzjonijiet nazzjonali, Komunitarji u transnazzjonali;

— ta' network ta' politika vertikali li jinvolvi l-istituzzjonijiet ta' gvernanza f'livelli varji — internazzjonali, Komunitarji, nazzjonali u reġjonali — f'sistemi ta' kooperazzjoni definiti u strutturati sew;

— ta' network ta' politika orizzontali li jinvolvi l-entitajiet pubbliċi u privati fir-reġjuni, bħall-gvernijiet lokali, l-intrapriżi, il-banek, l-NGOs, il-gruppi ta' interess u l-istituzzjonijiet tad-djalogu soċjali ([25]);

— tal-ħolqien ta' **Jasmine Focal Point bħala unità Komunitarja ta' kuntatt u informazzjoni** — b'sit ta' l-internet apposta — iżda mingħajr ċentralizzazzjoni eċċessiva ([26]) — bejn id-diversi livelli u d-diversi tipi ta' azzjoni — soġġett għar-regoli differenti u b'responsabilitajiet maniġerjali differenti ġewwa u barra s-servizzi tal-Kummissjoni — sabiex jinkisbu l-aħjar riżultati possibbli;

— il-ħolqien ta' **Network Komunitarju ta' Jasmine Focal Points fir-reġjuni li jixtiequhom** sabiex tiġi assigurata l-koerenza globali ta' proġetti li jinqasmu f'bosta sotto-proġetti; ir-rabta bejn it-territorjalità u t-transterritorjalità tas-sotto-proġetti nfushom; is-sejba ta' msieħba nazzjonali u transnazzjonali għal proposti ta' ħafna proġetti; l-assigurazzjoni li l-proġetti jibdew, jirċievu l-fondi u jiġu implimentati fl-istess ħin, u ma jidduplikawx lil xulxin;

— tal-ħolqien volontarju mir-reġjuni ta' **Jasmine Holding Funds**, li għandhom jingħataw responsabilitajiet definiti minn quddiem mill-Kummissjoni u jkunu akkreditati minnha fuq il-bażi ta' kost-effettività, effiċjenza, imparzjalità, trattament ugwali u trasparenza proċedurali;

— tat-tnedija ta' azzjoni ta' **Previżjoni Komunitarja msejħa Reġjuni Ewropej Kompetittivi** li tibbenefika mill-esperjenza tad-DĠ Riċerka u tinvolvi lill-uffiċjali għolja tas-servizzi rilevanti kollha tal-Kummissjoni, flimkien mar-rappreżentanti politiċi tar-reġjuni u l-Parlament Ewropew, il-Kumitat tar-Reġjuni u l-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew;

— ta' l-inkorporazzjoni ta' azzjonijiet speċifiċi ta' valutazzjoni komparattiva tas-suċċess ta' metodi ġodda bbażati fuq it-trasparenza u s-semplifikazzjoni ta' proċeduri u sħubija ġenwina ma' l-atturi soċjo-ekonomiċi lokali u reġjonali ([27])

— azzjoni ta' tisħiħ tal-kapaċità favur l-awtoritajiet lokali u l-operaturi ekonomiċi u soċjali, fondi għall-iżvilupp ta' networks transnazzjonali, it-twettiq ta' sħubijiet antiċipati, il-monitoraġġ tas-sinerġiji u s-sinkroniċitajiet antiċipati, fondi għal azzjoni ta' komunikazzjoni u ta' informazzjoni trasparenti u interattiva.

([25]) Ara d-DĠ tal-Politika Reġjonali, KE, Jannar 2003.

([26]) Ara l-opinjoni ĠU C 44/1, 16.2.2008: "Huwa ċert li l-Kummissjoni għandha tevita u tagħti l-impressjoni li l-għan tagħha huwa li tintroduċi ġestjoni ċentrali tar-riċerka Ewropea; dan iżid it-thassib attwali tal-pubbliku ġenerali fl-Istati Membri dwar iċ-ċentralizzazzjoni eċċessiva fi Brussell".

([27]) Ara l-opinjoni ĠU C 10/88, 14.1.2004 (Mhux disponibbli bil-Malti).

5.4 Il-prijoritajiet il-ġodda tal-programmi reġjonali, iffokati fuq l-innovazzjoni, il-kompetittività u t-tagħlim reċiproku matul il-ħajja kollha attiva, għandhom jagħmluha possibbli sabiex jiġu żviluppati politiki attivi li jirrinfurzaw u jżommu l-kompetittività tar-reġjuni permezz tal-fondi ta' eżerċizzji ta' previżjoni reġjonali u interreġjonali, clusters u networks distrettwali li jipprovdu viżjoni strateġika komuni għal kull reġjun. Dan jista' jservi bħala l-bażi għal azzjoni ta' appoġġ tekniku għall-aħjar użu konġunt ta' l-iktar strumenti adattati nazzjonali, Komunitarji u pan-Ewropej u PPP.

5.5 Jasmine tista' sservi bħala garanzija li tiffaċilita l-aċċettazzjoni ta' proġetti individwali billi jiġu assigurati mill-ġdid iddiversi korpi u programmi ta' fondi li huma parti jew stadju ta' proġett ikbar. Dan jista' jsir fuq il-bażi ta' Memorandum ta' Ftehim jew ftehim ta' kooperazzjoni bejn il-Kummissjoni Ewropea u korpi oħra Komunitarji u non-Komunitarji, jew skond ir-regoli amministrattivi tal-Kummissjoni meta servizzi differenti tal-Kummissjoni nnifisha jkunu responsabbli għall-programmi individwali. Dan ifisser li jitressaq sett wieħed biss ta' karti għall-approvazzjoni tal-proġett minn numru ta' korpi ta' finanzjament li jeżaminaw pakkett ta' proposti.

5.6 L-għan ta' Jasmine huwa li tiffaċilita l-mobilizzazzjoni ta' riżorsi finanzjarji li jkopru r-responsabilitajiet maniġerjali differenti u l-livelli differenti ta' gvernanza (pubbliċi u privati) sabiex tinkiseb l-aħjar massa kritika tar-riżorsi — u b'hekk jiżdied l-effett ta' lieva globali — sabiex jinħoloq qafas uniku għal ħafna proġetti li jilħaq bis-sħiħ il-viżjoni strateġika komuni ta' reġjun Ewropew li jtejjeb il-punti tajbin tiegħu fit-teknoloġija u l-innovazzjoni.

5.7 Jasmine għandha tkun ibbażata fuq l-esperjenzi ta' l-Inizjattiva tas-Suq Ewlieni, il-Pjattaformi Teknoloġiċi Ewropej u l-Inizjattivi Teknoloġiċi Konġunti u fuq ir-riżultati ta' l-ERANET u l-ERANET PLUS, ir-Reġjuni għall-Bidla Ekonomika u l-inizjattivi PRO INNO u Jeremie, Jasper u Jessica ([28]).

5.8 Jasmine tista' timmassimizza l-isforzi ta' l-innovazzjoni u r-riċerka fir-reġjuni u l-kumpaniji, ir-riżorsi umani, l-universitajiet, iċ-ċentri tar-riċerka u l-amministrazzjonijiet li jserħu fuqhom, anke fir-rigward tal-KIC — Knowledge and Innovation Communities ta' l-Istitut Ewropew tat-Teknoloġija — IET. Madankollu, għandu jitfakkar li l-innovazzjoni hija, il-biċċa l-kbira, attività kummerċjali li għandha tkun tista' tiffunzjona fl-aħjar ambjent operattiv possibbli, speċjalment fir-rigward tal-piż fiskali fuq ir-riċerka, it-trattament u l-protezzjoni tal-proprjetà intellettwali u l-eċċellenza ta' l-istruttura ta' l-edukazzjoni u t-taħriġ li jiġġeneraw iktar impjiegi u impjiegi aħjar.

5.9 Fl-aħħarnett, Jasmine tista' tgħin fl-isfruttar tal-vantaġġi distinti tar-reġjuni u fil-promozzjoni ta' l-iskambji ta' l-innovazzjoni u r-riċerka.

Brussell, it-22 ta' April 2008

Il-President
tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew
Dimitris DIMITRIADIS

([28]) Ara nota 8.

Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar Il-Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-ħarsien ta' persuni għaddejjin bil-mixi u utenti vulnerabbli oħra tat-triq

COM(2007) 560 finali — 2007/0201(COD)

(2008/C 211/02)

Nhar it-23 ta' Ottubru 2007, il-Kunsill iddeċieda, b'konformità ma' l-Artikolu 95 tat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, li jikkonsulta lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew, dwar

Il-Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-ħarsien ta' persuni għaddejjin bil-mixi u utenti vulnerabbli oħra tat-triq.

Is-Sezzjoni Speċjalizzata għas-Suq Uniku, il-Produzzjoni u l-Konsum inkarigata sabiex tipprepara l-ħidma tal-Kumitat dwar is-suġġett, adottat l-opinjoni tagħha nhar it-3 ta' April 2008. Ir-rapporteur kien is-Sur Ranocchiari.

Matul l-444 sessjoni plenarja tiegħu li nżammet fit-22 ta' April 2008, il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew adotta din l-opinjoni b'155 vot favur u 3 astensjonijiet.

1. **Konklużjonijiet u rakkomandazzjonijiet**

1.1 Kull sena fis-27 Stat Membru jmutu aktar minn 44 000 persuna u 1.7 miljuni oħra jweġġgħu wara aċċident fit-toroq. Fost dawn, aktar minn 8 000 mejjet u 300 000 ferut jagħmlu parti mill-kategorija l-aktar vulnerabbli ta' l-utenti tat-triq, jiġifieri l-persuni mixjin u dawk li jsuqu r-rota ([1]).

1.2 Fl-2003 ġiet approvata direttiva qafas sabiex tkun garantita protezzjoni akbar ta' l-utenti tat-triq, li tipprevedi reviżjoni sinjifikanti fil-kostruzzjoni tal-parti ta' quddiem tal-karozzi li għandha sseħħ f'żewġ fażijiet: l-ewwel waħda diġà ġiet applikata fil-vetturi awtorizzati mill-1 ta' Ottubru 2005, filwaqt li t-tieni waħda għandha tibda minn Settembru 2010, wara verifika tal-fattibbiltà li kellha sseħħ sa l-2004.

1.3 Din it-tieni fażi, kif ikkonfermata mill-istudji ta' diversi esperti indipendenti, uriet li m'hiex prattika, għallinqas fil-kondizzjonijiet maħsuba: il-Kummissjoni tipproponi għalhekk li tiġi riveduta billi jiddaħlu miżuri alternattivi li jiggarantixxu, anzi jtejbu, il-livell ta' sigurtà meta mqabbel mal-previżjonijiet tad-direttiva eżistenti.

1.4 B'mod partikulari, l-istudju mwettaq mill-espert imqabbad mill-Kummissjoni ([2]) ssuġġerixxa diversi soluzzjonijiet, li ġew inklużi fil-proposta li qed tiġi analizzata, li jintegraw miżuri ta' sigurtà attiva u passiva, b'konformità mar-rakkomandazzjonijiet li tressqu minn CARS 21 ([3]) u mal-proposta għal Regolament Tekniku Globali (Global Technical Regulation — GTR) għall-protezzjoni tal-persuni mixjin fit-toroq imħejjija mill-Kummissjoni Ekonomika għall-Ewropa tan-Nazzjonijiet Uniti — Ġinevra (United Nations Economic Commission for Europe — UN/ECE).

1.5 Il-KESE jemmen ukoll li l-proposta ma tbiddilx il-kompetizzjoni ħielsa bejn il-kostrutturi peress li ma timponix limiti għall-offerta fuq is-suq tal-mudelli ta' karozzi iżda għandha tendenza li torjenta d-domanda lejn mudelli b'rekwiżiti akbar ta' sigurtà.

1.6 Fid-dawl ta' dan t'hawn fuq, il-KESE għalhekk jappoġġja bis-sħiħ il-proposta tal-Kummissjoni; madankollu ma jistax ma jgergirx dwar id-dewmien — madwar tliet snin — li wassal għall-miżuri li lanqas biss jistgħu jinkisbu u sabiex jitħejjew oħrajn, anke jekk, probabbilment, parti mill-istess dewmien huwa dovut għall-fatt li bħalissa jeżistu data u soluzzjonijiet tekniċi li ma kinux disponibbli fil-mument ta' l-approvazzjoni tad-direttiva attwalment fis-seħħ.

1.7 Il-KESE jsejjaħ sabiex jitnaqqas dan id-dewmien — li huwa gravi ħafna peress li dan jikkonċerna l-ħajja u s-saħħa taċ-ċittadini Ewropej — billi jkun hemm approvazzjoni minnufih u totali tal-proposta min-naħa tal-Parlament u tal-Kunsill Ewropew, li b'hekk twassal għall-bidu tat-tieni fażi fil-ħin previst.

1.8 Filwaqt li l-KESE jesprimi s-sodisfazzjon tiegħu għall-effiċjenza kbira tal-miżuri tekniċi adottati għall-karozzi, jistieden lill-istituzzjonijiet Ewropej u lill-Istati Membri sabiex jippromovu b'mod aktar deċisiv ukoll l-inizjattivi li jirrigwardjaw iż-żewġ aspetti l-oħra li jikkontribwixxu għas-sigurtà fit-triq: fuq naħa, it-titjib fil-kwalità u s-sigurtà ta' l-infrastruttura, u fuq in-naħa l-oħra, it-taħriġ u t-trawwim ta' kuxjenza fost l-utenti kollha tat-triq. Din is-sejħa tirrigwardja wkoll lill-awtoritajiet reġjonali u lokali li kull ma jmur qegħdin dejjem aktar jassumu responsabbiltà deċisiva f'dan is-settur.

2. **Introduzzjoni**

2.1 Kull sena fis-27 Stat Membru ta' l-Unjoni Ewropea, wara aċċidenti fit-toroq, imutu madwar 8 000 persuna u jweġġgħu madwar 300 000 persuna minn fost dawk li jkunu mixjin u dawk li jsuqu r-rota, jiġifieri l-utenti tat-triq l-aktar vulnerabbli.

([1]) Sors: CARE (Community Road Accident Database): bażi tad-data li tiġbor u tħejji l-informazzjoni mill-Istati Membri dwar l-aċċidenti fit-toroq.

([2]) Transport Research Limited UK.

([3]) COM(2007) 22 finali, 7.2.2007 — Qafas Regolatorju Kompetittiv tal-Karozzi għas-Seklu 21.

2.2 Sa mill-2001, il-Kummissjoni Ewropea kisbet l-impenn mill-kostrutturi tal-karozzi sabiex jiżviluppaw miżuri ġodda bil-għan li jitjieb il-ħarsien tal-persuni mixjin fit-triq u ta' dawk li jsuqu r-rota rigward is-sigurtà kemm attiva (qabel il-ħabta) kif ukoll passiva (fil-ħin tal-ħabta).

2.3 Fost id-diversi miżuri li kienu ġew issuġġeriti mill-kostrutturi jidhru l-armar ta' kull karozza b'Antilock Brake System (sistema li tipprevjeni l-brejk milli jiġġammja–ABS), il-projbizzjoni volontarja fuq il-bejgħ ta' bull bars riġidi (rigid bull bars), l-installazzjoni ta' fanali mixgħulin bi nhar (Daytime Running Lights–DRL), miżuri li wara ġew irtirati minħabba l-oppożizzjoni ta' xi whud mill-Istati Membri, u fl-aħħar, l-introduzzjoni futura ta' sistemi avvanzati ta' teknoloġija ġdida ta' sigurtà attiva li għadha qed tiġi studjata.

2.4 Il-Kunsill u l-Parlament Ewropew urew l-apprezzament tagħhom għall-impenn mill-industrija tal-vetturi. Fl-istess ħin talbu li l-ħarsien tal-persuni mixjin tkun irregolata mhux minn ftehim volontarju jew minn rakkomandazzjoni, iżda minn leġislazzjoni vera li tieħu l-forma ta' direttiva speċifika.

2.5 Dan il-pass wassal għad-Direttiva Qafas 2003/102/KE ([4]) dwar "il-ħarsien ta' persuni għaddejjin bil-mixi u ta' utenti vulnerabbli oħra tat-triq" u d-Direttiva 2005/66/KE ([5]) dwar "l-użu ta' sistemi ta' protezzjoni ta' quddiem fuq vetturi bil-mutur" (eliminazzjoni tal-bumpers riġidi).

2.6 Id-Direttiva Qafas dwar il-ħarsien tal-persuni għaddejjin bil-mixi tibbaża fuq provi u valuri limitati suġġeriti mill-Kumitat Ewropew għat-Titjib fis-Sigurtà tal-Vetturi (EEVC) u tipprevedi implimentazzjoni f'żewġ fażijiet, it-tnejn li huma ċċentrati fuq is-sigurtà passiva. L-ewwel fażi, li tistabbilixxi reviżjonijiet kostruttivi u tnaqqis fil-piż tal-bonnet u tal-bumpers għall-vetturi M_1 u N_1 ([6]) li ma jiżnux aktar minn 2 500 kg, daħlet fis-seħħ għall-vetturi approvati fl-1 ta' Ottubru 2005. It-tieni fażi, li tipprevedi provi u valuri limitati aktar severi, hija maħsuba għall-karozzi li jiġu approvati mill-1 ta' Settembru 2010.

2.7 Dubji serji dwar il-fattibbiltà tat-testijiet ippjanati għat-tieni fażi kienu diġà ġew espressi meta l-proposta ġiet diskussa fil-Parlament Ewropew — fil-verżjoni finali tat-test, id-direttiva stipulat li l-Kummissjoni għandha tħejji studju ta' fattibbiltà tat-tieni fażi sa l-1 ta' Lulju 2004. B'mod partikulari, l-istudju għandu jidentifika: "miżuri alternattivi — jew passivi jew inkella kombinazzjoni ta' miżuri attivi u passivi — li huma minn ta' l-anqas ekwivalenti f'termini ta' effettività attwali" ([7]).

2.8 Numru ta' studji mħejjija minn esperti indipendenti, inkluż dawk inkarigati mill-Kummissjoni, urew li huwa teknikament impossibbli li jitwettqu r-rekwiżiti tat-tieni fażi sa l-iskadenza u bl-użu tat-testijiet stipulati mill-EEVC. Fid-dawl ta' din il-konklużjoni, il-proposta l-ġdida tistabbilixxi parametri riveduti għas-sigurtà passiva kif ukoll elementi ġodda ta' sigurtà attiva, li sadanittant ġew żviluppati mill-industrija li jistgħu jilħqu u anke jeċċedu l-ħtiġiet ta' l-Artikolu 5 tad-Direttiva, fi kliem ieħor "li huma minn ta' l-anqas ekwivalenti f'termini ta' effettività attwali".

2.9 Barra minn hekk, it-testijiet li issa ġew suġġeriti huma ugwali għal dawk li jinsabu fil-proposta tal-Global Technical Regulation għall-ħarsien tal-persuni mixjin li tħejjiet mill-Kummissjoni Ekonomika għall-Ewropa tan-Nazzjonijiet Uniti (UN/ECE). L-armonizzazzjoni possibbli tal-leġislazzjoni Ewropea mal-leġislazzjoni barra l-Ewropa b'mod evidenti tkun ta' benefiċċju għall-kompetittività ta' l-industrija Ewropea tal-karozzi.

3. **Il-proposta tal-Kummissjoni Ewropea**

3.1 Il-proposta l-ġdida, din id-darba mhux ta' direttiva iżda ta' regolament, tipprevedi l-ewwel u qabel kollox li tikkombina d-dispożizzjonijiet tad-direttiva relatata mas-sistemi ta' ħarsien frontali ma' dawk tad-direttiva preċedenti relatata mal-ħarsien tal-persuni mixjin, li ser tiġi emendata kif neċessarju sabiex ikun żgur li tista' tiġi applikata. Konsegwentement, f'każ li dan ir-regolament jiġi approvat, iż-żewġ direttivi jitħassru.

3.2 It-testijiet li l-vetturi jridu jgħaddu sabiex ikunu approvati b'konformità mar-regolament propost jirrigwardjaw:

3.2.1 il-forma tar-ras ta' tifel/adult ta' daqs żgħir man-naħa ta' fuq tal-bonnet; il-forma tar-ras ta' adult man-naħa ta' wara tal-bonnet u l-forma tas-sieq u tal-koxxa mal-bumpers, b'parametri parzjalment riveduti rigward it-II fażi prevista mid-direttiva fis-seħħ. Għall-iskopijiet ta' monitoraġġ aktar milli ta' approvazzjoni, u bil-għan ta' żviluppi futuri teknoloġiċi, jintalbu wkoll it-testijiet ta' kolliżjoni għall-pelvi max-xifer ta' quddiemnett tal-bonnet u l-forma tar-ras ta' adult mal-windskrin;

3.2.2 fir-rigward tas-sistemi ta' ħarsien frontali (eks Direttiva 2005/66/KE) ġew ikkonfermati bħala testijiet approvati l-forma tas-sieq u tal-koxxa kif ukoll dik tar-ras ta' tifel jew ta' adult ta' daqs żgħir f'kolliżjoni ma' l-istess sistema. Huma proposti aktar testijiet għall-iskop ta' monitoraġġ, flimkien ma' dispożizzjonijiet vinkolanti fuq il-kostruzzjoni u l-installazzjoni ta' dawn is-sistemi.

3.3 Il-miżuri ta' sigurtà passiva jiżdiedu bl-istallazzjoni ta' sistema ta' sigurtà attiva sabiex jiġu ggarantiti l-livelli ta' sigurtà previsti miż-żewġ direttivi preċedenti. Dawn huma s-sistema ta' assistenza fl-ibbrejkjar (Brake Assist System — BAS) li tipprovdi assistenza lix-xufier li jipprova jibbrekja b'mod rapidu f'sitwazzjoni ta' emerġenza iżda mingħajr ma japplika biżżejjed pressjoni. Flimkien ma' l-ABS, dan jassigura l-pressjoni massima fuq il-brejkijiet u jottimizza r-rata ta' deċellerazzjoni, u b'hekk titnaqqas b'mod sinjifikanti l-veloċità ta' impatt fuq il-persuni mixjin.

([4]) ĠU L 321, 6.12.2003, p. 15.
([5]) ĠU L 309, 6.12.2003, p. 37.
([6]) M_1 = karozzi bi 8 passiġġieri + xufier u piż massimu ta' 3 500 kg. N_1 = karozzi kummerċjali bħall-M_1 b'piż massimu ta' 3 500 kg.
([7]) Art. 5 tad-Direttiva 2003/102/KE dwar il-protezzjoni tal-persuni mixjin.

3.4 Fl-aħħar, b'konsiderazzjoni taż-żjieda fin-numru ta' vetturi tqal fuq it-toroq urbani (b'mod partikulari l-SUVs), issa huwa rrakkomandat li, wara perijodu transitorju, id-dispożizzjonijiet japplikaw mhux biss għall-vetturi M_1 u N_1 b'piż sa 2 500 kg, skond l-istandards attwali, iżda anke għal dawk li huma itqal li jiżnu sa 3 500 kg, jiġifieri il-limitu massimu taż-żewġ kategoriji kkonċernati.

4 **Kummenti tal-KESE fuq il-proposta tal-Kummissjoni**

4.1 Fuq kollox, il-KESE jilqa' b'mod pożittiv id-deċiżjoni tal-Kummissjoni li tinkorpora ż-żewġ direttivi preċedenti fir-regolament propost. Din l-għażla tiċċara u tissemplifika l-leġislazzjoni rilevanti, bħalma kien issuġġerixxa l-KESE fl-opinjoni dwar il-proposta tad-direttiva relatata ma' l-użu tas-sistemi ta' ħarsien frontali ([8]).

4.2 F'dan id-dawl, il-KESE japprezza wkoll l-għażla ta' regolament bħala l-istrument legali, peress li dan jassigura l-metodi u l-iskadenzi speċifiċi għall-implimentazzjoni fl-Istati Membri kollha, aspett partikularment rilevanti għal leġislazzjoni b'kontenut tekniku għoli.

4.3 Min-naħa l-oħra, il-KESE jiddispjaċih li t-testijiet previsti mill-EEVC għat-II fażi ma setgħux jiġu implimentati, peress li l-fattibbiltà tagħhom ma ġietx ittestjata sa l-iskadenza (l-1 ta' Lulju 2004), li wassal għal dewmien ta' aktar minn tliet snin.

4.4 Madankollu, il-KESE xorta jesprimi l-apprezzament tiegħu għas-soluzzjoni proposta wara proċess twil iżda li ħalla l-frott, fejn ġew applikati r-rakkomandazzjonijiet li tressqu minn CARS 21 dwar approċċ integrat. Dan jippermetti wkoll li l-leġislazzjoni Ewropea tiġi armonizzata ma' dik mhux Ewropea. Huwa sodisfatt b'mod partikulari mill-fatt li dan kollu ġie sostnut minn valutazzjoni rigoruża ta' l-impatt, li hija l-ewwel waħda li ġiet eżaminata u approvata mill-Bord tal-Valutazzjoni ta' l-Impatt (Impact Assessment Board) li twaqqaf reċentement mill-Kummissjoni Ewropea.

4.5 Is-soluzzjoni magħżula, li tuża anke miżuri ta' sigurtà attiva, ser twassal — skond it-tbassir tal-Kummissjoni u ta' l-esperti tagħha — għal tnaqqis fin-numru ta' mwiet u tal-feruti gravi b'80 % u b'44 % rispettivament meta mqabbla mar-riżultati li kienu nkisbu bit-II fażi ([9]) oriġinali, li deher biċ-ċar li ma tistax tinkiseb, u għalhekk dan jikkontribwixxi sabiex jiġu salvati aktar minn 1 100 ħajja u jitnaqqas in-numru ta' persuni mweġġa' b'46 000. Ma' dan għandu jingħad li l-miżuri l-ġodda jinkludu spejjeż baxxi ħafna u għalhekk ikollhom impatt negliġenti fuq il-prezzijiet tal-vetturi.

4.6 Fid-dawl ta' dan t'hawn fuq, il-KESE jirrakkomanda b'insistenza li l-proposta tal-Kummissjoni għandha tkun approvata malajr u totalment mill-Parlament u mill-Kunsill Ewropew, u b'hekk jiġi evitat aktar dewmien, li bla dubju jwassal għal aktar posponiment minħabba l-lead time ([10]) ta' l-industrija tal-karozzi.

4.7 Barra minn hekk, il-KESE jispera li d-dispożizzjonijiet il-ġodda jiġu applikati malajr anke għall-vetturi itqal, inklużi l-SUVs, li n-numru tagħhom dejjem qiegħed jiżdied fit-traffiku urban. Għal dan il-għan ikun opportun li immedjatament jiġi stabbilit il-perijodu transitorju previst mill-proposta.

4.8 Fl-aħħar, m'għandux jintesa li dawn il-miżuri ta' ħarsien ma japplikawx ovvjament għall-vetturi li huma eqdem, li issa jirrappreżentaw wieħed mill-perikli kbar għall-utenti vulnerabbli. Tajjeb li wieħed ifakkar li l-ABS, li issa jintuża b'mod effiċjenti mal-BAS, għalkemm introdott b'mod wiesa' fuq bażi volontarja sa mill-2004, ser isir obbligatorju biss bil-leġislazzjoni l-ġdida.

4.9 Fl-aħħar, il-KESE jfakkar li fit-tip ta' kolliżjoni in kwistjoni, il-feriti huma parti minn żewġ kategoriji: dawk ikkawżati mill-impatt "primarju" bejn il-persuna miexja jew dik li qed isuqu r-rota kontra l-parti ta' quddiem tal-vettura u dawk li jiġu mill-impatt "sekondarju" ma' l-art tat-triq li fuqha ta' spiss titwaddab il-persuna miexja. Fi kwalunkwe każ għandu jintwera li mhux realistiku li jkun hemm ix-xewqa li tiġi protetta l-persuna miexja jekk l-impatt primarju jseħħ b'veloċità superjuri għal 40 km/h.

4.10 L-iskop tal-kummenti preċedenti huwa li għal darb'oħra jiġi enfasizzat li soluzzjoni għal din il-problema, bħal fil-każ ta' ħafna aktar problemi marbutin mas-sigurtà ta' l-utenti tat-triq, tiddependi minn approċċ integrat, li għandu jinkludi — apparti t-titjib teknoloġiku tal-vetturi — anke żewġ aspetti fundamentali oħra: l-atteġġjament ta' l-utenti tat-triq u l-infrastruttura, żewġ aspetti li tagħhom l-istituzzjonijiet Ewropej u l-Istati Membri jridu jassumu responsabbiltà deċisiva.

4.11 Il-KESE jikkunsidra li l-Kummissjoni Ewropea min-naħa tagħha għamlet u tkompli tagħmel ħafna, bi proposti ta' inizjattivi leġislattivi u politiċi, b'fondi mqegħdin għad-disposizzjoni permezz tal-programmi qafas Ewropej għar-riċerka u l-programm għas-sussidjar tas-sigurtà fit-triq u, l-aħħar iżda mhux l-inqas, bit-tnedija tal-Karta Ewropea tas-Sigurtà fit-Triq.

4.12 Min-naħa l-oħra, l-istituzzjonijiet oħrajn u l-Istati Membri, għalkemm attenti għall-problema, mhux dejjem jappoġġjaw biżżejjed l-inizjattivi tal-Kummissjoni. Eżempju reċenti ta' dan hi l-proposta tal-Kummissjoni intiża sabiex iżżid l-istandards ta' sigurtà ta' l-infrastruttura tat-toroq ([11]). Din il-proposta, li l-KESE jqisha neċessarja għat-tnaqqis fin-numru ta' vittmi tat-toroq, ġiet meqjusa mill-Parlament Ewropew bħala wisq preskrittiva u għalhekk, minħabba l-prinċipju tas-sussidjarjetà, tbattlet mid-dispożizzjonijiet vinkolanti l-aktar vigoruži. F'dan il-każ ukoll, sakemm ma jsirux reviżjonijiet matul il-votazzjoni fil-Plenarja, li huwa improbabbli, il-Parlament ikun għadda d-deċiżjonijiet kollha lill-Istati Membri.

([8]) Opinjoni, ĠU C 118, 30.4.2004 (mhux disponibbli bil-Malti).
([9]) SEC(2007) 1244 — Valutazzjoni ta' l-impatt li takkumpanja l-proposta għal regolament.
([10]) Iż-żmien meħtieġ għall-industrija sabiex timplimenta kwalunkwe rekwiżit ġdid li jġib miegħu bidliet strutturali fil-vettura.
([11]) COM(2006) 0569.

4.13 Fir-rigward ta' l-ewwel aspett imsemmi hawn fuq, jiġifieri l-atteġġjament ta' l-utenti tat-triq, irid jingħad li għalkemm ta' spiss l-inċidenti jkunu dovuti għat-traskuraġni tas-sewwieqa, ta' spiss ukoll ikunu l-persuni mixjin u dawk bir-roti li jaġixxu b'mod skorrett u jinjoraw ir-regoli bażiċi tal-kodiċi tat-triq u xi kultant tas-sens komun. L-edukazzjoni u l-informazzjoni f'dan il-qasam għandhom jiġu pprovduti sa mill-iskejjel primarji u permezz ta' kampanji regolari ta' tqajjim ta' kuxjenza li l-għan tagħhom huwa li jħeġġu atteġġjament korrett fl-utenti kollha. Huwa ugwalment importanti li jiġu introdotti multi severi għall-atteġġjamenti perikoluż ta' l-utenti kollha tat-triq.

4.14 L-aspett l-ieħor essenzjali għas-sigurtà fit-triq jirrigwardja l-infrastruttura, u dan l-ewwel u qabel kollox fil-bliet, fejn iseħħu 80 % ta' l-imwiet tal-persuni mixjin u dawk bir-roti. Is-separazzjoni fiżika bejn l-utenti tat-triq fejn tkun possibbli tirrappreżenta l-aktar mod effettiv sabiex jiġi evitat il-kuntatt bejn il-vetturi, il-persuni mixjin u dawk bir-roti. Minn dan il-punt, ix-xogħlijiet maħsubin sabiex jibnu postijiet protetti minn fejn jaqsmu n-nies, flyovers, passaġġi għar-roti, dawl u bankini adegwati, sinjali ċari u kemm jista' jkun possibbli uniformi fid-diversi Stati Membri, għandhom jikkontribwixxu għat-tnaqqis ta' l-inċidenti, apparti li joħolqu ambjent urban inqas ostili għall-persuni b'diżabbiltà.

4.15 L-iżvilupp ta' inizjattivi ta' dan it-tip isaħħaħ is-sigurtà u jtejjeb il-kwalità tal-ħajja fil-belt: dawn għalhekk għandhom jiddaħħlu f'kull proposta tal-Kummissjoni, inkluż dawk, bħal din il-proposta attwali, li jirreferu biss għall-aspetti tekniċi tal-vetturi.

Brussell, it-22 ta' April 2008

Il-President
tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew
Dimitris DIMITRIADIS

Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar Il-Proposta ta' regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-approvazzjoni tat-tip ta' vetturi bil-mutur u magni rigward l-emissjonijiet minn vetturi heavy-duty (Euro VI) u dwar l-aċċess għal informazzjoni dwar it-tiswija u l-manutenzjoni tal-vetturi

COM(2007) 851 finali — 2007/0295 (COD)

(2008/C 211/03)

Nhar it-30 ta' Jannar 2008, il-Kunsill iddeċieda, b'konformità ma' l-Artikolu 95 tat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, li jikkonsulta lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar

Proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-approvazzjoni tat-tip ta' vetturi bil-mutur u magni rigward l-emissjonijiet minn vetturi heavy-duty (Euro VI) u dwar l-aċċess għal informazzjoni dwar it-tiswija u l-manutenzjoni tal-vetturi.

Is-Sezzjoni Speċjalizzata għas-Suq Uniku, il-Produzzjoni u l-Konsum, inkarigata sabiex tipprepara l-ħidma tal-Kumitat dwar is-suġġett, adottat l-opinjoni tagħha nhar it-3 ta' April 2008. Ir-rapporteur kien is-Sur Ranocchiari.

Matul l-444 sessjoni plenarja tiegħu li nżammet fit-22 u t-23 ta' April 2008 (seduta tat-22 ta' April 2008), il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew adotta din l-opinjoni b'142 voti favur, u 3 astensjonijiet.

1. **Konklużjonijiet u rakkomandazzjonijiet**

1.1 It-tkabbir fit-talba għall-mobbiltà, il-proporzjon ta' vetturi privati u fuq kollox, il-problemi maħluqa mill-konġestjoni tat-traffiku — iżda mhux biss — fiż-żoni urbani għenu biex jagħmlu t-trasport bit-triq qasam ta' attività tal-bniedem fejn qed tingħata attenzjoni dejjem akbar lill- istima ta' l-impatt ambjentali. Il-proposta tal-Kummissjoni biex tnaqqas l-emissjoni ta' inkwinanti atmosferiċi minn vetturi heavy-duty tista' tiġi kkunsidrata fl-istess kuntest.

1.2 Il-KESE jappoġġja l-proposta għall-applikazzjoni ta' ħtiġijiet ambjentali u skadenzi industrijali, li jqisha adegwata kemm fir-rigward ta' l-effettività u ta' l-iskadenzi tagħha.

1.3 Il-KESE jaqbel ma' l-opinjoni tal-Kummissjoni li r-regolament attwali hu pass lejn l-armonizzazzjoni globali tal-limiti ta' l-emissjonijiet.

1.4 Il-KESE jikkonsidra l-għażla ta' regolament bħala strument legali, raġonevoli u partikolarment adegwat, għaliex dan jiżgura metodi speċifiċi ta' implimentazzjoni u skadenzi għall-Istati Membri kollha — aspett partikolarment importanti f'leġislazzjoni daqstant teknika.

1.5 Il-KESE jappoġġja bis-sħiħ id-dritt ta' l-operaturi indipendenti li jkunu żgurati aċċess għal informazzjoni dwar it-tiswija tal-vettura. Madankollu għandu dubji serji dwar l-opzjoni li testendi l-format standardizzat OASIS, maħsub għal vetturi tal-passiġġieri, fuq vetturi kummerċjali heavy-duty.

1.6 Sabiex jixxejjen dan it-tħassib, il-KESE jittama li l-Kummissjoni ser tkompli tfittex soluzzjonijiet alternattivi li jista' jkollhom l-istess vantaġġi maħsuba bħas-sistema OASIS, iżda jkunu aktar sempliċi u orħos biex jiġu applikati mill-utenti.

1.7 Għalhekk il-KESE jerġa' jisħaq il-ħtieġa ta' politiki tal-Kummissjoni dwar it-tnaqqis ta' l-emissjonijiet ta' inkwinanti sabiex titħeġġeġ l-introduzzjoni ta' vetturi li jieħdu fjuwils alternattivi b'anqas emissjonijiet ta' nitroġeni ossidi u tal-partikulati, u biex jiġi żgurat li r-regolament prospettiv isemmi ukoll il-kunċett tal-kwalità tal-fjuwil.

1.8 Il-KESE jemmen li r-referenza għal kejl obbligatorju ta' l-emissjonijiet tas-CO_2 mhix adegata għal strument li għandu jkopri biss l-emmissjonijiet ta' inkwinant. Il-KESE jibża li l-kumplessità u n-natura speċifika ta' din il-kwistjoni, li għandha implikazzjonijiet konsiderevoli għall-kompetittività, tista' twassal għal dibattitu li jista' jmajna l-proċess leġislattiv u jdewwem ir-riżultati mistennija tar-regolament. Għaldaqstant, il-KESE jissuġġerixxi li t-tema tas-CO_2 tkun is-suġġett ta' regolament ad hoc meta tkun disponibbli informazzjoni aktar preċiża minn dik attwali.

2. **Introduzzjoni**

2.1 Għalkemm f'dawn l-aħħar għaxar snin il-kwalità ta' l-arja tjiebet, għad hemm problemi sinifikanti bil-kwalità ta' l-arja ma' l-Unjoni Ewropea kollha, speċjalment fiż-żoni urbani u f'reġjuni ferm popolati.

2.2 Sa l-2020 l-UE ser tkun għadha l-bogħod milli tilħaq l-objettivi tas-sitt programm ta' azzjoni ambjentali. Fost il-forom differenti ta' tniġġis, dak ġej mill-materja partikulata qed iħasseb dejjem aktar lill-komunità xjentifika: ir-Regolament propost, diskuss f'din l-opinjoni, għandu l-għan li jtejjeb il-kwalità ta' l-arja mingħajr ma jaffettwa ħażin lill-kompetittività industrijali u l-moviment liberu tal-merkanzija.

2.3 Hekk kif intqal mill-Viċi-President Verheugen, l-istandard il-ġdid Euro VI ser ikun ukoll pass 'il quddiem lejn l-armonizzazzjoni globali għaliex jaħseb għal valuri ta' limitu ta' l-emissjonijiet simili għal dawk ta' l-Istati Uniti ta' l-Amerika.

2.4 Il-partiċelli li jiffurmaw il-materja partikulata, kemm dawk naturali u dawk ġejjin minn attivitajiet tal-bniedem — b'mod speċjali l-proċessi ta' kombustjoni — għandhom struttura kumplessa u differenti kemm mill-aspett ta' kimika kif ukoll fiddaqs.

2.5 Irid jitqies li, għalkemm l-każijiet ta' tniġġis qawwi minn partikuli fini huwa spiss marbut ma' l-effetti ta' attivitajiet tal-bniedem, dawn iseħħu ukoll 'il bogħod miż-żoni ta' densità urbana kaġun ta' fenomeni naturali, kundizzjonijiet meterjoloġiċi partikulari u mit-topografija lokali. Barraminhekk il-proporzjon tas-sorsi differenti ta' l-emissjonijiet jista' jvarja b'mod sinifikanti minn żona għall-oħra: l-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent (EEA) tikkalkula li fl-Ewropa tal-15, 26 % ta' l-emissjonijiet kollha marbutin ma' l-attivitajiet tal-bniedem huma kkaġunati mit-trasport bit-triq.

2.6 Għall-darb'oħra, dan jikkonferma li l-problema marbuta ma' l-emissjonijiet u l-inkwinanti trid dejjem tiġi evalwata minn kull aspett u bħala parti minn approċċ integrat.

2.7 F'dan ir-rigward, il-KESE jilqa' l-fatt li l-Kummissjoni żviluppat il-proposta tagħha fil-kuntest tal-programm "Arja Nadifa Għall-Ewropa" (CAFE ([1])), li pprovda l-bażi teknika għall-preparazzjoni ta' l-Istrateġija Tematika dwar it-Tniġġis ta' l-Arja.

2.8 Il-KESE jilqa' ukoll l-approċċ b'livelli diversi li adottat il-Kummissjoni dwar din il-kwistjoni. Ir-Regolament propost se jistabbilixxi l-prinċipji ewlenin tad-dispożizzjonijeit il-ġodda, għall-adozzjoni permezz tal-proċedura ta' ko-deċiżjoni. L-ispeċifikazzjonijiet tekniċi li jimplimentaw id-dispożizzjonijiet prinċipali se jkunu stabbiliti f'Regolament ieħor, li għandu jiġi adottat mill-Kummissjoni bl-għajnuna ta' kumitat regolatorju għall-adattament għall-progress tekniku, skond il-proċedura tal-komitoloġija.

3. **Il-proposta tal-Kummissjoni**

3.1 Il-Kummissjoni riedet tidentifika l-miżuri meħtieġa sabiex tilħaq il-livelli mixtieqa ta' kwalità ta' l-arja Euro VI hi miżura importanti biex tnaqqas l-emissjonijiet tal-gassijiet (bħall-ossidi tan-nitroġenu — NO_x u l-idrokarbonji — HC) u tal-materja partikulata.

([1]) CAFE, Arja Nadifa għall-Ewropa. Dan il-programm tnieda bil-komunikazzjoni COM(2001) 245. Il-miri tiegħu huma l-iżvilupp ta' strateġija għall-evalwazzjoni tad-direttivi dwar il-kwalità ta' l-arja u l-effettività tal-programmi mħaddma fl-Istati Membri; l-iżgurar ta' monitoraġġ kostanti tal-kwalità ta' l-arja, il-promozzjoni tad-disseminazzjoni ta' l-informazzjoni pubblika, u l-kontribut għar-reviżjoni u l-aġġornament tal-limiti ta' l-emissjonijiet kif ukoll fil-ħolqien ta' skemi ġodda ta' monitoraġġ u mmudellar.

3.2 Ir-Regolament japplika għall-vetturi tal-kategoriji M_1, M_2, N_1 u N_2 kif ġew iddefiniti fl-Anness II tad-Direttiva 2007/46/KE, b'massa ta' referenza li taqbeż l-2 610 kg u għall-vetturi bil-mutur kollha tal-kategoriji M_3 u N_3, kif ġew ddefiniti f'dak l-Anness. Madankollu, dan ma japplikax, jekk il-manifattur jitlob dan, għall-vetturi tal-kategoriji M_1, M_2, N_1 u N_2 b'massa ta' referenza li ma taqbiżx l-2 840 kg approvati skond it-tip skond ir-Regolament (KE) 715/2007 ([2]).

3.3 Il-limiti ta' l-emissjonijiet mill-egżost l-ġodda li qed jiġu proposti (EuroVI) ser juru tnaqqis ta' 80 % tan-NO_x u ta' 66 % tal-materja partikulata meta mqabbla mal-livelli ta' l-Euro V (meħtieġa għal reġistrazzjonijiet ġodda sa mill-1 ta' Ottubru 2008). F'dan il-każ il-limiti ta' emissjonijiet awtorizzati se jkunu konformi ma' dawk ippjanati għall-istess perijodu fl-Istati Uniti. Ir-Regolament jaħseb ukoll, għad-dħul ta' limitu fuq in-numru ta' partiċelli li jistgħu jiġu emessi, darba li jkun żviluppat metodu ta' kejl speċifiku.

3.4 Ir-Regolament propost jiffissa l-limiti skond iċ-ċikli ta' test attwali, iżda jaħseb għall-introduzzjoni ta' ċikli armonizzati dinjija (WHDC), darba li jkun possibbli li jiġu mqabbla l-emissjonijiet mkejla maċ-ċikli attwali dawk mkejla skond iċ-ċikli armonizzati.

3.5 Meta mqabbel mal-leġislazzjoni attwalment fis-seħħ, ir-Regolament itawwal il-ħajja utli ta' vettura skond kemm jiflaħ strapazz it-tagħmir għall-kontroll tat-tniġġis u għall-konformità waqt l-użu.

3.6 Għal din il-fini, id-definizzjonijiet ta' ħajja utli għall-kategoriji differenti ta' vetturi ser tiġi estiża kif ġej:

a. 160 000 km jew ħames snin, liema minnhom jiġi l-ewwel, fil-każ ta' magni mwaħħla fuq vetturi ta' kategorija M_1, N_1 u M_2;

b. 300 000 km jew sitt snin, liema minnhom jiġi l-ewwel, fil-każ ta' magni mwaħħla fuq vetturi tal-kategoriji N_2, N_3 b'massa massima teknikament permissibbli li ma teċċedix is-16-il tunnellata metrika u M_3 Klassi I, Klassi II u Klassi A, u Klassi B b'massa massima teknikament permissibbli li ma teċċedix is-7.5 tunnellati metriċi;

c. 700 000 km jew seba' snin, liema minnhom jiġi l-ewwel, fil-każ ta' magni mwaħħla fuq vetturi tal-kategorija N_3 b'massa massima teknikament permissibbli li teċċedi s-16-il tunnellata metrika u M_3 Klassi I, Klassi II u Klassi A, u Klassi B b'massa massima teknikament permissibbli li teċċedi s-7.5 tunnellati metriċi;

3.7 Ir-Regolament propost jipprovdi għal Regolament ta' implimentazzjoni ieħor li għandu jinħareġ mill-Kummissjoni, li d-dispożizzjonijiet tiegħu jkopru:

— l-emissjonijiet mit-tailpipe, inklużi iċ-ċikli tat-test, l-emissjonijiet off-cycle, in-numru ta' partiċelli, l-emissjonijiet waqt idling speed, l-opaċità tad-duħħan u l-funzjonament korrett u r-riġenerazzjoni tat-tagħmir għall-kontroll tat-tniġġis;

— l-emissjonijiet mill-crankcase;

— is-sistemi OBD u r-rendiment waqt l-użu tat-tagħmir għall-kontroll tat-tniġġis

— kemm jiflaħ strapazz it-tagħmir għall-kontroll tat-tniġġis, it-tagħmir sostitut għall-kontroll tat-tniġġis, il-konformità tal-magni u tal-vetturi waqt l-użu, il-konformità tal-produzzjoni u ta' kemm il-vettura jew il-magna tkun tajba għat-triq;

— l-emissjonijiet tad-dijossidu tal-karbonju u l-konsum tal-fjuwil;

— l-għoti ta' estensjoni għall-approvazzjonijiet tat-tip;

— it-tagħmir tat-testijiet;

— il-fjuwils ta' referenza;

— il-kejl tal-qawwa tal-magna;

— id-dispożizzjonijiet speċifiċi sabiex tkun żgurata il-ħidma korretta tal-miżuri ta' kontroll tan-NO_x; dawn il-miżuri għandhom jiżguraw li l-vetturi li jenħtieġu reaġent sabiex jirrispettaw il-valuri ta' limitu għall-emissjonijiet tan-NO_x ma jistgħux jitħaddmu mingħajr tali reaġent.

3.8 Ir-Regolament jistipula ukoll li operaturi indipendenti għandu jkollhom aċċess mhux ristrett u standardizzat għal informazzjoni dwar sistemi dijanjostiċi fil-vettura (OBD) u għal informazzjoni dwar it-tiswija u l-manutenzjonital-vetturi ([3]). B'referenza għar-Regolament aktar dettaljat l-ieħor, dan jistipula li l-informazzjoni dwar is-sistema dijanjostika fil-vettura (OBD) u l-informazzjoni dwar it-tiswija u l-manutenzjoni tal-vetturi jkunu disponibbli permezz tas-siti web fil-format standardizzat żviluppat minn kumitat tekniku ta' partijiet interessati (dak li jissejjaħ il-"format OASIS" ([4])).

3.9 Skond ir-Regolament, l-istandard Euro VI għandu japplika mill-:

— 1 ta' April 2013 għall-approvazzjonijiet il-ġodda tat-tip; u

— mill-1 ta' Ottubru 2014 għar-reġistrazzjonijiet il-ġodda.

([2]) Vetturi tal-kategorija N huma vetturi tal-merkanzija li għandhom ta' l-inqas 4 roti. Dawn jinqasmu fi tliet kategoriji: N_1, N_2 u N_3, skond il-piż massimu: N_1 < 3 500 kg; N_2 < 12 000 kg; N_3 > 12 000 kg. Il-Kategorija N_1 hi ukoll maqsuma fi tliet sotto-kategoriji: NI, NII u NIII, ukoll skond il-piż. Il-kategorija M tkopri vetturi tal-passiġġieri b'ta l-inqas erba' roti. Huma maqsuma fi tliet kategoriji (M_1, M_2, M_3) skond in-numru ta' positijiet u l-piż massimu: M_1 < 9 postijiet; M_2 > 9 postijiet u < 5 000 kg; M_3 > 9 postijiet u > 5 000 kg.

([3]) "Informazzjoni dwar it-tiswija u l-manutenzjoni tal-vettura" tirreferi għall-informazzjoni kollha meħtieġa għad-dijanjożi, manutenzjoni, ispezzjoni, monitoraġġ regolari, riprogrammazzjoni jew installazzjoni mill-ġdid tal-vettura li l-manifatturi jipprovdu lill-bejjiegħa u lil dawk li jseewu awtorizzati minnhom, flimkien ma' l-emendi u s-supplimenti kollha għal din l-informazzjoni li joħorġu. Din l-informazzjoni tinkludi kull informazzjoni meħtieġa biex jitwaħħlu partijiet jew tagħmir fuq il-vetturi.

([4]) OASIS — Organizzazzjoni għat-Titjib ta' l-Istandards ta' Informazzjoni Strutturati (*Organization for the Advancement of Structured Information Standards*).

4. **Kummenti ġenerali**

4.1 Minkejja ż-żieda konsiderevoli fin-numru ta' vetturi fittoroq, il-kwalità ta' l-arju tjiebet fl-aħħar deċennju. Madankollu, l-UE kollha kemm hi għadha xi ftit il-bogħod milli ssolvi l-problema tat-tniġġis ta' l-arja, speċjalement fiż-żoni urbani u f'reġjuni ferm popolati. Għalhekk il-KESE jilqa l-proposta tal-Kummissjoni li tistabbilixxi regoli armonizzati dwar il-kostruzzjoni tal-vetturi bil-mutur bil-għan li jiġi żgurat il-funzjonament tassuq intern waqt li fl-istess ħin ikun previst livell għoli ta' ħarsien ambjentali.

4.2 Il-limiti ta' emissjoni ta' l-Euro IV għat-trakkijiet u għall-karozzi tal-linja huma applikabbli mid-9 ta' Novembru 2006 u l-limiti ta' emissjoni ta' l-Euro V se japplikaw mill-1 ta' Ottubru 2008 għall-omologazzjonijiet il-ġodda. Għalhekk il-KESE jikkonferma d-dati proposti għall-applikazzjoni tar-Regolament il-ġdid.

4.3 Peress li l-proposta ma taqax taħt il-kompetenza esklussiva tal-Komunità, il-KESE jappoġġja l-applikazzjoni tal-prinċipju tas-sussidjarjetà. Madankollu, jaqbel ma' l-opinjoni tal-Kummissjoni, li b'għarfien sħiħ, kemm tal-ħtieġa li jkun evitat li jitfaċċaw ostakli għas-suq uniku kif ukoll minħabba l-implikazzjonijiet transkonfinali tat-tniġġis ta' l-arja, l-għanijiet tal-proposta ma jistgħux jintlaħqu biżżejjed bl-azzjonijiet ta' l-Istati Membri, iżda jenħtieġu l-miżuri miftiehma ta' rabta fil-livell ta' l-UE.

4.4 Il-KESE jikkonferma ukoll l-għażla ta' direttiva bħala strument legali, għaliex din tiżgura metodi speċifiċi ta' implimentazzjoni u dati limitu għall-Istati Membri kollha — aspett partikolarment importanti f'leġislazzjoni daqstant teknika.

4.5 Il-Kumitat jaqbel mal-punti magħmula f'paragrafi 5 u 6 ta' l-introduzzjoni għar-Regolament propost li "*Biex jintlaħqu l-għanijiet ta' l-UE għall-kwalità ta' l-arja jinħtieġ sforz kontinwu sabiex jitnaqqsu l-emissjonijiet tal-vetturi. Għal dik ir-raġuni, l-industrija għandha tkun provduta b'informazzjoni ċara dwar il-valuri ta' limitu futuri ta' l-emissjonijiet*". u li"*L-iffissar ta' valuri ta' limitu għall-emissjonijiet ta' l-ossidu tan-nitroġenu minn kmieni għandu jipprovdi sigurtà fl-ippjanar tul perijodu twil ta' żmien u mifruxa ma' l-Ewropa kollha għall-manifatturi tal-vetturi*".

4.6 Il-KESE jaqbel ukoll mal-Kummissjoni li fl-iffissar ta' standards ta' emissjoni huwa importanti li jitqiesu l-implikazzjonijiet għall-kompetittività tas-swieq u l-manifatturi, l-ispejjeż diretti u indiretti imposti fuq in-negozji u l-benefiċċji li jakkumulaw f'termini ta' stimolu lill-innovazzjoni, it-titjib tal-kwalità ta' l-arja, tnaqqis fl-ispejjeż tas-saħħa u ż-żieda fl-istennija għallħajja.

4.7 Il-KESE jappoġġja bis-sħiħ id-dritt ta' l-operaturi indipendenti li jkunu żgurati aċċess għal informazzjoni dwar it-tiswija tal-vettura. Madankollu għandu dubji serji dwar l-opzjoni li testendi l-format OASIS standardizzat, maħsub għal vetturi tal-passiġġieri fuq vetturi kummerċjali heavy-duty.

4.7.1 Vetturi ta' serje ta' produzzjoni fuq skala kbira m'humiex koperti mir-regolament, li japplika għall-vetturi kummerċjali b'massa ta' referenza li teċċedi l-2 610 kg. Il-vetturi kummerċjali huma prodotti f'ħafna verżjonijiet u varjetajiet differenti, li jagħmilha diffiċli u għali ħafna biex wieħed jipprova jistandardizza informazzjoni fuq il-vantaġġi reali li jintrebħu, dan ukoll meta wieħed jikkunsidra li d-ditti tat-tiswija għal vetturi kummerċjali heavy-duty huma ftit u jispeċjalizzaw fi grad għoli fuq mudelli speċifiċi. L-applikazzjoni tas-sistema OASIS fuq ditti ta' tiswija ta' vetturi kummerċjali heavy-duty, li kważi kollha huma SMEs, tfisser impożizzjoni fuqhom ta' piżijiet finanzjarji u organizzazzjonali konsiderevoli, sabiex tiġi installata u amministrata s-sistema l-ġdida. Dawn il-piżijiet jegħlbu l-benefiċċji maħsuba għall-utent. Dawn id-dubji ġejjin mid-differenza sinifikanti bejn iż-żewġ setturi. B'kuntrast mas-settur tal-karozzi, ditti ta' tiswija għall-vetturi kummerċjali heavy-duty huma ftit fin-numru u jispeċjalizzaw f'numru ristrett ta' mudelli; madankollu l-persunal tagħhom għandhom kwalifiki għoljin u huma kapaċi jitkellmu mal-manifatturi mingħajr ħteġa ta' miżuri ta' appoġġ addizzjonali.

4.7.2 Għalhekk, fid-dawl ta' dak li ġara, il-KESE jipproponi li l-Kummissjoni tagħmel stima ta' l-impatt immirata fuq analiżi spiża/benefiċċju dwar l-użu ta' l-OASIS fuq soluzzjonijiet oħra possibbli li huma aktar sempliċi u orħos

4.8 Il-KESE jerġa jenfasizza l-ħtieġa, enfasizzata aktar kmieni b'rabta ma' proposti oħra tal-Kummissjoni, biex tħeġġeġ l-introduzzjoni ta' vetturi li jieħdu fjuwils alternattivi, li jista' jkollhom emissjonijiet baxxi ta' ossidi tan-itroġenu u partikulati. Għalhekk jaqbel mal-ħtieġa ta' valuri ta' limitu għall-idrokarbonji, idrokarbonji mhux tal-metanu u għall-metanu.

4.9 Fir-rigward tal-proċedura tat-test li tipprovdi l-bażi għarregolamenti tal-KE dwar l-emissjonijiet u l-approvazzjoni tat-tip, il-KESE jittama li l-Kummissjoni għandha tadotta malajr kemm jista' jkun ċikli ta' sewqan armonnizzati dinjija.

4.10 Ir-Regolament jaħseb ukoll għal kejl tal-konsum tal-fjuwil u ta' l-emissjonijiet tas-CO_2 u għalhekk jiċċaqlaq kemmxejn mill-objettiv dikjarat tiegħu, li hu dak li jnaqqas l-inkwinanti atmosferiċi.

4.10.1 Id-data wżata għal dan il-kejl tinkiseb minn testijiet tal-magni minn dinamometri, li fir-realta m'humiex rappreżentattivi tal-vettura sħiħa. Kif inhu magħruf. l-effiċjenza ta' l-enerġija tal-vettura tiddependi minn aspetti differenti li fosthom il-magna hi biss element wieħed importanti fost ħafna oħrajn (it-trasmissjoni, l-aerodinamiċi, ir-resistenza ta' l-irrowljar, il-partijiet awżiljarji, eċċ). L-istess tip ta' magna tista' tintuża f'vetturi b'karatteristiċi u għanijiet differenti ħafna (vetturi għat-trasport ta' merkanzija tqila, vetturi għall-kostruzzjoni, karozzi tal-linja lokali, eċċ.)

4.10.2 F'dan il-kuntest, il-Kumitat ifakkar li l-għan tal-Kummissjoni li tinkludi l-vetturi N_1, mniżżel fil-komunikazzjoni tagħha dwar l-istrateġija biex jitnaqqsu l-emissjonijiet ta' CO_2 [COM(2007) 19 finali], kienet ġiet abbandunata meta tressaq ir-Regolament innifsu [COM(2007) 856 finali] — u bir-raġun, meta wieħed iqis l-speċifiċita tas-suġġett u kemm mhix adegwata d-data disponibbli.

4.10.3 Il-KESE jinnota wkoll li fir-rigward tal-vetturi kummerċjali, hemm talba qawwija mis-suq għal tnaqqis fil-konsum tal-fjuwil (bi tnaqqis simili ta' l-emissjonijiet tas-CO_2), meta jitqies li l-fjuwil jirrappreżenta l-ogħla spiża ta' ħidma fis-settur tat-trasport. Għalhekk hi l-kompetizzjoni li twassal lill-manifatturi tal-vetturi biex jipprovdu l-aktar soluzzjonijiet avvanzati fir-rigward tal-konsum tal-fjuwil u b'konsegwenza ta' l-emissjonijiet tas-CO_2.

4.10.4 Fir-rigward tal-kejl ta' l-emissjonijiet tas-CO_2, il-KESE jixtieq jagħmel punt importanti li jekk id-data dwar il-konsum tal-fjuwil u s-CO_2, mkejla biss bit-testijiet fuq il-magni, kellha tintuża biex jiġu determinati l-inċentivi jew it-taxxi possibbli, din tista' tgħawweġ is-suq b'mod irrazzjonali.

4.10.5 Fid-dawl ta' dak kollu li ntqal, il-KESE jikkonferma l-qbil tiegħu ma' l-opportunità li ssir liġi malajr kemm jista' jkun anke dwar l-emissjonijiet tas-CO_2 minn vetturi ta' piż qawwi, iżda jaħseb li jkun aħjar jekk is-suġġett jiġi diskuss separatament, permezz ta' tfassil ta' proposta speċifika, anke sabiex ma jkunx hemm riskju ta' dibattitu konflitwali li jista' jdewwem l- approvazzjoni tar-regolament attwali.

4.11 Meta titqies in-nuqqas ta' ħeġġa tas-suq li jixtri vetturi aktar nodfa minħabba l-prezz għoli tagħhom, il-Kumitat hu favur il-possibbiltà ta' introduzzjoni ta' inċentivi finanzjarji għall-akkwist tagħhom u jħoss illi l-Istati Membri għandhom, permezz ta' skemi varji ta' inċentivi varji, jħaffu t-tqegħid fis-suq ta' vetturi li jissodisfaw ir-rekwiżiti adottati fil-livell ta' l-UE.

4.12 Il-KESE żgur jappoġġja l-proposta li l-Istati Membri jistabbilixxu regoli dwar il-penali applikabbli għal ksur tad-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament u li dawn il-penali jkunu effettivi, proporzjonati u dissważivi.

4.13 Il-Kumitat jemmen li d-dati ta' implimentazzjoni proposti mill-Kummissjoni (l-1 ta' April 2013 għall-approvazzjoni ta' tipi ġodda u l-1 ta' Ottubru 2014 għar-reġistrazzjonijiet il-ġodda) huma adegwati. Filfatt li ħames snin ta' stabbiltà bejn livell ta' emissjonijiet u l-ieħor huma biżżejjed biex jagħtu ċans lill-industrija tikseb ir-ritorn ekonomiku fuq l-investiment magħmul biex jinġiebu fis-suq is-soluzzjonijeit il-ġodda.

4.14 Madankollu, il-KESE jappoġġja l-proposta tal-Kummissjoni li ma tapplikaz ir-Regolament il-ġdid jekk manifattur jitlob dan, għall-vetturi tal-kategoriji M_1, M_2, N_1 u N_2 b'massa ta' referenza li ma teċċedix l-2 840 kg approvati skond it-tip taħt ir-Regolament (KE) 715/2007. Fi kliem ieħor il-KESE jappoġġja l-fatt li għall-vetturi borderline f'termini ta' tunnellaġġ, ċertu grad ta' flessibbiltà ta' approvazzjoni tat-tip hi permessa biex tippermetti risposta aktar effiċjenti għat-talbiet differenti ta' klijenti, kif ukoll fir-rigward ta' l-iskambju bejn il-konsum tal-fjuwil, in-numru ta' kilometri u l-emissjonijiet ta' inkwinant.

5. **Kummenti Speċifiċi**

5.1 Il-KESE jaqbel mal-limiti ta' l-emissjonijiet proposti, li huma dawk tax-xenarju A ([5]) kkunsidrati mill-Kummissjoni u preferuti mill-maġġoranza tal-partijiet interessati nvoluti fil-proċess ta' konsultazzjoni.

5.2 Madankollu, il-Kumitat jaħseb li għal darb'oħra għandu jerġa jqajjem il-kwistjoni tar-relazzjoni inversa bejn l-emissjonijiet tan-NO_x u s-CO_2. Minħabba li t-tnaqqis ta' l-emissjonijiet tat-tnejn hu obbjettiv ambjentali ewlieni, hu importanti li l-limiti tan-NO_x ikunu bilanċjati sabiex ma jkunx hemm żieda f'salt fl-emissjonijiet tas-CO_2. Fil-verità, it-tnaqqis mistenni tan-NO_x se jsarraf f'żieda ta' 2-3 % fl-emissjonijiet tas-CO_2. B'referenza għal studju mwettaq fl-Istati Uniti fl-2004, il-Kummissjoni ssostni li sakemm jiġi implimentat ir-regolament, iż-żieda antiċipata attwali ser tkun ġiet ikkumpensata minn avvanzi fit-teknoloġija tal-magna. Madankollu l-KESE jissuġġerixxi l-aġġornament ta' dan l-istudju sabiex tinkiseb informazzjoni aktar ta' min jafdha dwar l-effetti tal-limitu tan-NO_x fuq il-konsum u fuq l-emissjonijiet sussegwenti tas-CO_2. Propost fuq il-konsum tal-fjuwil u fuq l-emissjonijiet konsegwenti tas-CO_2.

5.3 Kif ġa dikjarat, il-KESE jilqa l-approċċ parallel f'ħafna livelli, li jillimita l-proċedura ta' ko-deċiżjoni għal elementi ta' rilevanza politika akbar u jiddelega għall-komitoloġija l-miżuri ta' implimentazzjoni u d-dettalji tekniċi.

5.4 Madankollu għandu jiġi nnutat li ħafna mill-miżuri afdati lill-kumitat regolatorju (OBD, numru ta' partiċelli, skemi biex jikkonvinċu lis-sewwieqa fejn jinħtieġ reaġent, eċċ.) huma kumplessi ħafna u għandhom implikazzjonijiet kbar fuq it-teknoloġija tal-vettura. Għalhekk il-Kumitat jirrakkomanda li dawn l-aspetti kollha jiġu implimentati f'fażi waħda flimkien mal-limiti ta' l-Euro VI, u li tingħata skadenza adegwata bejn id-dħul fis-seħħ u l-implimentazzjoni, f'dak li għandu x'jaqsam ma' l-evalwazzjoni ta' dan ir-Regolament, sabiex l-industrija jkollha biżżejjed żmien biex twettaq l-iżvilupp meħtieġ.

Brussell, it-22 ta' April 2008

Il-President
tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew
Dimitris DIMITRIADIS

([5]) Stima ta' impatt, punt 6.2.2: Euro VI sotto-opzjonijiet tal-valur limitu ta' emissjoni.

Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar Proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar strutturi ta' protezzjoni kontra l-qlib ta' tratturi bir-roti għall-agrikoltura jew għall-foresterija (kontroll statiku) (Verżjoni kkodifikata)

COM(2008) 25 finali — 2008/0008 (COD)

(2008/C 211/04)

Nhar is-7 ta' Marzu 2008, il-Kunsill ta' l-Unjoni Ewropea ddeċieda, b'konformità ma' l-Artikolu 95 tat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, li jikkonsulta lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar

Proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar strutturi ta' protezzjoni kontra l-qlib ta' tratturi bir-roti għall-agrikoltura jew għall-foresterija (kontroll statiku) (Verżjoni kkodifikata).

Billi l-Kumitat jikkunsidra li l-kontenut tal-proposta huwa kompletament sodisfaċenti u li m'hemm bżonn ta' l-ebda kummenti min-naħa tiegħu, iddeċieda, matul l-444 sessjoni plenarja tiegħu tat-22 u t-23 ta' April 2008 (seduta tat-22 ta' April), b'143 vot favur u 6 astensjonijiet, li jagħti opinjoni favorevoli għat-test propost.

Brussell, it-22 ta'April 2008

Il-President
tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew
Dimitris DIMITRIADIS

Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar Lejn politika komuni ta' l-enerġija

(2008/C 211/05)

Nhar is-27 ta' Settembru 2007, il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew idddeċieda, b'konformità ma' l-Artikolu 29(2) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu, li jħejji opinjoni fuq proprja dwar

Lejn politika komuni ta' l-enerġija.

Is-Sezzjoni Speċjalizzata għat-Trasport, l-Enerġija, l-Infrastruttura u s-Soċjetà ta' l-Informazzjoni, inkarigata sabiex tipprepara l-ħidma tal-Kumitat dwar is-suġġett, adottat l-opinjoni tagħha nhar l-4 ta' April 2008. Ir-rapporteur kien is-Sur Buffetaut.

Matul l-444 sessjoni plenarja tiegħu li nżammet fit-22 u t-23 ta' April 2008 (seduta tat-23 ta' April 2008), il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew adotta din l-opinjoni b'173 vot favur u 13-il astensjoni.

1. **Konklużjonijiet u rakkomandazzjonijiet**

1.1 Il-kwistjoni tal-provvista ta' l-enerġija, id-diversifikazzjoni tas-sorsi ta' l-enerġija u l-iżvilupp ta' sorsi ta' enerġija rinnovabbli hija fundamentali għall-ġejjieni ta' l-Ewropa, l-ekwilibru globali, u l-ġlieda kontra l-bidla fil-klima.

1.2 Il-KESE jemmen li l-qafas ta' l-Unjoni Ewropea huwa adattat sabiex issir pressjoni fil-konfrontazzjoni dinjija li tiġi mit-tellieqa sabiex jiġu żgurati riżorsi ta' l-enerġija, u sabiex tiġi indirizzata l-bidla fil-klima, peress li huwa kbir biżżejjed biex ikollu influwenza politika qawwija fin-negozjati internazzjonali.

1.3 Huwa bi pjaċir li jinnota li t-Titolu XX dwar l-enerġija ġie inkorporat fl-abbozz tat-Trattat ta' Lisbona, peress li dan ser isaħħaħ il-bażi legali għall-attivitajiet ta' l-Unjoni Ewropea f'dan il-qasam.

1.4 Il-KESE jenfasizza l-importanza kbira tar-riċerka u l-iżvilupp fil-qasam tas-sostenibilità enerġetika u ambjentali, u ta' l-allokazzjoni xierqa tar-riżorsi. Sabiex tiġi evitata l-ħela ta' fondi

pubbliċi li jissussidjaw teknoloġiji li ma għandhomx futur, għandha tiġi eżaminata bir-reqqa l-promozzjoni ta' l-enerġiji u tat-teknoloġiji li jnaqqsu l-konsum ta' l-enerġija u l-emissjonijiet u li aktarx m'humiex ser jilħqu l-bilanċ ekonomiku. Fuq in-naħa l-oħra, ikun tajjeb li r-riżorsi mmirati lejn ir-riċerka jiġu ddedikati għal teknoloġiji li l-komunità xjentifika tqis li jippromettu. Per eżempju, it-teknoloġiji sabiex jinqabdu jew jitnaqqsu kemm jista' jkun l-emissjonijet ta' gassijiet b'effett ta' serra, l-effiċjenza enerġetika, il-faħam nadif, il-vetturi elettriċi jew dawk li jaħdmu b'enerġiji alternattivi oħrajn, iċ-ċelloli kombustibbli, l-enerġija mix-xemx, l-enerġija mill-iskart, il-fużjoni nukleari,il-ġestjoni ta' l-iskart nukleari, eċċ.

1.5 Jenfasizza wkoll l-importanza ta' l-effiċjenza enerġetika tat-tagħmir u l-bini.

1.6 Jemmen li fil-livell Ewropew għandha tiġi introdotta politika tax-xiri ġenwina bħala risposta għall-pressjoni mill-produtturi li xi drabi jkunu organizzati ħafna, u jirrakkomanda li l-politiki u l-pożizzjonijiet dwar l-enerġija jkunu kkoordinati fil-livell ta' l-UE fi ħdan korpi internazzjonali bħad-WTO, in-NU, in-NATO u l-OECD.

1.7 Jenfasizza l-importanza li jiġu diversifikati s-sorsi tal-provvista u jirrakkomanda li tiġi adottata attitudini kostruttiva iżda prudenti fir-rigward tas-sħubijiet mar-Russja u r-repubbliki Kawkasi u ta' l-Asja Ċentrali.

1.8 Jinsisti li jkun xieraq li tiġi eżaminata l-possibilità li jerġgħu jitqajmu programmi ta' l-enerġija nukleari f'pajjiżi fejn hemm kunsens dwar dan il-punt, u li tiżdied ir-riċerka dwar il-fużjoni nukleari fil-qasam ta' l-ipproċessar mill-ġdid ta' l-iskart. Iħeġġeġ ukoll l-iżvilupp tar-riċerka dwar il-fużjoni nukleari taħt is-Seba' Programm Qafas tar-Riċerka ta' l-Euratom u permezz ta' l-inizjattiva ITER.

1.9 Jemmen li jenħtieġu aktar kooperazzjoni u koordinazzjoni fil-politika ta' l-enerġija, fir-rappreżentanza u fl-azzjoni ta' korpi internazzjonali, li l-politika tal-viċinat għandha tiġi żviluppata fil-qasam ta' l-enerġija, u li għandha tiġi kkunsidrata l-introduzzjoni f'waqtha ta' politika komuni ta' l-enerġijali eventwalment tkun imsejsa fuq l-istituzzjonijiet tagħha stess. Huwa tal-fehma li ż-żjieda fl-interess kummerċjali fl-enerġija rinnovabbli madwar l-UE tirrifletti l-interess tan-nies f'dan il-qasam. Billi s-sitwazzjoni tikkoinċidi mal-politika komuni ta' l-enerġija l-ġdida mwaqqfa fl-abbozz tat-Trattat ta' Lisbona, hi tista' tkun l-opportunità strateġika sabiex il-politika komuni tiġi aċċettata u żviluppata.

2. **Introduzzjoni: ir-raġunijiet wara politika Ewropea ta' l-enerġija**

2.1 *Sitwazzjoni ġeostrateġika diffiċli*

2.1.1 L-Aġenzija Internazzjonali ta' l-Enerġija qed tbassar żjieda ta' 55 % fid-domanda globali għall-enerġija sa l-2030.

2.1.2 L-Unjoni Ewropea hija dipendenti ħafna f'dak li għandu x'jaqsam mal-karburanti fossili solidi, il-prodotti tal-pitrolju u l-gass naturali u din id-dipendenza hija mistennija tiżdied fis-snin li ġejjin. Billi l-UE tiddependi bi 80 % mill-karburanti fossili, l-importazzjoni ta' l-enerġija hija mistennija tiżdied minn 50 % għal 70 % sa l-2030.

2.1.3 Mill-2050 'il quddiem, ir-riżorsi taż-żejt li nafu bihom huma mistennija jonqsu, waqt li riżorsi oħrajn li bħalissa ma humiex qed jiġu sfruttati ser ikunu jistgħu jiġu sfruttati b'mod ekonomiku fil-ġejjieni minħabba d-domanda li qed tiżdied u l-progress tekniku.

2.1.4 It-transizzjoni għal tipi oħra ta' enerġija hija inevitabbli iżda ser tkun diffiċli. Però d-dinja diġà esperjenzat bidliet simili darb'oħra, b'mod partikulari fis-seklu 19 meta l-karburanti fossili mill-bijomassa (l-iktar l-injam) ġew sostitwiti bil-faħam u wara biż-żejt. Madankollu, għad m'għandniex il-mezzi biex nisfruttaw l-enerġija rinnovabbli b'mod li jista' jinħoloq ċaqliq komparabbli ma' dak li ġie esperjenzat fis-seklu 19.

2.1.5 Id-diffikultajiet ġejjin minn għadd ta' fatturi: id-densità ta' l-enerġija, id-daqs ta' l-art meħtieġa sabiex jiġu prodotti l-bijokarburanti (minflok attivitajiet oħrajn, l-iktar agrikoli), in-natura intermittenti u ftit li xejn prevedibbli ta' l-elementi li joħolqu l-enerġija (ir-riħ, l-enerġija mix-xemx, il-marej) li jirrikjedi ppjanar bir-reqqa għal kapaċitajiet ta' ħżin, u d-distribuzzjoni ġeografika ta' sorsi ta' enerġija rinnovabbli. Fir-rigward ta' l-enerġija nukleari, anke li kieku kellha titniehed politika ambizzjuża ħafna sabiex jitranġaw l-impjanti ta' l-enerġija l-qodma u jinbnew oħrajn ġodda, l-industrija nukleari globali xorta ma tkunx tista' tlaħħaq mad-domanda.

2.1.6 L-Ewropa hija kkaratterizzata minn dipendenza kbira mill-enerġija. Attwalment timporta 50 % ta' l-enerġija li jkollha bżonn u din id-dipendenza hija mistennija tilħaq is-70 % sa l-2030. B'hekk l-Ewropa tkun 90 % dipendenti fejn jidħol iż-żejt u 70 % dipendenti fejn jidħol il-gass.

2.1.7 F'Marzu 2006, il-Kunsill Ewropew ħareġ rapport inkwetanti, fejn ġie enfasizzat dan li ġej:

— is-sitwazzjoni diffiċli fis-swieq tal-gass u taż-żejt,

— id-dipendenza dejjem tikber ta' l-Unjoni Ewropea,

— iż-żieda u l-intabbiltà fil-prezzijiet ta' l-enerġija, li reġgħu żdiedu minn meta ħareġ ir-rapport 'il hawn,

— iż-żieda fid-domanda globali għall-enerġija,

— ir-riskji għas-sigurtà tal-provvista,

— it-theddid marbut mal-bidla fil-klima,

— il-progress bil-mod fl-effiċjenza enerġetika u fl-użu ta' l-enerġija rinnovabbli,

— il-ħtieġa li tiżdied it-trasparenza fis-swieq ta' l-enerġija u li tinkiseb l-integrazzjoni u l-interkonnessjoni tas-swieq nazzjonali ta' l-enerġija fil-kuntest tal-liberalizzazzjoni tas-suq ta' l-enerġija,

— il-koordinazzjoni limitata bejn l-azzjonijiet fil-qasam ta' l-enerġija għalkemm jenħtieġu investimenti kbar fl-infrastrutturi ta' l-enerġija.

Dawn il-fatti ta' tħassib kbir nebbħu l-proposti stipulati fil-pakkett il-ġdid ta' l-enerġija li sa ċertu punt huwa risposta għall-isfidi li għandhom jiġu ffaċċjati.

2.1.8 Il-mexxejja Ewropej għalhekk għandhom jiffaċċjaw problema doppja: minn naħa waħda, it-tnaqqis tar-riżorsi primarji tradizzjonali, u min-naħa l-oħra s-sitwazzjoni ġeografika problematika ta' dawn ir-riżorsi, li ħafna minnhom jinsabu f'pajjiżi mhux stabbli mil-lat politiku li jistgħu jużaw ir-riżorsi tagħhom biex jitfgħu pressjoni fuq il-pajjiżi dipendenti minnhom, kif diġà ġara.

2.2 *L-Unjoni Ewropea hija qafas xieraq?*

2.2.1 Kull Stat Membru ta' l-Unjoni Ewropea huwa konċernat, iżda huwa ċar li azzjoni individwali fframmentata hija ta' żvantaġġ fil-konfront tal-produtturi li s-soltu jkunu organizzati.

2.2.2 Għalhekk huwa fl-interess ta' l-Istati Membri li jaġixxu flimkien u jużaw l-Unjoni Ewropea bħala lieva li biha joħolqu qafas għal politika komuni ta' l-enerġija, li l-pedament u l-objettiv tagħha jkunu l-ġestjoni aħjar tal-konsum u d-diversifikazzjoni tas-sorsi tal-provvista.

2.2.3 L-Unjoni Ewropea għandha kemm id-dimensjoni xierqa kif ukoll l-istrumenti istituzzjonali. Hija kapaċi tiżviluppa politiki transnazzjonali, tikkoordina l-politiki nazzjonali, trawwem iktar koeżjoni Ewropea fir-rigward ta' l-enerġija, u fl-aħħar nett tiżviluppa politika ta' l-enerġija fir-rigward il-pajjiżi terzi.

2.2.4 Fl-aħħar nett, ejjew inżidu li wara r-rifjut ta' l-Abbozz tat-Trattat li jistabbilixxi Kostituzzjoni għall-Ewropa, u b'konformità mat-Trattat ta' Lisbona, politika Ewropea ta' l-enerġija tista', fl-istess ħin, tkun fattur li jgħaqqad u tipprovdi evidenza ta' l-utilità prattika ta' l-Unjoni Ewropea.

2.3 *Qafas legali li għandu jevolvi*

2.3.1 Attwalment l-Unjoni Ewropea m'għandhiex kompetenzi fil-qasam ta' l-enerġija. Il-ħolqien ta' kompetenza bħal din hija waħda mill-innovazzjonijiet ewlenin ta' l-abbozz tat-Trattat ta' Lisbona.

2.3.2 Huwa minnu li meta l-Komunità Ekonomika Ewropea ġiet stabbilita, l-Euratom u l-KEFA ttrattaw ħafna mill-kwistjonijiet dwar l-enerġija li kien hemm dak iż-żmien.

2.3.3 Allura dan ifisser li l-Unjoni Ewropea astjeniet minn kwalunkwe azzjoni fil-qasam ta' l-enerġija?

2.3.4 Dażgur li le: fuq il-bażi l-Artikolu 308 tat-Trattat KE żviluppat politika ġenwina ta' l-enerġija, waqt li fuq il-bażi ta' l-Artikolu 154 tat-Trattat KE żviluppat politika fil-qasam tan-netwerks trans-Ewropej ta' l-enerġija (ara d-Deċiżjoni Nru 1364/2006/KE). Fl-aħħar nett, ir-regoli tas-suq intern u tal-kompetezzjoni ġew applikati fis-suq ta' l-enerġija (Direttiva 2003/55/KE dwar il-ftuħ tas-suq tal-gass, Direttiva 2003/54/KE dwar l-elettriku, Direttiva 90/377/KEE emendata mid-Direttiva 93/87/KEE dwar it-trasparenza tal-prezzijiet tal-gass u l-elettriku). L-ewwel effetti ta' dan il-ftuħ tas-swieq u t-tmiem tal-monopolji pubbliċi xi kultant wasslu għal tħassib dwar il-prezzijiet ta' l-enerġija, iżda fil-fatt, iż-żjidiet fil-prezzijiet li ġew innotati l-ewwel nett kienu r-riżultat tad-domanda globali li qed tiżdied għal riżorsi limitati u li xi kultant qed jonqsu wkoll.

2.3.5 Għandhom jiżdiedu ma' dan id-dokumenti tal-Kummissjoni rilevanti li strettament ma humiex proposti leġislattivi iżda "liġijiet mhux vinkolanti" (soft law): il-Green Paper dwar Strateġija Ewropea għas-sigurtà tal-provvista ta' l-enerġija (28 ta' Novembru 2000), il-Komunikazzjoni dwar Lejn strateġija Ewropea għas-sigurtà tal-provvista ta' l-enerġija (26 ta' Ġunju 2002), il-Green Paper dwar L-effiċjenza fl-użu ta' l-enerġija jew li jsir aktar b'inqas (22 ta' Ġunju 2005), il-Pjan ta' azzjoni għall-perijodu 2007-2012 (19 ta' Ottubru 2006) u l-Komunikazzjoni dwar il-Fond Globali għall-Effiċjenza fl-Użu ta' l-Enerġija u l-Enerġija Rinnovabbli (6 ta' Ottubru 2006).

2.3.6 Għalhekk, l-Unjoni Ewropea eżaminat bir-reqqa l-kwistjonijiet relatati ma' l-enerġija iżda l-azzjoni tagħha hija msejsa fuq bażi legali daqsxejn inċerta, jiġifieri l-Artikolu 308 KE, il-"klawsola dwar il-flessibilità", li tiddikjara li "Jekk ikun jidher meħtieġ li l-Komunità tieħu azzjoni biex jintlaħaq xi wieħed mill-għanijiet tal-Komunità, fit-tħaddim tas-suq komuni, u jekk dan it-Trattat ma jkunx ipprovda għal xi setgħa t'azzjoni hekk meħtieġa għal dan il-għan, il-Kunsill, b'vot unanimu fuq proposta mill-Kummissjoni, u wara konsultazzjoni mal-Parlament Ewropew, għandu jieħu l-passi xierqa". Indirizzat din il-kwistjoni wkoll b'mod mhux dirett, permezz ta' l-użu tar-regoli dwar is-suq intern, il-kompetizzjoni u l-ambjent. Il-proċess, għall-inqas fl-apparenza, kien iktar tekniku u legali milli politiku.

2.3.7 Dan huwa preċiżament għalfejn, fid-dawl ta' l-importanza ewlenija ta' l-enerġija fil-ħajja ta' kuljum ta' l-Ewropej u fl-attività ekonomika u l-istabbiltà tad-dinja, l-abbozz tat-Trattat ta' Lisbona jinkludi l-Artikolu 176 dwar l-enerġija, li jiddefinixxi l-objettivi ta' l-Unjoni fil-qasam ta' l-enerġija "b'kont meħud tal-ħtieġa ta' preservazzjoni u titjib ta' l-ambjent" u "fi spirtu ta' solidarjetà bejn l-Istati Membri".

2.3.8 Kif inhu ddikjarat fit-trattat futur, il-politika Ewropea ta' l-enerġija ser timmira li:

— tiżgura t-tħaddim tas-suq ta' l-enerġija,

— tiżgura s-sigurtà tal-provvista ta' l-enerġija,

— tippromovi l-effiċjenza fl-użu ta' l-enerġija u l-iffrankar ta' l-enerġija u l-iżvilupp ta' forom ġodda u rinnovabbli ta' enerġija,

— tippromovi l-interkonnessjoni tan-netwerks ta' l-enerġija.

2.3.9 Din il-politika ser taqa' taħt kompetenza maqsuma fejn normalment tintuża l-maġġoranza kwalifikata, minbarra l-kwistjonijiet fiskali li ser ikomplu jesiġu l-unanimità. Madankollu, it-tieni subparagrafu ta' l-Artikolu 176 A(2) jistipola li "d-dritt ta' Stat membru li jiddetermina l-kondizzjonijiet għall-isfruttament tar-riżorsi ta' enerġija tiegħu, l-għażla tiegħu bejn riżorsi differenti ta' enerġija u l-istruttura ġenerali tal-provvista ta' enerġija tiegħu" ma jintlaqatx mill-miżuri li jittieħdu sabiex jintlaħqu l-objettivi identifikati fl-ewwel paragrafu ta' dan l-Artikolu ġdid.

2.3.10 Għaldaqstant, l-Unjoni Ewropea ser ikollha l-kompetenza, li hija l-ewwwel strument meħtieġ sabiex tittieħed azzjoni iktar b'saħħitha u konkreta. Dan l-istrument ser ikun biżżejjed jew għandna nieħdu azzjoni istituzzjonali ulterjuri? Iżda qabel ma nfasslu l-istrument, għandna noħolqu politiki li jistgħu jevolvu taħt l-influwenza magħquda tal-limitazzjonijiet esterni u ta' l-iżvilupp tas-servizzi u tat-teknoloġija.

3. **Liema politiki?**

3.1 S'issa l-politiki Ewropej ta' l-enerġija kienu suġġetti għall-esiġenzi ekonomiċi u/jew l-esiġenzi ta' l-iżvilupp sostenibbli: ix-xewqa li jiġi liberalizzat is-suq ta' l-enerġija permezz tad-direttivi u l-politika dwar l-industriji tan-netwerks, il-politika favur l-appoġġ ta' l-effiċjenza enerġetika, il-politika favur il-promozzjoni u l-iżvilupp ta' l-enerġija rinnovabbli, il-ġlieda kontra l-emissjonijiet ta' CO_2, eċċ.

3.2 Peress li l-Unjoni Ewropea s'issa ma għandhiex kompetenzi fil-qasam ta' l-enerġija, hi indirizzat il-kwistjoni b'mod pjuttost indirett, billi użat ir-regoli dwar is-suq intern, il-kompetizzjoni u l-ambjent. L-azzjoni tagħha kienet, għallinqas fl-apparenza, iktar teknika u legali milli politika.

3.3 Dan ma waqqafhiex milli tkun attiva ħafna fit-twaqqif ta' leġislazzjoni u l-istipular ta' linji gwida għas-settur ta' l-enerġija. Fil-fatt, reċentement (fid-19 ta' Settembru 2007), l-Unjoni ħarġet għadd ta' proposti leġislattivi li jemendaw it-testi attwali (emenda għar-Regolament dwar kondizzjonijiet ta' aċċess għan-netwerk għal skambji transkonfinali ta' l-elettriku, ir-Regolament li jistabbilixxi Aġenzija għall-Koordinazzjoni tar-Regolaturi ta' l-Enerġija, emenda għar-Regolament dwar il-kondizzjonijiet għall-aċċess għal netwerks tat-trasport ta' gass naturali, emenda għad-direttivi dwar ir-regoli komuni għas-suq intern tal-gass u l-elettriku).

3.4 Jekk it-Trattat ta' Lisbona jiġi ratifikat kif inhu, l-Unjoni ser tkun tista' tittratta dan il-qasam ta' politika ewlieni b'iktar ċarezza u b'mod aktar dirett. Madankollu, il-kompetenza legali waħedha ma teliminax id-diffikultajiet politiċi, ekonomiċi u soċjali kollha. Huwa fatt magħruf li hemm disparità konsiderevoli bejn l-għażliet ta' politika nazzjonali, b'mod partikulari fir-rigward ta' l-enerġija nukleari. Minn mindu sar is-summit Ewropew informali f'Hampton Court, il-Kunsill Ewropew identifika l-pedamenti għal politika Ewropea ġenwina ta' l-enerġija, li tingħata forma konkreta fil-pakkett ta' l-enerġija l-ġdid li ġie preparat mid-DĠ Enerġija u d-DĠ Ambjent.

3.5 Kif rajna, l-Unjoni Ewropea l-ewwel riedet tuża mekkaniżmi tas-suq, bil-għan li tistabbilixxi suq kompetittiv li suppost kellu jkun iktar effiċjenti, u b'hekk toħloq suq interkonness bis-saħħa tan-netwerks trans-Ewropej ta' l-enerġija.

3.6 Xtaqet ukoll tippromovi l-effiċjenza enerġetika, b'mod partikulari fl-iktar setturi li jużaw enerġija: it-tisħin u l-arja kkondizzjonata fil-bini, l-industriji tal-manifattura u l-mezzi tat-trasport.

3.7 L-objettiv ambizzjuż tal-pjan ta' azzjoni għall-perijodu 2007-2012 (Ottubru 2006) huwa li jiġi ffrankat 20 % tal-konsum annwali ta' l-enerġija sa l-2020, jiġifieri ffrankar ta' madwar 1.5 % ta' intensità enerġetika kull sena sa l-2020.

3.8 L-Unjoni Ewropea għamlet ukoll enfasi kbira fuq il-ħtieġa li jiġu żviluppati l-enerġiji rinnovabbli. L-objettiv tagħha f'dan ir-rigward huwa ambizzjuż ħafna wkoll: 20 % tal-konsum totali ta' l-enerġija sa l-2020, u għandu jiġi stipulat objettiv minimu obbligatorju ta' 10 % għall-bijokarburanti (Road Map għall-Enerġija Rinnovabbli ta' l-10 ta' Jannar 2007).

3.9 Madankollu, dawn is-sorsi s'issa kellhom ħafna żvantaġġi meta mqabbla mal-karburanti fossili: inqas densità enerġetika, l-użu ta' l-art (per eżempju "photovoltaic fields"), in-natura intermittenti tal-produzzjoni, u naturalment l-ispiża tat-teknoloġiji kkonċernati. Għalhekk, għalkemm l-iżvantaġġi relattivi tal-prezz qed jonqsu bil-mod, il-bidla lejn dawn it-teknoloġiji aktarx tkun gradwali u ddum sakemm ma jingħatax appoġġ politiku u finanzjarju iktar sinifikanti, u li s-sorsi ta' enerġija ġodda kollha jesiġu studji ta' l-impatt serji — ara l-OECD Observer, Diċembru 2006, Nru 258/259: 21st century energy: Some sobering thoughts (L-Enerġija fis-seklu 21: Xi ħsibijiet li jġagħluna nirriflettu) ta' Vaclav Smil.

3.10 Fil-każ ta' l-enerġija għat-trasport, il-Kummissjoni ffokat fuq il-promozzjoni tal-bijokarburanti u fuq iċ-ċelloli tal-karburant u l-idroġenu. Madankollu, l-iskala ta' l-espansjoni prevista għall-bijokarburanti qiegħda toħloq xi ftit problemi. Fil-fatt, iċ-ċelloli tal-karburant jikkonvertu l-enerġija b'mod effiċjenti ħafna u jistgħu jnaqqsu b'mod sinifikanti l-emissjoni ta' gassijiet b'effett ta' serra u ta' sustanzi li jniġġsu. Però dawn it-teknoloġiji aktarx ma jkunx vijabbli kummerċjalment fil-futur qarib.

3.11 Għaldaqstant, b'konformità mas-Seba' Programm Qafas għar-riċerka u inizjattiva teknika konġunta sabiex jiġu stabbiliti sħubijiet bejn is-settur pubbliku u dak privat, il-Kummissjoni pproponiet Regolament li jwaqqaf Impriża Konġunta taċ-Ċelloli tal-Fjuwil u l-Idroġenu (COM(2007 571 finali). L-għan ta' din il-proposta huwa li tniedi programm ta' attivitajiet marbuta mar-riċerka, l-iżvilupp teknoloġiku u d-dimostrazzjoni fil-qasam taċ-ċelloli tal-karburant u l-idroġenu.

3.12 Sabiex is-suq tal-vetturi li jaħdmu bl-idroġenu jkun jista' jiżviluppa, il-Kummissjoni pproponiet ukoll Regolament dwar l-approvazzjoni ta' dan it-tip ta' vetturi (COM(2007) 593 final) sabiex ikun żgurat li l-istandards ma jvarjawx minn Stat Membru għal ieħor, li jista' biss ixekkel it-tixrid ta' din it-teknoloġija.

4. **Dawn il-linji gwida huma neċessarji, iżda huma biżżejjed?**

4.1 Id-domanda għal karburanti fossili ser tibqa' b'saħħitha u kritika. Konsegwentement, id-diskussjoni ma tistax tinjora dan il-fatt inevitabbli u għandna nibqgħu realisti fir-rigward ta' l-enerġija rinnovabbli.

4.2 F'dan ir-rigward, l-Istati Membri ta' l-UE għandhom jimplimentaw politika waħda flimkien fir-rigward tal-pajjiżi li jipproduċu karburanti fossili "fi spirtu ta' solidarjetà" li jinsab fit-Trattat ta' Lisbona. Politika dwar ix-xiri tista' tkun utli ħafna iżda tiffoka l-iktar fuq kumpaniji multinazzjonali fis-settur taż-żejt.

4.3 Is-suq taż-żejt huwa organizzat b'mod uffiċjali mill-OPEC. Taħt dawn il-kondizzjonijiet, is-27 Stat Membru għandu jkollhom iktar piż bħala grupp milli jekk joperaw b'mod individwali, b'mod partikulari billi huma fost l-iktar żviluppati mill-pajjiżi industrijalizzati u għalhekk huma l-konsumaturi ewlenin ta' l-enerġija. Wieħed għandu jżomm f'moħħu li l-UE tirrappreżenta suq integrat ta' kważi nofs biljun konsumatur.

4.4 Grupp xerrej bħal dan għandu jkollu influwenza politika qawwija fil-konfront ta' kartell ta' produtturi taż-żejt; is-sitwazzjoni tal-gass hija differenti peress li m'hemmx krietel fl-industrija tal-gass.

4.5 Id-diversifikazzjoni hija obbligatorja għas-sigurtà tal-provvista. F'dan ir-rigward, ir-relazzjonijiet mar-Russja, pajjiż Ewropew kbir, huma importanti daqs dawk ma' l-OPEC. B'mod simili, għandha tingħata attenzjoni għall-istabbiliment ta' politika dwar il-provvista mar-repubbliki Kawkasi u ta' l-Asja Ċentrali.

4.6 Fil-każ tal-karburanti fossili, l-isforzi għandhom jiġu mmirati lejn l-istabbiliment ta' setturi alternattivi, b'mod partikulari bbażati fuq il-faħam. Ir-riċerka dwar il-"faħam nadif" qed tagħmel progress konsiderevoli, u jeħtieġ li titħaffef iktar jekk ma rridux li l-espansjoni l-ġdida tal-faħam twassal sabiex it-tisħin globali jiħrax. Għandu jiġi żviluppat pjan ewlieni Ewropew tar-Riċerka u l-Iżvilupp f'dan il-qasam, b'mod partikulari peress li l-Ewropa għad għandha riżervi kbar tal-faħam u dan ir-riżors huwa irħas sew miż-żejt fis-suq dinji. Il-metodi ta' tħaffir għall-faħam jibqgħu kwistjoni sensittiva ħafna; il-kondizzjonijiet diffiċili u xi kultant perikoluży fil-minjieri huma magħrufa sew. Il-kondizzjonijiet tax-xogħol u s-saħħa u s-sigurtà fuq il-post tax-xogħol f'dan is-settur għalhekk għandhom jiġu kkunsidrati b'attenzjoni partikulari.

4.7 It-tajers użati jistgħu jintużaw ukoll bħala riżors rinnovabbli bil-kondizzjoni li l-emissjonijiet li jirriżultaw mill-kombustjoni jinqabdu b'mod effiċjenti. L-impjanti ta' l-elettriku li jieħdu l-enerġija mit-tajers ilhom jaħdmu f'numru ta' pajjiżi għal dawn l-aħħar għexieren ta' snin.

4.8 Qed isir progress fir-rigward tat-teknoloġija għall-ħażna tas-CO_2 iżda din għadha tqum ħafna flus, hija diffiċili, u tinvolvi riskji ta' "leakage", per eżempju fil-każ ta' fissuri fil-blat jew terremoti, u tat-tniġġis tas-saff ta' taħt l-art ta' l-ilma. Xi opinjonijiet tal-KESE li qed jitħejjew bħalissa ser jindirizzaw dawn il-kwistjonijiet fid-dettall.

4.9 Barra mill-karburanti fossili, hemm riżors lokali li huwa disponibbli ħafna — jekk mhux wisq: jiġifieri l-iskart. Biljuni ta' tunnellati jiġu prodotti fl-UE. Ir-riċiklaġġ u l-użu mill-ġdid ta' materjali ta' l-iskart is-soltu jitqiesu bħala l-aħjar użu ta' l-iskart billi jnaqqsu d-domanda għal materja prima ta' kull tip u jevitaw il-produzzjoni ta' gassijiet b'effett ta' serra assoċjata ma' ħafna mit-tipi ta' rimi ta' l-iskart. Iżda fejn dan ma huwiex possibbli, naturalment għandu jiġi kkunsidrat l-użu ta' l-iskart bħala sors ta' enerġija. Ir-riċerka u l-iżvilupp għandhom jitħejġu f'dan il-qasam ukoll sabiex titjieb l-effiċjenza enerġetika waqt li l-emissjonijiet ta' gass b'effett ta' serra u emissjonijiet oħra li jniġġsu jitnaqqsu kemm jista' jkun.

4.10 Il-leġislazzjoni u l-każistika għandhom jiġu żviluppati dwar dan il-punt, peress li l-irkupru ta' l-enerġija mill-iskart ma huwiex rikonoxxut fih innifsu. Il-proposta riveduta għal direttiva qafas dwar l-iskart, li qed tiġi diskussa fil-Parlament Ewropew, hija sinjal inkoraġġanti.

4.11 Fl-aħħar nett, huwa inevitabbli li l-kwistjoni ta' l-enerġija nukleari ser tiġi kkunsidrata. Ser ikun diffiċili li nilħqu l-mira ta' tnaqqis ta' 20 % fl-emissjonijiet ta' gass b'effett ta' serra sa l-2020 mingħajr ma nikkunsidraw it-tnedija mill-ġdid tal-programmi ta' impjanti għall-enerġija nukleari tal-ġenerazzjoni l-ġdida fl-Istati Membri li ddeċidew li jużaw din l-enerġija. L-oħrajn għandhom itejbu l-politiki tagħhom ta' l-enerġiji rinnovabbli.

4.12 Naturalment, aħna konxji ta' l-isfidi ta' sikurezza, sigurtà u ġestjoni ta' l-iskart marbuta ma' l-iżvilupp ta' din l-industrija. Iżda nistgħu ngħaddu mingħajrha?

4.13 L-għażla ta' sorsi ta' enerġija toħloq il-polemiki, iżda mhux daqs kemm joħloq polemiki d-dibattu bejn dawk favur u dawk kontra l-enerġija nukleari. Fil-fatt hemm qasma nukleari reali fl-Ewropa li tindika li jkun ħafna aħjar li l-għażla ta' dan is-sors ta' enerġija titħalla f'idejn l-Istati Membri.

4.14 Il-Euratom hija għodda effettiva għall-Ewropa. Din l-għodda għandha tintuża sabiex jinżamm il-vantaġġ tekniku li għandha l-Ewropa, sabiex tiġi żgurata l-kompetittività tagħha, sabiex tnaqqas id-dipendenza tagħha mill-enerġija u sabiex issaħħaħ l-isforzi u l-kooperazzjoni internazzjonali għas-sikurezza, is-sigurtà u n-non-proliferazzjoni. Jistgħu jitqiesu wkoll linji gwida ġodda għall-Euratom.

4.15 Waħda mill-isfidi ewlenin hija r-riċerka dwar il-fużjoni. Is-Seba' Programm Qafas għar-riċerka ta' l-Euratom għandu baġit ta' EUR 2.75 biljun, li minnhom kważi żewġ terzi huma allokati għar-riċerka dwar l-enerġija mill-fużjoni. Din il-prijorità għandha titħeġġeġ u tinżamm għaliex jekk din it-teknoloġija tista' tiġi kkontrollata tajjeb, tista' tikkontribwixxi ħafna sabiex tiffaċilita l-ġestjoni ta' l-iskart billi tnaqqaslu konsiderevolment it-tul ta' ħajtu. It-tnedija ta' l-ITER madwar l-UE hija inkoraġġanti.

4.16 Rigward il-propulsjoni ta' vetturi, l-UE għandha tindaga dwar vetturi ibridi, l-enerġija mix-xemx, iċ-ċelloli tal-karburant u l-propulsjoni ta' l-arja kompressa. Ir-riċerka u l-iżvilupp qed jimxu "l quddiem f'dan il-qasam ukoll, u inġenier Franċiż żviluppa vettura ekonomika ħafna li tista" tilħaq veloċità ta' 150 kilometru fis-siegħa permezz tal-propulsjoni bl-arja kkompressata, u l-produzzjoni hija mistennija tibda fix-xhur li ġejjin. Il-kumpanija magħrufa Indjana, Tata, xtrat id-drittijiet għall-Indja.

4.17 F'dan il-kuntest, il-KESE jtenni wkoll ir-rakkomandazzjonijiet li għamel qabel dwar ir-riżorsi ta' l-enerġija ta' l-Unjoni Ewropea, li wittew it-triq u servew ta' appoġġ għall-punti li saru f'din l-opinjoni.

5. **Liema strumenti?**

5.1 L-identifikazzjoni u s-selezzjoni ta' politiki huma elementi ewlenin, iżda l-istrumenti politiċi u legali sabiex dawn jiġu implimentati għadhom meħtieġa wkoll. F'dan ir-rigward, id-dispożizzjonijiet tat-Trattat ta' Lisbona, jekk ikun ratifikat, ser ikunu suffiċjenti jew għandna nimxu lil hinn minnhom?

5.2 Ċertament il-fatt li ġiet dikjarata l-ħtieġa ta' spirtu ta' solidarjetà bejn l-Istati Membri fis-settur ta' l-enerġija huwa ħaġa tajba ħafna, u l-identifikazzjoni ta' erba' fergħat ta' din il-politika hija innovazzjoni li tista' biss tintlaqa' tajjeb, anke jekk il-fergħat fihom innifishom ma humiex innovattivi ħafna.

5.3 Iżda ma nistgħux ma nħossux li s-serjetà ta' l-isfidi globali fil-qasam ta' l-enerġija jixirqilha iktar.

5.4 It-Trattat ta' Lisbona kien kawt wisq, anke jekk politika komuni ta' l-enerġija appoġġjata minn qafas istituzzjonali speċifiku simili għall-KEFA u l-Euratom għad ma hijiex possibbli llum?

5.5 Fit-tellieqa dinjija għall-enerġija, il-kompetituri huma ta' daqs kontinentali. Il-qafas Komunitarju jagħti aktar piż, iżda l-ħolqien ta' awtorità speċifika responsabbli għad-"diplomazija" enerġetika, il-politika dwar ix-xiri, u t-tfassil u l-iffinanzjar ta' programmi qafas tar-riċerka u l-iżvilupp, aktarx ipoġġi lill-Ewropa bħala parteċipant ewlieni fil-logħba globali ta' l-enerġija, ħaġa impossibbli għall-Istati Membri individwalment.

5.6 Il-qagħda attwali hija karatterizzata minn approċċi nazzjonali differenti ħafna minn xulxin, bla dubju minħabba l-fatt li wara l-ewwel kriżi taż-żejt fl-1973, kulħadd ried jiggarantixxi s-sigurtà tal-provvista ta' l-enerġija tiegħu stess. Hemm ħafna eżempji ta' sforzi mhux koordinati u approċċi differenti.

5.7 Sabiex tiġi evitata kwalunkwe diżarmonija li tista' ttellef l-influwenza ta' l-Ewropa, hija meħtieġa politika Ewropea ta' l-enerġija komprensiva, li tkun integrata mill-qrib mal-politika dwar il-bidla fil-klima fejn l-Ewropa qed tagħmel sforz biex tafferma l-pożizzjoni tagħha fuq quddiem fin-negozjati internazzjonali. Din għandha tibda bil-koordinazzjoni b'saħħitha bejn korpi internazzjonali bħad-WTO, in-NU, in-NATO u l-OECD, malli jitressqu l-kwistjonijiet dwar l-enerġija għad-diskussjoni. Għandha ssir flimkien mal-koordinazzjoni tal-politiki ta' l-enerġija u b'mod partikulari l-introduzzjoni ta' politika b'saħħitha dwar ix-xiri, u politika dwar l-interkonnessjoni tan-netwerks li hija impenjata bis-sħiħ, minflok ma tkun empirika biss. Fl-aħħar nett, meta jkun xieraq, din il-politika ta' koordinazzjoni, konsultazzjoni u proġetti komuni tista' tkun ibbażata fuq istituzzjonijiet speċifiċi sabiex l-Ewropa jkollha l-għajnuna biex tirreaġixxi għall-isfida ta' l-enerġija. Ser ikollna l-kuraġġ nagħmlu dan?

Brussell, it-23 ta' April 2008

Il-President
tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew
Dimitris DIMITRIADIS

APPENDIĊI

ta' l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew

Din l-emenda, li rċeviet inqas minn kwart tal-voti, ġiet rifjutata matul id-dibattitu:

Punt 4.11

Biddel kif ġej:

"Fl-aħħar nett, huwa inevitabbli li l-kwistjoni ta' l-enerġija nukleari ser tiġi kkunsidrata. L-Istati Membri għandhom jindirizzaw din il-kwistjoni fil-livell nazzjonali. ~~Ma nistgħux nittamaw li nilħqu l-mira ta' tnaqqis ta' 20 % fl-emissjonijiet ta' gass b'effett ta' serra sa l-2020 mingħajr ma nikkunsidraw it-tnedija mill-ġdid tal-programmi ta' impjanti għall-enerġija nukleari tal-ġenerazzjoni l-ġdida.~~"

Raġuni

Il-Ġermanja, li bħalissa għandha 10 impjanti ta' l-enerġija nukleari attivi, ippubblikat programm fejn tbassar tnaqqis ta' kważi 40 % fl-emissjoni ta' gassijiet b'effett ta' serra u fl-istess ħin tabbanduna l-enerġija nukleari sa l-2020. Ir-rapporteur (u l-KESE), qed jiddubita mis-serjetà ta' dan il-programm?

Riżultat tal-vot

Voti favur: 46 Voti kontra: 103 Astensjonijiet: 27

Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar

— **Proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda d-Direttiva 2003/54/KE dwar ir-regoli komuni għas-suq intern fil-qasam ta' l-elettriku**

— **Proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda d-Direttiva 2003/55/KE dwar ir-regoli komuni għas-suq intern fil-gass naturali**

— **Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi aġenzija għall-kooperazzjoni tar-regolaturi ta' l-enerġija**

— **Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1228/2003 dwar kondizzjonijiet għall-aċċess għan-netwerks għall-bdil bejn il-fruntieri fl-elettriku**

— **Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1775/2005 dwar kondizzjonijiet għall-aċċess għan-netwerks ta' trasmissjoni tal-gass naturali**

COM(2007) 528 finali — 2007/0195 (COD)

COM(2007) 529 finali — 2007/0196 (COD)

COM(2007) 530 finali — 2007/0197 (COD)

COM(2007) 531 finali — 2007/0198 (COD)

COM(2007) 532 finali — 2007/0199 (COD)

(2008/C 211/06)

Nhar it-18 ta' Ottubru 2007, il-Kunsill iddeċieda, b'konformità ma' l-Artikolu 44(2), 55 u 95 tat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, li jikkonsulta lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar

Proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda d-Direttiva 2003/54/KE dwar ir-regoli komuni għas-suq intern fil-qasam ta' l-elettriku

Proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda d-Direttiva 2003/55/KE dwar ir-regoli komuni għas-suq intern fil-gass naturali

Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi aġenzija għall-kooperazzjoni tar-regolaturi ta' l-enerġija

Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1228/2003 dwar kondizzjonijiet għall-aċċess għan-netwerks għall-bdil bejn il-fruntieri fl-elettriku

Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1775/2005 dwar kondizzjonijiet għall-aċċess għan-netwerks ta' trażmissjoni tal-gass naturali.

Is-Sezzjoni dwar it-Trasport, l-Enerġija, l-Infrastruttura u s-Soċjetà ta' l-Informazzjoni, inkarigata sabiex tipprepara l-ħidma tal-Kumitat dwar is-suġġett, adottat l-opinjoni tagħha nhar l-4 ta' April 2008. Ir-rapporteur kien is-**Sur Cedrone**.

Matul l-444 sessjoni plenarja tiegħu li nżammet fit-22 u t-23 ta' April 2008 (seduta tat-22 ta' April), il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew adotta din l-opinjoni b'100 vot favur, 4 voti kontra u 7 astensjonijiet.

1. **Konklużjonijiet u rakkomandazzjonijiet**

1.1 *Konklużjonijiet*

1.1.1 Il-KESE jevalwa pożittivament ir-raġunijiet li wasslu lill-Kummissjoni biex tippreżenta t-tielet pakkett dwar l-enerġija — kwistjoni diffiċli u kumplessa kemm legalment kif ukoll ekonomikament u li pprovokat opinjonijiet u reazzjonijiet differenti.

1.1.2 Il-KESE jemmen li s-sitwazzjoni preżenti fis-settur ta' l-enerġija ma tistax tiġġebbed iżjed. Issa li nbeda l-proċess ta' integrazzjoni u liberalizzazzjoni, ninsabu f'salib it-toroq u rridu niddeċiedu x'direzzjoni se nieħdu. Il-liberalizzazzjoni tas-suq ta' l-enerġija waqfet. Dan ġab miegħu spejjeż transizzjonali għoljin, li ħafna drabi jistgħu jkunu ogħla mill-benefiċċji miksuba. Dawn l-ispejjeż jirriżultaw min-nuqqas ta' qafas regolatorju armonizzat ta' l-UE u nuqqas, f'ċerti każijiet, ta' rieda vera ta' liberalizzazzjoni u ta' demarkazzjoni ċara tar-responsabbiltajiet bejn id-diversi partijiet. Dan in-nuqqas ta' ċertezza regolatorja jista' jwassal għal livelli baxxi ta' investiment u kompetizzjoni fis-settur. Dan ħoloq suq Ewropew frammentat u misjuq f'xi każijiet, minn eks-monopolisti għal-liema hemm bżonn li jkun hemm affirmazzjoni mill-ġdid tal-ħtieġa li l-proċess tal-liberalizzazzjoni jissokta b'mod rigoruż.

1.1.3 L-aspetti politiċi: is-suq uniku

1.1.3.1 L-element ċentrali ta' din l-istrateġija huwa l-ksib ta' suq Ewropew uniku ta' l-enerġija. L-UE trid tfassal strateġija

komuni li permezz tagħha tkun tista' taġixxi malajr u b'vuċi waħda u li tinnegozja b'saħħa akbar fuq il-livell internazzjonali. Il-kooperazzjoni bejn l-Istati Membri, ir-regolaturi u t-TSOs hija bżonn kruċjali sabiex jitwettqu bidliet strutturali mmirati sabiex jintegraw it-tħaddim u l-iżvilupp tas-sistema fil-livell reġjonali. L-Istati Membri individwali jridu jgħaqqdu l-esperjenza, l-għerf u r-regoli tagħhom sabiex jaġixxu flimkien u jipproponu (jimponu) il-politika tagħhom dwar il-prezz tal-provvista, sabiex jinħoloq l-aktar ambjent kompetittiv possibbli li jirriżulta fi prezzijiet aktar ġusti u jevitaw l-ispekulazzjoni finanzjarja. Irid ikun hemm aktar għaqda bejn l-Istati Membri u dawn iridu jikkonformaw ma' regoli maqbula b'mod konġunt, fl-interess ta' l-utenti/konsumaturi billi jimplimentaw il-leġislazzjoni komunitarja li ġiet approvata qabel fil-livell nazzjonali.

1.1.4 L-aspetti ekonomiċi

1.1.4.1 Il-KESE jemmen li kompetizzjoni ġusta u mmexxija sewwa (il-proposta attwali tal-Kummissjoni ma tipprovdix għal dan), għandha tiffaċilita aktar sorsi ta' enerġija alternattiva u aktar investiment fl-infrastruttura ta' l-enerġija. Dan iwassal biex il-kumpaniji (bħall-SMEs, per eżempju) jżidu l-produttività tagħhom sabiex jiksbu prezzijiet ġusti filwaqt li jżidu t-trasparenza u jnaqqsu r-riskju li kumpaniji oħra jkollhom pożizzjoni dominanti.

1.1.4.2 Wieħed mill-għanijiet prinċipali tat-tielet pakkett huwa li jinkoraġġixxi l-investiment meħtieġ fl-infrastrutturi ta' l-enerġija u li jikkoordina l-infrastrutturi fuq il-livell ta' l-UE. F'dan ir-rigward, il-miżuri proposti tal-Kummissjoni huma pass fiddirezzjoni t-tajba. Madankollu jeħtieġ li jiġi assigurat li dawn il-miżuri għandhom jippermettu l-investiment neċessarju fil-produzzjoni u tingħata fiduċja lill-investituri. Fir-rigward ta' l-iżvilupp tan-netwerks jeħtieġ li dawn il-miżuri jassiguraw pjanar adegwat li jikkunsidra l-partijiet kollha involuti. Dawn il-pjanijiet għandhom jiġu implimentati fil-livell adegwat u fil-limitu taż-żmien stabbilit. Dan l-investiment jirrikjedi kontroll fil-livell ta' l-UE (mill-Aġenzija tar-Regolaturi ta' l-Enerġija). Suq pjuttost riġidu, b'kumpaniji joperaw f'kundizzjonijiet ta' oligopolija u fejn uħud mill-Istati mhumiex lesti jiddelegaw is-setgħa li għandhom fuq il-provvista, bil-mod jiltelf il-fiduċja ta' l-operaturi u l-utenti tiegħu, u jkollu jaffaċċja friża tal-likwidità. Għalhekk kundizzjonijiet bħal dawn għandhom jitneħħew.

1.1.5 L-aspetti soċjali

1.1.5.1 Il-proċessi ta' ristrutturazzjoni li ġejjin mill-effetti tat-tielet pakkett għandhom jiġu akkumpanjati minn politika dwar l-impjiegi, bil-parteċipazzjoni tat-trejdjunjins u l-kumpaniji, permezz ta' strumenti bħar-*ristrutturazzjoni soċjali korporattiva* u l-miżuri li jtaffu l-effett tal-qgħad fuq livell nazzjonali u ta' l-UE. Huwa importanti li wieħed jinnota li l-pajjiżi, li implimentaw is-separazzjoni tas-sjieda fin-netwerks ta' trasmissjoni, ma ġarrbu l-ebda effetti negattivi fuq l-impjiegi.

1.1.5.2 Għalkemm il-protezzjoni tal-konsumaturi vulnerabbli se tibqa' kwistjoni strettament nazzjonali, huwa kruċjali li l-Kummissjoni tirrikonoxxi l-importanza ta' tali miżuri internazzjonali. Il-Kummissjoni trid tissorvelja wkoll l-implimentazzjoni tagħhom sabiex tassigura li tali miżuri jkunu konformi mar-rekwiżiti ta' suq kompetittiv miftuħ. Jeħtieġ li l-kunċett ta' *energy poverty* jieħu postu fil-livell ta' l-UE (b'rata minima) u jiġu segwiti l-obbligi stabbiliti fid-direttivi attwali fl-oqsma tas-servizz pubbliku u ta' l-interess ġenerali.

1.1.6 L-utenti (in-negozji u l-konsumaturi)

1.1.6.1 Strateġija ġdida għall-politika ta' l-enerġija għandha twassal għall-holqien ta' kompetizzjoni ġenwina bejn il-kumpaniji, bil-għan li l-utenti tiżdiedilhom l-għażla. In-netwerks ta' trasmissjoni għandhom ikunu aċċessibbli għal dawk kollha li jixtiequ jużawhom. Fil-kuntest tal-kumpaniji li jikkunsmaw ħafna enerġija, jeħtieġ li jinħoloq kuntratt Ewropew għax-xiri ta' l-enerġija bi prezzijiet standard (prezzijiet komparabbli jew il-liġi ta' prezz uniku), li jelimina l-għajnuna mill-Istat (li jxekkel il-kompetizzjoni). Jeħtieġ li l-konsumaturi jaraw rikonoxximent ta' dawk id-drittijiet tagħhom li ġew stabbiliti mill-UE. Huma għandu jkollhom il-libertà li jagħżlu l-fornitur li jridu u bl-irħas prezz possibbli.

1.1.7 Il-KESE jsostni li l-għan tal-proposta tal-Kummissjoni għandu jkun ukoll li jżomm lill-kumpaniji monopolistiċi l-kbar u lit-trejdjunjins lura milli, permezz ta' azzjoni konġunta u mhux intenzjonata bejniethom, jippreservaw l-istatus quo. Fil-każ tal-kumpaniji l-kbar dan isir sabiex ikunu jistgħu jibqgħu f'pożizzjoni ta' vantaġġ filwaqt li fil-każ tat-trejdjunjins dan isir, u bir-raġun, biex jiddefendu l-impjiegi.

1.2 *Il-proposti tal-KESE*

1.2.1 Suq uniku ta' l-enerġija

1.2.1.1 Biex taċċellera l-progress lejn suq uniku ta' l-enerġija, il-Kummissjoni jeħtieġ temenda l-proposti tat-tielet pakkett dwar l-enerġija biex b'hekk tikseb is-setgħa li taġixxi b'mod indipendenti fuq livell internazzjonali, b'mod partikulari fir-rigward tassorsi ta' l-enerġija. Għalhekk jeħtieġ li l-proposti, imressqa fil-pakkett, li jitrattaw il-kooperazzjoni reġjonali, jitqiesu bħala pass intermedjarju fit-triq lejn il-ksib ta' l-għan finali li huwa s-suq uniku ta' l-enerġija. L-Istati Membri għandhom jippruvaw jintegraw is-swieq ta' l-elettriku tagħhom, filwaqt li l-operaturi tas-sistema għandhom jaqdu lid-diversi Stati Membri. Il-KESE jemmen li l-proposta tat-tielet pakkett dwar il-kooperazzjoni reġjonali bejn l-operaturi tan-netwerk, bl-ebda mod m'għandha titqies bħala sostituzzjoni temporanja jew alternattiva għal suq uniku ta' l-enerġija. Huwa kruċjali li jkun hemm kooperazzjoni reġjonali, ibbażata fuq is-separazzjoni tas-sjieda, bejn operaturi tan-netwerks li jkunu effettivament separati mill-produzzjoni/bejgħ. L-inizjattivi reġjonali promossi mill-grupp tar-regolaturi Ewropej, ERGEG, f'dawn l-aħħar snin, għandhom jintużaw ukoll għall-valutazzjoni tal-konsistenza tar-regolament u tar-regoli tas-suq.

1.2.2 Is-separazzjoni vertikali integrata (unbundling)

1.2.2.1 Il-KESE jsostni li l-Kummissjoni għandha tiffavorixxi s-separazzjoni tas-sjieda (*ownership unbundling*), li bla dubju ta' xejn hija aħjar minn sistema ta' separazzjoni funzjonali sabiex jitħeġġeġ l-investiment. Sistema bħal din ittejjeb it-trasparenza u l-fiduċja fl-operaturi, iżżid is-sigurtà tas-sistema, iżżid il-kontroll fuq il-monopolji, tevita mġiba diskriminatorja u ttejjeb l-użu u ż-żamma tan-netwerks.

1.2.2.2 Se tkun meħtieġa aktar konsiderazzjoni u analiżi dwar l-implikazzjonijiet strateġiċi tas-sjieda tan-netwerks u dwar il-ħtieġa li tiġi ggarantita l-indipendenza f'dan ir-rigward fost l-oħrajn b'rabta ma' l-interessi possibbli ta' pajjiżi terzi u li tinkludi l-għażla marbuta mas-sjieda tan-netwerk (pubblika jew privata). Il-proposta tal-Kummissjoni dwar l-implimentazzjoni tas-separazzjoni tas-sjieda m'għandhiex bżonn il-privatizzazzjoni tan-netwerks ta' trasmissjoni li bħalissa huma ta' sjieda pubblika.

1.2.2.3 M'hemmx differenzi suffiċjenti bejn is-settur ta' l-elettriku u dak tal-gass (ara l-eżempji ta' l-USA, id-Danimarka, l-Olanda, il-Portugall, ir-Renju Unit, Spanja u l-Isvezja) għalhekk mhuwiex iġġustifikat trattament differenti f'termini ta' separazzjoni tas-sjieda. Is-separazzjoni fis-sjieda tal-produzzjoni/bejgħ u t-trasmissjoni hija meħtieġa fiż-żewġ setturi. L-imġiba diskriminatorja li tista' tirriżulta minn livell insuffiċjenti ta' separazzjoni vertikali hija l-istess. Il-kumpaniji li jbigħu l-gass m'għandhomx ikunu interessati f'min jimporta l-gass; minflok, l-interess tagħhom għandu jkun biss li jaħdmu ma' kumpaniji oħra li huma affidabbli u finanzjarjament b'saħħithom u li jistgħu jbigħu l-gass tagħhom.

1.2.3 L-Aġenzija Ewropea

Il-KESE jemmen bis-shiħ li l-Aġenzija Ewropea għall-Kooperazzjoni tar-Regolaturi ta' l-Enerġija (ACER) trid tingħata aktar poteri biex:

— ikollha rwol regolatorju indipendenti;

— tissorvelja l-attivitajiet ta' l-ENTSO u, flimkien ma' l-ENTSO u l-Panel Permanenti dwar is-Suq, tassisti lill-Kummissjoni Ewropea fit-tħejjija ta' lista ta' regoli meħtieġa għat-tfassil u l-approvazzjoni tal-linji gwida u l-kodiċijiet tekniċi u kummerċjali;

— tistabbilixxi u tapprova kodiċijiet tekniċi u tas-suq;

— tistabbilixxi proċeduri għall-iffissar ta' tariffi u tiffissa tariffi għall-proċedura ta' kumpens ta' l-ispejjeż li jagħmlu l-operaturi tan-netwerk fit-trasmissjoni ta' l-elettriku bejn il-fruntieri;

— tfassal linji gwida dwar il-prinċipji għall-iżvilupp ta' netwerk u tapprova l-pjan ta' investiment fuq għaxar snin propost mill-ENTSO;

— tippreżenta rakkomandazzjonijiet u opinjonijiet lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill u lill-Kummissjoni;

— tikkonsulta l-operaturi tas-suq;

— tikkoordina l-ħidma ta' l-awtoritajiet nazzjonali; u

— tippromovi t-trasparenza permezz tal-proċeduri tal-ħatra għall-grupp ta' tmexxija (*steering group*) tagħha.

1.2.4 L-awtoritajiet nazzjonali

1.2.4.1 Ir-regolaturi nazzjonali għandhom rwol ewlieni fil-promozzjoni tal-kompetizzjoni u l-iżgurar ta' implimentazzjoni korretta tad-direttivi fuq livell nazzjonali, b'mod partikulari fir-rigward tar-regoli dwar l-użu imparzjali ta' l-infrastruttura. Għalhekk il-poteri tagħhom għandhom jiġu armonizzati u għandha tiżdied l-indipendenza tagħhom mill-kumpaniji nazzjonali u ta' l-enerġija fuq livell nazzjonali, sabiex ikunu jistgħu jissorveljaw u jimpedixxu abbużi ta' pożizzjonijiet dominanti. Regolatur aktar indipendenti joħloq fiduċja fis-suq u jkun kapaċi jikkoopera b'mod aktar attiv ma' l-ACER.

1.2.5 In-Netwerks Ewropej ta' l-Operaturi tas-Sistemi ta' Trasmissjoni (ENTSOs — European Networks of Transmission System Operators)

1.2.5.1 Il-KESE jħeġġeġ koordinazzjoni aktar effettiva bejn l-operaturi tan-netwerks nazzjonali biex isir l-investiment u titjieb il-ġestjoni ta' l-infrastruttura meħtieġa biex jiġi żviluppat netwerk Ewropew integrat. L-aġenzija għandu jkollha rwol akbar minn dak previst, biex tipproponi, tfassal, tissorvelja u tapprova l-kodiċijiet, sabiex tiżgura li l-interess pubbliku jingħata l-konsiderazzjoni xierqa. Ir-rwol ta' l-ENTSO m'għandux jaqbeż il-ħiliet u l-kompetenzi tiegħu. Għaldaqstant, ir-responsabbiltà għat-tfassil tal-linji gwida u l-kodiċijiet tibqa' ta' l-ACER.

1.2.6 In-netwerks Ewropej u l-investiment

1.2.6.1 Il-KESE jemmen li l-UE għandha tantiċipa l-iżviluppi futuri fl-użu tan-netwerks, permezz ta' programm ta' investiment immirat sabiex joħloq sistema ta' netwerks Ewropej pubbliċi u/jew privati mmexxija mill-UE, li jkunu aċċessibbli għal kulħadd, kemm għat-trasmissjoni kif ukoll għall-użu ta' l-enerġija. Għal dan il-għan jeħtieġ li jiġi assigurat li l-proċeduri ta' ġestjoni ta' l-interkonnessjonijiet huma tassew trasparenti, ibbażati fuq il-proċeduri tas-suq u li jippermettu li l-kummerċ jiżdied għal-limitu massimu possibbli tiegħu. L-investiment għandu jsir fejn iġib vantaġġi soċjo-ekonomiċi minn perspettiva reġjonali. Il-partijiet interessati kollha tas-suq għandhom jiġu involuti fil-proċess tat-tehid tad-deċiżjonijiet dwar l-iżvilupp tal-kodiċijiet u l-pjan ta' investiment fuq għaxar snin.

1.2.7 Id-demokrazija u r-rappreżentanza

1.2.7.1 Il-KESE jsostni li, fuq il-bażi tad-dispożizzjonijiet preżenti jew futuri, il-konsumaturi għandhom ikunu rrappreżentati fil-bord ta' l-aġenzija. L-istess jgħodd għall-partijiet l-oħra interessati kollha (l-aġenti, it-trejdjunjins, il-kumpaniji), li apparti milli jkunu rrappreżentati fil-bord jistgħu ikunu rrappreżentati wkoll f'korp speċjali ta' sorveljanzab'tali mod li l-iżvilupp normattiv jinkludi l-kunsens wiesa' u l-parteċipazzjoni possibbli, sa mill-bidu tiegħu u mhux matul il-fażi aħħarija ta' l-iżvilupp.

2. **Introduzzjoni**

2.1 Madwar għaxar snin ilu l-Kummissjoni ħadet l-ewwel passi (tard ħafna) lejn qafas regolatorju Ewropew għal suq uniku fil-qasam ta' l-elettriku u l-gass. Il-Kumitat għalhekk kellu l-opportunità li jesprimi l-fehmiet tiegħu, xi drabi opposti għal dawk tal-Kummissjoni, fuq kwistjoni li matul is-snin saret dejjem aktar importanti u kontroversjali.

2.2 Bl-adozzjoni tat-tielet pakkett ta' proposti leġiżlattivi dwar is-suq ta' l-elettriku u l-gass, il-Kummissjoni qiegħda tfittex li tikkonkludi l-proċess, f'kuntest internazzjonali li nbidel ħafna u li huwa sors ta' problemi ġodda għal kulħadd. Mhux l-Istati Membri kollha jaqblu dwar il-proposti u dan jista' jirriżulta f'dewmien fl-adozzjoni tal-proposti u jipperikola l-ksib ta' suq Ewropew uniku ta' l-enerġija.

2.3 Il-kompitu tal-KESE hu wieħed ta' responsabbiltà kbira: li jfassal opinjoni dwar waħda mill-aktar kwistjonijiet ċentrali (u kontroversjali) ta' dawn l-aħħar snin — kwistjoni li fuqha jistrieħ mhux biss is-suq uniku ta' l-enerġija, iżda d-destin tal-kumpaniji u l-konsumaturi Ewropej fis-settur, u tal-kumpaniji li mhumiex fl-UE.

2.4 Il-KESE jevalwa pożittivament l-istudju ta' l-impatt imwettaq mill-Kummissjoni, li minnu nnifisu joffri xi indikaturi tajbin dwar l-effikaċja tal-liberalizzazzjoni u l-kompetizzjoni "ġusta" (ara t-test).

3. **L-għan tal-proposti tal-Kummissjoni**

3.1 Li jiżguraw li l-konsumaturi jkunu verament liberi li jagħżlu l-fornitur tagħhom minn fost firxa wiesgħa ta' possibilitajiet u li jgawdu l-benefiċċji li għandha ġġib dik il-bidla. Il-ħtieġa li jiġu assigurati kundizzjonijiet favorevoli għall-utenti trid tiġi osservata wkoll mill-kumpanija ta' pajjiżi terzi li joperaw fl-UE.

3.2 Li jisseparaw il-produzzjoni u t-trasmissjoni mis-sjieda u t-thaddim tan-netwerks ta' trasmissjoni ta' l-elettriku u l-gass. Barra minn hekk tissemma' għażla oħra — dik ta' "l-Operatur ta' Sistema Indipendenti" — li tippermetti l-kumpaniji integrati vertikalment li jżommu s-sjieda ta' netwerks biss jekk il-kapital fiss tagħhom ikun immexxi minn korp indipendenti jew impriżi oħra; dan għandu jinkoraġġixxi l-investiment fl-infrastruttura.

3.3 Li jipprovdu risposti tanġibbli għall-frammentazzjoni tas-suq tul il-fruntieri nazzjonali, l-integrazzjoni vertikali eżistenti, il-konċentrazzjoni għolja tas-suq li fir-realtà impedixxiet kompetizzjoni ġenwina u l-istabbiliment tas-suq uniku ta' l-enerġija.

3.4 Li jħaffu l-kummerċ bejn il-fruntieri, li titwaqqaf Aġenzija bil-kompitu li tikkoordina l-awtoritajiet regolatorji nazzjonali u tipprovdi kundizzjonijiet u opportunitajiet ugwali għan-negozji fis-settur li joperaw fil-pajjiżi differenti; dan għandu jassigura li jitwaqqaf netwerk Ewropew ġenwin sabiex iħares is-sigurtà u d-diversifikazzjoni tal-provvista. L-awtoritajiet nazzjonali għalhekk għandhom jaraw l-indipendenza tagħhom imsaħħa u ggarantita.

3.5 Li jinkoraġġixxu kooperazzjoni fuq il-bażi ta' regoli ġodda li għandhom jitwaqqfu mill-operaturi tan-netwerks Ewropej u li jassiguraw kooperazzjoni akbar bejn id-diversi swieq domestiċi fejn il-provvista tkun mhedda.

3.6 Li jżidu t-trasparenza billi jħaffu r-regoli tas-suq u jżommu lill-konsumaturi infurmati, sabiex tiżdied il-fiduċja ta' l-utent fil-valur intrinsiku tas-suq ħieles (iżda sa issa kemm nistgħu ngħidu li tassew kien hemm fiduċja konsistenti f'dan?).

3.7 Li s-sena d-dieħla l-konsumaturi jingħataw id-drittijiet ta' l-utenti ta' l-enerġija u li dawn jinġabru f'"Karta" (obbligatorja) speċjali li tinkludi tagħrif dwar il-fornituri, id-diversi opzjonijiet tas-suq, it-tnaqqis tal-burokrazija, il-faqar tal-fjuwil, eċċ. ([1]).

4. **Il-proposti għal direttivi (elettriku u gass)**

4.1 Is-separazzjoni (*unbundling*) effettiva (legali u operattiva) tas-sistema tal-forniment u t-trasmissjoni ta' l-elettriku u l-gass fl-Istati Membri kollha billi jinħolqu sistemi li ma jkunux integrati vertikalment. Dan jista' jaqdi rwol ċentrali fis-sejba ta' soluzzjoni għall-kunflitti ta' interess li jistgħu jinqalgħu:

— biex jiġi żgurat investiment suffiċjenti f'sistema ta' forniment u trasmissjoni aktar effiċjenti kif ukoll titjib fil-ġestjoni tat-trasferimenti bejn il-fruntieri;

— biex jiġu evitati privileġġi jew trattament preferenzjali għal kumpaniji u sussidjarji li jinsabu f'sistemi ta' trasmissjoni u produzzjoni integrati vertikalment;

— biex jiġi żgurat aċċess ġust u trasparenti għall-informazzjoni għall-partijiet kollha tas-suq u mhux għal dawk konnessi mal-kumpanija in kwistjoni biss.

4.2 Soluzzjoni possibbli, fil-każ ta' kumpanija b'integrazzjoni vertikali u nuqqas ta' rieda li timbarka fuq separazzjoni effettiva tas-sjieda, hija l-holqien ta' Operatur ta' Sistema Indipendenti (ISO). Dan l-operatur jista' jippermetti lill-kumpaniji li jżommu s-sjieda tan-netwerk, iżda ma jippermettilhomx li jħaddmuh. It-tali indipendenza tista' tinkiseb biss fi ħdan sistema regolatorja effettiva.

([1]) Irreferi għall-Opinjoni tal-KESE dwar il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni — Lejn l-adozzjoni ta' Karta Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Konsumaturi ta' l-Enerġija, CESE 71/2008.

4.2.1 L-indipendenza ta' l-operatur tan-netwerk tgħodd kemm għall-kumpaniji pubbliċi kif ukoll privati. Dan jgħodd ukoll għas-separazzjoni tas-sjieda tan-netwerk ta' trasmissjoni u s-sistemi tal-produzzjoni.

4.2.2 L-għan prinċipali huwa li l-kumpaniji li joperaw fis-settur tal-produzzjoni u l-forniment ta' l-elettriku u l-gass fil-pajjiżi kollha ta' l-UE joperaw b'mod separat għal kollox.

4.2.3 Id-direttiva proposta tipprovdi għal derogi temporanji fuq ir-regoli dwar is-separazzjoni tas-sjieda jekk il-kumpaniji jinvestu f'infrastruttura ta' l-enerġija.

4.3 Is-separazzjoni tal-forniment u l-produzzjoni mill-operaturi tas-sistema hija prevista mhux biss fuq livell nazzjonali, iżda fl-UE kollha. L-ebda kumpanija li tipproduċi l-enerġija ma hi permessa li tmexxi jew li jkollha sistema ta' trasmissjoni fi Stat Membru ieħor. Kull operatur li jidħol u jsir parti mis-sistema jrid juri l-indipendenza tiegħu minn attivitajiet ta' forniment u produzzjoni.

4.4 Is-separazzjoni tas-sjieda trid twassal għal suq u netwerk li jiffunzjona sewwa, li finalment jirriżulta fl-iffissar korrett tal-prezz ta' l-elettriku u l-gass, possibbilment segwit minn tnaqqis fil-prezz, b'vantaġġi ovvji għall-konsumaturi u l-investituri fis-settur.

4.5 Huwa biss permezz ta' awtorità regolatorja indipendenti u operattiva li l-Operatur ta' Sistema Indipendenti se jkun jista' jaħdem sewwa u li s-separazzjoni tas-sjieda tas-sistema ta' produzzjoni u forniment tista' tkun effettiva. L-awtoritajiet legali jridu joperaw b'mod diskret, għandhom ikunu indipendenti minn kwalunkwe entità pubblika jew privata oħra u jridu jaġixxu indipendentement minn kwalunkwe interessi tas-suq. Huma jrid ikollhom poteri sħaħ u jridu jkunu kapaċi jikkooperaw bejniethom fl-Istati Membri sabiex:

— jivverifikaw li d-diversi operaturi fis-suq jissodisfaw l-obbligi ta' trasparenza tagħhom;

— jiżguraw l-effikaċja tal-miżuri għall-protezzjoni tal-konsumatur;

— jivverifikaw it-tħaddim korrett tat-trasmissjoni ta' l-elettriku u l-gass;

— jissorveljaw il-pjanijiet ta' investiment ta' l-operaturi tas-sistemi ta' trasmissjoni u jiċċekkjaw li huma kompatibbli ma' xulxin;

— joqogħdu attenti għal abbużi fis-suq jew għal operaturi dominanti li jxekklu l-iffissar korrett tal-prezzijiet.

L-aġenziji esterni (il-CESR, l-Aġenzija għall-Kooperazzjoni tar-Regolaturi ta' l-Enerġija) għandhom rwol konsultattiv x'jaqdu fi ħdan il-Kummissjoni dwar l-implimentazzjoni tar-regoli stabbiliti.

5. **Il-proposti għal regolamenti (ħolqien ta' l-Aġenzija għall-Kooperazzjoni tar-Regolaturi ta' l-Enerġija, aċċess għan-netwerk ta' l-iskambju ta' l-elettriku bejn il-fruntieri u l-aċċess għan-netwerks tat-trasport tal-gass)**

5.1 Il-konsolidament tas-swieq interni, b'regoli u approċċi komuni, huwa element fundamentali fl-iżvilupp tas-suq Ewropew ta' l-enerġija u biex jinkisbu l-iskambji meħtieġa bejn il-fruntieri. Id-dispożizzjonijiet preżenti (bħar-regoli tekniċi, jew il-kodiċi tan-netwerk, li bihom iridu joperaw il-kumpaniji ta' l-elettriku) jeħtieġ li jiġu armonizzati bejn id-diversi pajjiżi. Sa llum dan ma jidhirx li twettaq bl-għajnuna ta' l-ERGEG. Din l-armonizzazzjoni tista' tiġi implimentata biss minn korp indipendenti u separat, li t-Trattat jitlob li jiġi stabbilit fil-forma ta' Aġenzija.

5.2 Il-kompiti prinċipali ta' l-Aġenzija għandhom ikunu:

— li ttejjeb il-ġestjoni tas-sitwazzjonijiet bejn il-fruntieri;

— li tissorvelja l-attività ta' l-operaturi tas-sistemi ta' trasmissjoni ta' l-elettriku u tal-gass;

— li tivverifika l-effikaċja tal-pjanijiet ta' investiment fuq għaxar snin għan-netwerks;

— li tassigura li l-kooperazzjoni bejn l-operaturi ssir b'mod effettiv u trasparenti biex minnha jgawdi s-suq uniku;

— li tintervjeni b'deċiżjonijiet dwar aspetti tekniċi partikulari u dwar applikazzjonijiet għal derogi;

— li taqdi rwol konsultattiv dwar kwistjonijiet ta' regolazzjoni tas-suq u tappoġġja miżuri għat-titjib tal-prattiċi adottati mill-korpi regolatorji nazzjonali.

5.3 L-istruttura organizzattiva se ssegwi l-mudell tipiku ta' l-aġenziji tal-Komunità u se tagħti attenzjoni partikulari lill-garanzija ta' l-indipendenza tal-funzjonijiet regolatorji. Għal dan il-għan jista' jitwaqqaf Bord tar-Regolaturi, Bord Amministrattiv maħtur mid-direttur ta' l-Aġenzija, li jkun responsabbli għall-kwistjonijiet ta' regolazzjoni kollha, kif ukoll Bord ta' l-Appell li jieħu ħsieb appelli kontra deċiżjonijiet meħuda mill-Aġenzija. L-Aġenzija tista' tinkludi massimu ta' 40 sa 50 ruħ bi spiża massima ta' bejn EUR 6 u 7 miljuni fis-sena, koperti b'għotjiet mill-Komunità.

5.4 Il-Kummissjoni għandha r-rwol ta' gwardjan tat-trattati u ta' "spettur ta' l-ispettur". L-Aġenzija għandha l-poter li tieħu d-deċiżjonijiet u l-poter tad-diskrezzjoni fuq kwistjonijiet tekniċi speċifiċi biss. Il-Kummissjoni tista' tiddeċiedi li tintervjeni biex tippromovi l-kooperazzjoni jew it-tħaddim xieraq tas-suq, fid-dawl ta' informazzjoni ta' l-Aġenzija jew fuq inizjattiva tagħha stess.

5.5 Il-kooperazzjoni effiċjenti ta' l-operaturi tas-sistemi ta' trasmissjoni hija vitali sabiex tinkiseb integrazzjoni vera tas-suq. L-unika kooperazzjoni li teżisti bħalissa għandha xeħta volontarja u ftit li xejn ħalliet riżultati sodisfaċenti, speċjalment meta seħħew inċidenti fin-netwerk jew meta nqata' l-elettriku. L-integrazzjoni tat-tħaddim tas-sistemi fuq livell reġjonali tgħin:

— biex jiġi definit sett ta' kodiċi tekniċi u tas-suq li jkunu validi internazzjonalment;

— jiġu definiti kodiċi tekniċi f'każijiet fejn m'hemmx kooperazzjoni ġenwina bejn in-netwerks;

— tiġi żgurata mġiba mhix diskriminatorja b'rabta mat-tħaddim u l-iżvilupp tan-netwerk;

— tiġi ffaċilitata l-integrazzjoni tas-swieq, li tippermetti l-konverġenza tal-prezzijiet, tnaqqas it-tħassib dwar il-konċentrazzjoni tas-swieq, tistimula l-likwidità eċċ.; u

— biex jiġi promoss il-finanzjament u l-ġestjoni tar-riċerka u l-innovazzjoni.

5.6 L-istrutturi ta' kooperazzjoni bejn l-operaturi tas-sistemi ta' trasmissjoni jridu jiġu rikonoxxuti b'mod sħiħ fuq livell Ewropew. Jistgħu jintużaw strutturi eżistenti bħall-GTE u l-ETSO, jew jiġu stabbiliti strutturi ċentrali ġodda, permanenti f'termini kemm ta' l-organizzazzjoni kif ukoll ta' strumenti prattiċi għall-ippjanar u l-ġestjoni tan-netwerks.

6. **Kummenti ġenerali**

6.1 Il-problema prinċipali tan-netwerks, speċjalment in-netwerks ta' l-elettriku, m'hijiex daqstant dik tal-liberalizzazzjoni nnifisha, iżda pjuttost l-assigurazzjoni li l-pubbliku u l-kumpaniji jkollhom aċċess għal dawn in-netwerks. Jistgħu jiġu kkunsidrati, per eżempju, netwerks Ewropej pubbliċi jew regolati mill-Unjoni u li huma aċċessibbli għal kulħadd.

6.2 Il-Kummissjoni għandha tippromovi l-investiment fil-ħolqien ta' sistema ta' trasmissjoni kompletament innovattiva li tippermetti l-użu ta' l-elettriku fuq livell Ewropew permezz ta' netwerk interattiv intelliġenti. Simili għall-internet, dan in-netwerk jutilizza t-teknoloġija ta' *smart meter* u jħalli lill-enerġija timxi fiż-żewġ direzzjonijiet.

6.3 Dan għandu jinkoraġġixxi l-investiment, iwassal għall-ħolqien ta' impjiegi ġodda u jippermetti li l-islogan antik "poter lin-nies" isir realtà, jiġifieri li jibda jseħħ skambju ta' l-enerġija sabiex jinqdew il-ħtiġijiet ta' kulħadd, li l-istess regoli japplikaw għall-pajjiżi ta' l-Unjoni kollha mingħajr eċċezzjoni (kif diġà huwa l-każ bl-internet).

6.4 Dawn huma r-raġunijiet għaliex wieħed għandu jaħdem għas-separazzjoni sħiħa tas-sistema ta' trasmissjoni ta' l-elettriku u għal għażla bejn is-separazzjoni u"operatur ta' sistema indipendenti" għan-netwerks tal-gass.

6.5 Se jkun diffiċli li jintlaħqu l-miri tal-Kummissjoni (it-tisħiħ ta' l-awtoritajiet nazzjonali, it-tkabbir tal-kooperazzjoni bejn l-operaturi tat-trasport, (ISO, TSO), iż-żieda fit-trasparenza tas-suq eċċ) mingħajr ma jingħelbu ċerti atteġġjamenti nazzjonali dejqa, mhux biss għal dak li għandu x'jaqsam man-netwerks, iżda wkoll fir-rigward tal-provvista, l-investiment u l-bqija. Għalkemm dan mhux se jkun biżżejjed biex iżomm il-prezzijiet baxxi, dawn huma l-uniċi miżuri li jistgħu jassiguraw kwalità ta' servizz aħjar.

6.6 Il-konċentrazzjoni tar-riservi taż-żejt fi ftit żoni biss taddinja (61.8 % fil-Lvant Nofsani, 11.7 % fl-Ewropa u r-Russja, 9.4 % fl-Afrika, 8.5 % fl-Amerika ta' Isfel, 5.1 % fl-Amerika ta' Fuq u 3.5 % fil-Lvant (F. Profumo, Politecnico di Torino) għandha tqanqal lill-Kummissjoni sabiex teżerċita politika komuni li tkun aktar inċiżiva f'dawn iż-żoni kif ukoll f'organizzazzjonijiet internazzjonali fejn jitfasslu l-ftehimiet u jittieħdu deċiżjonijiet. Inkella, il-liberalizzazzjoni pura u sempliċi tista' ssir nasba għal min ma jafx li mhux biżejjed li l-prezzijiet jinżammu baxxi, li sikwit jogħlew b'riżultat ta' monopolji li jiddettaw il-kundizzjonijiet anki lill-korp politiku.

6.7 L-UE għandha timxi fuq il-pjan lejn kompetizzjoni regolata u trasparenza biex tagħmel is-sistema ekonomika aktar kompetittiva u trasparenti. Ir-rebħiet fuq il-Microsoft u l-Volkswagen jirrappreżentaw preċedent inkoraġġanti favur il-kompetizzjoni, għalkemm dan mhux biżżejjed. Għandhom jitfasslu wkoll miżuri aktar effettivi sabiex itaffu l-impatt u l-konsegwenzi fuq l-impjiegi, kif ukoll miżuri u investiment li jagħmlu s-sistema ekonomika aktar dinamika, sabiex jinħolqu opportunitajiet għall-ħaddiema u ż-żgħażagħ u b'hekk tonqos il-ħtieġa għall-"protezzjoni". Filfatt, jekk l-aktar figuri reċenti dwar it-tkabbir ekonomiku ta' l-Ewropa mhumiex inkoraġġanti (ara l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni) dan huwa dovut, apparti għas-saħħa ta' l-ewro, għall-kompetittività baxxa tal-kumpaniji u l-"protezzjoni" li ħafna minnhom igawdu. It-tneħħija tal-monopolji li saru wara l-Att Uniku Ewropew għandu jkollha suċċess, peress li f'każ ta' falliment, l-interess taċ-ċittadini-konsumaturi ser jiġi disprezzat mid-diżorganizzazzjoni u mill-introduzzjoni mill-ġdid eventwali tal-fondi pubbliċi għas-sopravivenza tan-netwerks, bħalma ġara fil-każ tal-ferrovija tar-Renju Unit.

6.8 Id-dibattitu dwar dan il-pakkett m'għandux ikun limitat għall-awditorji ta' l-istituzzjonijiet jew għal min qiegħed fis-settur. Il-Kummissjoni u l-KESE jridu jieħdu l-argument fid-dinja ta' barra u dak l-argument għandu jinvolvi lill-pubbliku bħala konsumaturi, ħaddiema u negozji, biex ikun evitat li d-deċiżjonijiet jiġu influwenzati biss mill-kumpaniji l-kbar ta' l-enerġija, li sikwit ikunu monopolji. (Per eżempju, jista' jiġi stabbilit blog dwar is-suġġett għall-pubbliku, għandu jkun hemm seduti pubbliċi f'ħafna mill-Istati Membri u f'xi bliet Ewropej u r-riżultati jiġu ppreżentati flimkien f'konferenza pubblika kbira organizzata fil-livell Komunitarju.) Barra minn hekk, il-kontroll ta' l-aġenziji Ewropej ta' regolamentazzjoni m'haddem mill-Kummissjoni għandu jkollu wkoll dimensjoni demokratika u jkun ikkonfermat minn dak tal-Parlament Ewropew.

7. **Kummenti speċifiċi**

7.1 Separazzjoni tas-sjieda tad-diversi attivitajiet fil-katina — ta' forniment u produzzjoni mit-tħaddim tan-netwerk (ownership unbundling). Dawn il-miżuri huma rekwiżit sabiex jitnaqqsu l-barrieri għad-dħul fis-suq. L-għan huwa li jiġu evitati kumpaniji integrati, li jwettqu diversi attivitajiet fil-katina, li jistgħu "jittrasferixxu" xi wħud mill-ispejjeż ta' l-attivitajiet liberalizzati għall-attivitajiet regolati u b'hekk igawdu vantaġġ kompetittiv mhux dovut fuq dawk li jwettqu biss l-attivitajiet suġġetti għall-kompetizzjoni. L-adozzjoni tad-direttivi dwar is-swieq tal-gass naturali u ta' l-elettriku mill-Istati Membri ma kinetx uniformi, u f'xi każi ppermettiet li jinħolqu kumpaniji li joperaw netwerk ta' trasmissjoni integrat vertikalment u kumpaniji ta' produzzjoni u forniment.

7.2 Jiżdiedu s-setgħat tar-regolaturi nazzjonali ta' l-enerġija, li jassiguraw kemm it-tħaddim mhux preġudikat tan-netwerks kif ukoll it-tħaddim mhux preġudikat ta' l-infrastruttura liċenzjata b'mod ġenerali. Dan huwa meħtieġ għal-liberalizzazzjoni (trasmissjoni, trasmissjoni u kejl fis-settur ta' l-enerġija; trasport, trasmissjoni, kejl, ħażna u gassifikazzjoni mill-ġdid, fis-settur tal-gass).

7.3 Ir-rwol prinċipali ta' l-Aġenzija għall-Kooperazzjoni tar-Regolaturi ta' l-Enerġija sabiex tissorvelja l-attivitajiet tal-korpi nazzjonali indipendenti. It-twaqqif ta' korp regolatorju sovranazzjonali bl-awtorità li jissorvelja l-attivitajiet tal-pajjiżi individwali involuti jista' jwassal għal attività regolatorja ta' kooperazzjoni definita b'mod ċar, għal tnaqqis fid-differenzi bejn il-prospetti ta' l-UE kollha kemm hi u l-prospetti ta' pajjiżi individwali, biex ikunu ffaċilitati soluzzjonijiet immirati lejn suq integrat ta' l-enerġija.

7.4 It-twaqqif ta' operaturi tas-sistemi ta' trasmissjoni indipendenti mis-sistema ta' produzzjoni li jikkooperaw flimkien biex jittrattaw kwistjonijiet ta' trasmissjoni b'mod effiċjenti. L-operaturi tas-sistemi ta' trasmissjoni minn kumpaniji integrati vertikalment għandhom it-tendenza li jiffavorixxu l-kumpaniji assoċjati u ma jagħtux biżżejjed informazzjoni lill-kompetituri l-ġodda. Ir-riżultat ta' l-investiment li jsir fi ħdan kumpaniji integrati ħafna ftit li xejn iħalli effetti pożittivi billi l-kumpanija dominanti m'għandha l-ebda interess li ttejjeb in-netwerk għax dan jibbenefika prinċipalment lill-kompetituri tagħha. Is-separazzjoni formali u sostanzjali ta' l-operaturi tat-trasmissjoni tipprovdi l-istess garanziji ta' aċċess għan-netwerk lill-impriżi ta' trasmissjoni kollha u b'hekk tippermetti t-titjib teknoloġiku neċessarju li jassigura tħaddim aktar effiċjenti u, finalment, prezzijiet aktar baxxi għall-utenti.

7.5 Il-ħolqien ta' trasparenza akbar u jiġi ffaċilitat l-aċċess għas-suq biex tiżdied il-likwidità tas-swieq ta' l-elettriku u l-gass. Teżisti nuqqas ta' informazzjoni dwar l-affidabilità fis-suq (bejn il-partijiet involuti fil-katina). L-iżbilanċ fl-informazzjoni bejn il-kumpaniji stabbiliti u l-kompetituri tagħhom huwa evidenti. Aktar trasparenza tnaqqas ir-riskji tad-dħul għall-partijiet ġodda fis-suq, tnaqqas il-barrieri u tkabbar il-fiduċja fis-swieq bl-ingrossa u fis-sinjali tal-prezzijiet. Fi kwalunkwe każ, jeħtieġ li tiġi assigurata ċerta uniformità/korrispondenza fl-informazzjoni, sabiex, mingħajr ma qatt tiġi injorata l-importanza tal-kunfidenzjalità strateġika/kummerċjali korporattiva, ma jkunx hemm lok għal interpretazzjonijiet inkonsistenti li jipperikolaw it-trasparenza ġenwina tas-suq.

7.6 L-operaturi tas-suq kollha jingħataw aċċess għall-informazzjoni bil-għan li titrawwem fiduċja u li s-suq ikun jista' jiżviluppa sew. Bosta operaturi ftit għandhom fiduċja fil-mekkaniżmu li bih jiġu ffurmati l-prezzijiet. Il-kuntratti dwar l-importazzjoni tal-gass jiġu konklużi fuq il-bażi ta' l-indiċi tal-prezzijiet derivati minn baskett ta' prodotti ġejjin miż-żejt, u għalhekk il-prezzijiet isegwu b'mod rigoruż ix-xejriet fis-suq taż-żejt. Din ir-relazzjoni hija riflessa fil-prezzijiet bl-ingrossa, li ma jiġux iffurmati permezz tal-mekkaniżmu tal-forniment u d-domanda tas-suq, għad-dannu tas-sigurtà tal-provvista. Rigward il-kuntratti fit-tul dwar l-importazzjoni, m'hemm ebda xejriet ċari favur mekkaniżmi ta' formazzjoni tal-prezz ibbażati fuq id-dinamiċi tas-suq.

7.7 Jiġu stabbiliti rekwiżiti dettaljati biex tkun assigurata t-trasparenza fil-produzzjoni ta' l-elettriku u l-gass. Jeħtieġ li d-domanda u l-provvista jibdew jitbassru fil-qosor u b'mod preċiż. Dawn hua r-rekwiżiti li jridu jintlaħqu mill-produtturi ta' l-elettriku; għal dan il-għan jeħtieġ li r-regolaturi nazzjonali jingħataw aktar poter.

7.8 Jiġu stabbiliti swieq tad-derivattivi. Id-derivattivi m'humiex biss mezz effettiv tal-ġestjoni tar-riskji fil-prezzijiet iżda huma wkoll strument naturali għall-iżvilupp tas-swieq ta' l-elettriku u l-gass. Għalkemm is-swieq ta' l-elettriku ilhom ftit li bdew jinnegozjaw kuntratti dwar id-derivattivi b'mod dirett jew indirett u diġà saru xi passi lejn l-uniformità, xorta għad baqa' ħafna xi jsir b'mod speċjali għaliex għadhom jeżistu differenzi ċari fis-suq tal-gass naturali Ewropew. Fil-fatt, filwaqt li jeżisti livell relattivament għoli ta' liberalizzazzjoni f'xi swieq (eż. r-Renju Unit), f'pajjiżi oħra lanqas biss hemm suq kontanti għall-gass naturali (eż. l-Italja).

7.9 Regolazzjoni ta' l-istallazzjonijiet ta' ħażna sabiex jiġi żgurat li l-ħażna kollha disponibbli għal terzi persuni tiġi offruta lis-suq b'mod trasparenti mhux b'mod diskriminatorju li jimpedixxi l-ħażna tal-kapaċità.

7.10 Kriterji pubbliċi u ċari li jistabbilixxu meta u kif l-aċċess tat-terzi persuni japplika għall-kapaċità ta' ħażna li tiġi offruta lis-suq.

7.11 Definizzjoni ta' regoli dettaljati u trasparenti dwar l-aċċess għall-istallazzjonijiet ta' l-LNG li jippermettu l-identifikazzjoni ta' l-infrastruttura eżentata. Iridu jiġu stabbiliti regoli għall-implimentazzjoni tal-proċedura ta' l-"istaġun miftuħ". Fil-fatt, l-introduzzjoni ta' din il-proċedura, li tipprovdi għal mekkaniżmu li jippermetti li l-ewwel tinħażen il-kapaċità imbagħad tinbena, tista' ma tkunx suffiċjenti sabiex tiggarantixxi aċċess akbar għall-operaturi. Dan ġej mill-fatt li l-allokazzjoni ewlenija tal-kapaċità ta' trasport fuq in-netwerk nazzjonali tat-trasport fi kwalunkwe każ trid tingħata lill-kumpanija li tagħmel il-pipelines tal-gass jew lill-istallazzjoni ta' l-LNG li jkun id-detentur ta' l-eżenzjoni.

Barra minn hekk, il-proċedura biex jiġu allokati l-20 % li jifdal tal-kapaċità tista' tkun ta' ostakolu għall-iżvilupp tal-kompetizzjoni fis-suq tal-provvista, għaliex tiffavorixxi lil dawk li jipprovaw jissaturaw dawn l-20 % b'kuntratti fit-tul għad-dannu kemm tas-swieq immedjati kif ukoll tal-flessibbiltà tal-forniment.

7.12 Jiġu identifikati ftehimiet bilaterali downstream fit-tul għall-forniment li jkunu konformi mal-liġi ta' l-UE dwar il-kompetizzjoni. Il-livell ta' kompetizzjoni fis-swieq bl-imnut huwa limitat ħafna. L-effett kumulattiv ta' kuntratti fit-tul, kuntratti miftuħa, kuntratti bi klawsoli ta' tiġdid taċiti u perijodi twal ta' terminazzjoni jistgħu jkunu ostakoli sostanzjali għall-kompetizzjoni. L-obbligi kuntrattwali li jorbtu lill-utenti finali industrijali u l-produtturi (kumpaniji stabbiliti) fuq perjodu twil ivarjaw minn pajjiż għall-ieħor. Madankollu, teżisti domanda dejjem akbar għal provvista aktar kompetittiva, mingħand kumpaniji differenti mill-kumpaniji stabbiliti; provvista pan-Ewropea hija nieqsa u jeħtieġ li tiġi kkunsidrata serjament. Il-livell attwali ta' kompetizzjoni fl-Istati Membri (l-Awstrija, il-Belġju) fejn il-konċentrazzjoni hija għolja, mhuwiex sodisfaċenti (ħemm ftit wisq fornituri). Ir-restrizzjonijiet fuq kif il-gass jista' jiġi pprovdut lill-konsumaturi, flimkien ma' prattiċi restrittivi tal-fornituri fil-postijiet ta' kunsinna, iqajmu bosta tħassib dwar il-kompetizzjoni.

7.13 Is-swieq bl-imnut ta' l-elettriku u l-gass jiġu mħeġġa jkomplu l-proċess tat-tneħħija tar-regolamenti. Huwa biss permezz ta' suq bl-imnut ġenwin li l-Ewropej jistgħu jgawdu mill-kompetizzjoni. Dan ifisser li jiddaħħlu regoli semplifikati dwar l-aċċess għas-suq sabiex il-produtturi u d-distributuri żgħar ikunu jistgħu jipparteċipaw u jiġu mħeġġa l-likwidità tas-suq u l-prezzijiet tas-suq aktar kompetittivi. L-assigurazzjoni tal-likwidità hija essenzjali sabiex tikber il-fiduċja ta' l-operaturi fil-formazzjoni tal-prezzijiet kemm fis-swieq ta' l-elettriku kif ukoll fil-hubs tal-gass, billi, b'mod speċjali fir-rigward ta' dawn ta' l-aħħar, tagħmilha possibbli li wieħed jinħall mir-rabtiet mal-prodotti.

7.14 Ir-rwol prinċipali li għandhom is-swieq ta' l-elettriku u l-gass li mhumiex regolati, sabiex iżidu l-kuxjenza pubblika u tan-negozju dwar il-konsum *intelliġenti* ta' l-enerġija li jippermetti tnaqqis fl-ispejjeż u l-monitoraġġ ta' l-emissjonijiet. Dan jinvolvi l-edukazzjoni tal-pubbliku dwar sorsi ta' l-enerġija disponibbli bħalissa u l-iżvilupp ta' sorsi alternattivi ta' l-enerġija (enerġija li tiġġedded) biex jifhmu l-importanza vitali ta' din il-komodità, fid-dawl ta' l-iskarsezza preżenti. Li toffri lill-utenti finali kuntratti li jistgħu jiġu adattati skond il-mudelli ta' konsum huwa essenzjali kemm f'termini ta' ffrankar ta' l-enerġija kif ukoll ta' l-ispejjeż li jġorru l-utenti finali.

7.15 Bħala l-utent finali responsabbli, il-pubbliku jrid jiġi infurmat ukoll dwar jekk l-istituzzjonijiet regolatorji jkunux qegħdin josservaw jew jabbużaw mir-regoli, sabiex huwa jkun jista' jinforza d-drittijiet tiegħu, anki permezz ta' l-assoċjazzjonijiet tal-konsumatur.

7.16 Ikun assigurat li t-talba tiġi sodisfatta anki fil-ħinijiet ta' l-akbar domanda. Fil-każ ta' l-elettriku, il-problemi jinqalgħu f'termini tal-kapaċità ta' produzzjoni u l-ħila tan-netwerk li jittrasporta l-enerġija; fil-każ tal-gass, irid ikun hemm kapaċità sufiċjenti ta' importazzjoni u ħażna. Fi kwalunkwe każ, huwa fatt magħruf sewwa li l-kapaċità ta' l-importazzjoni hija limitata, billi t-trasport tal-kapaċità huwa riservat minn kumpaniji stabbiliti b'kuntratti għal perijodi sa 20 sena jew aktar. Dan ifisser li proġetti ġodda u proġetti għar-ristrutturar/estensjoni ta' l-infrastruttura ta' l-elettriku u tal-gass naturali (pipelines tal-gass) jridu jipproċedu b'pass mgħaġġel kemm fuq il-livell Ewropew kif ukoll nazzjonali. L-impjanti ta' gassifikazzjoni mill-ġdid huma ta' importanza primarja: b'mod partikulari fil-Mediterran, huma jaqdu rwol ewlieni bħala kollegament mal-pajjiżi produtturi prinċipali (il-Libja, l-Alġerija).

7.17 Solidarjetà akbar: hemm bżonn li l-pajjiżi ta' l-UE jippromovu, kemm fuq livell reġjonali kif ukoll bilaterali, ftehimiet ta' kooperazzjoni li jipprovdu għal assistenza u kooperazzjoni reċiproka meta Stat Membru ta' l-UE jsib ruħu f'defiċit ta' l-enerġija li jirriżulta minħabba ċirkustanzi li ma kienx direttament responsabbli għalihom.

Brussell, it-22 ta' April 2008

Il-President
tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew
Dimitris DIMITRIADIS

Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar il-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali u lill-Kumitat tar-Reġjuni — Politika Marittima Integrata għall-Unjoni Ewropea

COM(2007) 575 finali

(2008/C 211/07)

Nhar l-10 ta' Ottubru 2007, il-Kummissjoni Ewropea ddeċidiet, b'konformità ma' l-Artikolu 262 tat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, li tikkonsulta lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar

Il-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Kunsilll, lill-Parlament Ewropew, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni dwar Politika Marittima Integrata għall-Unjoni Ewropea.

Is-Sezzjoni Speċjalizzata għat-Trasport, l-Enerġija, l-Infrastruttra u s-Soċjetà ta' l-Informazzjoni, inkarigata sabiex tipprepara l-ħidma tal-Kumitat dwar is-suġġett, adottat l-opinjoni tagħha nhar l-4 ta' April 2008. Ir-rapporteur kienet Dr. Bredima u l-ko-rapporteur kien is-Sur Chagas.

Matul l-444 sessjoni plenarja tiegħu li nżammet fit-22 u t-23 ta' April 2008 (seduta tat-22 ta' April), il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew adotta din l-opinjoni b'152 vot favur u 4 astensjonijiet.

1. **Konklużjonijiet u Rakkomandazzjonijiet**

1.1 Il-KESE japprezza l-proċess ta' konsultazzjoni uniku li twettaq dwar il-Green Paper *Lejn politika marittima tal-ġejjieni għall-Unjoni: viżjoni Ewropea għall-oċeani u l-ibħra* u kkontribwixxa b'mod attiv bl-opinjoni rilevanti tiegħu u l-parteċipazzjoni f'żewġ konferenzi ([1]).

1.2 Il-Komunikazzjoni tenfasizza l-importanza tal-fattur uman fil-cluster marittimu. Il-KESE bi pjaċir jilqa' l-ftehim milħuq bejn l-imsieħba soċjali (l-ETF u l-ECSA ([2])) sabiex jiġu inkorporati d-dispożizzjonijeit tal-Konvenzjoni dwar ix-Xogħol Marittimu ta' l-ILO ([3]) (2006) fil-liġi Komunitarja. Huwa jixtieq jara l-implimentazzjoni dinjija ta' l-istandards tax-xogħol marittimu li jassiguraw sitwazzjoni bl-istess kondizzjonijiet għall-baħħara kollha b'konformità mal-Konvenzjoni mill-iktar fis possibbli. Huwa importanti wkoll li l-Istati Membri jirratifikaw l-istrumenti internazzjonali fir-rigward tas-settur tas-sajd inkluż il-Konvenzjoni għax-Xogħol tas-Sajd 2007 ta' l-ILO.

1.3 Il-KESE japprova r-reviżjoni ta' l-esklużjonijiet, li jolqtu lill-baħħara u lis-sajjieda, mil-leġislazzjoni tax-xogħol ta' l-UE b'kooperazzjoni stretta ma' l-imsieħba soċjali, u jeħtieġ kjarifika dwar iċ-ċertifikat ta' l-Eċċellenza Marittima. Għandha tiġi kkunsidrata l-fattibbiltà li ċertifikat ta' eċċellenza marittima jsir obbligatorju għas-servizzi tal-laneċ fl-UE u jkun volontarju għal servizzi oħrajn.

1.4 L-Università fuq l-ilma (floating University) tipprovdi esperjenza tal-baħar għall-istudenti li jieħdu sehem fil-vjaġġ tagħha. L-idea ta' campus fuq l-ilma li jbaħħar fl-oċeani tikkonforma mat-tendenzi iktar ġenerali u għandha tiġi esplorata iktar mill-Kummissjoni fil-kuntest li tiġbed studenti ta' kwalità sabiex isegwu karriera marittima ([4]). L-istil ta' ħajja tal-baħħara għandu jiġi indirizzat u investigat minnufih mill-imsieħba soċjali ta' l-UE.

1.5 Meta tittratta l-inċidenti marittimi, il-politika futura ta' l-UE għandha titmexxa mill-konsiderazzjonijiet li ġejjin:

— L-istati mal-kosta għandhom jassumu posthom fil-katina tar-responsabbiltà għas-sigurtà marittima u l-protezzjoni ambjentali. Dan ser jeħtieġ regolamenti tar-reġistri tal-bastimenti iktar stretti, netwerk għall-viġilanza u l-assistenza li jiffunzjona megħjun minn tracking bis-satellita u l-patrols tal-baħar u l-ajru mgħammra kif suppost.

— Il-prevenzjoni ta' inċidenti marittimi serji m'għandhiex issir bi preġudizzju kontra l-fattur uman, billi tagħti responsabbiltajiet mhux xierqa lill-baħħara. Għandha tkun ibbażata fuq sistema integrata li tnaqqas il-possibbiltà ta' l-iżball uman (tal-kaptan u l-ekwipaġġ) permezz ta' strumenti elettroniċi moderni għas-sigurtà u t-tfittxija għal disinn u tgħammir imtejjeb abbord. Barraminhekk, sistema legali marittima għandha tqassam b'mod ġust u ċar ir-responsabbiltajiet bejn il-professjonijiet tal-baħħara, is-sorveljanza tal-kosta, is-sidien tal-bastimenti, ir-reġistri tal-bastimenti u l-awtoritajiet marittimi.

1.6 Il-KESE jtenni li l-industrija tat-tbaħħir tuża żejt tal-bunkers ta' livell baxx minħabba li m'hemmx kwalità aħjar disponibbli mir-raffineriji. Huwa jappoġġja l-inizjattivi fuq bażi globali li jindirizzaw il-kwalità tal-bunkers sabiex isir avvanz fil-kwistjoni ta' l-emissjonijiet ta' l-arja mill-bastimenti.

1.7 Il-Komunikazzjoni u l-Pjan ta' Azzjoni jinjoraw is-sehem importanti tat-tniġġis ta' l-ibħra miż-żejt minħabba l-attivitajiet ta' dgħajjes tad-divertiment, speċjalment fil-kuntest tas-sensitittività ta' l-istati tal-kosta fejn dawn id-dgħajjes jitħaddmu l-iktar ([5]). Barraminhekk, il-problemi msemmija hawn fuq huma aggravati mill-attivitajiet tal-bastimenti militari — li huma esklużi mill-kamp ta' applikazzjoni tar-regoli ta' l-UE.

([1]) ĠU C 168, 20.7.2007, p. 50-56.
([2]) ETF: European Transport Workers Federation, ECSA: European Community Shipowners' Associations.
([3]) ILO: International Labour Organisation (l-Organizzazzjoni Dinjija tax-Xogħol).
([4]) *The Economist*, 1.9.2007.
([5]) IMO/FAO/UNESCO-IOC/WMO/WHO/IAEA/UN/UNEP Grupp Konġunt ta' Esperti dwar l-Aspetti Xjentifiċi tal-Protezzjoni Marittima Ambjentali — GESAMP.

1.8 Il-kontaminazzjoni tax-xmajjar u l-ibħra (il-Baħar Baltiku u l-Baħar l-Iswed) minn sorsi bbażati fuq l-art hija kwistjoni fejn l-isforzi ta' l-UE għandhom jissaħħu. Għal raġunijiet ta' espedjenza politika, dawn il-problemi għandhom jiġu indirizzati f'livell multilaterali iktar milli bilaterali.

1.9 L-UE għandha taqdi rwol ewlieni fil-livell internazzjonali fir-rigward ta' l-indirizzar tal-kwistjonijiet ambjentali. Hemm skop għal kooperazzjoni u koordinazzjoni msaħħa tal-pożizzjonijiet ta' l-Istati Membri fil-kuntest ta' organizzazzjonijiet internazzjonali mingħajr ma tkun mhedda l-parteċipazzjoni individwali tagħhom. Il-kontribut espert ta' l-Istati Membri ta' l-UE fl-organizzazzjonijiet internazzjonali għandu reputazzjoni tajba u dan m'għandux jiġi mfixkel iżda jittejjeb.

1.10 Fir-rigward tat-"Territorju ta' Trasport Marittimu Ewropew" mingħajr ostakoli, il-KESE jagħraf il-vantaġġ li ġie kkonfermat bħala żona marittima virtwali. B'konformità mal-fehmiet tal-KESE, il-Komunikazzjoni tenfasizza li l-kunċett għandu jirrigwarda biss is-semplifikazzjoni ta' formalitajiet amministrattivi u tad-dwana u l-iffaċilitar tal-kummerċ fil-kuntest tas-suq uniku ta' l-UE.

1.11 Il-KESE japprova l-messaġġ simboliku tal-Komunikazzjoni li l-Ewropa kienet u għadha nazzjon marittimu. Madankollu, għadu qed jistenna li miżuri konkreti jwettquh.

1.12 Il-KESE jtenni r-rwol li jista' jaqdi fl-implimentazzjoni tat-tfassil tal-politika marittima inkluż l-ippjanar spazjali, il-promozzjoni ta' l-identità marittima ta' l-UE u l-wirt kulturali marittimu u fis-sensibilizzazzjoni ta' l-opinjoni pubblika Ewropea dwar it-tiswin globali.

1.13 Il-KESE japprova l-proposti li jirrigwardaw in-netwerk Ewropew għas-sorveljanza marittima u l-kooperazzjoni mtejba bejn il-gwardji tal-kosta ta' l-Istati Membri. Miżuri bħal dawn jippromovu s-sigurtà u s-sikurezza marittima, il-kontroll tas-sajd u l-kontroll tal-fruntieri esterni u jħarsu l-ambjent tal-baħar.

Il-KESE jtenni li approċċ ikkoordinat fir-rigward tal-ftehim bilaterali ta' l-imbark tal-bastimenti ma' pajjiżi terzi huwa mixtieq sabiex jittejbu l-konsiderazzjonijiet tas-sigurtà. Iħeġġeġ ukoll l-azzjoni mill-UE dwar il-proliferazzjoni ta' inċidenti ta' serq armat u l-piraterija fil-baħar tal-bastimenti fix-Xlokk ta' l-Ażja u fl-Afrika.

2. **Introduzzjoni**

2.1 Din il-Komunikazzjoni dwar Politika Marittima Integrata għall-UE u l-Pjan ta' Azzjoni mehmuż, li jipprovdu l-elaborazzjoni addizzjonali ta' 29 azzjoni speċifika, jikkunsidraw l-opinjonijiet imressqa mill-istituzzjonijiet ta' l-UE kif ukoll il-partijiet interessati dwar il-Green Paper rilevanti.

2.2 Iċ-ċiklu mingħajr preċedent ta' konsultazzjonijiet imnedija mill-Green Paper, ġie fi tmiemu b'kunsens wiesa' dwar il-bżonn ta' approċċ olistiku, integrat, transsettorjali u strateġiku fir-rigward ta' l-oċeani. Ir-raġunament li jwassal biex il-frammentazzjoni, li kultant ġabet konsegwenzi mhux previsti, tinbidel ma' viżjoni wiesgħa jisthoqqlu l-appoġġ.

2.3 Il-KESE japprova l-messaġġ simboliku tal-Komunikazzjoni li l-Ewropa kienet u għadha nazzjon marittimu. Id-29 miżura tal-Pjan ta' Azzjoni huma kollha approvati (soġġetti għal kummenti speċifiċi) iżda m'humiex biżżejjed.

3. **Osservazzjonijiet ġenerali**

3.1 *Aspetti ambjentali*

3.1.1 Il-KESE jabbina ħafna importanza maż-żamma ta' l-integrità ta' l-ambjent tal-baħar u l-assigurazzjoni li l-medda sħiħa ta' l-attivitajiet umani li jolqtuha ma jirriżultawx fid-degradazzjoni progressiva tagħha.

3.1.2 Il-KESE jilqa' l-pjanijiet tal-Kummissjoni li jenfasizzaw iż-żieda fl-effikaċja fil-kooperazzjoni internazzjonali, it-tisħiħ ta' l-integrazzjoni tal-politika, l-implimentazzjoni tal-leġislazzjoni attwali u t-tħeġġiġ tat-teknoloġiji ambjentali (is-Sitt Programm ta' Azzjoni Komunitarja għall-Ambjent — 6EAP). Għandha ssir enfasi fuq l-implimentazzjoni tal-Konvenzjoni għall-Prevenzjoni tat-Tniġġis tal-Baħar minn Sorsi bbażati fuq l-art ([6]).

3.1.3 L-akkumulazzjoni ta' CO_2 u gassijiet oħra b'effett ta' serra fl-atmosfera li jinħolqu minn emissjonijiet eċċessivi diġà qiegħda twassal għal assorbiment ogħla ta' CO_2 fl-oċeani, u dan il-proċess huwa mistenni li jkompli. L-aċidità li tirriżulta fl-oċeani għandha mnejn tikkawża tensjoni li tikber fl-ambjent tal-baħar. Ir-riċerka dwar dawn l-impatti fuq il-baħar għandha tespandi iktar flimkien mar-riċerka dwar l-iżvilupp ta' metodi favur l-ambjent għall-assorbiment mill-ġdid tas-CO_2. Barraminhekk, ir-riżorsi ta' l-enerġija tal-baħar ser ikunu importanti fid-diversifikazzjoni tal-provvista ta' l-enerġija ta' l-Ewropa.

3.1.4 Il-Komunikazzjoni tinjora s-sehem importanti tat-tniġġis ta' l-ibħra u x-xmajjar miż-żejt minħabba l-attivitajiet tad-dgħajjes ta' divertiment, speċjalment fil-kuntest tas-sensitittività ta' l-istati tal-kosta fejn dawn id-dgħajjes l-iktar li jitħaddmu ([7]). Il-problemi msemmija hawn fuq huma aggravati mill-attivitajiet tal-bastimenti militari — li huma eskluži mill-kamp ta' applikazzjoni tar-regoli ta' l-UE — li huma dejjem aktar ta' detriment għall-ambjent u għat-turiżmu.

([6]) Pariġi, 4.6.1974 kif inhu emendat mill-Protokoll tas-26.3.1986. Din il-konvenzjoni ġiet sostitwita mill-Konvenzjoni għall-Protezzjoni ta' l-Ambjent tal-Baħar tal-Grigal ta' l-Atlantiku (OSPAR), li ġie adottat f'Pariġi f'Settembru 1992 u daħal fis-seħħ f'Marzu 1998.

([7]) IMO/FAO/UNESCO-IOC/WMO/WHO/IAEA/UN/UNEP Grupp Konġunt ta' Esperti dwar l-Aspetti Xjentifiċi tal-Protezzjoni Marittima Ambjentali — GESAMP.

3.1.5 Il-KESE jtenni li l-industrija tat-tbaħħir tuża żejt tal-bunkers ta' livell baxx minħabba li m'hemmx kwalità aħjar disponibbli mir-raffineriji. Huwa jappoġġja l-inizjattivi fuq bażi globali li jindirizzaw il-kwalità tal-bunkers ([8]) sabiex isir avvanz fil-kwistjoni ta' l-emissjonijiet fl-arja mill-bastimenti.

3.1.6 It-tniġġis tal-baħar u l-arja mis-sorsi kollha jiddeterjoraw l-ambjent tal-baħar b'riperkussjonijiet fuq is-saħħa, is-soċjetà u l-ekonomija. Tnedew miżuri suffiċjenti li jikkontrollaw u jtaffu t-tniġġis fil-baħar mill-bastimenti, inklużi l-penali lin-niġġiesa, u dawn għandhom jiġu infurzati b'mod rigoruż. Madankollu, għad m'hemmx qafas simili li jindirizza t-tniġġis ta' l-ibħra u x-xmajjar minn sorsi oħra (eż. attivitajiet industrijali, urbani, agrikoli, u l-pestiċidi). Il-KESE jinsab imħasseb li jekk ma titteħidx azzjoni komprensiva u effettiva, tkun mhedda s-saħħa tat-turiżmu tal-kosta u tal-baħar, l-ikbar industrija ta' l-Ewropa relatata mal-baħar. Azzjoni bħal din tgħin ukoll fiż-żamma tad-daqs u d-diversità tal-ħajja fl-ambjent tal-baħar, inkluż l-istokkijiet tal-ħut.

3.1.7 Il-KESE jenfasizza l-bżonn li jiġi negozjat ftehim bilaterali bejn l-UE u l-pajjiżi tan-naħa t'isfel tal-Mediterran skond il-Pjanijiet ta' Azzjoni Annwali tal-Politika tal-Viċinat. Il-ftehim jassigura li l-pajjiżi terzi kkonċernati jaqsmu r-responsabbiltà ma' l-Istati Membri ta' l-UE li jżommu l-ibħra nodfa billi jikkontrollaw l-emissjonijiet ta' l-arja u r-rimi ta' l-iskart fix-xmajjar tagħhom (eż. id-Delta tan-Nil). L-għan aħħari għandu jkun il-preservazzjoni tal-wirt komuni tal-Baħar Mediterran.

3.2 *Aspetti soċjali*

3.2.1 Il-Komunikazzjoni tenfasizza l-importanza tal-fattur uman fil-cluster marittimu. Fit-tfittxija għall-bilanċ ġust bejn id-dimensjonijiet ekonomiċi, soċjali u ambjentali tal-politika marittima fil-Pjan ta' Azzjoni għandha tingħata l-attenzjoni mistħoqqa lid-dimensjoni soċjali.

3.2.2 Il-KESE bi pjaċir jilqa' l-ftehim milħuq bejn l-imsieħba soċjali (l-ETF u l-ECSA) sabiex jiġu inkorporati ċerti dispożizzjonijeit tal-Konvenzjoni dwar ix-Xogħol Marittimu ta' l-ILO (2006) fil-liġi Komunitarja. Mill-iktar fis possibbli, huwa jixtieq jara l-implimentazzjoni dinjija ta' l-istandards tax-xogħol marittimu li tassigura sitwazzjoni bl-istess kondizzjonijiet għall-baħħara kollha b'konformità mal-Konvenzjoni. Huwa importanti wkoll li l-Istati Membri jirratifikaw l-istrumenti internazzjonali fir-rigward tas-settur tas-sajd inkluż il-Konvenzjoni għax-Xogħol tas-Sajd 2007 ta' l-ILO.

3.2.3 Fir-rigward ta' l-iżvilupp ta' Pjan ta' Azzjoni dwar il-kwalifiki tal-baħħara ta' l-UE, il-KESE jiġbed l-attenzjoni għar-reviżjoni tal-Konvenzjoni ta' l-IMO STCW ([9]) li tiggverna t-taħriġ globali u l-istandards taċ-ċertifikazzjoni. Kull proposta ta' l-UE għandha tkun konsistenti mas-sistema ta' l-IMO/ILO.

([8]) Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar "*It-Taħlita Enerġetika fit-Trasport*", (TEN 305) CESE 269/2008, 13.2.2008.

([9]) IMO: *International Maritime Organisation* STCW: *Standards of Training Certification and Watchkeeping of Seafarers*.

3.2.4 Il-KESE japprova r-reviżjoni ta' l-esklużjonijiet tal-baħħara/is-sajjieda mil-leġislazzjoni tax-xogħol ta' l-UE b'kooperazzjoni stretta ma' l-imsieħba soċjali, u jeħtieġ kjarfika dwar iċ-ċertifikat ta' l-Eċċellenza Marittima. Għandha tiġi kkunsidrata l-fattibbiltà li ċertifikat ta' eċċellenza marittima jsir obbligatorju għas-servizzi tal-laneċ fl-UE u li jkun volontarju għal servizzi oħrajn.

3.2.5 Il-promozzjoni ta' karrieri tat-tbaħħir tista' tkun effettiva biss jekk jingħataw riżorsi għal standards ogħla ta' kwalità, u b'hekk il-vantaġġi kompetittivi tal-baħħara ta' l-UE jittejbu fuq il-bażi ta' kwalità iktar milli fuq l-ispejjeż.

3.2.6 L-iskarsezza globali ta' baħħara kwalifikati li qed tiżdied iġġib magħha konsegwenzi allarmanti għall-infrastruttura tassigurtà tal-baħar u ser tiżdied jekk ma jkunx hemm sforzi bi ftehim mill-UE u mill-Istati Membri sabiex tiġi indirizzata din il-problema. Minġħajr provvista bħal din, l-Ewropa ser tkun dejjem aktar nieqsa mill-għerf u l-esperjenza meħtieġa għal attivitajiet marittimi marbutin mas-sigurtà (l-ispezzjoni tal-bastimenti, is-*surveying*, il-liġi, l-assigurazzjoni, is-servizzi ta' traffiku marittimu, is-salvataġġ, il-gwardji tal-kosta u l-pilotaġġ). Barraminhekk, il-clusters marittimi jistgħu jirrilokaw f'reġjuni oħrajn. Azzjonijiet kontinwi wrew li ma kienux suffiċjenti u l-KESE jiddeplora l-fatt li l-Kummissjoni m'għandha l-ebda intenzjoni tindirizza l-kwistjoni qabel tmiem l-2009.

3.2.7 Il-KESE huwa allarmat bir-rata għolja ta' studenti li jitilqu kmienu mill-kulleġġi nawtiċi f'ċerti Stati Membri u t-tluq bikri mill-karriera tat-tbaħħir minn dawk li jkunu diġà bdew il-professjoni. Sakemm ma tingħatax attenzjoni immedjata lill-kriżi attwali fil-vokazzjoni marittima ta' l-UE, din tista' tkun mhedda serjament; għandhom jinstabu soluzzjonijiet f' kuntest olisitiku sabiex il-professjoni tat-tbaħħir issir iktar attraenti. L-eżerċizzju ta' l-opportunitajiet għall-ippjanar tal-karriera li diġà qiegħed jitwettaq mill-imsieħba soċjali (l-ECSA u l-ETF) għandhom jiġu żviluppati aktar. Il-"ġibda" għall-professjoni tat-tbaħħir għandha tkun abbinata mal-miżuri għaż-"żamma" tagħhom.

3.2.8 L-Università fuq l-ilma tipprovdi esperjenza tal-baħar għall-istudenti li jieħdu sehem fil-vjaġġ tagħha. L-idea ta' campus fuq l-ilma li jbaħħar fl-oċeani jisthoqqilha li tiġi esplorata mill-Kummissjoni Ewropea bil-għan li tiġbed studenti ta' kwalità sabiex isegwu karriera marittima. Bl-istess mod, fil-portijiet il-kbar Ewropej jistgħu jinħolqu skejjel tat-tip "Harbour school" ([10]) fejn it-tfal tal-primarja — u eventwalment tas-sekondarja — jitgħallmu s-suġġetti kollha b'mod li dawn ikunu marbutin ma' l-għarfien dwar l-ambjent tal-baħar u tal-vapuri, kif ukoll l-elementi bażiċi tan-navigazzjoni; dan isir fuq l-art, billi jkun iżjed sempliċi, iżda qrib tal-baħar.

([10]) Ara: "New York Harbor School", http://www.newyorkharborschool.org.

3.2.9 Il-KESE jitlob lill-Kummissjoni sabiex teżamina l-aħjar prattiki eżistenti fl-Istati Membri fil-livell ta' l-edukazzjoni sekondarja fir-rigward ta' l-attraenza ta' karrieri futuri fit-tbaħħir.

3.2.10 Meta tittratta l-inċidenti marittimi, il-politika futura ta' l-UE għandha titmexxa mill-konsiderazzjonijiet li ġejjin:

— L-istati mal-kosta għandhom jassumu posthom fil-katina tar-responsabbiltà għas-sigurtà marittima u l-protezzjoni ambjentali. Dan ser jeħtieġ regolamenti tar-reġistri tal-bastimenti iktar stretti, netwerk għall-viġilanza u l-assistenza li jiffunzjona meġħjun minn tracking bis-satellita u l-patrols tal-baħar u l-ajru mgħammra kif suppost.

— Il-prevenzjoni ta' inċidenti marittimi serji m'għandhiex issir bi preġudizzju kontra l-fattur uman, billi tagħti responsabbiltajiet mhux xierqa lill-baħħara. Din għandha tkun ibbażata fuq sistema integrata li tnaqqas il-possibbiltà ta' l-iżball uman (tal-kaptan u l-ekwipaġġ) permezz ta' strumenti elettroniċi moderni għas-sigurtà u t-tfittxija għal disin u tgħammir imtejjeb abbord. Is-sistema legali marittima għandha tqassam b'mod ġust u ċar ir-responsabbiltajiet bejn il-professjonijiet tal-baħħara, is-sorveljanza tal-kosta, is-sidien tal-bastimenti, ir-reġistri tal-bastimenti u l-awtoritajiet marittimi.

3.2.11 Il-baħħara jistgħu jaqdu dmirijiet li jmorru lilhinn mill-ambitu tad-dmirijiet normali tagħhom taħt kondizzjonijiet tat-temp li jkunu perikoluż immens. Kif qal is-Segretarju Ġenerali ta' l-IMO: in-natura elementali ta' l-ambjent tax-xogħol kultant tqieġħed lill-baħħara professjonali f'sitwazzjonijiet li għalihom jista' jkun hemm ftit li xejn tħejjija xierqa. Kif iwieġbu huwa test ta' kuraġġ ġenwin — li jixraqlu l-għarfien u r-rikonoxximent ([11]). Il-Kummissjoni hija mistiedna tikkunsidra l-punti msemmija hawn fuq meta tipproponi miżuri addizzjonali għall-indirizzar ta' inċidenti marittimi.

3.3 *Kwistjonijiet ekonomiċi*

3.3.1 Il-Komunikazzjoni futura dwar il-Politika tat-Trasport Marittimu ta' l-UE (2008-2018) għandha toħloq qafas adattat li jiġbed l-investimenti lejn it-tbaħħir u jikkontribwixxi lejn it-titjib fit-tmexxija globali tat-tbaħħir Ewropew u tar-rwol katalista tiegħu għall-cluster marittimu.

3.3.2 Il-KESE jilqa' r-rikonoxximent tal-Kummissjoni għan-neċessità ta' regoli globali għal industrija globali, l-importanza tar-regolamentazzjoni marittima internazzjonali u l-appoġġ għas-sejba ta' soluzzjonijiet għall-isfidi regolatorji f'korpi internazzjonali (bħall-IMO). Filfatt, il-karattru globali tat-tbaħħir, is-suq tax-xogħol globali li fih jopera t-tbaħħir u l-pożizzjoni kompetittiva tat-tbaħħir Ewropew fis-suq globali huma temi li għandhom jiġu kkunsidrati.

3.3.3 Għandu jiġi mtenni l-bżonn għal titjib fl-effiċjenza tal-kapaċità eżistenti tal-portijiet u s-servizzi u għal kapaċità ikbar tal-portijiet u l-konnessjonijiet aħjar fuq l-art.

3.3.4 Il-KESE jinnota li s-suġġerimenti tiegħu tqiesu fir-rigward tat-titjib tar-ratifika tal-Konvenzjonijiet ta' l-IMO mill-Istati Membri ta' l-UE kif ukoll fuq livell internazzjonali, u s-suġġerimenti fir-rigward ta' l-iżvilupp tal-portijiet, it-tnaqqis tal-livelli tat-tniġġis fl-arja mil-bastimenti, il-ħolqien ta' clusters multi-settorjali u ta' netwerk Ewropew ta' clusters marittimi. Irrwol essenzjali tat-tbaħħir Ewropew għall-kummerċ Ewropew u internazzjonali u għall-ħajja ta' kuljum taċ-ċittadini Ewropej ġie rikonoxxut ukoll.

3.3.5 Fir-rigward tat-"Territorju ta' Trasport Marittimu Ewropew mingħajr ostakoli" b'konformità mal-fehmiet tal-KESE ([12]), il-Komunikazzjoni tenfasizza li l-kunċett għandu jirrigwarda biss il-ħolqien ta' territorju marittimu virtwali li fih ikun hemm semplifikazzjoni ta' formalitajiet amministrattivi u tad-dwana u l-iffaċilitar tal-kummerċ fil-kuntest tas-suq uniku ta' l-UE. Il-KESE jieħu nota tal-konsultazzjoni mnedija mill-Kummissjoni bil-għan li jiġu deċiżi proposti potenzjali addizzjonali għall-implimentazzjoni effiċjenti tal-kunċett.

3.3.6 Il-KESE jemmen li hemm skop għal kooperazzjoni/koordinazzjoni msaħħa ta' l-Istati Membri ta' l-UE f'organizzazzjonijiet internazzjonali mingħajr ma tiġi mhedda l-parteċipazzjoni individwali tagħhom. Il-kontribut ta' l-esperti ta' l-Istati Membri ta' l-UE fl-organizzazzjonijiet internazzjonali għandu reputazzjoni tajba u dan m'għandux jiġi mfixkel iżda jittejjeb.

3.3.7 Il-KESE jappoġġja l-għan li l-UE turi l-qawwa tagħha fir-rigward ta' pajjiżi terzi bil-għan li jitħeġġu sabiex jinfurzaw u jirratifikaw diversi Konvenzjonijiet marittimi internazzjonali importanti. Il-kontroll statali tal-portijiet Ewropej għandu jispezzjona l-konformità ta' bastimenti, kemm mill-UE kif ukoll minn pajjiżi terzi, ma' l-istandards internazzjonali ambjentali u soċjali.

4. **Kummenti speċifiċi**

4.1 *Reġjuni tal-kosta u ġżejjer*

4.1.1 Huwa ta' sodisfazzjon li ġew aċċettati l-proposti tal-KESE dwar il-promozzjoni tat-turiżmu tal-kosta u l-bażi tad-data dwar il-fondi ta' l-UE għar-reġjuni tal-kosta. Il-ġżejjer għandhom jitqieġħdu fil-qalba tat-tħassib ta' l-UE permezz ta' dawn il-miżuri:

— tittejjeb l-infrastruttura tal-ġżejjer sabiex jitħeġġeġ it-turiżmu tal-baħar;

([11]) Il-Premju ta' l-IMO għal Kuraġġ eċċezzjonali fuq il-Baħar 19.11.2007.

([12]) Opinjoni dwar "Il-Green Paper: Lejn Politika Marittima ta' l-Unjoni għall-ġejjieni: Viżjoni Ewropea għall-Oċeani u l-Ibħra" COM (2006) 275 , ĠU C 168, 20.7.2007, p. 50-56; Opinjoni dwar "Politika komuni għall-portijiet ta' l-UE", ĠU C 168, 20.7.2007, p. 57-62; Opinjoni dwar "Ir-rotot fuq il-baħar fil-katina loġistika", TEN 297 CESE 1204/2007, 18.12.2007.

— jitwal il-perijodu turistiku għall-gżejjer permezz ta' attivitajiet kulturali u l-isport;

— tittejjeb il-komunikazzjoni bejn il-gżejjer/l-art kontinentali permezz ta' teknoloġija ġdida appoġġjata mill-fondi ta' l-UE;

— jiġu provduti impjanti ta' desalinizzazzjoni li jirrispettaw l-ekwilibriju ta' l-ambjent naturali sabiex tiġi indirizzata l-iskarsezza ta' l-ilma li ser issir waħda mill-isfidi ewlenin taż-żona Mediterranja minħabba l-bidla fil-klima.

4.2 *L-oċean Arktiku u r-relazzjonijiet mal-pajjiżi terzi*

4.2.1 Il-KESE jilqa': proposti fir-rigward ta' kooperazzjoni msaħħa fil-ġestjoni tal-Baħar l-Iswed u l-Baħar Mediterran, it-tkabbir u l-Politiki Ewropej tal-Viċinat u d-Dimensjoni tat-Tramuntana.

4.2.2 Madwar 20 %-30 % tar-riżervi dinjija ta' żejt li għadhom ma ġewx skoperti jinsabu taħt l-Oċean Arktiku. Minħabba l-bidla fil-klima, sa l-2015, ir-rotot tat-tbaħħir fl-Arktiku jistgħu jinfetħu għall-parti l-kbira tas-sena. Il-ftuħ tar-rotta ta' l-Arktiku huwa attraenti għal raġunijiet kemm ta' distanza kif ukoll ta' sigurtà: per eżempju, il-vjaġġ minn Shanghai sa Rotterdam bir-rotta Arktika huwa 1 000 mil iqsar milli bir-rotta tas-Suez. Rotot iqsar tat-tbaħħir jistgħu jwasslu għal tnaqqis sinifikattiv fil-konsum tal-karburanti u l-emissjonijiet. Il-KESE jinnota li — fil-kuntest tal-problemi legali u ambjentali numerużi li jinvolvu lil bosta pajjiżi — kjarifika tal-liġi internazzjonali dwar is-silġ fuq il-baħar ser issir imperattiva. F'dan il-kuntest, huwa jistenna b'interess ir-rapport imħabbar li għandu x'jaqsam ma' l-Oċean Arktiku li ser ikopri l-implikazzjonijiet ġeopolitiċi tal-bidla fil-klima. L-impatt ambjentali potenzjali ta' l-użu ta' bastimenti ġodda fl-Arktiku għandu jiġi studjat minn qabel.

4.3 *Is-sorveljanza marittima*

4.3.1 Il-KESE japprova l-proposti li jirrigwardaw in-netwerk Ewropew għas-sorveljanza marittima u l-kooperazzjoni mtejba bejn il-gwardji tal-kosta ta' l-Istati Membri. Miżuri bħal dawn jippromovu s-sigurtà u s-sikurezza marittima, il-kontroll tas-sajd u l-kontroll tal-fruntieri esterni u jħarsu l-ambjent tal-baħar.

4.4 *Kontaminazzjoni ta' l-ibħra u x-xmajjar*

4.4.1 Il-kontaminazzjoni ta' l-ibħra u x-xmajjar (il-Baħar Baltiku u l-Baħar l-Iswed) minn sorsi bbażati fuq l-art hija kwistjoni fejn l-isforzi ta' l-UE għandhom jissaħħu fil-Pjan ta' Azzjoni. Għal raġunijiet ta' espedjenza politika, il-problemi għandhom jiġu indirizzati f'livell multilaterali iktar milli bilaterali.

4.5 *Sajd*

4.5.1 Fil-kuntest tat-tnaqqis jew l-għejba allarmanti ta' l-ispeċi tal-baħar, il-KESE jisħaq fuq in-neċessità li r-riżorsi tas-sajd jiġu sfruttati b'mod razzjonali. Il-proposti dwar il-ġestjoni tas-sajd mexjin fid-direzzjoni t-tajba. Is-sajd huwa wieħed mill-iktar professjonijiet perikoluży, u hemm ħafna iktar xi jsir sabiex tiżdied il-kultura ta' sigurtà fost il-professjonisti. B'mod partikulari, hemm bżonn li jiġu indirizzati l-miżuri ta' sigurtà għall-bastimenti tas-sajd li huma inqas minn 24 metru (din hija diskrepanza fil-Konvenzjonijiet u d-Direttivi ta' l-UE eżistenti). Il-KESE jfakkar li l-preservazzjoni neċessarja ta' l-ispeċi għandha konsegwenzi soċjali li għandhom jiġu kkunsidrati bħala tali: fil-baħar l-impenn tas-sajjieda huwa ħafna drabi motivat min-nuqqas ta' riżorsi u għalhekk jissograw ħajjithom.

4.5.2 Il-perikoli fiżiċi u finanzjarji li jiffaċċja s-sajjied huma serji u jispjegaw in-nuqqas dejjem ikbar ta' ħaddiema li jħaddnu din il-professjoni. Il-proġetti u l-programmi ta' l-UE huma meħtieġa b'mod urġenti sabiex tiġi żviluppata t-teknoloġija tal-bastimenti tas-sajd. Fil-kuntest ta' l-iskambju ta' l-aħjar prattiki dwar il-ġibda tal-professjoni tas-sajjied, il-KESE jirrakkomanda d-disseminazzjoni mifruxa tal-"Manwal għall-prevenzjoni ta' inċidenti fil-baħar u s-sigurtà tas-sajjieda" li ġie ppubblikat dan l-aħħar mill-imsieħba soċjali Ewropej, Europêche, u l-ETF. Huwa importanti wkoll li l-Istati Membri jħaffu l-proċess ta' ratifika tal-Konvenzjoni għax-Xogħol tas-Sajd ta' l-ILO (Ġunju 2007). L-għan aħħari għandu jkun li l-attivitajiet tas-sajd isiru iktar sostenibbli u attraenti.

4.6 *Riċiklaġġ tal-bastimenti*

4.6.1 Fl-opinjoni reċenti tiegħu dwar *Il-Green Paper dwar żarmar aħjar tal-bastimenti COM(2007) 269*, il-KESE esprima tħassib dwar "nuqqas serju madwar id-dinja ta' faċilitajiet ta' żarmar li huma kompatibbli mal-prinċipji ta' sostenibilità ambjentali u soċjali … is-sitwazzjoni ser tiggrava minħabba fiż-żieda qawwija fin-numru ta' bastimenti li ser jispiċċaw mis-servizz fil-ftit snin li ġejjin wara li qiegħed jispiċċa fuq livell globali l-użu tat-tankers taż-żejt b'buq singolu" ([13]). It-tijib tal-faċilitajiet u l-kondizzjonijiet tax-xogħol fl-Asja t'Isfel (fejn isseħħ il-parti l-kbira tar-riċiklaġġ tal-bastimenti) għandu jogħla sa l-istandards li huma aċċettabbli fuq livell internazzjonali.

4.6.2 Il-KESE jappoġġja l-progress li sar fil-livell internazzjonali dwar iż-żarmar ta' bastimenti, li jkun għadda żmienhom, b'mod effiċjenti, sikur u sostenibbli mil-lat ambjentali. Il-prijorità hija l-konklużjoni ta' Konvenzjoni obbligatorja sa l-2008/09 u sadanittant il-promozzjoni tal-linji gwida ta' l-IMO. Din il-valutazzjoni komparattiva, miftiehma fuq livell internazzjonali, għandha tressaq obbligi ċari għal sidien il-bastimenti sabiex jipprovdu dettalji ta' materjali potenzjalment perikoluży fuq il-bastimenti tagħhom, u twaqqaf standards minimi għall-postijiet ta' riċiklaġġ f'termini tad-dispożizzjonijiet tas-saħħa u s-sigurtà u l-ġestjoni tal-materjali perikoluży.

4.7 *Ftehimiet dwar l-imbark tal-bastimenti u s-sigurtà*

4.7.1 Konsiderazzjonijiet imtejba tas-sigurtà waslu sabiex bosta Stati Membri ta' l-UE kkonkludew ftehimiet bilaterali dwar l-imbark tal-bastimenti ma' pajjiżi terzi. Il-KESE jtenni li approċċ ikkoordinat ta' l-Istati Membri ta' l-UE għal inizjattivi bħal dawn jidher li huwa mixtieq ferm kif ukoll it-tqassim ikkoordinat tal-ħidma bejn l-Istati Membri, inkluży l-forzi navali tagħhom, fl-applikazzjoni ta' regoli bħal dawn. Alternattiva tista' tkun ir-ratifika bikrija tal-Protokolli tat-Trażżin ta' l-Atti Illegali mill-Istati Membri ta' l-UE li jinkludu salvagwardji għall-ħarsien ta' l-interessi kummerċjali leġittimi ta' l-operaturi tat-tbaħħir u d-drittijiet umani tal-baħħara.

([13]) Opinjoni dwar *Green Paper dwar Żarmar Aħjar tal-Bastimenti*, COM(2007) 269, CESE 1701/2007 fin, 13.12.2007.

4.7.2 Il-KESE jesprimi t-tħassib dwar l-eskalazzjoni ta' l-attakki fuq bastimenti tal-merkanzija u l-proliferazzjoni ta' inċidenti ta' serq armat u piraterija fuq il-baħar partikularment fix-Xlokk ta' l-Ażja u l-Afrika. Huwa jħeġġeġ l-azzjoni min-naħa ta' l-UE sabiex il-bastimenti kummerċjali jkunu skortati mill-forzi navali fl-ibħra perikoluż i.

4.8 *L-elettriku ma' l-ixtut*

4.8.1 Bħala miżura għat-tnaqqis ta' emissjonijiet ta' gassijiet b'effett ta' serra mill-bastimenti rmiġġati, il-Kummissjoni tipproponi l-użu ta' elettriku ma' l-ixtut (Pjan ta' Azzjoni). Bl-użu ta' l-elettriku ma' l-ixtut, il-bastimenti ma jaħarqux karburanti, u b'hekk, ma jarmux l-inkwinanti (SO_x, NO_x, PM) u CO_2.

4.8.2 Il-KESE jappoġġja l-proposta msemmija hawn fuq; madankollu, jiġbed l-attenzjoni għal dan it-tħassib: jista' jkun li soluzzjoni waħda ma tkunx adattata għat-tipi kollha ta' bastimenti; l-elettriku ma' l-ixtut jista' jiġi ġġenerat f'impjanti ta' l-elettriku li jaħarqu karburanti u faħam, u b'hekk, jipproduċu CO_2 addizzjonali li jista' jikkanċella l-benefiċċju. Għalhekk iħeġġeġ lill-Kummissjoni sabiex tqis il-konklużjonijiet imsemmija hawn fuq sabiex tipproponi politika raġonevoli fuq bażi globali.

Brussell, it-22 ta' April 2008

Il-President
tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew
Dimitris DIMITRIADIS

Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar il-Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1172/98 dwar prospetti ta' l-istatistika rigward it-trasport ta' merkanzija bit-triq, għal dak li għandu x'jaqsam mal-ħiliet ta' twettiq mogħtija lill-Kummissjoni

COM(2007) 778 finali — 2007/0269 (COD)

(2008/C 211/08)

Nhar is-27 ta' Frar 2008, il-Kunsill iddeċieda, b'konformità ma' l-Artikolu 285(1) tat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, li jikkonsulta lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar

Il-Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1172/98 dwar prospetti ta' l-istatistika rigward it-trasport ta' merkanzija bit-triq, għal dak li għandu x'jaqsam mal-ħiliet ta' twettiq mogħtija lill-Kummissjoni.

Billi l-Kumitat jikkunsidra li l-kontenut tal-proposta huwa kompletament sodisfaċenti u m'hemm bżonn ta' l-ebda kummenti min-naħa tiegħu, iddeċieda, matul l-444 sessjoni plenarja tiegħu tat-22 u tat-23 ta'April 2008 (seduta tat-22 ta April), b'145 vot favur u 2 astensjonijiet, li jagħti opinjoni [1] favorevoli għat-test propost.

Brussell, it-22 ta'April 2008

Il-President
tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew
Dimitris DIMITRIADIS

---

[1] L-opinjoni tal-Kumitat dwar il-proċedura regolatorja bi skrutinju qiegħda titħejja bħalissa [COM(2007) 741 finali, COM(2007) 822 finali, COM(2007) 824 finali u COM(2008) 71 finali].

Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar Il-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Kunsill, il-Parlament Ewropew, il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali u l-Kumitat tar-Reġjuni — Żgħar, nodfa u kompetittivi — Programm biex jgħin intrapriżi żgħar u ta' daqs medju jikkonformaw mal-leġiżlazzjoni ambjentali

COM(2007) 379 finali {SEC(2007) 906, SEC(2007) 907, SEC(2007) 908}

(2008/C 211/09)

Nhar it-8 ta' Ottubru 2007, il-Kummissjoni Ewropea ddeċidiet, b'konformità ma' l-Artikolu 262 tat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, li tikkonsulta lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar:

Il-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Kunsill, il-Parlament Ewropew, il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali u l-Kumitat tar-Reġjuni — Żgħar, nodfa u kompetittivi — Programm biex jgħin intrapriżi żgħar u ta' daqs medju jikkonformaw mal-leġiżlazzjoni ambjentali.

Is-Sezzjoni Speċjalizzata għall-Agrikoltura, l-Iżvilupp Rurali u l-Ambjent, inkarigata sabiex tipprepara l-ħidma tal-Kumitat dwar is-suġġett, adottat l-opinjoni tagħha nhar is-27 ta' Marzu 2008. Ir-rapporteur kien is-Sur Chiriaco.

Matul l-444 sessjoni plenarja tiegħu li nżammet fit-22 u t-23 ta' April 2008 (seduta tat-22 ta' April 2008), il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew adotta din l-opinjoni b'109 voti favur u 7 astensjonijiet.

1. **Konklużjonijiet u rakkomandazzjonijiet**

1.1 Il-KESE jilqa' l-inizjattiva tal-Kummissjoni għal programm ta' għajnuna mmirat speċifikament biex jgħin l-intrapriżi żgħar, ta' daqs medju u mikro sabiex jikkonformaw mal-leġislazzjoni ambjentali, b'konsiderazzjoni tal-kumplessita tal-leġislazzjoni u l-importanza ekonomika u soċjali ta' l-SMEs fi ħdan l-ekonomija Ewropea. Madankollu, f'dan il-kuntest, il-KESE jenfasizza li għandha tingħata attenzjoni partikulari lill-intrapriżi mikro minħabba d-diffikultajiet strutturali li jagħmlulhom aktar vulnerabbli.

1.2 Il-KESE, b'għarfien sħiħ tad-diffikultajiet ta' l-SMEs biex jikkonformaw mal-leġislazzjoni ambjentali minħabba l-kumplessità tagħha, jilqa' l-iżvilupp ta' strumenti biex din tinftiehem aħjar. Minkejja li fl-aħħar deċennju kibret l-attenzjoni lejn l-aspett soċjali u, b'mod partikulari, dak ambjentali, l-għan tar-responsabbiltà korporattiva soċjali għadha mhix meqjusa bħala fattur ta' vantaġġ kompettitiv mid-dinja imprenditorjali kollha.

1.3 Il-KESE jħoss li l-inizjattiva tal-Kummissjoni għal programm maħsub biex jgħin lil SMEs jikkonformaw mal-leġislazzjoni ambjentali hi pass importanti fid-direzzjoni t-tajba.

1.4 Il-KESE jqis li hemm bżonn li l-Kummissjoni tiżviluppa approċċ pro-attiv fir-rigward ta' l-SMEs, billi tiddefinixxi sistema strutturata ta' kooperazzjoni ta' l-intrapriżi f'livell territorjali. F'dan il-kuntest, trid tingħata attenzjoni partikulari lill-kooperazzjoni transkonfinali.

1.5 B'mod partikulari hemm bżonn ta':

— definizzjoni tan-natura unika tad-direttiva ambjentali — minħabba l-kumplessità għolja tal-leġislazzjoni — bl-istandardizzazzjoni tal-leġislazzjoni fil-livell nazzjonali sabiex tinkiseb koeżjoni legali akbar,

— semplifikazzjoni u kwalifikazzjoni tal-kuntest normattiv anke permezz ta' titjib fis-sempliċità u ċ-ċarezza tal-kwalità tat-testi,

— tnaqqis ta' l-obbligi burokratiċi u amministrattivi,

— żvilupp ta' skemi settorjali ta' ġestjoni ambjentali speċifiċi aktar aċċessibbli għall-SMEs,

— żvilupp ta' l-għarfien espert ta' l-SMEs, l-aktar permezz ta' l-organizzazzjonijiet, b'taħriġ ta' esperti lokali li joffrulhom garanzija ta' għajnuna professjonali,

— ristrutturar tar-riżorsi finanzjarji tal-programm sabiex isir aktar sempliċi u effettiv,

— titjib tal-komunikazzjoni u l-informazzjoni, b'mod partikulari fir-rigward taċ-ċirkolazzjoni tar-riżultati ta' prattiki tajbin.

2. **Sinteżi tal-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni**

2.1 L-għan tal-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni hu li tgħin intrapriżi żgħar u ta' daqs medju (SMEs) jużaw l-enerġija u r-riżorsi b'mod effiċjenti ([1]). Għalhekk toffri qafas legali u tipproponi miżuri maħsuba biex isaħħu l-politiki u l-inizjattivi attwali flimkien mal-karatteristiċi speċifiċi ta' l-intrapriżi ż-żgħar. Għal dan il-għan, il-Kummissjoni tipproponi li toħloq programm biex tgħin lill-SMEs jadottaw il-leġislazzjoni ambjentali: programm bħal dan iwassal għal iffrankar ta' riżorsi finanzjarji biex jintużaw għall-iżvilupp ta' netwerks ta' appoġġ, semplifikazzjoni ta' l-aċċess għal skemi ta' ġestjoni ambjentali u l-għarfien ambjentali ta' dawn l-intrapriżi.

([1]) COM(2007) 379 finali.

2.2 Għalkemm kull intrapriża żgħira u ta' daqs medju għandha anqas minn 250 impjegat, l-SMEs fl-Unjoni Ewropea jlaħqu mat-23 miljun u jirrappreżentaw madwar 99 % ta' l-intrapriżi kollha u s-57 % tal-valur miżjud ta' l-ekonomija ta' l-UE. B'responsabbiltà għal persentaġġ daqshekk importanti tad-dħul ta' l-UE, l-SMEs għandhom impatt qawwi fuq l-ambjent.

2.3 Ħafna intrapriżi m'humiex konxji mill-effetti ambjentali ta' l-attivitajiet tagħhom, u l-maġġoranza tagħhom isostnu li għandhom ftit jew l-ebda effett fuq l-ambjent. Barraminhekk, sakemm ma jintwerewx l-oppost, l-SMEs ġeneralment jaħsbu li huma jikkonformaw bis-sħiħ mal-leġislazzjoni eżistenti. F'dan il-każ l-attivitajiet ta' l-SMEs jistgħu jwasslu għal żieda fir-riskji għas-saħħa u s-sigurtà tal-ħaddiema, kif ukoll ikunu kaġun ta' theddida serja għall-ambjent. Fl-aħħarnett, jekk l-SMEs ma jintegrawx l-aspetti ambjentali fl-attivitajiet ekonomiċi tagħhom, huma jirriskjaw li jitilfu l-benefiċċji ekonomiċi li jiġu minn ġestjoni ambjentali u eko-innovattiva aħjar.

2.4 Il-programm imressaq mill-Kummissjoni biex tgħin l-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju jikkonformaw mar-regolamenti ambjentali jistabbilixxi miżuri bil-għan li, min-naħa, jiggarantixxu li l-SMEs kemm jista' jkun inaqqsu l-impatt ambjentali ta' l-attivitajiet tagħhom u min-naħa l-oħra jaġevolaw ir-rispett tal-leġislazzjoni attwali. Il-programm jaħseb biex inaqqas l-obbligi li jiġu mir-rispett tar-regoli billi joħloq strumenti u politiki bil-għan li jqiegħdu l-ħtiġijiet ambjentali fil-qalba ta' l-attivitajiet ta' l-SMEs.

2.5 Il-miżuri mressqa fil-komunikazzjoni jaħsbu wkoll għaċ-ċirkolazzjoni ta' informazzjoni ta' interess għall-SMEs u għat-tkattir ta' netwerks ta' appoġġ u ta' attivitajiet ta' taħriġ maħsuba biex jiżviluppaw l-għarfien lokali fil-qasam ambjentali.

2.6 Il-programm ser jiġi ffinanzjat mill-baġit tal-LIFE+ (EUR 5 miljun għall-perijodu 2007-2013) u ser ikun hemm aktar fondi disponibbli permezz tal-programm ta' qafas għall-Kompetittività u l-Innovazzjoni (CIP) u tal-Fondi Strutturali.

2.7 Diġà jeżisti sit ta' l-internet, f'seba' lingwi, dwar il-politika ambjentali ta' l-UE favur l-SMEs u hemm ħsieb għall-pubblikazzjoni ta' linji gwida operattivi fuq suġġetti bħall-effiċjenza ta' l-enerġija, l-emissjonijiet atmosferiċi, il-produzzjoni ta' l-iskart u l-introduzzjoni ta' sustanzi ta' tniġġiż fil-ħamrija u fl-ilmijiet. Ser jiġi ppubblikat ukoll manwal li jispjega l-opportunitajiet ġodda ta' finanzjar.

2.8 In-netwerk il-ġdid ta' appoġġ għall-intrapriżi u għall-innovazzjoni ser jipparteċipa fl-implimentazzjoni tal-programm sa mill-2008. Flimkien ma' netwerks ta' appoġġ għall-SMEs oħrajn, dan ser ikollu rwol importanti fl-għajnuna lill-SMEs biex jibdlu l-politiki ambjentali ta' l-UE f'miżuri operattivi.

2.9 Id-dokument ta' ħidma tas-servizzi tal-Kummissjoni, anness mal-komunikazzjoni, joffri ġabra ta' każijiet speċifiċi u eżempji ta' prattiki tajbin applikati mill-SMEs fl-Ewropa u fid-dinja.

3. **Kummenti ġenerali**

3.1 Il-KESE jilqa' l-programm tal-Kummissjoni, l-aktar minħabba r-rikonoxximent — li dan jirrappreżenta — għall-importanza u l-valur ta' l-SMEs fl-ekonomija u fis-soċjetà Ewropea.

3.2 F'dan ir-rigward, il-KESE jenfasizza l-importanza tad-deċiżjoni tal-Kunsill ta' Feira fid-19 u l-20 ta' Ġunju 2000 ([2]) u tal-Karta Ewropea għall-Intrapriżi ż-Żgħar ([3]), fejn ġie ddikjarat li "l-intrapriżi ż-żgħar huma s-sinsla ta' l-ekonomija Ewropea" u li "huma sors importanti ta' xogħol u post fejn jinbtu l-ideat kummerċjali". Fost il-prijoritajiet tal-Karta hemm it-tisħiħ tat-tkabbir u tal-kompetittività ta' l-intrapriżi, mhux biss fil-livell territorjali iżda f'kuntest ta' suq globali.

3.3 Il-valutazzjoni ta' l-impatt ambjentali għandha tifforma parti minn ġestjoni integrata min-naħa ta' l-intrapriża. Għalhekk, meta jitqies li l-parti l-kbira ta' l-SMEs, u b'mod partikulari l-intrapriżi żgħar u mikro, is-soltu ma japplikaw l-ebda politika ambjentali, hemm bżonn li tiġi applikata ġestjoni ambjentali integrata billi tingħata attenzjoni għall-fatt li jinżammu minimi l-obbligi amministrattivi.

3.4 L-ewwel pass li jrid jitwettaq hu li jitħeġġeġ l-għarfien li prattiki bħal dawn m'humiex biss spiża jew rabta żejda, iżda strumenti li kapaċi jtejbu l-kompetittività ta' l-intrapriża jew li joħolqu valur għat-tul.

3.5 L-intrapriżi li jirnexxilhom jikkontrollaw b'mod kostanti kif sejrin dawn l-attivitajiet, per eżempju permezz ta' skemi ta' ġestjoni ambjentali, jirnexxilhom ukoll ikabbru l-varjetà ta' l-oqsma ta' ġestjoni taħt kontroll, billi jiġbru fi pjan strateġiku wieħed id-data ekonomika u finanzjarja u dik marbuta ma' l-impatt soċjali u ambjentali ([4]). B'din is-sistema, barra mill-benefiċċji ekonomiċi u ambjentali li jiġu mill-użu effiċjenti u razzjonali tar-riżorsi, titħares is-sigurtà tal-prestazzjoni tax-xogħol permezz tat-tibdil ta' l-organizzazzjoni tax-xogħol.

3.6 Il-KESE jaqbel mal-ħtieġa li tiġi adottata strateġija fuq perijodu fit-tul u li tiġi applikata malajr fl-Istati Membri.

4. **Kummenti speċifiċi**

Osservazzjonijiet marbuta ma' l-attivitajiet imressqa mill-pjan ta' azzjoni tal-Kummissjoni

4.1 Leġislazzjoni aħjar mill-aspett ta' tfassil u tħaddim tal-politiki: f'dan ir-rigward "leġislazzjoni aħjar" tfisser parteċipazzjoni akbar ta' l-SMEs fit-tfassil tal-politiki ambjentali u li dawn jissejsu fuq analiżi ta' prattiki tajbin li jkunu ta' appoġġ tajjeb għat-twettiq tal-leġislazzjoni ambjentali bl-aktar mod ekonomikament effiċjenti, meta dawn jiġu rikonoxxuti u ċċirkolati b'mod

([2]) http://www.consilium.europa.eu/ueDocs/cms_Data/docs/pressData/it/ec/00200-r1. %20ann1.i0.pdf.

([3]) http://ec.europa.eu/enterprise/enterprise_policy/charter/docs/charter_mt.pdf.

([4]) Ara. "A Comparative Analysis of the Environmental Management, Performance and Innovation of SMEs and Larger Firms based on the OECD database", Julien Labonne, 07/2006.

tajjeb. It-tnaqqis ta' l-obbligi amministrattivi u burokratiċi fil-livell komunitarju, nazzjonali u reġjonali, kif ukoll aktar trasparenza ma jistgħux jitqiesu biss fil-kuntest ta' strumenti leġislattivi ġodda, iżda jridu jiġu kkunsidrati fi kwalunkwe reviżjoni tar-regoli attwali.

4.2 Tfassil ta' skemi ta' ġestjoni ambjentali aktar speċifiċi u aċċessibbli: l-inklużjoni tal-politiki ambjentali fl-għażliet strateġiċi bħala mezz ta' tkabbir u innovazzjoni jwasslu sabiex l-intrapriżi mhux biss jirrispettaw ir-regoli attwali, iżda jesperimentaw prattiki ġodda u tajbin li jikkunsidraw l-inizjattiva ħielsa u l-parametri kodifikati biex jissodisfaw l-esiġenzi partikulari ta' l-intrapriżi żgħar u mikro. B'mod partikulari jenħtieġ titħeġġeġ l-adozzjoni ta' skemi ta' ġestjoni ambjentali (bħall-EMAS jew l-ISO). Fir-rigward ta' l-EMAS (Skema Komunitarja għall-immaniġġjar ta' l-ambjent u verifika), dan l-objettiv jista' jintlaħaq, pereżempju, permezz ta' l-introduzzjoni ta' klawżoli favur l-SMEs fir-regolament, applikazzjoni li taqbel ma' l-istruttura ta' l-SMEs ([5]), u tnaqqis gradwali tas-sistema attwali ta' ispezzjonjiet u ta' talbiet ta' informazzjoni li jridu jingħataw mill-intrapriżi reġistrati. Dan kollu biex l-SMEs jiġu mħeġġa jipparteċipaw, meta jitqies li fil-preżent jidher li hemm numru konsistenti ta' parteċipazzjonijiet biss fl-Italja, fil-Ġermanja u fi Spanja. Il-KESE jispera li l-Kummissjoni tikkunsidra dawn is-suġġerimenti, kif ukoll l-opinjoni ta' Lulju 2006 tal-KESE dwar il-bidla fil-klima u s-soċjetà ċivili ([6]), b'mod partikulari minħabba r-reviżjoni attwali ta' l-EMAS. Fl-aħħarnett, il-KESE jistieden lill-Kummissjoni sabiex tfittex elementi utli biex tkabbar is-sistemi attwali ta' ġestjoni ambjentali fl-istrumenti mhux formali u mhux kodifikati fil-livell territorjali, għaliex hi biss il-parteċipazzjoni diretta ta' l-SMEs u ta' l-assoċjazzjonijiet ta' l-SMEs fil-livell territorjali, li tista' tgħin biex tinbidel is-sitwazzjoni attwali.

Brussell, it-22 ta' April 2008.

4.3 L-għoti ta' għajnuna finanzjarja bil-għan li jinħoloq programm finanzjarju multi-annwali: il-varjetà ta' strumenti finanzjarji attwali tista' tkun kaġun ta' konfużjoni u ta' ħidma ħażina tagħhom. Hu ttamat li kif imħabbar mill-Kummissjoni, jiġi ppubblikat mill-aktar fis possibbli, manwal li juri l-opportunitajiet ġodda ta' finanzjar għall-proġetti li għandhom l-għan li jtejbu l-konformità tal-leġislazzjoni fis-settur ambjentali u l-prestazzjonijiet ambjentali ta' l-SMEs. F'dan il-kuntest, ikun aħjar, li bi ħsieb għat-tul, titfassal linja baġitarja waħda għall-azzjonijiet kollha marbuta ma' l-SMEs.

4.4 Żvilupp ta' għarfien lokali fuq l-ambjent għall-SMEs: l-għajnuna teknika lejn l-SMEs għandha bżonn professjonisti. Għal dan il-għan tinħtieġ il-parteċipazzjoni ta' l-organizzazzjonijiet ta' l-SMEs fil-livelli lokali u ta' l-istituzzjonijiet. Barra minhekk, iridu jiġu żgurati spejjeż raġonevoli għas-servizzi mogħtija u l-SMEs irid ikollhom l-opportunità li joħolqu u jagħmlu użu minn konsulenti in house.

4.5 Titjib tal-komunikazzjoni u informazzjoni aktar preċiża: il-ħolqien ta' sit ta' l-internet multilingwali, flimkien mal-portal tal-PMI ([7]), li jrid ikun is-sors prinċipali ta' informazzjoni għannetwerks ta' appoġġ ta' l-SMEs fuq il-kwistjonijiet marbutin mal-politika ambjentali ta' l-UE u ta' l-SMEs. Il-KESE jqis fundamentali li jiġi żgurat aċċess immedjat għall-informazzjoni u kuntatt dirett bejn l-korpi komunitarji u l-SMEs.

4.6 Il-KESE jaqbel ma' l-inizjattiva tal-Kummissjoni li tniedi l-Enterprise Europe Network, netwerk Ewropea ta' appoġġ ġdida u importanti għall-intrapriżi fit-territorju ta' l-UE u lilhinn minnu. Il-KESE jqis li hu kruċjali li l-UE tkompli ssaħħaħ is-servizzi għall-SMEs b'mod partikulari fil-kummerċ u fl-investimenti transkonfinali, il-kooperazzjonijiet teknoloġiċi bejn l-SMEs u l-intrapriżi l-kbar, l-innovazzjonijeit, l-għarfien tas-sorsi ta' finanzjament ta' l-UE u l-programmi ta' riċerka għall-SMEs.

Il-President
tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew
Dimitris DIMITRIADIS

([5]) Linji gwida "Guidance to verifiers on the verification of SMEs, particularly small and micro-businesses", Anness IV għar-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni tas-7 ta' Settembru 2001 dwar il-gwida għall-implimentazzjoni tar-Regolament (KE) Nru 761/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jippermetti l-parteċipazzjoni volontarja ta' organizzazzjonijiet fl-iskema Komunitarja għall-immaniġġar ta' l-ambjent u l-verifika (EMAS).

([6]) NAT/310 — Kif niffaċċjaw l-isfidi tal-bidla fil-klima — ir-rwol tas-soċjetà ċivili.

([7]) http://ec.europa.eu/enterprise/sme/index.htm,

Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar Il-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Kunsill, lill-Parlament Ewropew, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni dwar ir-reviżjoni tar-Rakkomandazzjoni 2001/331/KE li tipprovdi għal kriterji minimi ta' spezzjonijiet ambjentali fl-Istati Membri

COM(2007) 707 finali

(2008/C 211/10)

Nhar l-14 ta' Novembru 2007, il-Kunsill iddeċieda, b'konformità ma' l-Artikolu 262 tat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, li jikkonsulta lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar

Il-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Kunsill, lill-Parlament Ewropew, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni dwar ir-reviżjoni tar-Rakkomandazzjoni 2001/331/KE li tipprovdi għal kriterji minimi ta' spezzjonijiet ambjentali fl-Istati Membri.

Is-Sezzjoni Speċjalizzata għall-Agrikoltura, l-Iżvilupp Rurali u l-Ambjent, inkarigata sabiex tipprepara l-ħidma tal-Kumitat dwar is-suġġett, adottat l-opinjoni tagħha nhar is-27 ta' Marzu 2008. Ir-rapporteur kien **is-Sur Zbořil**.

Matul l-444 sessjoni plenarja tiegħu li nżammet fit-22 u t-23 ta' April 2008 (seduta tat-22 ta' April), il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew adotta din l-opinjoni b'151 vot favur u 3 astensjonijiet.

1. **Konklużjonijiet u rakkomandazzjonijiet**

1.1 Il-KESE jaqbel mal-Kummissjoni li l-qafas ġenerali għas-sistemi ta' spezzjoni ambjentali fl-Istati Membri għandu **jieħu l-forma ta' rakkomandazzjoni**. Madankollu, jemmen li r-rakkomandazzjoni għandha tiġi mmodifikata sabiex tiġi implimentata aħjar u tkun iktar effettiva. B'riżultat tal-leġislazzjoni settorjali, l-attivitajiet ta' spezzjoni u l-applikazzjoni u t-twettiq tagħhom f'dawn l-oqsma tant importanti, huma legalment vinkolanti fil-Komunità kollha.

1.2 Sabiex rakkomandazzjoni tkun tista' tiġi applikata b'mod effikaċi, huwa kruċjali li tkun komprensibbli u ċara. Huwa wkoll tassew importanti li **l-applikazzjoni ta' l-ispezzjonijiet ambjentali** li jikkonċernaw problemi kkonfermati **tiġi definita sewwa**.

1.3 **Id-definizzjoni, il-kjarifika u l-istandardizzazzjoni tat-termini** huma importanti ħafna għall-armonizzazzjoni ta' l-attivitajiet ta' spezzjoni fil-Komunità kollha kemm hi u għall-implimentazzjoni ta' kundizzjonijiet ugwali għall-intrapriżi. Fil-liġi Komunitarja dawn it-termini jissemmew kemm-il darba u d-definizzjoni tagħhom kultant tvarja minn test legali għal ieħor. Id-definizzjoni tat-termini b'mod ġenerali teħtieġ analiżi iktar dettaljata.

1.4 Barra minn hekk, huwa assolutament kruċjali li **jiġu stabbiliti l-kriterji għall-ippjanar, it-twettiq u s-segwitu ta' l-ispezzjonijiet kif ukoll għat-tħejjija tar-rapporti**.

1.5 Għandu jiġi rrakkomandat l-użu ta' metodi moderni ta' ġestjoni fis-**sistema ta' ġestjoni ta' l-attivitajiet ta' spezzjoni**. Dawn jikkontribwixxu biex jikkonċentraw l-attivitajiet ta' spezzjoni f'oqsma importanti għall-ambjent u jwasslu għal titjib fl-ippjanar u jistgħu anke jikkontribwixxu għal titjib sostenibbli fil-ħarsien ta' l-ambjent.

1.6 Hemm bżonn **standardizzazzjoni ikbar fl-aċċess għall-informazzjoni**, b'konformità mal-liġi Komunitarja fis-seħħ. L-informazzjoni pprovduta għandha tagħti stampa globali tar-riżultati ta' l-ispezzjoni, tal-miżuri korrettivi imposti u ta' l-implimentazzjoni tagħhom.

1.7 Sabiex tkompli tissaħħaħ il-kooperazzjoni internazzjonali, huwa kruċjali li jiġi appoġġjat in-netwerk IMPEL u li jkun hemm armonizzazzjoni ikbar ta' l-istandards ta' l-ispezzjoni u l-infurzar.

2. **Kontenut tad-dokument tal-Kummissjoni**

2.1 L-ispezzjonijiet jikkostitwixxu strument importanti għall-garanzija ta' l-implimentazzjoni u l-applikazzjoni tal-liġi Komunitarja dwar l-ambjent. Fl-2001 il-Parament Ewropew u l-Kunsill adottaw ir-rakkomandazzjoni 2001/331/KE, li tinkludi kriterji minimi applikabbli għall-ispezzjonijiet ambjentali fl-Istati Membri ([1]).

2.2 Ir-rakkomandazzjoni tiddefinixxi l-kriterji non-vinkolanti għall-ippjanar, it-twettiq u s-segwitu ta' l-ispezzjonijiet ambjentali kif ukoll għat-tfassil tar-rapporti marbutin magħhom. L-għan tagħha huwa li tiżgura applikazzjoni aħjar tal-liġi Komunitarja kif ukoll li tikkontribwixxi għal implimentazzjoni u applikazzjoni koerenti fl-Istati Membri kollha.

2.3 Il-Kummissjoni wettqet studju dwar l-implimentazzjoni u l-applikazzjoni ta' din ir-rakkomandazzjoni, li għandha sservi ta' bażi għat-tfassil tal-verżjoni l-ġdida tar-rakkomandazzjoni li ser titressaq fl-2008.

2.4 L-Istati Membri kollha ressqu rapport dwar l-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjoni u ieħor dwar l-esperjenza tagħhom fl-applikazzjoni tagħha. Madankollu, wieħed għandu jinnota li l-proċess ta' applikazzjoni tar-rakkomandazzjoni jvarja

([1]) ĠU L 118, 27.4.2001, p. 41.

ħafna minn Stat Membru għal ieħor. L-Istati Membri kollha implimentaw ir-rakkomandazzjoni parzjalment, iżda għadd żgħir ħafna biss applikaha għal kollox. Għad hemm differenzi kbar fl-implimentazzjoni ta' l-ispezzjonijiet ambjentali fi ħdan il-Komunità. Dawn id-diskrepanzi jwasslu għal distorsjoni tal-kompetizzjoni bejn l-intrapriżi.

2.5 L-ikbar diskrepanzi, li għandhom jinqerdu, huma partikolarment preżenti fl-oqsma li ġejjin:

2.5.1 *Definizzjoni ta' l-ambitu ta' applikazzjoni*

2.5.1.1 L-ambitu ta' applikazzjoni attwali jiffoka fuq l-installazzjonijiet industrijali u l-ġestjoni ta' l-iskart u jeskludi l-attivitajiet varji li huma rregolati mil-leġislazzjoni Komunitarja dwar l-ambjent. B'mod partikolari, ir-rakkomandazzjoni ma tinkludix kriterji għall-ispezzjoni tat-trasport ta' l-iskart. Fil-livell ta' l-UE, it-trasport transkonfinali ta' l-iskart jaqa' taħt ir-regolament dwar il-ġarr ta' l-iskart ([2]). L-implimentazzjoni ta' dan ir-regolament hija prijorità ewlenija tal-Kummissjoni.

2.5.1.2 Ir-rakkomandazzjoni ma tistabbilix kriterji addizzjonali għall-ispezzjoni tas-siti Natura 2000. Għalhekk il-Kummissjoni tilqa' b'mod favorevoli l-ħolqien tan-netwerk "Green Enforce" li għandu l-għan li jħeġġeġ il-kooperazzjoni u l-iskambju ta' esperjenza bejn l-Istati Membri sabiex jiffaċilita l-implimentazzjoni tal-leġislazzjoni fil-qasam ta' l-ambjent. Fil-qafas ta' dan in-netwerk, qiegħda tiġi eżaminata l-possibbiltà li jingħata kontribut għat-titjib ta' l-ispezzjonijiet ambjentali permezz tat-tfassil ta' kriterji għall-ispezzjoni tas-siti Natura 2000.

2.5.1.3 Oqsma oħra tal-leġislazzjoni ambjentali li għalihom ma tapplikax ir-rakkomandazzjoni huma r-reġistrazzjoni u l-awtorizzazzjoni tas-sustanzi kimiċi (REACH ([3])), ir-restrizzjoni ta' ċerti sustanzi perikoluży fil-prodotti (per eżempju s-sustanzi perikoluży fit-tagħmir elettriku u elettroniku ([4])), il-kummerċ fi speċi mhedda ([5]), kif ukoll l-atttivitajiet relatati ma' l-organiżmi modifikati ġenetikament u s-sistemi msejsa fuq il-prinċipju tar-responsabbiltà tal-produttur.

2.5.2 **Kjarifika tad-definizzjonijiet**: ċerti termini użati fir-rakkomandazzjoni huma interpretati b'mod differenti fid-diversi Stati Membri. It-termini li ġejjin b'mod partikolari huma interpretati b'mod differenti:

— spezzjoni, kontroll, verifika;

— awtorità li tispezzjona;

— pjan ta' spezzjoni, programm ta' spezzjoni;

— mekkaniżmu transkonfinali;

— spezzjonijiet ta' rutina, mhux ta' rutina.

2.5.3 **Kriterji għall-ippjanar, l-applikazzjoni u s-segwitu ta' l-ispezzjonijiet u t-tħejjija ta' rapporti**: l-għan tar-rakkomandazzjoni huwa li ssaħħaħ il-konformità ta' installazzjonijiet ikkontrollati mal-leġislazzjoni ambjentali u li jinkiseb livell għoli ta' protezzjoni ambjentali. Għalhekk, ir-rakkomandazzjoni tistabbilixxi kriterji dwar l-ippjanar, l-applikazzjoni u s-segwitu ta' l-ispezzjonijiet ambjentali, kif ukoll dwar it-tħejjija tar-rapporti.

— *Ippjanar ta' l-ispezzjonijiet*: ir-rakkomandazzjoni tipprovdi għat-tfassil ta' pjanijiet ta' spezzjoni u tistipula kriterji ġenerali għal dawn il-pjanijiet u l-kontenut minimu tagħhom. Madankollu, f'ħafna Stati Membri, il-pjanijiet ta' spezzjoni ma jinkludux elementi strateġiċi, iżda huma pjuttost listi ta' installazzjonijiet jew ta' setturi li għandhom jiġu eżaminati fi żmien stabbilit. Wieħed jista' jkompli jtejjeb l-ippjanar ta' l-ispezzjonijiet fl-Istati Membri u juża r-riżorsi disponibbli fl-aqwa mod possibbli. Ċerti Stati Membri diġà daħħlu sistemi pperfezzjonati ta' ppjanar ta' l-ispezzjonijiet li jużaw strateġiji ta' ġestjoni bbażati fuq il-valutazzjoni tar-riskji ([6]).

— *L-applikazzjoni ta' l-ispezzjonijiet*: ir-rakkomandazzjoni tistipula li jridu jsiru spezzjonijiet fuq il-post b'mod regolari bħala parti mill-ispezzjonijiet ta' rutina ta' l-awtoritajiet u fil-każ ta' ilmenti, aċċidenti, inċidenti jew każijiet ta' non-konformità u wara li jinħareġ permess u qabel ma permess jerġa' jinħareġ jew jiġi mġedded jew immodifikat. Ir-rakkomandazzjoni tiddefinixxi l-kriterji dwar il-modalitajiet ta' l-ispezzjonijiet fuq il-post. Minkejja l-fatt li m'hemmx diskrepanzi kbar bejn l-Istati Membri, ikun xieraq li l-prattiki jiġu armonizzati f'dan il-qasam ukoll.

— *Evalwazzjoni ta' pjanijiet ta' spezzjoni*: l-evalwazzjoni tas-suċċess tal-pjanijiet ta' spezzjoni hija kkunsidrata bħala għodda importanti għat-titjib ta' l-ippjanar. Ċerti Stati Membri stabbilixxew sistemi moderni ta' evalwazzjoni tal-pjanijiet ta' spezzjoni tagħhom. Dawn għenuhom biex ifasslu l-pjanijiet ta' spezzjoni tagħhom għall-ġejjieni.

([2]) Regolament (KE) nru 1013/2006 dwar il-vjeġġi ta' l-iskart, ĠU L 190, 12.7.2006, p. 1.

([3]) Regolament (KE) nru 1907/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Diċembru 2006 dwar ir-reġistrazzjoni, il-valutazzjoni, l-awtorizzazzjoni u r-restrizzjoni ta' sustanzi kimiċi (REACH), li jistabbilixxi Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi, li jemenda d-Direttiva 1999/45/KE u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 793/93 tal-Kunsill u r-Regolament (KE) Nru 1488/94 tal-Kummissjoni kif ukoll id-Direttiva 76/769 tal-Kunsill u d-Direttivi 91/155/KEE, 93/67/KEE, 93/105/KE u 2000/21/KE tal-Kummissjoni (ĠU L 396, 30.12.2006, p. 1).

([4]) Direttiva 2002/95/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar ir-restrizzjoni ta' l-użu ta' ċerti sustanzi ta' riskju fit-tagħmir elettriku u elettroniku, ĠU L 37, 13.2.2003, p. 19.

([5]) Regolament (KE) nru 338/97 tal-Kunsill dwar il-protezzjoni ta' speċi ta' fawna u flora selvaġġi billi jkun regolat il-kummerċ fihom, ĠU L 61, 3.3.1997, p. 1.

([6]) Wieħed jista' jsemmi l-eżempju tas-sistema Ingliża OPRA (Operator and Pollution Risk Appraisal).

2.5.4 **Ħejjija tar-rapporti**: l-ewwel rapporti ipprovdew kwantità kbira ta' informazzjoni dwar l-implimentazzjoni u l-applikazzjoni tar-rakkomandazzjoni fl-Istati Membri. Madankollu, l-informazzjoni mhux dejjem hija kumparabbli. Ikun xieraq li jiġi stabbilit format uniformi u ċar ħafna għal din is-sistema ta' rappurtar sabiex tiġi ggarantita l-kumparabbiltà taddata.

2.5.5 **Aċċess għall-informazzjoni**: ir-rakkomandazzjoni tistipula li l-pjanijiet u r-rapporti ta' spezzjoni għandhom jiġu ppubblikati b'konformità mad-direttivi Komunitarji fis-seħħ. Irrapporti wrew li ħafna Stati Membri ma jippubblikaw la l-pjanijiet u lanqas ir-rapporti ta' spezzjoni. L-informazzjoni dwar l-ispezzjonijiet ambjentali hija rregolata mid-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 2003/4/KE. Għaldaqstant diġà jeżisti l-obbligu legali li informazzjoni ta' dan it-tip tkun aċċessibbli għall-pubbliku. Barra minn hekk, id-direttiva tagħti wkoll raġunijiet suffiċjenti għal eżenzjonijiet mir-rifjut ta' aċċess għal din l-informazzjoni fejn ikun hemm il-ħtieġa li interessi superjuri oħra jiġu protetti. Għandhom jiġu stabbiliti l-mekkaniżmi adegwati li jirregolaw l-użu ta' dan id-dritt.

2.6 *Azzjoni proposta*

Il-Kummissjoni tqis li n-nuqqas ta' implimentazzjoni sħiħa tar-rakkomandazzjoni jġib il-ħtieġa li jkun ikkunsidrat it-twaqqif ta' rekwiżiti li jorbtu legalment għall-ispezzjonijiet ambjentali. Barra minn dan, hemm il-ħtieġa li jiġu ċċarati l-kriterji ġenerali għall-ispezzjonijiet ambjentali u li tingħata gwida aħjar u jkun hemm skambju akbar ta' informazzjoni dwar l-implimentazzjoni tagħhom. Għalhekk qegħdin jiġu proposti l-miżuri li ġejjin:

2.6.1 **Reviżjoni tar-rakkomandazzjoni**: ir-rakkomandazzjoni għandha tiġi kkunsidrata bħala qafas ġenerali għas-sistemi ta' spezzjoni ambjentali fl-Istati Membri. Hija tiddefinixxi l-kriterji ġenerali. Minħabba n-natura ġenerali ħafna u deskrittiva ta' dawn il-kriterji, ma jidhirx adegwat li jiġu trasformati f'esiġenzi legalment vinkolanti. Madankollu, sabiex tittejjeb l-implimentazzjoni u tissaħħaħ l-effikaċja tagħha, ir-rakkomandazzjoni għandha tiġi mmodifikata.

2.6.2 **Rekwiżiti settorjali fl-ambitu ta' l-ispezzjoni**: flimkien mal-kriterji ġenerali għall-ispezzjonijiet ambjentali stipulati fir-rakkomandazzjoni, rekwiżiti speċifiċi li jorbtu legalment għall-ispezzjoni ta' ċerti installazzjonijiet jew attivitajiet għandhom jiġu inklużi f'siltiet settorjali tal-leġislazzjoni. Hemm bżonn ta' rekwiżiti li jorbtu legalment biex jiżguraw li tingħata prijorità politika ogħla lill-ispezzjonijiiet u biex jittejjeb l-infurzar tal-leġislazzjoni ambjentali fil-Komunità. Ir-rekwiżiti settorjali jistgħu jikkomplementaw ir-rakkomandazzjoni jew jistgħu jikkonċernaw installazzjonijiet jew attivitajiet li m'humiex koperti mir-rakkomandazzjoni.

2.6.2.1 Bħala parti mir-reviżjoni tad-Direttiva IPPC ([7]), li tinsab fil-programm ta' ħidma leġislattiva tal-Kummissjoni għall-2007, u abbażi l-analiżi ta' l-implimentazzjoni ta' din il-leġislazzjoni, il-Kummissjoni ser tikkunsidra metodi li jiżguraw qafas ta' konformità aħjar li jiżgura aktar konsistenza u kunfidenza fl-ispezzjonijiet ta' l-Istati Membri ta' l-installazzjonijiet ta' l-IPPC.

2.6.2.2 Il-Kummissjoni għandha l-intenzjoni li tipproponi regoli speċifiċi li jorbtu legalment għall-ispezzjonijiet dwar it-trasport ta' l-iskart. Kriterji speċifiċi għandhom jiġu ddefiniti sabiex tiġi ggarantita kwalità u frekwenza sodisfaċenti ta' l-ispezzjonijiet. Barra minn hekk, għandu jiġi mħejji taħriġ adegwat kif ukoll sistema ta' kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet.

2.6.3 **Żvilupp ta' gwida u kooperazzjoni bejn l-Istati Membri**: in-netwerk għall-implimentazzjoni u l-infurzar tal-liġi ambjentali (IMPEL) ħejja lista twila ta' proġetti li għandhom l-għan li jsaħħu l-kooperazzjoni u jħeġġu l-iskambju ta' informazzjoni bejn l-Istati Membri fl-ambitu ta' l-ispezzjonijiet ambjentali ([8]). Il-Kummissjoni appoġġjat dawn il-proġetti u ħadet sehem fihom b'mod attiv. Dawn l-inizjattivi kollha kellhom impatt pożittiv fuq it-tisħiħ ta' l-ispezzjonijiet fil-Komunità u l-IMPEL għandu jitħeġġeġ ikompli bi proġetti bħal dawn.

3. **Kummenti ġenerali**

3.1 Il-KESE jilqa' l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar l-eżami mill-ġdid tar-rakkomandazzjoni 2001/331/KE tal-kriterji minimi applikabbli għall-ispezzjonijiet ambjentali fl-Istati Membri u japprezza l-isforzi ([9]) li saru biex isir studju dwar l-applikazzjoni ta' din ir-rakkomandazzjoni.

3.2 L-ispezzjonijiet ambjentali jirrappreżentaw element essenzjali ta' l-eżekuttiv ta' kull Stat Membru fil-qasam tal-harsien ta' l-ambjent. Ikun xieraq li dawn l-ispezzjonijiet iwasslu mhux biss għall-applikazzjoni tal-politika nazzjonali ambjentali nazzjonali iżda wkoll għal dik tal-prinċipji komuni tal-politika ambjentali Komunitarja, bl-iktar mod uniformi possibbli, ikun xi jkun il-korp li jingħata l-kompitu li jwettaq l-ispezzjonijiet fi Stat Membru speċifiku.

3.3 Il-KESE huwa konxju li huwa essenzjali li tiġi żgurata applikazzjoni aħjar tal-liġi Komunitarja fil-qasam ta' l-ambjent u li jingħata kontribut biex l-applikazzjoni u l-implimentazzjoni tagħha ssir b'mod koerenti fl-Istati Membri kollha, bil-għan li fil-ġejjieni l-kriterji minimi ddefiniti u applikati jikkontribwixxu għall-ħolqien ta' kundizzjonijiet ugwali, b'mod partikolari fil-qasam tal-kompetizzjoni ekonomika.

3.4 Il-KESE jqis li dibattitu addizzjonali mal-partijiet interessati dwar il-komunikazzjoni għandu jġib l-għarfien essenzjali għall-ħolqien ta' qafas ideali għall-attivitajiet ta' spezzjoni li jkun ċar u applikabbli fil-Komunità kollha.

([7]) Direttiva 96/61/KE dwar il-prevenzjoni u l-kontroll integrat tat-tniġġis.

([8]) Għal iktar dettalji, ara l-website tan-netwerk IMPEL: http://ec.europa.eu/environment/impel/index.htm (disponibbli bl-Ingliż biss).

([9]) Dokument ta' ħidma tas-servizzi tal-Kummissjoni: Rapport dwar l-applikazzjoni tar-rakkomandazzjoni 2001/331/KE li tipprovdi kriterji minimi applikabbli għall-ispezzjonijiet ambjentali fl-Istati Membri, SEC(2007)1493.

4. **Kummenti speċifiċi**

4.1 Sabiex rakkomandazzjoni tkun tista' tiġi applikata b'mod effikaċi, huwa kruċjali li tkun komprensibbli u ċara. Għalhekk il-KESE jilqa' bi pjaċir il-fatt li l-Kummissjoni tixtieq tiġbed l-attenzjoni lejn dan il-punt.

4.1.1 Fil-fehma tal-KESE, huwa assolutament essenzjali li jiġi speċifikat l-ambitu ta' applikazzjoni ta' l-ispezzjonijiet ambjentali marbutin ma' oqsma problematiċi kruċjali, mingħajr ħsara għall-flessibbiltà tas-sistema ta' spezzjonijiet jew għal ċerti approċċi nazzjonali speċifiċi. Madankollu, ikun xieraq li dawn l-approċċi nazzjonali jiġu applikati biss meta dan ikun meħtieġ fi ħdan l-objettivi nazzjonali speċifiċi f'termini ta' ħarsien ta' l-ambjent.

4.1.2 F'każijiet fejn leġislazzjoni Komunitarja speċifika titlob li jsiru spezzjonijiet, dawn għandhom jaqgħu taħt liġi unika, sabiex jiġi evitat li jkun hemm diskrepanza fl-interpretazzjoni tal-leġislazzjoni.

4.1.3 Il-komunikazzjoni tagħti x'tifhem li d-definizzjoni, il-kjarifika u l-istandardizzazzjoni tat-termini huma importanti ħafna għall-armonizzazzjoni ta' l-attivitajiet ta' spezzjoni fil-Komunità kollha kemm hi u għall-implimentazzjoni ta' kundizzjonijiet ugwali għall-intrapriżi. Jekk irridu li r-rakkomandazzjoni tiġi applikata b'mod uniformi, huwa essenzjali li tiġi pprovduta definizzjoni tat-termini ewlenin sabiex ikun hemm armonizzazzjoni u jiġu stabbiliti rabtiet ma' liġijiet oħra.

4.1.4 F'dan il-kuntest, il-KESE jenfasizza l-fatt li fil-liġi Komunitarja dawn it-termini jissemmew kemm-il darba u d-definizzjoni tagħhom kultant tvarja minn test legali għal ieħor. Id-definizzjoni tat-termini b'mod ġenerali teħtieġ analiżi iktar dettaljata.

4.2 Mill-banda l-oħra l-KESE jqis li huwa importanti ħafna li jiġu stabbiliti l-kriterji għall-ippjanar, it-twettiq u s-segwitu ta' l-ispezzjonijiet kif ukoll għat-tfassil tar-rapporti, filwaqt li tinżamm il-flessibbiltà neċessarja għat-twettiq ta' l-attivitajiet speċifiċi ta' spezzjoni. Għandha tinħoloq sistema ta' rapporti kemm jista' jkun sempliċi u ċara, sabiex tiġi pprovduta informazzjoni kumparabbli dwar il-mod kif taħdem is-sistema ta' spezzjoni u dwar it-twettiq ta' l-objettivi mmirati lejn konformità ikbar mal-leġislazzjoni ambjentali.

4.3 Għandu jiġi rrakkomandat l-użu ta' metodi moderni ta' ġestjoni fis-sistema ta' ġestjoni ta' l-attivitajiet ta' spezzjoni, metodi li ċerti Stati Membri diġà użaw b'riżultati tajbin. Dawn jikkontribwixxu biex jikkonċentraw l-attivitajiet ta' spezzjoni f'oqsma importanti għall-ambjent u jwasslu għal titjib fl-ippjanar u jistgħu anke jikkontribwixxu għal titjib sostenibbli fil-ħarsien ta' l-ambjent.

4.4 Il-KESE jitlob standardizzazzjoni ikbar fl-aċċess għall-informazzjoni, b'konformità mad-dispożizzjonijiet Komunitarji fis-seħħ dwar iż-żamma ta' livell speċifiku fl-aċċess għall-informazzjoni fl-Istati Membri. L-informazzjoni pprovduta m'għandhiex tkun ta' ħsara għall-effikaċja ta' l-attivitajiet ta' spezzjoni. Għandha tagħti stampa globali tar-riżultati ta' l-ispezzjoni, tal-miżuri korrettivi u ta' l-implimentazzjoni tagħhom.

4.5 Il-KESE jaqbel mal-Kummissjoni li l-qafas ġenerali għas-sistemi ta' spezzjoni ambjentali fl-Istati Membri għandu jieħu l-forma ta' rakkommandazzjoni. Minħabba n-natura ġenerali ħafna u deskrittiva ta' dawn il-kriterji, ma jidhirx adegwat li jiġu trasformati f'esiġenzi legalment vinkolanti. Madankollu, sabiex tittejjeb l-implimentazzjoni u tissaħħaħ l-effikaċja tagħha, ir-rakkomandazzjoni għandha tiġi mmodifikata.

4.6 Din l-opinjoni hija msejsa fuq il-fatt li għadd konsiderevoli ta' liġijiet Komunitarji li daħlu fis-seħħ jew qegħdin jitfasslu bħalissa jinkludu kriterji għat-twettiq ta' spezzjonijiet speċifiċi fi ħdan settur partikolari. B'riżultat ta' din il-leġislazzjoni, l-attivitajiet ta' spezzjoni u l-firxa u t-twettiq tagħhom huma legalment vinkolanti fil-Komunità kollha.

4.7 Il-KESE jqis li huwa essenzjali, jekk wieħed irid ikompli jsaħħaħ il-kooperazzjoni internazzjonali, li jiġi appoġġjat in-netwerk IMPEL, li ppermetta li jitfasssal għadd kbir ta' dokumenti ta' gwida għall-ippjanar u t-twettiq ta' l-ispezzjonijiet. Barra minn hekk, in-netwerk organizza skambji ta' informazzjoni u esperjenza għall-ispetturi. L-attivitajiet speċjalizzati tan-netwerk IMPEL jistgħu jagħtu kontribut konsiderevoli, b'mod partikolari permezz ta' proġetti speċifiċi fuq il-bażi ta' dak li sar fil-passat. L-IMPEL jista' jaqdi rwol siewi fl-ambitu tat-taħriġ komuni u l-iżvilupp professjonali. In-netwerk jista' jgħin ukoll biex tiġi żviluppata unità ċentrali għall-ġbir ta' l-istatistika Ewropea u għodda oħra ta' informazzjoni dwar l-attivitajiet ta' spezzjoni u infurzar fl-Ewropa kollha.

Brussell, it-22 ta' April 2008.

Il-President
tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew
Dimitris DIMITRIADIS

Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar il-Proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-oġġetti ta' l-ikel għal użu ta' nutriment parikolari (Riformulazzjoni)

COM(2008) 3 finali — 2008/0003 (COD)

(2008/C 211/11)

Nhar it-30 ta' Jannar 2008, il-Kunsill iddeċieda, b'konformità ma' l-Artikolu 95 tat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, li jikkonsulta lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar

Il-Proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-oġġetti ta' l-ikel għal użu ta' nutriment partikolari (Riformulazzjoni).

Billi l-Kumitat jikkunsidra li l-kontenut tal-proposta huwa kompletament sodisfaċenti u li barra minn hekk diġà ta fehmtu fl-opinjoni preċedenti tiegħu, adottata fis-17 ta' Settembru 1986 ([1]), u fl-opinjoni CESE 961/2004, adottata fit-2 ta' Ġunju 2004 ([2]), iddeċieda, matul l-444 sessjoni plenarja tiegħu tat-22 u tat-23 ta' April (seduta tat-22 ta' April 2008), b'148 vot favur u 3 astensjonijiet, li jagħti opinjoni favur il-proposta u li jagħmel referenza għall-pożizzjoni li kien ħa fid-dokumenti msemmija.

L-opinjoni tal-Kumitat dwar il-proċedura regolatorja bi skrutinju qiegħda titħejja bħalissa [COM(2007) 741 finali, COM(2007) 822 finali, COM(2007) 824 finali u COM(2008) 71 finali].

Brussell, it-22 ta' April 2008

Il-President
tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew
Dimitris DIMITRIADIS

([1]) Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar *il-Proposta għal Direttiva tal-Kunsill dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet ta' l-Istati Membri marbutin ma' l-oġġetti ta' l-ikel għal użu ta' nutriment partikolari* (ĠU C 328, 22.12.1986, p. 9).

([2]) Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar *il-Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-oġġetti ta' l-ikel għal użu ta' nutriment partikolari (verżjoni kkodifikata)* — COM(2004) 290 finali (ĠU C 241, 28.9.2004, p. 23).

Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar L-adattament tal-proċedura regolatorja bi skrutinju/Proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 338/97 dwar il-protezzjoni ta' speċi ta' fawna u flora selvaġġi billi jkun regolat il-kummerċ fihom rigward is-setgħat implimentattivi konferiti lill-Kummissjoni

COM(2008) 104 finali — 2008/0184 (COD)

(2008/C 211/12)

Nhar is-17 ta' Marzu 2008, il-Kunsill iddeċieda, b'konformità ma' l-Artikolu 175(1) tat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, li jikkonsulta lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar

L-adattament tal-proċedura regolatorja bi skrutinju/Proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 338/97 dwar il-protezzjoni ta' speċi ta' fawna u flora selvaġġi billi jkun regolat il-kummerċ fihom rigward is-setgħat implimentattivi konferiti lill-Kummissjoni.

Billi l-Kumitat jikkunsidra li l-kontenut tal-proposta huwa kompletament sodisfaċenti u li diġà ta fehmtu fl-opinjoni preċedenti tiegħu, adottata fis-26 ta' Mejju 1992 (*), iddeċieda, matul l-444 sessjoni plenarja tiegħu tat-22 u tat-23 ta' April 2008 (seduta tat-22 ta' April 2008), b'146 vot favur u 2 astensjonijiet, li jagħti opinjoni favoreveli għat-test propost u li jagħmel referenza għall-pożizzjoni li ħa fid-dokumenti msemmija.

L-opinjoni tal-Kumitat dwar il-proċedura regolatorja bi skrutinju qiegħda titħejja bħalissa [COM(2007) 741 finali, Com(2007) 822 finali, COM(2007) 824 finali u COM(2008) 71 finali].

Brussell, it-22 ta' April 2008

Il-President
tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew
Dimitris DIMITRIADIS

(*) Opinjoni dwar *il-Proposta għal Regolament tal-Kunsill (KEE) li jistabbilixxi d-dispożizzjonijiet rigward il-pussess u l-kummerċ ta' kampjuni ta' speċi ta' fawna u flora selvaġġi* — ĠU C 223, 31.8.1992, p. 19.

Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar L-adattament tal-proċedura regolatorja bi skrutinju/Proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 79/409/KEE dwar il-konservazzjoni ta' l-għasafar selvaġġi, fir-rigward tas-setgħat ta' implimentazzjoni mogħtija lill-Kummissjoni

COM(2008) 105 finali — 2008/0038 (COD)

(2008/C 211/13)

Nhar l-10 ta' Marzu 2008, il-Kunsill iddeċieda, b'konformità ma' l-Artikolu 175(1) tat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, li jikkonsulta lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar:

L-adattament tal-proċedura regolatorja bi skrutinju/Proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 79/409/KEE dwar il-konservazzjoni ta' l-għasafar selvaġġi, fir-rigward tas-setgħat ta' implimentazzjoni mogħtija lill-Kummissjoni.

Billi l-Kumitat jikkunsidra li l-kontenut tal-proposta huwa kompletament sodisfaċenti u barra minn hekk diġà ta fehmtu fl-opinjoni preċedenti tiegħu adottata fil-25 ta' Mejju 1977 (*) u fl-opinjoni adottata fil-5 ta' Settembru 1994 (**), iddeċieda, matul l-444 sessjoni plenarja tiegħu tat-22 u t-23 ta' April 2008 (seduta tat-22 ta' April), b'143 vot favur u 5 astensjonijiet, li jagħti opinjoni favorevoli għat-test propost u li jagħmel referenza għall-pożizzjoni li ħa fid-dokumenti msemmija.

L-opinjoni tal-Kumitat dwar il-proċedura regolatorja bi skrutinju qiegħda titħejja bħalissa [COM(2007) 741 finali, COM(2007) 822 finali, COM(2007) 824 finali u COM(2008) 71 finali].

Brussell, it-22 ta' April 2008

Il-President
tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew
Dimitris DIMITRIADIS

(*) Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali dwar *il-Proposta għal Direttiva tal-Kunsill dwar il-konservazzjoni ta' l-għasafar* — ĠU C 152, 29.6.1977, p. 3 (*Nota tat-traduttur: din l-opinjoni mhix disponibbli bil-Malti*).

(**) Opinjoni dwar *il-Prosposta għal Direttiva tal-Kunsill li temenda d-Direttiva 79/409/KEE dwar il-konservazzjoni ta' l-għasafar selvaġġi* — ĠU C 393, 31.12.1994, p. 93 (*Nota tat-traduttur: din l-opinjoni mhix disponibbli bil-Malti*).

Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar il-Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (KE) Nru 999/2001 (li jistabbilixxi regoli għall-prevenzjoni, kontroll u eradikazzjoni ta' ċerti enċefalopatiji spongiformi li jinxterdu) rigward is-setgħat implimentattivi konferiti lill-Kummissjoni

COM(2008) 53 finali — 2008/0030 (COD)

(2008/C 211/14)

Nhar it-22 ta' Frar 2008, il-Kunsill iddeċieda, b'konformità ma' l-Artikolu 152(4)(b) tat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, li jikkonsulta lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar:

Il-Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (KE) Nru 999/2001 (li jistabbilixxi regoli għall-prevenzjoni, kontroll u eradikazzjoni ta' ċerti enċefalopatiji spongiformi li jinxterdu) rigward is-setgħat implimentattivi konferiti lill-Kummissjoni.

Billi l-Kumitat jikkunsidra li l-kontenut tal-proposta huwa kompletament sodisfaċenti u li barra minn hekk diġà ta fehmtu fl-opinjonijiet preċedenti tiegħu, adottati fis-7 ta' Lulju 1999 (*) u fid-9 ta' Marzu 2005 (**), iddeċieda, matul l-444 sessjoni plenarja tiegħu tat-22 u tat-23 ta' April 2008 (seduta tat-22 ta' April), b'154 vot favur u 2 astensjonijiet, li jagħti opinjoni favorevoli għat-test propost u li jagħmel referenza għall-pożizzjoni li ħa fid-dokumenti msemmija.

L-opinjoni tal-Kumitat dwar il-proċedura regolatorja bi skrutinju qiegħda titħejja bħalissa [COM(2007) 741 finali, COM(2007) 822 finali, COM(2007) 824 finali u COM(2008) 71 finali].

Brussell, 22 ta' April 2008.

Il-President
tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew
Dimitris DIMITRIADIS

(*) Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar "*il-Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi regoli għall-prevenzjoni u l-kontroll ta' ċerti enċefalopatiji spongiformi li jinxterdu*" — ĠU C 258/1999, p. 19.

(**) Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar "*il-Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (KE) Nru 999/2001 li jistabbilixxi regoli għall-prevenzjoni, l-kontroll u l-eradikazzjoni ta' ċerti enċefalopatiji spongiformi li jinxterdu– COM(2004) 775 finali*" — ĠU C 234, 22.9.2005, p. 26-27.

Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar Il-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni — Lejn Prinċipji Komuni ta' Flessigurtà: Aktar impjiegi u impjiegi aħjar permezz tal-flessibbiltà u s-sigurtà

COM(2007) 359 finali

(2008/C 211/15)

Nhar is-27 ta' Ġunju 2007, il-Kummissjoni ddeċidiet, b'konformità ma' l-Artikolu 262 tat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, li tikkonsulta lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar

Il-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni — Lejn Prinċipji Komuni ta' Flessigurtà: Aktar impjiegi u impjiegi aħjar permezz tal-flessibbiltà u s-sigurtà.

Is-Sezzjoni Speċjalizzata għax-Xogħol, l-Affarijiet Soċjali u ċ-Ċittadinanza, inkarigata sabiex tipprepara l-ħidma tal-Kumitat dwar is-suġġett, adottat l-opinjoni tagħha nhar it-2 ta' April 2008. Ir-rapporteur kien is-Sur Thomas Janson u l-ko-rapporteur kien is-Sur Christian Ardhe.

Matul l-444 sessjoni plenarja tiegħu li nżammet fit-22 u t-23 April 2008 (seduta tat-22 ta' April 2008), il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew adotta din l-opinjoni b'147 vot favur, vot wieħed kontra u 8 astensjonijiet.

1. Konklużjonijiet u rakkomandazzjonijiet

1.1 Il-KESE jilqa' l-kontributi mill-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-imsieħba soċjali Ewropej fid-dibattitu dwar il-flessigurtà. F'dinja dejjem tinbidel huwa essenzjali li niddiskutu kif il-bilanċ bejn il-flessibbiltà u s-sigurtà fil-livell ta' l-UE u ta' l-Istat Membru jista' jikkontribwixxi għall-ħolqien ta' iktar impjiegi u impjiegi aħjar.

1.1.1 Il-KESE diġà enfasizza li l-kunċett tal-flessigurtà ma jfissirx it-tnaqqis unilaterali u illeġittimu tad-drittijiet tal-ħaddiema. L-imsieħba soċjali Ewropej sejħu lill-Istati Membri sabiex janalizzaw mill-ġdid, u jekk hemm bżonn jaġġustaw, it-tfassil tal-liġi tax-xogħol, is-sistemi ta' protezzjoni ta' l-impjieg u, flimkien ma' l-imsieħba soċjali, il-prattika tan-negozjar kollettiv, bil-għan li, per eżempju, "jiġi assigurat l-aħjar bilanċ bejn il-flessibbiltà u s-sigurtà għar-relazzjonijiet kollha ta' l-impjieg [u] tiġi provduta sigurtà adegwata għall-ħaddiema li għandhom kull tip ta' kuntratt sabiex jiġu indirizzati s-swieq tax-xogħol segmentati".

1.2 Id-diskussjonijiet dwar il-flessigurtà taw spunt ukoll għal dibattiti fl-Istati Membri u azzjoni miftiehma f'xi whud minnhom. Dan isaħħaħ l-idea li huwa importanti li l-imsieħba soċjali jkunu involuti fid-dibattitu u l-proċess tat-teħid ta' deċiżjonijiet.

1.3 Il-KESE jenfasizza li l-flessigurtà ma tistax titqies separatament mill-isfidi li qed tiffaċċja l-Unjoni Ewropea. Il-globalizzazzjoni, l-iżvilupp rapidu ta' teknoloġiji ġodda u l-isfida demografika kif ukoll l-isfidi ambjentali qegħdin ibiddlu s-suq tax-xogħol Ewropew. Il-flessigurtà għandha tkun parti minn reazzjoni għal dawn it-tendenzi u l-pressjonijiet esterni u interni, bil-għan ta' bilanċ ġust bejn il-ħaddiema u min iħaddem.

1.4 Il-KESE jikkunsidra li l-Ewropa għandha tiffoka fuq il-kwalità għolja tal-prodotti u s-servizzi tagħha, il-forza tax-xogħol edukata u l-mudell soċjali tagħha, u għandha tikkompeti mal-kompetituri globali fuq il-kwalità. Dan għandu jiġi rifless fil-Linji Gwida għall-Impjieg. Il-KESE jixtieq jara xi bidliet fil-linji gwida minħabba d-diskussjonijiet dwar il-flessigurtà u speċjalment fir-rigward tal-kwalità ta' l-impjiegi.

1.5 Fl-aħħarnett, il-Kumitat jagħmel xi rakkomandazzjonijiet fir-rigward ta' l-implimentazzjoni tal-flessigurtà. Huwa:

— jirrakkomanda li l-Kummissjoni tevalwa d-diversi kontributi u fehmiet dwar il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni, u li tikkonsulta ma' l-imsieħba soċjali ta' l-Istati Membri fil-livelli kollha;

— iħeġġeġ lill-Kummissjoni sabiex timmonitorja l-proċess ta' implimentazzjoni u twaqqaf pjattaforma għall-iskambju tal-prattiki tajbin li tinkludi lill-imsieħba soċjali; jappoġġja l-parteċipazzjoni attiva ta' l-imsieħba soċjali fit-tfassil u l-implimentazzjoni tal-politiki tal-flessigurtà fl-Istati Membri fl-istadji kollha tal-proċess;

— jenfasizza l-importanza tal-fiduċja reċiproka bejn l-atturi involuti;

— jenfasizza li l-politiki makroekonomiċi sodi li jrawmu t-tkabbir ta' l-impjieg, kif ukoll ambjent favorevoli għall-intrapriżi li permezz tiegħu jiġi liberalizzat u appoġġjat il-potenzjal shih għat-tkabbir, huma prekondizzjonijiet importanti sabiex tkun tista' tiffunzjona l-flessigurtà; iħeġġeġ lill-Istati Membri u l-UE sabiex joholqu u jżommu qafas legali li jwassal għall-adattabilità, li jkun sempliċi, trasparenti u prevedibbli, kif ukoll sabiex isaħħu u jżommu d-drittijiet ta' l-impjegati u l-ġustizzjabilità tagħhom fl-UE kollha u biex jippromovu qafas legali stabbli għan-negozjar kollettiv u d-djalogu soċjali;

— josserva li s-sistemi ġenerali tas-sigurtà soċjali jistgħu jtejbu l-mobbiltà billi jassiguraw li l-ħaddiema ma joħorġux telliefa meta jiffaċċjaw il-bidliet li jolqtu l-post tax-xogħol tagħhom; sabiex jiġu rispettati r-regolamenti nazzjonali u ta' l-UE dwar l-informazzjoni u l-konsultazzjoni huwa importanti li l-bidla tiġi antiċipata u l-konsegwenzi tagħha jittaffew; jenfasizza l-importanza li jiġu dedikati riżorsi ekonomiċi għall-flessigurtà, li jinkludu l-għajnuna pubblika u privata għall-impjegati li għaddejjin minn bidla fl-impjieg;

— jenfasizza li kull politika rilevanti għandha tirrinforza b'mod reċiproku;

— jixtieq jara approċċ integrat fuq diversi livelli; fil-kuntest tan-natura multidimensjonali tal-flessigurtà, huwa importanti li jsir sforz għall-integrazzjoni fil-livelli differenti ta' politika;

— jargumenta li għandhom jitqiesu r-riskji ġodda u li t-transizzjonijiet għandhom ikunu kumpensati fl-implimentazzjoni tal-flessigurtà, iżda wkoll li l-kuntratti permanenti m'għandhomx jitneħħew sistematikament;

— hu tal-fehma li fi żmien ħames snin il-Kummissjoni għandha tipprevedi evalwazzjoni tal-prattiki tal-flessigurtà fl-Istati Membri u speċjalment l-effett tagħhom fuq il-livell ta' l-impjiegi fil-livell nazzjonali u anke ta' l-UE.

2. **Sfond**

2.1 Il-flessigurtà ilha kwistjoni għaddejja sa minn meta ġew adottati l-ewwel linji gwida għall-impjieg. Madankollu, id-dibattitu attwali beda f'Jannar 2006 bil-laqgħa informali tal-Kunsill dwar il-flessigurtà. Il-Kunsill Ewropew tar-Rebbiegħa 2006 talab lill-Istati Membri sabiex jagħtu attenzjoni speċjali lill-isfida prinċipali tal-"flessigurtà". Il-kwistjoni tal-flessigurtà ġiet diskussa matul żewġ Summits Soċjali Tripartitiċi marbuta mas-Summits Ewropej ta' Diċembru 2006 u ta' Marzu 2007. Il-Kummissjoni ppubblikat Komunikazzjoni dwar il-flessigurtà f'Ġunju 2007 li ġiet diskussa u pproċessata fil-Parlament Ewropew u l-Kunsill, u d-Deċiżjoni tal-Kunsill kienet unanima. Barraminhekk, f'Ottubru 2007 l-imsieħba soċjali kkonkludew analiżi konġunta ta' l-isfidi ewlenin li qegħdin jiffaċċjaw is-swieq tax-xogħol Ewropej, inklużi r-rakkomandazzjonijiet dwar il-flessigurtà. Il-KESE jilqa' l-kontributi kollha u speċjalment l-analiżi konġunta ta' l-imsieħba soċjali Ewropej ([1]).

2.2 Id-diskussjonijiet dwar il-flessigurtà taw spunt ukoll għal dibattiti fl-Istati Membri u, dan l-aħħar, għal azzjoni miftiehma f'xi whud minnhom. Il-KESE jilqa' dawn id-diskussjonijiet u l-attivitajiet iżda jenfasizza li huwa essenzjali li l-imsieħba soċjali jkunu involuti b'mod attiv fid-dibattitu u l-proċess tat-teħid ta' deċiżjonijiet.

2.3 Billi tieħu l-opinjoni tal-KESE dwar li flessigurtà, li ġiet adottata f'Lulju 2007 ([2]), bħala bażi li għadha tgħodd, din l-opinjoni għandha l-għan:

— li tippreżenta l-fehmiet tal-KESE dwar punti fokali importanti sabiex tiġi ffaċilitata l-implimentazzjoni tal-flessigurtà fl-Istati Membri u li tagħti ħarsa lill-konsegwenzi għall-politiki ta' l-UE;

— li żżomm il-fehmiet tal-KESE fir-rigward tar-rwol kruċjali ta' l-imsieħba soċjali u tenfasizza iktar ir-rwol tas-soċjetà ċivili f'dan il-proċess.

3. **L-implimentazzjoni tal-flessigurtà**

3.1 Il-KESE jilqa' d-diversi kontributi għad-dibattitu dwar il-flessigurtà. F'dinja dejjem tinbidel huwa essenzjali li niddiskutu kif il-bilanċ bejn il-flessibbiltà u s-sigurtà fil-livell ta' l-UE u ta' l-Istat Membru jista' jikkontribwixxi għall-ħolqien ta' iktar impjiegi u impjiegi aħjar.

3.2 *L-isfidi għas-suq tax-xogħol*

3.2.1 Il-flessigurtà ma tistax titqies bħala separata mill-isfidi li qiegħda tiffaċċja l-Unjoni Ewropea. Il-globalizzazzjoni, l-iżvilupp rapidu ta' teknoloġiji ġodda u l-isfida demografika kif ukoll l-isfidi ambjentali qegħdin ibiddlu s-suq tax-xogħol Ewropew. Madankollu, il-KESE jixtieq iżid li l-isfidi ambjentali wkoll ser ikollhom impatt fuq is-swieq tax-xogħol. Il-flessigurtà għandha tkun parti minn reazzjoni għal dawn it-tendenzi u l-pressjonijiet esterni u interni, bil-għan ta' bilanċ ġust bejn il-progress soċjali, ambjentali u ekonomiku.

3.2.2 Il-KESE huwa tal-fehma li l-isfidi ambjentali ser jolqtu s-swieq tax-xogħol Ewropej. Dawn ser iżidu l-pressjoni sabiex tiġi ffrankata l-enerġija u jiġu introdotti sistemi għal ambjent iktar sostenibbli. Iżda jistgħu wkoll jagħtu spinta lill-innovazzjoni teknoloġika billi jikkontribwixxu għat-tkabbir ekonomiku u t-tkabbir fl-impjieg.

3.2.3 Il-Kumitat osserva li l-bidla fil-klima tista' tenfasizza d-distorsjonijiet u d-diskrepanzi soċjali attwali ([3]), kemm fl-UE kif ukoll f'partijiet oħra tad-dinja. Huwa nnota wkoll li l-objettiv għandu jkun il-ġestjoni ta' l-adattament u jikseb il-mitigazzjoni mingħajr ma jwassal għall-qgħad u d-distorsjoni soċjali ([4]).

([1]) *Key challenges facing European labour markets: a joint analysis of European social partners*, Ottubru 2007.
URL: http://www.ceep.eu/media/right/publications/key_market_challenges_facing_european_labour_markets.

([2]) Opinjoni tal-KESE tal-11 ta' Lulju 2007 dwar *Il-Flessigurtà (in-negozjar kollettiv u r-rwol tad-djalogu soċjali)* rapporteur: is-Sur Janson (ĠU C 256, 27.10.2007).

([3]) Ara http://www.etuc.org/a/3356 Climate change and employment.

([4]) Opinjoni tal-KESE ta' l-24 ta' Ottubru 2007 dwar *It-Tibdil fil-Klima u l-Istrateġija ta' Lisbona*, rapporteur: is-Sur Ehnmark (NAT/362, ĠU C 44, 16.2.2008), punt 1.11.

3.2.4 Il-globalizzazzjoni u r-riżultat tagħha ta' l-integrazzjoni tas-swieq qegħdin jolqtu s-swieq tax-xogħol Ewropej. It-tendenzi tal-konsum, il-produzzjoni u l-investiment qegħdin jinbidlu. Dawn l-iżviluppi m'humiex inevitabbli u lanqas m'hu impossibbli li jiġu affettwati jew imfassla. Il-leġislazzjoni dwar is-saħħa u s-sigurtà u d-drittijiet tal-ħaddiema jtejbu l-ħajja tax-xogħol u jsawru n-normi globali. L-istandards tal-prodotti jistgħu jtejbu l-kompetittività filwaqt li titqies l-adattabilità ta' l-intrapriżi. Madankollu, is-swieq tax-xogħol Ewropej ser ikollhom jaġġustaw sabiex iwieġbu għall-isfidi ta' dinja globalizzata. Minn bosta perspettivi, l-Ewropa gawdiet mill-globalizzazzjoni. Is-suq uniku għen il-ħolqien ta' kumpaniji fl-UE li huma kompetittivi fuq livell globali. Konsegwentement, l-UE setgħet tbiegħ il-prodotti u s-servizzi fil-quċċata tal-katina tal-valur.

3.2.5 Il-globalizzazzjoni u l-bidla teknoloġika ma fixklux it-tkabbir ta' l-impjieg fl-Ewropa. Matul il-perijodu 1995-2005, l-UE rat espansjoni netta ta' l-impjieg bil-ħolqien ta' 18.5 miljun impjieg. L-għadd ta' impjiegi mitlufa minħabba aġġustament relatat ma' l-impjieg huwa żgħir meta mqabbel mar-rata globali tal-ħolqien ta' impjiegi fl-ekonomija. Tassew, l-approċċ miftuħ għall-kummerċ jista' jżid il-possibbiltajiet ta' l-impjieg, kif urew l-iżviluppi reċenti fl-Unjoni Ewropea.

3.2.6 Iżda l-globalizzazzjoni tista' twassal ukoll għal iżjed vulnerabbiltà. Il-kumpaniji huma esposti għal kompetizzjoni miżjuda. Impjiegi li qabel kienu kkunsidrati bħala protetti issa huma esposti għall-kompetizzjoni internazzjonali. Is-servizzi li għal ħafna snin kienu kkunsidrati bħala lokali issa jistgħu jiġu provduti b'mod transkonfinali. Ir-ristrutturar iseħħ ħafna iktar u b'pass iktar mgħaġġel. Meta l-ħaddiema li ma jistgħux ikomplu fil-qasam tagħhom jimpjegaw ruħhom mill-ġdid tipikament jirċievu inqas paga. Għaldaqstant, għal ħafna nies, il-globalizzazzjoni tfisser telf ta' dħul finanzjarju meta jiċċaqilqu bejn l-impjiegi. Fil-fatt is-sehem tal-pagi fl-ekonomija naqas. L-imsieħba soċjali rrimarkaw ukoll li meta mqabbla ma' l-Istati Uniti, l-UE ħalqet iktar impjiegi fis-setturi ta' produttività iktar baxxa filwaqt li l-impjieg fis-setturi li qegħdin jesperjenzaw produttività għolja naqas ([5]).

3.2.7 Il-bidliet fis-suq tax-xogħol wasslu għal żieda fix-xogħol ta' tip part-time u ta' perijodu fiss. Jista' jkun li dawn it-tipi ta' impjieg għamluha iktar faċli sabiex in-nies jimpjegaw ruħhom u b'hekk żdiedu r-rati ta' l-impjieg fl-Ewropa. Iżda l-ħaddiema fl-impjieg temporanju għandhom tendenza li jkunu inqas produttivi, jirċievu inqas taħriġ appoġġjat minn min iħaddimhom ([6]) u għandhom iktar ċans li jkollhom inċidenti relatati max-xogħol ([7]). Dawn jirriskjaw ukoll li jeħlu f'impjieg temporanju. Ftit iktar minn nofs il-ħaddiema b'kuntratti temporanji jkollhom kuntratt permanenti wara sitt snin meta mqabbla ma' 'l fuq minn tliet kwarti li bdew b'kuntratt permanenti ([8]).

3.2.8 Sabiex jiġu indirizzati l-isfidi demografiċi hemm bżonn li jinħolqu servizzi ġodda u opportunitajiet ta' l-impjieg per eżempju fl-oqsma tal-kura tat-tfal u l-anzjani. F'dan il-qafas l-Ewropa għandha bżonn ukoll li ttejjeb l-organizzazzjoni tax-xogħol, l-ugwaljanza bejn l-irġiel u n-nisa u l-bilanċ bejn il-ħajja privata u l-ħajja tax-xogħol.

3.2.9 F'bosta pajjiżi ta' l-UE l-politika fiskali kellha tendenza li tkun inqas stretta fi żminijiet tajbin u iktar stretta fi żminijiet diffiċli taċ-ċiklu tal-kummerċ. Dan huwa speċjalment il-każ fil-pajjiżi l-kbar taż-żona ta' l-euro. B'żieda ma' dan, id-dejn pubbliku baqa' għoli f'għadd ta' pajjiżi ta' l-UE fid-dawl tat-tixjiħ demografiku ([9]).

3.3 *L-Istrateġija ta' l-Impjieg u l-flessigurtà*

3.3.1 Meta jimplimentaw il-politiki tal-flessigurtà fl-Istati Membri, il-Linji Gwida għall-Impjieg jagħtu lill-Istati Membri indikazzjonijiet dwar it-tip ta' swieq tax-xogħol u l-ekonomija li għalihom għandha timmira l-Ewropa. Il-fehma tal-KESE hija ċara: l-Ewropa għandha tiffoka fuq il-kapaċità innovattiva tagħha, il-kwalità għolja tal-prodotti u s-servizzi tagħha, il-forza tax-xogħol tagħha kkwalifikata u l-mudell soċjali tagħha, u għandha tikkompeti mal-kompetituri globali tagħha fuq il-kwalità mhux f'tellieqa għall-iktar pagi baxxi u l-inqas standards soċjali — għax hawnhekk l-Ewropa żgur toħroġ telliefa ([10]).

3.3.2 Hemm bosta Linji Gwida għall-Impjieg li jistgħu jiffurmaw il-bażi għal diskussjoni dwar il-flessigurtà. Il-KESE jixtieq jara xi bidliet fil-linji gwida li jirriflettu r-rakkomandazzjonijiet tiegħu, l-iktar fir-rigward tal-kwalità ta' l-impjiegi, kif stqarr fl-opinjoni tiegħu dwar il-Linji Gwida għall-Impjieg ([11]).

3.3.3 F'diversi okkażjonijiet, il-KESE kkummenta dwar il-proċess rivedut ta' Lisbona u l-Linji Gwida l-ġodda għall-Impjieg ([12]). Il-Kumitat laqa' l-approċċ integrat il-ġdid u ċ-ċiklu multiannwali iżda osserva li:

— f'ċerti oqsma, hemm inkonsistenzi bejn il-Linji Gwida Ġenerali għall-Politika Ekonomika u l-Linji Gwida għall-Impjieg;

([5]) Ara nota 1.

([6]) *Assessing the impact of labour market policies on productivity: a difference-in-differences approach OECD Social, Employment and Migration Working Papers* Nru 54, 2007.
URL: http://www.oecd.org/dataoecd/27/20/38797288.pdf.

([7]) *European Working Conditions Survey* (Il-Fondazzjoni Ewropea għal Titjib fil-Kondizzjonijiet ta' l-Għajxien u x-Xogħol).

([8]) Analiżi konġunta (ara nota 1).

([9]) Idem.

([10]) Opinjoni tal-KESE tat-13 ta' Settembru 2006 dwar *il-kwalità tal-ħajja tax-xogħol, il-produttività u l-impjieg fil-kuntest tal-glboalizzazzjoni u l-isfidi demografiċi*, rapporteur: is-Sinjura Englen-Kefer (ĠU C 318, 23.12.2006), punt 1.1. Mhux disponibbli bil-Malti.

([11]) Proposta għal Deċiżjoni tal-Kunsill dwar linji gwida għall-Politika ta' l-Impjiegi (SOC/303), rapporteur is-Sur Greif (adozzjoni ppjanata għal Marzu 2008). Is-sett il-ġdid ta' Linji Gwida għall-2008-2010 li kienu proposti mill-Kummissjoni f'Diċembru 2007 huwa identiku għall-pakkett preċedenti (2005-2008).

([12]) Opinjoni tal-KESE tal-31 ta' Mejju 2005 dwar Il-Linji Gwida dwar l-Impjiegi *2005-2008*, rapporteur: is-Sur Malosse, ĠU C 286 17.11.2005, opinjoni tal-KESE tas-17 ta' Mejju 2006 dwar il-Linji Gwida għall-Impjieg, rapporteur is-Sur Greif (ĠU C 195, 18.8.2006) u l-opinjoni tal-KESE ta' l-24 ta' April dwar il-Linji Gwida għall-politiki ta' l-impjieg, rapporteur: is-Sinjura O'Neill (ĠU C 168, 20.7.2007).

— is-suċċess jiddependi l-ewwelnett mill-Istati Membri li jieħdu r-responsabbiltajiet tagħhom bis-serjetà u li verament ipoġġu l-prijoritajiet miftiehma fil-prattika fil-livell nazzjonali;

— il-parlamenti nazzjonali, l-imsieħba soċjali u s-soċjetà ċivili għandhom ikunu involuti ġenwinament fl-istadji kollha tal-koordinazzjoni tal-politika ta' l-impjieg.

3.3.4 Il-KESE indika wkoll li wieħed mill-aspetti li jwasslu għas-suċċess tal-programmi nazzjonali ta' riforma huwa l-parteċipazzjoni kemm jista' jkun wiesgħa ta' l-atturi soċjali rilevanti kollha — b'mod partikulari l-imsieħba soċjali — f'kull fażi tal-proċess, u li r-rwol ta' l-imsieħba soċjali għandu jissaħħaħ ([13]). Il-Kumitat jixtieq jenfasizza wkoll l-importanza li jiġu kkonsultati l-kunsilli ekonomiċi u soċjali nazzjonali f'dan il-qafas.

3.4 *Il-kunċett tal-flessigurtà*

3.4.1 Il-flessigurtà tista' taqdi rwol ewlieni fil-ksib ta' l-għanijiet ta' l-Istrateġija mġedda ta' Lisbona, li jagħtu qafas għar-riformi nazzjonali u l-għażliet ta' politika. Madankollu, la l-kunċett u lanqas il-komponenti tal-flessigurtà m'huma ġodda. L-ewwel Linji Gwida għall-Impjieg, adottati fil-kuntest ta' l-Istrateġija Ewropea għall-Impjieg fl-1998, diġà kienu sejħu lill-imsieħba soċjali sabiex jinnegozjaw bilanċ bejn il-flessibbiltà u s-sigurtà.

3.4.2 Il-KESE jixtieq jenfasizza li ma teżisti l-ebda soluzzjoni unika għal kollox u li t-taħlita t-tajba ser tvarja fid-diversi Stati Membri. Il-KESE diġà enfasizza li d-dibattitu kien l-iktar limitat għaż-żieda fil-flessibbiltà esterna u għall-mezzi ta' kumpens ta' żieda bħal din bit-tishih tal-politiki tas-suq tax-xogħol jew bid-dispożizzjonijiet tas-sigurtà soċjali. Minflok, l-għan għandu jkun li jiġu enfasizzati dimensjonijiet oħra sabiex jinħolqu sitwazzjonijiet fejn igawdi kulħadd ([14]). Il-flessigurtà tfisser ukoll id-deċiżjoni tal-bilanċ tad-drittijiet u l-obbligi bejn min iħaddem u l-ħaddiema fejn għandhom jiġu negozjati pakketti bilanċjati u ġusti ([15]).

3.4.3 Il-flessigurtà tintuża, fost oħrajn, mill-Kummissjoni meta tanalizza l-Pjanijiet Nazzjonali ta' Riforma u mill-Presidenza meta jiġu diskussi l-isfidi tas-suq tax-xogħol. Din saret qafas għall-evalwazzjoni tas-swieq tax-xogħol ta' l-Istati Membri. Il-Kummissjoni għandha tieħu nota ta' l-iżviluppi u l-kontributi kollha reċenti. Sabiex tanalizza l-prekondizzjonijiet differenti, u ħafna drabi kumplessi ħafna, fl-Istati Membri, il-kooperazzjoni stretta ma' l-atturi rilevanti hija essenzjali. L-imsieħba soċjali għandhom jiġu kkonsultati qabel ma l-gvernijiet jippreżentaw il-Pjanijiet Nazzjonali ta' Riforma.

([13]) Opinjoni tal-KESE tas-17 ta' Mejju 2006 dwar Il-Linji Gwida dwar l-Impjiegi, rapporteur: is-Sur Greif, (ĠU C 195, 18.8.2006).
([14]) Opinjoni tal-KESE tal-11 ta' Lulju 2007 dwar *Il-Flessigurtà (in-negozjar kollettiv u r-rwol tad-djalogu soċjali)* rapporteur: is-Sur Janson (ĠU C 256, 27.10.2007), punt 1.1.
([15]) Ibid, punt 4.1.

3.5 *Il-komponenti fl-implimentazzjoni tal-flessigurtà*

3.5.1 Il-KESE diġà enfasizza li l-kunċett tal-flessigurtà ma jfissirx it-tnaqqis unilaterali u illeġittimu tad-drittijiet tal-ħaddiema. Il-KESE ma jaċċettax din l-idea ([16]). L-imsieħba soċjali Ewropej ([17]) sejħu lill-Istati Membri sabiex jirrevedu, u jekk hemm bżonn jaġġustaw, it-tfassil tal-liġi tax-xogħol, is-sistemi tal-protezzjoni ta' l-impjieg u, flimkien ma' l-imsieħba soċjali, il-prattika tan-negozjar kollettiv, bil-għan li:

— jiġi assigurat l-aħjar bilanċ bejn il-flessibbiltà u s-sigurtà għar-relazzjonijiet kollha ta' l-impjieg;

— tiġi provduta sigurtà adegwata għall-ħaddiema li għandhom kull tip ta' kuntratt sabiex jiġu indirizzati s-swieq tax-xogħol segmentati;

— jiġu żviluppati miżuri komplementari għas-sigurtà ta' l-impjieg li jippromovu t-transizzjonijiet għall-impjiegi produttivi u ta' sodisfazzjon;

— tittejjeb iċ-ċertezza legali u t-trasparenza kemm għal min iħaddem kif ukoll il-ħaddiema fir-rigward ta' l-ambitu, il-kopertura u l-infurzar tal-liġi tax-xogħol;

— jiġu implimentati u rispettati fil-livell nazzjonali l-prinċipji u r-regoli tad-direttivi soċjali Ewropej, inkluż dawk li jinbtu minn ftehim qafas bejn l-imsieħba soċjali Ewropej, kif ukoll il-prinċipji bażiċi tat-trattament ugwali u n-non-diskriminazzjoni;

— jiġu promossi r-relazzjonijiet ta' l-impjieg li jkunu stabbli u l-prattiki fis-suq tax-xogħol li jkunu sostenibbli;

— jiġi implimentat il-qafas għall-iżvilupp tal-prattiki tal-post tax-xogħol li jtejbu l-bilanċ bejn il-ħajja privata u l-ħajja tax-xogħol u b'hekk jiġi promoss l-isfruttar tal-potenzjal produttiv tal-forza tax-xogħol Ewropea.

3.5.2 Il-Kumitat jaqbel ma' l-importanza kruċjali ta' strateġiji komprensivi għat-tagħlim tul il-ħajja u l-investiment aħjar fir-riżorsi umani sabiex tirnexxi l-istrateġija ta' Lisbona. Madankollu, iċ-ċifri ta' l-Eurostat juru li sar ftit li xejn progress fiż-żieda tal-parteċipazzjoni tal-ħaddiema fit-tagħlim tul il-ħajja. L-importanza tat-tagħlim tul il-ħajja għat-titjib tal-ħiliet tal-ħaddiema, l-opportunitajiet tal-karriera u l-produttività ġiet enfasizzata f'bosta opinjonijiet reċenti tal-KESE. Filwaqt li fil-passat saru ħafna impenji għat-tagħlim tul il-ħajja, għad fadal ħafna x'jinkiseb fil-prattika min-naħa ta' l-Istati Membri u atturi oħrajn. Fl-2002, l-imsieħba soċjali Ewropej ftehmu dwar Qafas ta' azzjonijiet għall-iżvilupp tal-kompetenzi u l-kwalifiki tul il-ħajja.

([16]) Ibid, punt 1.4.
([17]) Ara nota 1.

3.5.3 Il-KESE jressaq l-argument li s-sistemi tas-sigurtà soċjali inklużivi abbinati mal-politiki attivi tas-suq tax-xogħol itejbu l-qbil bejn il-kompetenzi u l-impjiegi u jħeġġu l-innovazzjoni u l-produttività ogħla fl-industriji vulnerabbli li huma kruċjali għall-kompetittività futura ta' l-Ewropa. Parti importanti tal-flessigurtà hija l-benefiċċji tal-qgħad b'rati għoljin ta' sostituzzjoni li jkunu effiċjenti u orjentati lejn l-impjieg, jipprovdu possibbiltajiet addizzjonali għal qbil adegwat bejn l-impjiegi u l-ħiliet filwaqt li jtejbu s-sigurtà ta' l-impjieg. Għaldaqstant m'hijiex biss kwistjoni li jiġu offruti livelli ta' sostituzzjoni "adegwati" iżda wkoll li jiġi assigurat li jżommu livell ta' għajxien xieraq filwaqt li jibqgħu sostenibbli, u jintrabtu ma' strateġiji ta' attivazzjoni u servizzi ta' impjieg li jkunu ta' kwalità għolja.

3.5.4 Iktar kmieni, il-KESE enfasizza l-importanza ta' l-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel ([18]). Il-politiki għandhom jiġu implimentati sabiex jinstab bilanċ bejn il-ħajja professjonali, privata u familjali kif ukoll miżuri li jagħmluh possibbli li kemm in-nisa kif ukoll l-irġiel jilħqu l-potenzjal professjonali tagħhom u jsiru ekonomikament indipendenti. Il-KESE jħeġġeġ lill-Istitut Ewropew għall-Ugwaljanza bejn is-Sessi sabiex jimmonitorja l-flessigurtà mill-perspettiva tal-ġeneru.

3.5.5 Il-mobbiltà ġeografika u professjonali tal-ħaddiema huma għodod neċessarji sabiex jiġu assigurati s-swieq tax-xogħol effiċjenti u jittaffa n-nuqqas ta' qbil bejn id-domanda u l-provvista tax-xogħol, billi jitnaqqsu s-sitwazzjonijiet ta' konġestjoni f'setturi u professjonijiet speċifiċi. Il-mobbiltà ġeografika tista' tagħti kontribut għall-konverġenza pożittiva tal-kondizzjonijiet tax-xogħol u l-għajxien. Barraminhekk, il-mobbiltà ġeografika u ta' l-impjieg jista' jkollha impatt sinifikattiv fuq ir-rati tat-tkabbir u l-impjieg. Tul dawn l-aħħar snin, l-Istati Membri bl-ogħla livelli ta' mobbiltà rreġistraw ukoll tkabbir ekonomiku b'saħħtu u rati tal-qgħad baxxi — jew imnaqqsa sew. Dan jindika relazzjoni bejn il-livelli tal-mobbiltà u l-prestazzjoni b'saħħitha fis-suq ekonomiku u tax-xogħol.

3.6 *Il-flessigurtà u d-diversi partijiet interessati*

3.6.1 Il-KESE jenfasizza l-importanza tad-djalogu soċjali u li l-imsieħba soċjali jkunu involuti b'mod attiv f'kull livell rilevanti fit-tfassil u l-implimentazzjoni tal-politiki tal-flessigurtà ([19]). Kif enfasizza l-KESE fl-opinjoni preċedenti tiegħu, it-tisħiħ tas-sistemi tar-relazzjonijiet industrijali fil-livell Ewropew u nazzjonali huwa essenzjali għal kull diskussjoni dwar il-flessigurtà.

3.6.2 Il-flessigurtà teħtieġ klima ta' fiduċja u djalogu wiesa' fost il-partijiet kollha interessati, fejn kulħadd huwa lest li jieħu r-responsabbiltà għall-bidla bil-għan li jkun hemm politiki bilanċjati fil-qasam soċjali. Dan jinkludi wkoll il-possibbiltajiet ta' monitoraġġ u evalwazzjoni ta' l-implimentazzjoni kif ukoll tar-riżultati tal-politiki.

([18]) Opinjoni tal-KESE tal-11 ta' Lulju 2007 dwar *Il-Flessigurtà (in-negozjar kollettiv u r-rwol tad-djalogu soċjali)* rapporteur: is-Sur Janson (ĠU C 256, 27.10.2007).

([19]) Ibid, punt 4.1.

3.6.3 Is-soċjetà ċivili għandha rwol x'taqdi wkoll fl-implimentazzjoni tal-flessigurtà. L-NGOs soċjali jipprovdu s-servizzi essenzjali għal dawk li huma fir-riskju jew li qegħdin jesperjenzaw il-marġinalizzazzjoni u jikkontribwixxu għall-bilanċ bejn il-ħajja familjali u professjonali. L-assoċjazzjonijiet edukattivi jħeġġu u jipprovdu t-tagħlim tul il-ħajja ta' l-adulti. Is-soċjetà ċivili organizzata tista' tgħin iżżid il-kwalità ta' l-impjieg u ttaffi l-isfidi ffaċċjati mill-iktar gruppi vulnerabbli li jiltaqgħu mad-diskriminazzjoni fis-suq tax-xogħol Ewropew, bħaż-żgħażagħ u l-persuni mdaħħla fl-età, in-nisa, il-migranti u l-persuni b'diżabbiltà.

4. **Rakkomandazzjonijiet**

4.1 Il-KESE jħeġġeġ lill-Kummissjoni sabiex tevalwa d-diversi kontributi u fehmiet dwar il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni u żviluppi reċenti oħra. L-Istati Membri u l-imsieħba soċjali fil-livelli kollha wkoll għandhom rwol x'jaqdu fit-tfassil tal-kunċett tal-flessigurtà meta tiġi implimentata. Dan huwa essenzjali billi l-flessigurtà tintuża fil-proċess ta' evalwazzjoni tal-Programmi Nazzjonali ta' Riforma ta' l-Istati Membri.

4.2 Meta l-Istati Membri jinkorporaw il-prinċipji komuni fil-Programmi Nazzjonali ta' Riforma, u jipprovdu taħlita tal-politiki nazzjonali skond il-kondizzjonijiet u l-prattiki tagħhom, il-KESE jħeġġeġ lill-Kummissjoni sabiex timmonitorja l-proċess sħiħ u twaqqaf pjattaforma għall-iskambju ta' l-aħjar prattiki u l-valutazzjoni komparattiva li tinkludi, b'mod speċjali, l-imsieħba soċjali, iżda wkoll is-soċjetà ċivili organizzata. Għaldaqstant, il-KESE jilqa' "il-missjoni għall-flessigurtà" esploratorja mwaqqfa mill-Kummissjoni.

4.3 Il-KESE jappoġġja l-parteċipazzjoni attiva ta' l-imsieħba soċjali fit-tfassil u l-implimentazzjoni tal-politiki tal-flessigurtà fl-istadji kollha tal-proċess. Il-KESE diġà enfasizza l-bżonn għal "djalogu soċjali b'saħħtu u vitali fejn l-imsieħba soċjali jipparteċipaw b'mod attiv u jkunu jistgħu jinnegozjaw, jinfluwenzaw u jieħdu r-responsabbiltà għad-definizzjoni, għall-komponenti u għall-evalwazzjoni tar-riżultati tal-flessigurtà …" ([20]).

4.4 Il-fiduċja reċiproka bejn l-atturi involuti hija ferm importanti. Is-soċjetà ċivili organizzata tista' taqdi rwol importanti sabiex tiżdied il-fiduċja iżda wkoll bħala pont għal dawk li jinsabu l-iktar 'il bogħod mis-suq tax-xogħol.

4.5 Fost il-prekondizzjonijiet importanti sabiex tkun tista' tiffunzjona l-flessigurtà nsibu l-politiki makroekonomiċi li jrawmu t-tkabbir fl-impjieg u l-ambjent kummerċjali favorevoli li jillibera-lizza u jappoġġja l-potenzjal sħiħ għat-tkabbir.

([20]) Opinjoni tal-KESE tal-11 ta' Lulju 2007 dwar *Il-Flessigurtà (in-negozjar kollettiv u r-rwol tad-djalogu soċjali)* rapporteur: is-Sur Janson (ĠU C 256, 27.10.2007), punt 1.3.

4.6 Il-KESE jħeġġeġ lill-Istati Membri u l-UE sabiex joħolqu u jżommu qafas legali li jwassal għall-adattabilità, li jkun sempliċi, trasparenti u prevedibbli, kif ukoll sabiex isaħħu u jżommu d-drittijiet ta' l-impjegati u l-ġustizzjabilità tagħhom fl-UE kollha u biex jippromovu qafas legali stabbli għan-negozjar kollettiv u d-djalogu soċjali meta jimplimentaw il-flessigurtà. Il-bażi ta' kull mudell tal-flessigurtà hija l-politika li tista' tiggarantixxi livelli għolja ta' ħarsien soċjali, it-teħid tar-responsabbiltà minn servizzi pubbliċi finanzjati b'mod adegwat, u qafas legali stabbli għan-negozjar kollettiv u d-djalogu soċjali. F'dan il-qafas, l-istandards ta' l-ILO u l-leġislazzjoni ta' l-UE, billi huma trasparenti u prevedibbli, huma bażijiet importanti.

4.7 Sistemi ġenerali tas-sigurtà soċjali jistgħu jtejbu l-mobbiltà billi jassiguraw li l-ħaddiema ma joħorġux telliefa meta jiġu kkonfrontati b'bidliet li jolqtu l-post tax-xogħol tagħhom. Sabiex jiġu rispettati r-regolamenti nazzjonali u ta' l-UE dwar l-informazzjoni u l-konsultazzjoni huwa importanti li l-bidla tiġi antiċipata u l-konsegwenzi tagħha jittaffew. F'opinjoni preċedenti, il-KESE ppropona li d-Direttiva dwar il-Kunsilli tax-Xogħolijiet ([21]) tiġi riveduta u dan l-aħħar il-Kummissjoni nediet it-tieni fażi ta' konsultazzjoni li tagħti lill-imsieħba soċjali l-opportunità li jibdew in-negozjati bil-għan li tiġi riveduta l-leġislazzjoni eżistenti. Il-Kumitat ħeġġeġ ukoll lill-Kunsill u lill-Kummissjoni sabiex jipprovaw isibu soluzzjoni sakemm issir leġislazzjoni fil-qasam soċjali.

4.8 Il-KESE enfasizza l-importanza li jiġu dedikati riżorsi ekonomiċi għall-flessigurtà. L-implimentazzjoni tal-flessigurtà mingħajr l-investiment fit-tisħiħ ta' l-istituzzjonijiet, il-politiki attivi fis-suq tax-xogħol u t-tagħlim matul il-ħajja, ma twassalx għal suq tax-xogħol ta' kwalità għolja. Din tinkludi l-estensjoni tas-sigurtà għall-impjiegi prekarji. Il-politiki għandhom ikunu ffukati fuq l-integrazzjoni tan-nisa, iż-żgħażagħ u l-persuni mdaħħla fl-età fis-suq tax-xogħol. Il-flessigurtà għandha tiġi applikata b'approċċ olistiku u konsistenti. F'dan ir-rigward, huwa essenzjali li jiġu dedikati r-riżorsi xierqa għall-fondi Ewropej bħall-Fond Soċjali Ewropew u l-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali.

4.9 Il-KESE jenfasizza li kull politika rilevanti għandha tirrinforza b'mod reċiproku. It-tkabbir, l-impjiegi, il-koeżjoni soċjali u l-ambjent huma kollha importanti indaqs u jappoġġjaw lil xulxin b'mod reċiproku. It-tkabbir sostenibbli huwa relatat ma' aspirazzjonijiet ta' benesseri ogħla u ambjent imtejjeb.

4.10 Il-KESE jixtieq jara approċċ integrat fuq diversi livelli. Fil-kuntest tan-natura multidimensjonali tal-flessigurtà, huwa importanti li jsir sforz għall-integrazzjoni fil-livelli differenti ta' politika. Hemm bżonn politika li tkun iktar koerenti sabiex tindirizza l-kwistjoni u interazzjoni miżjuda bejn id-diversi atturi u livelli sabiex tittejjeb il-koeżjoni ekonomika u soċjali.

4.11 Il-KESE jressaq l-argument li għandhom jitqiesu r-riskji ġodda u li t-transizzjonijiet għandhom jiġu kumpensati fl-implimentazzjoni tal-flessigurtà. Il-globalizzazzjoni ser iżżid ir-riskji għall-ħaddiema u l-kumpaniji. Huwa essenzjali li jitqiesu dawn ir-riskji sabiex tiġi indirizzata l-isfida tal-globalizzazzjoni. Huwa kruċjali li jkun hemm promozzjoni tal-mobbiltà tal-ħaddiema b'mod pożittiv u ta' kwalità għolja permezz ta' l-investiment finnies u t-titjib fil-portabbiltà tad-drittijiet.

Brussell, it-22 ta' April 2008.

Il-President
tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew
Dimitris DIMITRIADIS

([21]) Opinjoni tal-KESE tat-13 ta' Settembru 2006 dwar il-Kunsilli Ewropej tax-Xogħolijiet: rwol ġdid fil-promossjoni ta' l-integrazzjoni Ewropea, rapporteur: is-Sur Iozia (ĠU C 318, 23.12.2006). Mhux disponibbli bil-Malti.

Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar il-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni Niġġieldu kontra l-inugwaljanza fil-pagi bejn in-nisa u l-irġiel

COM(2007) 424 finali

(2008/C 211/16)

Nhar it-18 ta' Lulju 2007, il-Kunsill iddeċieda, b'konformità ma' l-Artikolu 262 tat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, li jikkonsulta l-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar

Il-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni dwar: Niġġieldu kontra l-inugwaljanza fil-pagi bejn in-nisa u l-irġiel.

Is-Sezzjoni Speċjalizzata għax-Xogħol, l-Affarijiet Soċjali u ċ-Ċittadinanza, inkarigata sabiex tipprepara l-ħidma tal-Kumitat dwar is-suġġett, adottat l-opinjoni tagħha nhar it-2 ta' April 2008. Is-Sinjura Kössler kienet ir-rapporteur.

Matul l-444 sessjoni plenarja tiegħu li nżammet fit-22 u t-23 ta' April 2008 (seduta tat-22 ta' April 2008), il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew adotta din l-Opinjoni b'128 vot favur u 3 astensjonijiet.

1. Konklużjonijiet u rakkomandazzjonijiet

1.1 Il-KESE jilqa' r-rieda politika tal-Kummissjoni li tkompli tiġġieled kontra l-inugwaljanza fil-pagi bejn in-nisa u l-irġiel. Bħall-Kummissjoni, il-Kumitat jemmen li huwa serju ħafna l-fatt li għadu ma jidhirx xaqq ta' dawl li din l-inugwaljanza titneħħa xi darba għalkemm diġà ttieħdu miżuri għal dan il-għan. Għaldaqstant, huwa importanti li l-partijiet ikkonċernati kollha jipparteċipaw fl-isforzi li qed isiru, u juru r-rieda li s-sitwazzjoni tinbidel verament. L-istrateġija ta' l-UE għat-tkabbir u l-impjiegi li tinsab fl-istrateġija ta' Lisbona hija strument importanti għall-promozzjoni ta' l-ugwaljanza fis-suq tax-xogħol u t-tnaqqis ta' l-inugwaljanza fil-pagi bejn in-nisa u l-irġiel Il-paga trid tinġieb indaqs sabiex jinkisbu l-objettivi ta' l-istrateġija ta' Lisbona, jiġi żgurat il-benesseri pubbliku u tiġi assigurata l-kompetittività globali. Dan hu importanti għall-ġejjieni tan-nisa u l-irġiel.

1.2 Fil-kuntest tal-ġlieda għall-ugwaljanza fil-pagi, il-KESE jagħti dawn ir-rakkomandazzjonijiet li ġejjin lill-istituzzjonijiet Ewropej, lill-gvernijiet nazzjonali, lill-korpi inkarigati mill-ugwaljanza fil-livell nazzjonali u lill-imsieħba soċjali.

1.2.1 Fil-fehma tal-KESE, kull Stat Membru għandu jiggarantixxi l-applikazzjoni tal-prinċipju ta' paga ndaqs għall-irġiel u n-nisa għall-istess xogħol jew għal xogħol ta' l-istess valur fil-leġislazzjoni tiegħu u fil-ftehimiet kollettivi, b'konformità mad-Direttiva 75/117/KEE.

1.2.2 Il-KESE jaħseb li l-Istati Membri għandhom jiffokaw l-isforzi tagħhom fuq il-ġlieda kontra l-fatturi li jikkawżaw l-inugwaljanza fil-pagi. Dawn il-fatturi huma marbuta mal-fatt li x-xogħol tan-nisa u l-irġiel huwa stmat b'mod differenti, li fis-suq tax-xogħol teżisti diviżjoni tax-xogħol skond is-sess, u li jeżistu d-differenzi bejn in-nisa u l-irġiel fir-rigward tas-suq tax-xogħol u tas-setgħa u l-istat li huma jgawdu.

1.2.3 Rigward id-dispożizzjonijiet attwali, jeħtieġ li:

— dawn jiġu verament applikati fil-ġlieda kontra d-diskriminazzjoni fil-pagi;

— il-possibbiltà leġislattiva li jittieħdu miżuri ta' diskriminazzjoni pożittiva b'konformità ma' l-Artikolu 141(4) tat-Trattat KE tinżamm u tiġi applikata b'mod effettiv sabiex isir iktar faċli li dak is-sess li jkun inqas rappreżentat jaqbad jaħdem;

— min iħaddem jagħmel reviżjoni annwali tal-qagħda u l-iżvilupp tal-pagi biex jiġu identifikati l-problemi ta' diskriminazzjoni bejn l-irġiel u n-nisa fis-sistemi tal-klassifikazzjoni tax-xogħlijiet, u jiġu implimentati soluzzjonijiet xierqa billi jitfassal pjan favur l-ugwaljanza li jinkludi sistema ta' pagi trasparenti;

— l-Istati Membri jiggarantixxu l-aċċess mingħajr tfixkil għall-mekkaniżmi biex wieħed jappella jew jirrapporta każi ta' diskriminazzjoni, u li b'konformità mad-Direttiva 97/80/KE tal-Kunsill rigward il-piż tal-prova fil-każijiet ta' diskriminazzjoni msejsa fuq is-sess ([1]), għandha tiġi mill-akkużat li jagħti prova, fil-qorti jew quddiem awtorità kompetenti oħra, li l-prinċipju tat-trattament ugwali ma nkisirx.

1.2.4 Fil-ftehimiet bejn l-imsieħba soċjali, tinħass il-ħtieġa li:

— jissaħħu d-djalogu soċjali u n-negozjati kollettivi fil-livelli kollha peress li dawn huma strumenti indispendabbli għat-tneħħija ta' l-inugwaljanzi fil-pagi bejn in-nisa u l-irġiel;

— isir studju bir-reqqa tal-kriterji attwali tal-klassifikazzjonijiet tax-xogħlijiet — l-implikazzjonijiet espliċiti u impliċiti tagħhom, il-progress tal-ħidma fid-dawl taż-żmien, id-disponibbiltà u r-responsabbiltajiet fid-dar;

([1]) Artikolu 4: http://eur-lex.europa.eu/LexUriServ/LexUriServ.do?uri=OJ:L:1998:014:0006:0008:EN:PDF.

— id-dispożizzjonijiet rigward l-informazzjoni u l-konsultazzjoni mal-ħaddiema u mar-rappreżentanti tagħhom dwar il-qagħda u l-iżvilupp tal-pagi tan-nisa u ta' l-irġiel ikunu trasparenti fi ħdan intrapriża jew organizzazzjoni;

— jittieħdu miżuri għall-ġlieda kontra l-inugwaljanza fil-pagi bejn in-nisa u l-irġiel;

— tingħata l-possibbiltà li wieħed jagħżel ħinijiet tax-xogħol flessibbli.

1.2.5 Billi l-ugwaljanza fis-suq tax-xogħol hija fattur ewlieni għat-tneħħija ta' l-inugwaljanza fil-pagi bejn in-nisa u l-irġiel, huwa importanti li:

— jittieħdu miżuri bil-għan li jissaħħaħ l-aċċess ugwali u l-parteċipazzjoni tan-nisa u l-irġiel fis-suq tax-xogħol kollu — għal dan tinħtieġ ukoll l-għajnuna finanzjarja mill-Fondi Strutturali;

— it-tfal u ż-żgħażagħ, kemm bniet kif ukoll subien, jingħataw eżempji pożittivi li jħeġġuhom jagħmlu għażliet professjonali "mhux tradizzjonali";

— tinkiseb l-ugwaljanza f'dak li għandu x'jaqsam mal-parteċipazzjoni u l-influwenza fil-ħajja professjonali;

— jiġu adottati miżuri konġunti, strettament marbutin u koerenti li jiggarantixxu l-bilanċ bejn il-ħajja privata u dik professjonali sabiex ikun jista' jinstab bilanċ bejn ir-responsabbiltajiet familjari u x-xogħol;

— jiddaħħal il-leave tal-ġenituri bil-ħlas f'pajjiżi fejn bħalissa dan ma jeżistix — per eżempju bis-saħħa tat-traspożizzjoni tad-dispożizzjoni li għandhom l-istituzzjonijiet Ewropej — u li tingħata l-possibbiltà ta' leave tal-ġenituri bil-ħlas itwal. L-Istati Membri għandhom jieħdu miżuri effiċjenti sabiex jiffaċilitaw l-aċċess għall-irġiel u n-nisa meta jaqsmu l-leave tal-ġenituri, inkluż il-leave tal-ġenituri obbligatorju għall-irġiel ([2]);

— jiġu offruti day care centres għat-tfal, li jkunu komprensivi u sussidjati, sabiex il-ġenituri jkunu jistgħu jibqgħu jaħdmu, u jinterrompu l-karriera tagħhom għal tul ta' żmien iqsar. Għandha tikber il-provvista ta' servizzi ta' kwalità li jistgħu jintlaħqu finanzjarjament għall-persuni dipendenti u għall-familji tagħhom ([3]).

— jiġu pprovduti faċilitajiet estensivi u sussidjati mill-fondi pubbliċi għall-anzjani u persuni oħra li jeħtieġu l-kura.

1.2.6 Barra minn hekk, l-Istati Membri għandhom jieħdu ħsieb li:

— il-partijiet ikkonċernati kollha jiġu infurmati dwar il-fatturi li jikkawżaw l-inugwaljanza fil-pagi bejn in-nisa u l-irġiel u dwar id-diskriminazzjoni marbuta mas-sess;

— isir skambju ta' l-aħjar prattiki u jiġi organizzat djalogu fil-fond bejn il-pajjiżi;

— kemm iċ-ċittadini b'mod ġenerali kif ukoll ir-rappreżentanti tal-ħaddiema u ta' min iħaddem, u dawk li jaħdmu fis-settur tal-ġustizzja jiġu infurmati dwar id-drittijiet tan-nies li jħossuhom diskriminati.

1.2.7 Il-Kumitat iħeġġeġ lill-Istitut Ewropew għall-Ugwaljanza bejn is-Sessi biex fil-ħidma tiegħu jagħti prijorità lill-kwistjoni ta' l-inugwaljanza fil-pagi bejn in-nisa u l-irġiel.

1.2.8 Il-Kumitat jinsab inkwetat ħafna minħabba r-riżultati tar-rapport tal-Kummissjoni dwar "L-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel — 2008" ([4]). Ir-rapport jgħid li hemm nuqqas fir-rappreżentazzjoni tan-nisa f'setturi li huma fundamentali għall-iżvilupp ekonomiku u li normalment ikunu mħallsa tajjeb. Għaldaqstant, waħda mill-isfidi ewlenin għandha tkun it-tishiħ ta' l-aspett kwalitattiv ta' l-ugwaljanza.

1.2.9 Il-Kumitat jappoġġja wkoll il-Pjattaforma Ewropea għax-Xjentisti Nisa ([5]), u jħeġġeġ lill-partijiet ikkonċernati kollha fil-livell nazzjonali u Ewropew biex jiffokaw b'mod speċjali fuq in-nisa li qed jaħdmu fl-oqsma tax-xjenza u r-riċerka. Fl-UE, 29 % tax-xjentisti u l-inġiniera biss huma nisa.

1.3 Il-Kumitat jistenna li l-istituzzjonijiet tal-gvern u l-mexxejja politiċi fl-Istati Membri jkunu ta' eżempju permezz tal-prattiki u l-imġiba tagħhom fl-implimentazzjoni tal-prinċipji diskussi f'din l-opinjoni.

1.4 Il-KESE jirrakkomanda li tingħata attenzjoni speċjali lill-influwenza tal-mezzi tax-xandir biex jeliminaw l-immaġini stereotipati ta' l-irġiel u n-nisa, u biex jippromovu r-rappreżentanza taż-żewġ sessi li tirrifletti b'mod iktar preċiż il-kontribut tagħhom f'kull qasam tas-soċjetà.

2. **Introduzzjoni**

2.1 Mill-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni joħroġ li, bħala medja, in-nisa fl-UE għadhom jaqilgħu 15 % inqas mill-irġiel. It-tneħħija ta' l-inugwaljanza fil-pagi bejn in-nisa u l-irġiel hija wieħed mill-elementi ewlenin li jinsabu fil-*Pjan ta' Azzjoni għall-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel (2006-2010)* ([6]). Il-kwistjoni ta' l-inugwaljanza fil-pagi bejn in-nisa u l-irġiel tmur bil-wisq lil hinn mill-problema ta' "paga ndaqs għall-istess xogħol". Waħda mill-kawżi prinċipali hija marbuta mal-mod ta' kif jiġu evalwati l-kompetenzi tan-nisa meta mqabbla ma' dawk ta' l-irġiel. B'mod ġenerali, xogħol li għalih ikunu meħtieġa kwalifiki u esperjenza jixxiebhu huwa mħallas inqas meta dan ikun f'settur tipikament marbut man-nisa.

([2]) Din il-kwistjoni tinsab fl-aġenda ta' l-imsieħba soċjali Ewropej, kif ġie propost matul it-tieni konsultazzjoni ta' l-imsieħba soċjali Ewropej dwar il-bilanċ bejn il-ħajja professjonali, il-ħajja privata u l-familja.

([3]) F'dan ir-rigward, il-KESE jfakkar fir-rakkomandazzjonijiet li diġà ressaq diversi drabi f'opinjonijiet preċedenti; l-aktar waħda reċenti hija l-opinjoni tal-KESE tat-13 ta' Frar 2008 dwar "il-Proposta għal Deċiżjoni tal-Kunsill dwar linji gwida għall-Politika ta' l-Impjieg ta' l-Istati Membri (skond Artikolu 128 tat-Trattat tal-KE)" (SOC/303), rapporteur: is-Sur Greif (ara b'mod b'mod speċjali punt 2.3).

([4]) COM(2008) 10 finali, 23.1.2008.

([5]) Ara www.epws.org.

([6]) Opinjoni tal-KESE dwar *l-Ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel — Pjan ta' Azzjoni 2006-2010*, rapporteur: Grace Attard, ĠU C 318 tat-23.12.2006. (*Din l-opinjoni ma nqalbitx għall-Malti*). F'dan il-kuntest nistgħu nsemmu wkoll dawn l-opinjonijiet li ġejjin: l-opinjoni (SOC/204) tal-KESE tat-28 ta' Diċembru 2005 dwar *Il-ħolqien ta' Istitut Ewropew għall-Ugwaljanza*, rapporteur: Dana Štechová, ĠU C 24, 31.1.2006 (*din l-opinjoni ma nqalbitx għall-Malti*), kif ukoll l-opinjoni (SOC/207) tal-KESE tad-29 ta' Settembru 2005 dwar *Il-faqar fost in-nisa fl-Ewropa*, rapporteur: Brenda King, ĠU C 24, 31.1.2006 (*din l-opinjoni ma nqalbitx għall-Malti*). Ara wkoll *Il-Karta tal-KETU dwar il-gender mainstreaming fit-trade unions*, li ġiet adottata mill-Kungress tal-KETU f'Seville nhar it-23 ta' Mejju 2007, kif ukoll *Il-manwal tal-Kummissjoni Ewropea għall-gender mainstreaming tal-politiki tax-xogħol*, ta' Lulju 2007.

2.1.1 L-inugwaljanza fil-pagi bejn in-nisa u l-irġiel hija xhieda wkoll ta' l-inugwaljanzi fis-suq tax-xogħol li jolqtu l-iktar lin-nisa, b'mod partikolari d-diffikultà li jsibu bilanċ bejn ix-xogħol u l-ħajja privata. In-nisa jirrikorru iktar għax-xogħol part-time u jinterrompu iktar ta' spiss il-karriera tagħhom. Dan jillimita l-possibbiltajiet ta' tagħlim matul il-ħajja u jxekkel l-iżvilupp professjonali tagħhom. In-nisa huma żvantaġġati wkoll meta jiġu għall-postijiet maniġerjali, u iktar kemm jitilgħu skaluni fil-karriera tagħhom iktar isibu ostakli u reżistenza. Għaldaqstant, il-karriera tan-nisa titwaqqaf iktar ta' spiss, tavvanza b'rata inqas mgħaġġla u hija iqsar minn dik ta' l-irġiel. B'hekk in-nisa jitħallsu inqas. L-istatistika turi li l-inugwaljanza fil-pagi bejn in-nisa u l-irġiel tikber ma' l-età, il-livell ta' edukazzjoni u n-numru ta' snin li persuna tkun ilha fis-servizz — id-differenza fil-pagi tammonta għal 30 % fil-faxxa ta' l-età bejn il-50 u d-59 sena, u 7 % fost iż-żgħażagħ ta' inqas minn 30 sena. Din id-differenza hija ta' iktar minn 30 % fost il-gradwati, u 13 % fost dawk li waqfu mill-iskola wara s-sekondarja.

2.1.2 Il-Komunikazzjoni tipproponi erba' oqsma ta' ħidma:

— it-titjib ta' l-implimetazzjoni tal-leġislazzjoni attwali (billi jiġi eżaminat kif jistgħu jiġu adattati u implimentati aħjar il-liġijiet attwali, u billi titqajjem kuxjenza ikbar dwar din il-kwistjoni fost il-poplu);

— l-inklużjoni tal-ġlieda kontra l-inugwaljanza fil-pagi bħala parti mill-politika tax-xogħol ta' l-Istati Membri (bil-għajnuna finanzjarja ta' l-UE, speċjalment tal-Fond Soċjali Ewropew) ([7]);

— il-promozzjoni ta' l-ugwaljanza fil-pagi fost min iħaddem, l-iktar billi ssir referenza għar-responsabbiltà soċjali tagħhom;

— l-appoġġ għall-iskambju ta' l-aħjar prattiki madwar l-UE kollha kemm hi, u l-inklużjoni ta' l-imsieħba soċjali.

2.1.3 Il-Komunikazzjoni tanalizza l-fatturi li jikkawżaw l-inugwaljanza fil-pagi, u teżamina r-rimedju possibbli għal dan fil-livell Komunitarju. Il-ħsieb ewlieni huwa li biex wieħed jiġġieled b'mod effettiv kontra l-inugwaljanza fil-pagi, l-azzjoni trid tittieħed fil-livelli kollha, iridu jiġu inklużi l-partijiet ikkonċernati kollha, u jridu jkunu magħrufa l-fatturi kollha li jikkawżaw din l-inugwaljanza.

3. **Kummenti ġenerali**

3.1 Il-KESE jaqbel li l-partijiet ikkonċernati kollha għandhom jieħdu sehem fl-isforzi għat-tnaqqis ta' l-inugwaljanza fil-pagi bejn in-nisa u l-irġiel.

3.1.1 Il-progress li għamlu n-nisa fit-taħriġ, fir-riċerka u fl-intraprenditorija mhux rifless fil-pożizzjoni tagħhom fis-suq tax-xogħol. Ir-rata ta' l-impjieg tan-nisa hija iktar baxxa minn dik ta' l-irġiel (55.7 % kontra 70 %); u din ir-rata hija ħafna iktar baxxa fost in-nisa ta' bejn il-55 u l-64 sena (31.7 %). Barra minn dan, il-qgħad huwa ogħla fost in-nisa milli fost l-irġiel (9.7 % kontra 7.8 %).

3.1.2 Il-KESE huwa tal-fehma li l-gvernijiet nazzjonali, il-korpi inkarigati mill-ugwaljanza fil-livell nazzjonali u b'mod speċjali l-imsieħba soċjali għandhom l-obbligu li jieħdu ħsieb li jiġu limitati d-differenzi strutturali li jeżistu fil-forma ta' segregazzjoni f'diversi oqsma, xogħlijiet u tipi ta' impjiegi, u li jinħolqu sistemi tal-pagi li jkunu kapaċi jnaqqsu l-inugwaljanza fil-pagi bejn in-nisa u l-irġiel.

3.1.3 Il-progress li għamlu n-nisa, l-iktar f'oqsma importanti bħat-taħriġ u r-riċerka, la hu rifless fl-istruttura tal-pagi u lanqas fid-dħul tagħhom. Waħda mir-raġunijiet ewlenin għaliex in-nisa jaqilgħu inqas mill-irġiel ġejja mill-fatt li n-nisa jinterrompu l-karriera tagħhom sabiex jiddedikaw ruħhom għat-tfal u l-familja. Huma n-nisa li jwelldu t-tfal, u huma jqattgħu ħafna iktar ħin magħhom mill-irġiel. Il-leave tal-maternità jfisser ukoll li n-nisa jaħdmu għal tul ta' żmien iqsar, ikollhom inqas esperjenza professjonali u inqas opportunitajiet ta' taħriġ avvanzat. Iktar kemm persuna ddum barra s-suq tax-xogħol, iktar ikun hemm intoppi fl-iżvilupp tal-paga tagħha. In-nisa wkoll għandhom ir-responsabbiltà ewlenija biex jieħdu ħsieb l-anzjani u persuni oħra li jeħtieġu l-kura.

3.1.4 Il-pożizzjoni xejn favorevoli tan-nisa fis-suq tax-xogħol kif ukoll id-differenza fil-pagi li tirriżulta minn dan iħallu l-konsegwenzi tagħhom fuq id-dritt tan-nisa għall-pensjoni. Għaldaqstant, is-sistemi tal-pensjoni għandhom jiġu adattati sabiex in-nisa li jwaqqfu l-attività professjonali tagħhom minħabba l-leave tat-tqala u tat-trobbija ma jkunux żvantaġġati, u b'hekk is-sistemi tal-pensjoni jiggarantixxu l-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel flimkien ma' l-għan għal perijodu twil ta' żmien li l-pensjonijiet ikunu individwali ([8]). In-nisa u l-irġiel għandhom jaqsmu r-responsabbiltajiet tal-familja, u r-responsabbiltà tal-ġenituri m'għandhiex twassal għal kundizzjonijiet tal-pensjoni eħżen.

4. **Kummenti speċifiċi**

4.1 Sa mill-1957, it-Trattat ta' Ruma, fl-Artikolu 119, inkluda l-prinċipju ta' l-ugwaljanza fil-pagi bejn il-ħaddiema rġiel u l-ħaddiema nisa għal xogħol ugwali. Dan l-Artikolu, li sar Artikolu 141 tat-Trattat, jistipula li *kull Stat Membru għandu jassigura li l-prinċipju ta' paga ugwali għall-ħaddiema maskili u femminili għal xogħol ugwali jew għal xogħol ta' valur ugwali, għandu jkun applikat*.

4.1.1 Għalhekk, b'konformità mar-raba' paragrafu ta' dan l-Artikolu, sabiex jassiguraw b'mod konkret l-ugwaljanza sħiħa bejn l-irġiel u n-nisa, l-Istati Membri jistgħu jżommu jew jieħdu miżuri bil-għan li jiffaċilitaw l-eżerċizzju ta' attività professjonali mis-sess l-inqas rappreżentat.

([7]) Ara nota 3.

([8]) Opinjoni tal-KESE tad-29 ta' Novembru 2001 dwar it-Tkabbir ekonomiku, it-tassazzjoni u s-sostenibbiltà tal-pensjonijiet fl-UE (ĠU C 48 tal-21.2.2002); rapporteur: is-Sur Byme, ko-rapporteur: is-Sur van Dijk. (*Din l-opinjoni ma nqalbitx għall-Malti*).

4.1.2 Il-possibbiltà legali li jittieħdu miżuri ta' diskriminazzjoni pożittiva għandha tinżamm, u jekk ikun hemm bżonn tissaħħaħ, peress li għadhom jeżistu differenzi kbar bejn in-nisa u l-irġiel fil-pożizzjonijiet maniġerjali. Fis-sena 2000, in-nisa kienu jokkupaw biss 31 % tal-postijiet ta' livell għoli; sa l-2006 dan żdied biss b'punt perċentwali u tela' għal 32 % ([9]).

4.1.3 Id-Direttiva 75/117/KEE, li adotta l-Kunsill fl-1975, tistipula li l-prinċipju ta' pagi ndaqs bejn in-nisa u l-irġiel għallistess xogħol jew għal xogħol ta' l-istess valur jimplika t-tneħħija ta' kull diskriminazzjoni msejsa fuq is-sess fl-aspetti u l-kundizzjonijiet kollha tal-pagi. Din id-Direttiva kienet il-bażi ta' ħafna mil-liġijiet nazzjonali dwar il-prinċipju ta' paga ndaqs kif ukoll ta' ċerti ftehimiet kollettivi, u b'hekk saħħet il-pożizzjoni talmara fis-suq tax-xogħol.

4.1.4 Skond l-Artikolu 141 tat-Trattat KE "paga" tfisser "il-paga jew is-salarju komuni bażiku jew minimu u kwalunkwe remunerazzjoni oħra, sew jekk fi flus jew *in natura*, li l-ħaddiem jirċievi direttament jew indirettament, għall-impjieg tiegħu, mingħand min iħaddmu".

4.1.5 Il-liġijiet ta' l-Istati Membri rigward il-kundizzjonijiet ugwali ta' l-ingaġġ u tal-pagi għandhom jitfasslu b'mod iktar koerenti sabiex tiġi evitata d-diskriminazzjoni diretta u indiretta kontra n-nisa.

4.1.6 Jidher ċar li l-leġislazzjoni attwali ma kinitx implimentata b'mod adegwat f'dak li għandu x'jaqsam mar-rispett talprinċipju ta' paga ndaqs għal xogħol ta' l-istess valur. Huwa diffiċli li wieħed jidentifika dan it-tip ta' diskriminazzjoni. Il-partijiet ikkonċernati mhux dejjem ikunu konxji mid-diskriminazzjoni u/jew ftit li xejn ikunu jistgħu jagħtu prova ta' każ ta' diskriminazzjoni. Fl-opinjoni tal-Kumitat, l-impjegati jew ir-rappreżentanti tagħhom għandu jkollhom aċċess għal mezzi effiċjenti sabiex janalizzaw jekk l-istess xogħol jew ix-xogħol ta' l-istess valur hux qiegħed jitħallas bl-istess mod.

4.1.7 Strument effiċjenti għas-sorveljanza u l-garanzija ta' pagi ġusti jinvolvi r-reviżjoni annwali tal-qagħda u l-iżvilupp talpagi li jagħmel min iħaddem f'intraprizi kbar u medji biex jiġu identifikati l-problemi ta' diskriminazzjoni bejn l-irġiel u n-nisa fis-sistemi tal-klassifikazzjoni tax-xogħlijiet, u jiġu implimentati soluzzjonijiet xierqa billi jitfassal pjan favur l-ugwaljanza li jinkludi sistemi ta' pagi trasparenti biex jiżguraw li l-ħiliet, l-esperjenza u l-potenzjal tal-personal kollu jitħallsu b'mod ġust. Għandu jitħejja pjan favur l-ugwaljanza b'objettivi konkreti, bħal per eżempju t-tnaqqis tad-differenzi bejn il-pagi b'1 % fis-sena. Fl-Istati Membri kollha, kull sena min iħaddem għandu jipprovdi statistika tal-pagi skond is-sessi lill-impjegati u r-rappreżentanti tagħhom.

4.1.8 Wieħed mill-ostakli fl-implimentazzjoni totali tal-liġijiet huwa n-nuqqas ta' informazzjoni u ta' għarfien dwar id-dispożizzjonijiet fis-seħħ fost il-partijiet ikkonċernati. Persuna minn kull tlieta biss ikkonfermat li taf x'inhuma d-drittijiet tagħha f'każ li tiġi diskriminata ([10]). Fil-fehma tal-Kumitat huwa importanti li kemm iċ-ċittadini b'mod ġenerali kif ukoll ir-rappreżentanti tal-ħaddiema u ta' min iħaddem, u dawk li jaħdmu fis-settur tal-ġustizzja jkomplu jiġu infurmati dwar id-drittijiet tagħhom.

4.1.9 L-Istati Membri għandhom jiggarantixxu l-aċċess mingħajr tfixkil għall-mekkaniżmi biex wieħed jappella jew jirraporta każi ta' diskriminazzjoni, u b'konformità mad-Direttiva 97/80/KE tal-Kunsill rigward il-piż tal-prova fil-każijiet ta' diskriminazzjoni msejsa fuq is-sess, għandha tiġi mill-akkużat li jagħti prova, fil-qorti jew quddiem awtorità kompetenti oħra, li l-prinċipju tat-trattament ugwali ma nkisirx.

4.1.10 Minkejja l-liġijiet u l-ftehimiet kollettivi, l-inugwaljanza fil-pagi bejn in-nisa u l-irġiel ma tnaqqsetx. B'hekk joħroġ fid-dieher li jeżistu fatturi oħra (psikoloġiċi, soċjali, kulturali) li jikkawżaw id-differenzi fil-pagi, ngħidu aħna d-diffikultà li jinstab bilanċ bejn il-familja u x-xogħol. Huwa importanti li jinkiseb bilanċ bejn il-ħajja privata u l-ħajja professjonali. Għaldaqstant, il-Kumitat jaħseb li l-ġlieda għall-ugwaljanza fil-pagi għandha tinfirex f'ħafna oqsma differenti.

4.1.11 Għandha tiġi sfruttata l-possibbiltà legali li jitqiesu l-klawżoli soċjali fl-appalti pubbliċi għax hekk tingħata preferenza lill-operaturi li jaħdmu favur l-ugwaljanza u l-pagi ġusti għall-irġiel u n-nisa.

4.1.12 Il-Kumitat iħoss li l-amministrazzjoni tal-gvern fl-Istati Membri għandha tkun ta' eżempju għal min iħaddem mhux biss b'rabta mal-kwistjonijiet relatati direttament mal-pagi ndaqs u l-promozzjoni, iżda anke fl-arranġamenti bħall-ħin tax-xogħol flessibbli li joffri bilanċ tajjeb bejn il-ħajja u x-xogħol, u fil-politika tat-taħriġ biex tiggarantixxi l-opportunitajiet indaqs.

4.1.13 Il-persuni pubbliċi, inklużi l-politiċi, jaqdu rwol ċentrali fit-tqajjim ta' kuxjenza. Bis-saħħa ta' l-eżempju tajjeb filħajja professjonali u privata tagħhom, huma spiss ikollhom impatt ikbar minn kwalunkwe kampanja promozzjonali li tqum il-flus.

4.2 *It-tneħħija ta' l-inugwaljanza fil-pagi bħala parti mill-politika tax-xogħol ta' l-Istati Membri*

4.2.1 L-istrateġija ta' l-UE għat-tkabbir u l-impjiegi li tinsab fl-istrateġija ta' Lisbona hija strument importanti għall-promozzjoni ta' l-ugwaljanza fis-suq tax-xogħol u t-tnaqqis ta' l-inugwaljanza fil-pagi bejn in-nisa u l-irġiel. Fil-fehma tal-Kumitat huwa importanti li jittieħdu miżuri bil-għan li jissaħħaħ l-aċċess u l-parteċipazzjoni ta' kulħadd fis-suq tax-xogħol — għal dan tinħtieġ ukoll l-għajnuna finanzjarja mill-Fondi Strutturali.

([9]) Eurostat, Stħarriġ dwar il-ħaddiem, il-maniġers fl-UE — tqassim skond is-sess fl-2000 u fl-2006.

([10]) Eurobarometer.

4.2.2 Il-Kumitat jirrakkomanda dawn il-miżuri li ġejjin:

— il-garanzija tat-trasparenza fil-klassifikazzjoni tax-xogħlijiet b'għadd ta' kriterji li jitfasslu u jiġu implimentati mingħajr diskriminazzjoni bejn l-irġiel u n-nisa;

— il-garanzija ta' kriterji differenti ta' valutazzjoni li jkunu marbuta man-natura tax-xogħol u mhux mal-persuna, u li ma jinkludux forom differenti li jistgħu jwasslu għad-diskriminazzjoni;

— il-promozzjoni ta' l-għażliet professjonali "mhux tradizzjonali" sabiex ikun influwenzat u jitnaqqas l-iżbilanċ fis-suq tax-xogħol. L-objettiv għandu jkun li n-nisa jagħżlu professjonijiet fl-oqsma tax-xjenza u t-teknoloġija, filwaqt li l-irġiel ifittxu u jagħżlu professjonijiet li normalment isiru min-nisa;

— l-inkoraġġiment ta' min iħaddem biex jiżviluppa u jimplimenta programmi favur l-ugwaljanza, fosthom stħarriġ dwar il-paga, kif ukoll biex jibqa' jadattahom għall-iżviluppi li jkun hemm;

— l-inkoraġġiment ta' l-impjegati u ta' min iħddem biex jikkontribwixxu għall-iżvlipp tal-ħiliet;

— l-inkoraġġiment ta' min iħaddem u tat-trade unions biex jiddaħħlu mekkaniżmi għas-sorveljanza tal-pagi. F'dan il-kuntest għandhom jintużaw in-nomenklatura ta' l-impjiegi, il-proċeduri legali, il-każistika u l-klassifika tal-professjonijiet;

— l-inkoraġġiment u l-promozzjoni ta' l-iżvilupp sabiex in-nisa jfittxu u jiksbu postijiet ta' livell ogħla, pożizzjonijiet tat-tmexxija u maniġerjali fl-oqsma tar-riċerka u l-iżvilupp, it-teknoloġija u l-innovazzjoni;

— l-inkoraġġiment ta' parteċipazzjoni ikbar min-naħa tan-nisa fil-livelli professjonali kollha ta' l-oqsma li qed jiżviluppaw, bħat-turiżmu, il-ħarsien ta' l-ambjent u r-riċiklaġġ, it-telekomunikazzjoni u l-bijoteknoloġija;

— il-promozzjoni ta' prattiki ta' ġestjoni li jiffavorixxu l-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel;

— l-inklużjoni ta' indikatur ta' segwitu speċifiku fl-istrateġija ta' l-impjiegi li bis-saħħa tiegħu wieħed ikun jista' jissorvelja l-ugwaljanza tal-pagi fil-livell Komunitarju.

4.3 *Il-Kumitat jirrakkomanda dawn il-miżuri li ġejjin sabiex tissaħħaħ l-ugwaljanza fl-edukazzjoni u t-taħriġ professjonali:*

— il-promozzjoni u ż-żieda fil-proporzjon ta' nisa li jipparteċipaw fit-taħriġ professjonali u tas-suq tax-xogħol fl-oqsma tat-teknoloġija u l-informatika (speċjalment fil-livelli għolja fil-qasam ta' l-IT);

— l-inkoraġġiment u l-promozzjoni ta' l-iżvilupp permezz tat-taħriġ, l-esperjenza u miżuri oħra tas-suq tax-xogħol bil-għan li għadd ikbar ta' rġiel isibu xogħol fl-oqsma tas-servizzi u tas-saħħa u l-kura;

— l-inkoraġġiment ta' iktar flessibbiltà fl-edukazzjoni u t-taħriġ professjonali sabiex jintlaħqu n-nisa li jgħixu f'żoni rurali u mhux daqstant popolati;

— il-promozzjoni ta' l-opportunitajiet tan-nisa biex itejbu l-ħiliet professjonali tagħhom permezz tat-taħriġ vokazzjonali matul il-leave tal-ġenituri u hekk kif jerġgħu jirritornaw għax-xogħol.

4.4 *Il-Kumitat jirrakkomanda dawn il-miżuri li ġejjin sabiex jinħolqu u jissaħħu l-possibbiltajiet li n-nisa jwaqqfu l-intrapriża tagħhom:*

— l-isfruttar tal-Fondi Strutturali sabiex jingħata appoġġ lil nisa li jkunu jridu jwaqqfu intrapriża ([11]);

— it-tqajjim ta' kuxjenza dwar it-trattament ugwali fost il-maniġers, id-diretturi u l-konsulenti dwar it-twaqqif ta' intrapriża, u l-promozzjoni tal-kunsiderazzjoni ta' kwistjonijiet marbuta ma' l-ugwaljanza;

— l-aġġustament u t-tfassil tas-servizzi ta' għajnuna (finanzjarja u teknika) għall-SMEs sabiex jintlaħqu l-bżonnijiet tan-nisa li jkunu jridu jwaqqfu u jiżviluppaw l-intrapriża tagħhom stess;

— l-għoti ta' għajnuna finanzjarja/self għall-intraprendituri nisa;

— il-promozzjoni ta' netwerks u organizzazzjonijiet għall-intraprendituri nisa, u ta' mentoring min-nisa għan-nisa;

— appoġġ partikolari għal nisa li jkunu jridu jwaqqfu u jiżviluppaw intrapriża fl-oqsma tat-telekomunikazzjoni u t-teknoloġija avvanzata;

— appoġġ għal nisa li jippromovu u jieħdu inizjattivi soċjo-ekonomiċi.

4.5 *Għandu jissaħħaħ id-dritt tan-nisa li joħorġu jaħdmu u jaqilgħu l-għajxa ta' kuljum. Kemm in-nisa kif ukoll l-irġiel għandhom ikunu jistgħu jgħixu b'mod deċenti minn fuq dak li jaqilgħu. Il-Kumitat jirrakkomanda dawn il-miżuri li ġejjin sabiex ikun jista' jinħoloq b'mod iktar faċli l-bilanċ bejn il-familja u x-xogħol:*

— bis-saħħa ta' day care centres għat-tfal sussidjati mill-gvern, il-ġenituri jkunu jistgħu jibqgħu jaħdmu u jinterrompu l-karriera tagħhom għal tul ta' żmien iqsar;

— il-promozzjoni ta' taħriġ professjonali għall-personal li jieħu ħsieb it-tfal u tal-kura tas-saħħa;

([11]) Ara l-opinjoni tal-KESE dwar *l-ispirtu intraprenditorjali u l-aġenda ta' Lisbona* tal-25 ta' Ottubru 2007, rapporteur: is-Sinjura Sharma, ko-rapporteur: is-Sur Olsson, ĠU C 44 tas-15.2.2008.

— l-introduzzjoni tal-leave tal-ġenituri bil-ħlas f'pajjiżi fejn bħalissa dan ma jeżistix — per eżempju bis-saħħa tat-traspożizzjoni tad-dispożizzjonijiet li għandhom l-istituzzjonijiet Ewropej. Għandha tingħata wkoll il-possibbiltà ta' leave tal-ġenituri bil-ħlas itwal. Il-leave tal-ġenituri għandu jkun jista' jinqasam bejn il-ġenituri. Il-fatt li parti mil-leave tal-ġenituri tintrefa' għall-missier huwa progress importanti fl-isforzi biex il-missier jerfa' iktar responsabbiltà fil-familja. L-inizjattivi finanzjarji bħala kumpens għat-tnaqqis fid-dħul jistgħu jikkontribwixxu biex iktar irġiel jieħdu l-leave tal-paternità (din il-kwistjoni tinsab fl-aġenda ta' l-imsieħba soċjali Ewropej, kif ġie propost matul it-tieni konsultazzjoni ta' l-imsieħba soċjali Ewropej dwar il-bilanċ bejn il-ħajja professjonali, il-ħajja privata u l-familja) ([12]);

— appoġġ għax-xogħol mill-bogħod u t-teleworking sabiex jinħolqu iktar opportunitajiet għal dawk in-nies li, għal diversi raġunijiet, ma jistgħux jivvjaġġaw lejn il-post tax-xogħol biex jaħdmu u jipparteċipaw f'korsijiet ta' taħriġ;

— il-ħolqien ta' taħriġ biex wieħed ikun jista' jerġa' jidħol fid-dinja tax-xogħol, per eżempju bis-saħħa tas-sistema tat-taxxa. Dan it-taħriġ għandu jkun immirat l-iktar lejn in-nisa li waqfu mix-xogħol għal perijodu twil ta' żmien minħabba l-leave tal-ġenituri u/jew il-leave tat-trobbija;

— it-twaqqif ta' faċilitajiet, sussidjati mill-fondi pubbliċi, għall-anzjani u persuni oħra li jeħtieġu l-kura, li bis-saħħa tagħhom ikun iktar faċli, b'mod partikolari għan-nisa, biex jipparteċipaw fis-suq tax-xogħol.

4.6 *Il-Kumitat jirrakkomanda dawn il-miżuri li ġejjin sabiex jissaħħu l-parteċipazzjoni u l-influwenza tan-nisa:*

— il-ħolqien ta' bilanċ bejn in-nisa u l-irġiel f'kumitati u f'korpi tat-teħid ta' deċiżjonijiet;

— l-involviment ta' l-organizzazzjonijiet rappreżentattivi li jaħdmu għall-ugwaljanza u l-organizzazzjonijiet tan-nisa f'korpi ta' sorveljanza, sħubijiet u fora oħra;

— it-titjib tal-possibbiltajiet li n-nisa jokkupaw postijiet tat-tmexxija u tat-teħid ta' deċiżjonijiet f'korpi li huma responsabbli għat-tmexxija u l-implimentazzjoni;

— il-garanzija li n-nisa jgawdu minn ugwaljanza kontinwa fis-suq tax-xogħol sabiex huma ma jkunux meħtieġa biss matul il-perijodi ta' prosperità ekonomika u jkunu huma l-ewwel u l-iktar li jintlaqtu meta l-ekonomija ma tkunx sejra tajjeb;

— l-organizzazzjoni ta' skambji ta' opinjonijiet regolari ma' l-organizzazzjonijiet li jaħdmu favur l-ugwaljanza.

([12]) Fid-Danimarka, mill-1 ta' Ottubru 2006 'l hawn l-intrapriżi kollha ġew obbligati legalment ipoġġu xi flus f'fond ta' kumpens nazzjonali għall-leave tal-ġenituri. B'dan il-mod, l-ebda intrapriża ma tkun żvantaġġata meta tiġi biex tħallas il-pagi matul il-leave tal-ġenituri, u m'hemmx irriskju li l-ġenituri bil-leave jsiru piż ekonomiku fuq min iħaddem. Fl-Islanda teżisti sistema simili fejn min iħaddem u l-ħaddiema kollha jpoġġu xi flus f'fond għal-leave tal-ġenituri. Barra minn hekk, hawnhekk iddaħħal mudell maqsum fi tlieta fejn l-omm u l-missier jieħdu tlieta mid-disa' xhur ta' leave tal-ġenituri kull wieħed, filwaqt li t-tielet parti jistgħu jaqsmuha. Minn mindu daħal fis-seħħ dan ir-regolament kważi 90 % tal-missirijiet qed jieħdu l-leave tal-ġenituri fl-Islanda.

4.7 *Ir-rispett ta' l-ugwaljanza fil-pagi u r-responsabbiltà soċjali minnaħa ta' min iħaddem*

4.7.1 Il-prinċipju ta' l-istess ħlas għall-istess xogħol qed jiġi rikonoxxut dejjem iktar fl-Ewropa, għalkemm dan mhux ovvju fis-27 Stat Membru. Għalkemm il-Konvenzjoni għall-Ħlas Indaqs ta' l-ILO (adottata fl-1951) ġiet ratifikata mis-27 Stat Membru kollha aktar minn 50 sena ilu, u fl-Artikolu 2 tistipula li kull membru, b'mezzi adattati għall-metodi fis-seħħ li jiddeterminaw ir-rati ta' ħlas, għandu jħeġġeġ u, sa fejn jibqa' konsistenti ma' dawn il-metodi, jiżgura li l-prinċipju ta' ħlas indaqs għall-ħaddiema rġiel u nisa għal xogħol ta' l-istess valur jiġi applikat għall-ħaddiema kollha. Għadha teżisti l-ipoteżi li l-mara tista' tistrieħ fuq id-dħul tar-raġel, għalkemm dan m'huwiex il-każ fis-soċjetà ta' llum. Lanqas huwa ovvju u aċċettat kullimkien li x-xogħol ta' l-istess valur jitħallas b'mod ugwali. L-analiżi biex jiġi determinat jekk ix-xogħlijiet u l-professjonijiet humiex ta' l-istess valur hija diffiċli immens. Għadd ta' każijiet tal-qorti jistgħu joffru xi tip ta' gwida f'din il-kwistjoni.

4.7.2 Fil-fehma tal-Kumitat, min iħaddem jista' jikkontribwixxi għat-tnaqqis ta' l-inugwaljanza fil-pagi permezz ta' dawn il-miżuri li ġejjin:

— il-ħinijiet tax-xogħol flessibbli jiffavorixxu l-ugwaljanza fis-suq tax-xogħol. Il-possibbiltà ta' xogħol volontarju part-time toffri waħda mill-opportunitajiet li l-ġenituri jsibu bilanċ bejn ix-xogħol u l-familja; għalhekk huwa importanti li jiġi assigurat li dawn ikunu jistgħu jerġgħu jirritornaw għall-impjieg full-time tagħhom. Jekk dawk li jkunu qed jaħdmu part-time kontra qalbhom tingħatalhom il-possibbiltà li jaħdmu full-time, dawn ikunu jistgħu jsiru ekonomikament indipendenti, u dan huwa partikolarment importanti għal dawk li għandhom il-piż tal-familja fuq darhom;

— il-ħinijiet tax-xogħol għandhom ikunu jaqblu mal-ħajja familjari. Għandu jinbidel it-tqassim tax-xogħol tad-dar u tal-kura skond is-sess sabiex jinħoloq bilanċ aħjar bejn in-nisa u l-irġiel. L-irġiel iridu jaqdu rwol ikbar f'dak li għandu x'jaqsam mal-kura fil-familja u fid-dar;

— il-mudelli għall-paragun tax-xogħlijiet u r-responsabbiltajiet professjonali joffru bażi għall-analiżi tal-pagi, u b'hekk jinħoloq strument għall-promozzjoni tal-prinċipju ta' pagi ugwali. Jenħtieġ ukoll l-iżvilupp ta' skemi ta' evalwazzjoni tax-xogħol li jistgħu jintużaw biex jiġu determinati xogħlijiet ta' l-istess valur fost gruppi ta' persunal differenti. Dan jgħin sabiex ikun żgurat li titħallas l-istess paga għall-istess xogħol irrispettivament mis-sess;

— jekk il-leave tal-ġenituri jinftiehem f'kuntest pożittiv u jiġi ppremjat bi promozzjonijiet u bi strutturi ta' ħlas. Madankollu, dan m'għandux ikun ta' żvantaġġ fir-rigward ta' paga u avvanz fil-karriera għall-persuni bla wlied;

— bit-twaqqif ta' day care centres għat-tfal, is-soċjetà u min iħaddem jikkontribwixxu sabiex in-nisa jkollhom iktar possibbiltà li jżommu l-post tax-xogħol u li javvanzaw fil-karriera tagħhom;

— min iħaddem jista' jiffaċilta u jtejjeb il-bilanċ bejn il-familja u x-xogħol billi jagħti l-leave matul il-vaganzi ta' l-iskola u/jew meta t-tfal jimirdu;

— fl-Istati Membri fejn m'hemmx id-dritt statutorju għal-leave tal-paternità jew ta' l-adozzjoni, min iħaddem jista' jagħti eżempju billi jerfa' r-responsabbiltà soċjali tiegħu u joffri l-possibbiltà ta' dan il-leave ([13]);

— min iħaddem għandu joffri l-leave għall-kura f'każ li jimirdu l-qraba stretti;

— għandha tiġi promossa l-parteċipazzjoni tan-nisa fit-taħriġ avvanzat u fi programmi għall-iżvilupp tal-karriera;

— l-irġiel, kif ukoll in-nisa stess, iridu jitgħallmu jaraw, jifhmu, jagħrfu u jużaw il-ħiliet tan-nisa.

4.8 *Iktar skambju ta' l-aħjar prattiki fl-UE u l-involviment ta' l-imsieħba soċjali*

4.8.1 Fil-fehma tal-Kumitat, il-progress konkret jista' jinkiseb permezz ta' l-iskambju u l-promozzjoni ta' l-aħjar prattiki u bid-djalogu fil-fond bejn l-Istati Membri. L-ugwaljanza ġenwina u l-paga ġusta jistgħu jinkisbu biss jekk l-Istati Membri jieħdu miżuri kostruttivi u jaħdmu bis-sħiħ sabiex jeliminaw l-inugwaljanza fil-pagi bejn in-nisa u l-irġiel. Min iħaddem u l-organizzazzjonijiet tal-ħaddiema kif ukoll l-Istitut Ewropew għall-Ugwaljanza bejn is-Sessi għandhom rwol importanti x'jaqdu sabiex jinkiseb dan l-objettiv.

4.8.2 L-imsieħba soċjali għandhom jgħinu sabiex titnaqqas l-inugwaljanza fil-pagi bis-saħħa ta' inizjattivi apposta matul in-negozjar tal-pagi. Eżempju konkret ta' inizjattiva bħal dawn li kienet ta' suċċess huwa l-qafas ta' azzjoni li fasslu l-imsieħba soċjali fl-2005 għall-ugwaljanza bejn l-irġiel u n-nisa u li waħda mill-erba' prijoritajiet tiegħu kienet proprju l-inugwaljanza fil-pagi bejn in-nisa u l-irġiel ([14]).

4.8.3 Jinħtieġu diversi tipi ta' bidliet fl-istatistika dwar il-pagi ħalli l-informazzjoni dwar id-differenzi fil-pagi ssir bażi iktar adegwata biex jittieħdu d-deċiżjonijiet. Il-fatturi li jikkawżaw l-inugwaljanza fil-pagi għandhom bżonn jiġu eżaminati iktar bir-reqqa, u l-iskambju ta' l-għarfien li jirriżulta minn din l-analiżi jista' jintuża biex jinkixfu, jiġu kkoreġuti u evitati l-każijiet ta' diskriminazzjoni.

4.8.4 Għal dan il-għan, il-Fondazzjoni Ewropea għat-Titjib tal-Kundizzjonijiet ta' l-Għajxien tax-Xogħol, li għandha s-sede tagħha f'Dublin, u l-Istitut Ewropew għall-Ugwaljanza bejn is-Sessi għandhom jipprovdu statistiċi komparabbli mill-Istati Membri dwar il-proporzjon tan-nisa f'pożizzjonijiet tat-tmexxija u maniġerjali kemm fis-settur pubbliku kif ukoll f'dak privat, u statistiċi dwar il-progress ta' kull Stat Membru f'dak li għandu x'jaqsam mal-prinċipju ta' l-istess paga għall-istess xogħol.

Brussell, it-22 ta' April 2008

Il-President
tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew
Dimitris DIMITRIADIS

([13]) Fl-1 ta' Ġunju 2006, fl-Isvezja daħlet fis-seħħ liġi ġdida dwar il-leave tal-ġenituri li tistipula li min iħaddem ma jistax jiddiskrima lill-ħaddiema minħabba raġunijiet marbuta mal-leave tal-ġenituri. B'konformità ma' din il-liġi, ma tista' ssir l-ebda distinzjoni bejn il-ħaddiema li jkunu bil-leave tal-ġenituri u dawk li ma jkunux. Skond ir-rappreżentanti ta' l-organizzazzjonijiet li jaħdmu favur l-ugwaljanza, il-ħaddiema li jkunu bil-leave tal-ġenituri għandhom jiġu ttrattati bħallikieku kienu qed jaħdmu. Bejn wieħed u ieħor in-nisa jieħdu leave tal-ġenituri itwal minn ta' l-irġiel, u għalhekk huma jkollhom jirrinunzjaw għal iktar bonuses u konċessjonijiet ta' flus.

([14]) Qafas ta' azzjoni għall-ugwaljanza bejn l-irġiel u n-nisa: http://ec.europa.eu/employment_social/news/2005/mar/gender_equality_en.pdf.

Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar Il-prevenzjoni tat-terroriżmu u tar-radikalizzazzjoni vjolenti

(2008/C 211/17)

F'ittra bid-data tas-17 ta' Diċembru 2007, is-Sinjura Margot Wallström, Viċi-President tal-Kummissjoni Ewropea, talbet lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew, b'konformità mad-dispożizzjonijiet ta' l-Artikolu 262 tat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, biex iħejji opinjoni esploratorja dwar:

Il-prevenzjoni tat-terroriżmu u tar-radikalizzazzjoni vjolenti.

Is-Sezzjoni Speċjalizzata għax-Xogħol, l-Affarijiet Soċjali u ċ-Ċittadinanza, inkarigata sabiex tipprepara l-ħidma tal-Kumitat dwar is-suġġett, adottat l-opinjoni tagħha nhar it-2 ta' April 2008. Ir-rapporteur kien is-Sur Retureau. Il-ko-rapporteur kien is-Sur Cabra de Luna.

Matul l-444 sessjoni plenarja tiegħu li nżammet fit-22 u t-23 ta' April 2008 (seduta tat-22 ta' April), il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew adotta din l-opinjoni b'147 vot favur, vot wieħed kontra u 5 astensjonijiet.

1. **Introduzzjoni**

1.1 Il-Kummissjoni talbet lill-Kumitat biex ifassal opinjoni dwar il-prevenzjoni tat-terroriżmu u, b'mod iktar speċifiku, dwar il-politiki ta' prevenzjoni tar-radikalizzazzjoni vjolenti, li fuqhom hija trid tadotta komunikazzjoni f'Lulju 2008. L-għan ewlieni tal-komunikazzjoni huwa li tidentifika politiki, azzjonijiet u inizjattivi li jistgħu jiġu kkunsidrati bħala prattika tajba fil-ġlieda kontra r-radikalizzazzjoni vjolenti. Bħalissa l-pjan huwa li l-komunikazzjoni tindirizza suġġetti bħar-radikalizzazzjoni vjolenti fil-ħabsijiet u f'postijiet oħra fejn in-nies huma vulnerabbli jew postijiet li jistgħu jintużaw għar-reklutaġġ tat-terroristi, u li teżamina d-diskors u l-ideoloġija espressi mill-estremisti vjolenti, kif ukoll l-impenn u t-tishiħ tas-soċjetà ċivili.

1.2 Id-dinja ta' wara l-Gwerra l-Bierda u tal-globalizzazzjoni ekonomika għaddiet minn bidla kbira fl-ambitu tar-relazzjonijiet internazzjonali, bidla li kellha impatt fuq l-istituzzjonijiet universali bħan-Nazzjonijiet Uniti, li għaddew minn (u għarfu) żieda kbira fin-numru ta' entitajiet statali ġodda li ħadu s-sovranità tagħhom u ddikjaraw ruħhom soġġetti għal-liġi internazzjonali pubblika.

1.3 Barra minn hekk, qamu xi kunflitti f'għadd minn dawn il-pajjiżi l-ġodda, u xi gruppi armati għadhom jokkupaw parti minn dawn l-artijiet; id-drittijiet tal-bniedem spiss ma jiġux irrispettati.

1.4 L-artijiet jew partijiet mill-artijiet li l-kontroll tagħhom huwa dgħajjef jew ineżistenti huma ġenna ta' l-art għall-mexxejja tal-gruppi terroristiċi ewlenin, li għandhom it-tendenza li jifthu l-bażijiet tagħhom f'postijiet fejn l-istat tad-dritt u l-libertajiet pubbliċi m'għadhomx jeżistu.

1.5 Ir-rikors għall-gwerra klassika ma kienx effikaċi ħafna kontra theddida mifruxa, b'ħafna forom differenti u bi strutturi varji, u li timmanipula n-nies f'isem il-fundamentaliżmu jew l-ideoloġija politika anti-demokratika ta' organizzazzjonijiet jew gruppi informali li huma lesti li jużaw il-vjolenza politika.

1.6 Il-fatt li ma nstabitx soluzzjoni paċifika għas-sitwazzjoni fil-Palestina u sitwazzjonijiet oħra ta' kunflitt armat fid-dinja huwa wkoll fattur politiku li jiffavorixxi l-ideat estremisti u l-atti terroristiċi internazzjonali, iżda wieħed għandu jżomm f'moħħu li l-biċċa l-kbira ta' l-atti terroristiċi jsiru fil-kuntest ta' kunflitti interni.

1.7 Mingħajr l-ebda dubju, ma saritx analiżi dettaljata biżżejjed tal-motivazzjonijiet u l-metodi ta' reklutaġġ li, bħalma ġara fil-każ tal-11 ta' Settembru 2001, jistgħu jittrasformaw- lill-membri ta' l-istaff eżekuttiv, inġiniera u intellettwali f'nies li jippjanaw u jwettqu attentati suwiċida kkoordinati li jitolbu determinazzjoni u intelliġenza kbira kif ukoll ċerta kapaċità ta' infiltrazzjoni fis-soċjetajiet demokratiċi; it-tfassil ta' kontro-strateġija adattata u ta' l-istess livell jeħtieġ fehim mill-aħjar ta' l-ideoloġija u l-psikoloġija involuti, flimkien ma' l-analiżi ġeopolitika li hija essenzjali, u l-użu tal-mezzi kollha ta' ġbir u skambju ta' informazzjoni.

1.8 Filwaqt li l-mezzi ta' komunikazzjoni u l-globalizzazzjoni ħolqu dinja globalizzata fejn ċerti sitwazzjonijiet ma jistgħux jiddependu mil-livell nazzjonali biss, barra l-kriżi ta' l-istati nazzjon, il-liġi internazzjonali wkoll tinsab fi kriżi, billi din m'għandhiex mezzi ta' kontroll dissważivi u lanqas mezzi legali adegwati għall-intervent. Il-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti biss għandu l-poteri suffiċjenti, iżda anke dawn huma relattivi minħabba d-dritt ta' veto li għandhom ħames pajjiżi.

1.9 Madankollu, sistema multilaterali effikaċi u aġġornata tkun tista' tindirizza aħjar il-problemi globali, klimatiċi, ekonomiċi u soċjali; il-ġlieda kontra t-terroriżmu internazzjonali tista' tkun iktar effikaċi f'qafas multilaterali li jiżgura l-koordinazzjoni u l-kooperazzjoni bejn il-gvernijiet u l-aġenziji internazzjonali (Interpol), bil-parteċipazzjoni ta' l-NGOs li jkomplu jimmonitorjaw id-demokrazija u l-ħarsien tad-drittijiet proċedurali u tal-libertajiet pubbliċi.

2. **Responsabbiltajiet għall-Ewropa u azzjonijiet li qegħdin jitwettqu jew jitħejjew bħalissa**

2.1 Ġlieda effikaċi kontra t-terroriżmu fil-livell ta' l-Unjoni Ewropea titlob li l-Istati Membri jadottaw definizzjoni komuni ta' l-att kriminali tat-terroriżmu u li jarmonizzaw il-liġi kriminali tagħhom fl-akkuża u s-sanzjonijiet ukoll. Dan il-proċess, flimkien ma' l-adozzjoni ta' mandat ta' arrest Ewropew, malajr tnieda u maż-żmien, speċjalment mis-snin 90 lil hawn, il-Kunsill adotta deċiżjonijiet qafas rilevanti.

2.2 Minn mindu twettqu l-attentati qattiela tal-11 ta' Settembru 2001 fl-Istati Uniti, twaqqfet koordinazzjoni kruċjali kemm fil-livell internazzjonali kif ukoll f'dak Ewropew u Komunitarju: il-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti flimkien ma' l-Interpol, in-NATO għall-operazzjonijiet militari, il-Kunsill ta' l-Ewropa per eżempju bil-Konvenzjoni Ewropea kontra t-Terroriżmu, l-OSCE u fl-aħħar l-Unjoni Ewropea u l-Europol. Ġew żviluppati kooperazzjonijiet ma' l-Istati Uniti, mal-pajjiżi tal-Magreb u ma' l-Unjoni Afrikana, kif ukoll operazzjonijiet speċifiċi ta' assistenza lil ċerti pajjiżi fl-ambitu militari, tal-pulizija u finanzjarju.

2.3 Intlaħaq kunsens fl-istituzzjonijiet Komunitarji kif ukoll fl-Istati Membri, fost il-mexxejja politiċi u l-maġġoranza taċ-ċittadini, fir-rigward tad-definizzjoni tat-terroriżmu u t-tipi ta' azzjonijiet legali jew illegali li m'humiex marbutin ma' din id-definizzjoni; fil-fatt huwa neċessarju li wieħed jiffoka esklużivament fuq it-theddida u l-iżviluppi tagħha, sabiex jiġi evitat li l-azzjoni tinfirex iżżejjed jew li jkun hemm restrizzjonijiet inutli tad-drittijiet u l-libertajiet individwali u kollettivi.

2.4 Madankollu, f'ċerti pajjiżi ta' l-Afrika u tal-Lvant Nofsani b'mod partikolari, pajjiżi bi gvernijiet awtoritarji, wieħed jista' josserva tendenza kontra kull forma ta' oppożizzjoni politika li qiegħda tissejjaħ ġlieda kontra t-terroriżmu, u dan huwa sors ta' inkwiet għall-Unjoni u l-membri tagħha, billi wħud minnhom għandhom relazzjonijiet ekonomiċi, politiċi u ta' kooperazzjoni militari mal-mexxejja ta' dawn il-pajjiżi, u għalhekk għandhom jużaw l-influwenza tagħhom biex inaqqsu l-abbuż.

2.5 L-iktar ħaġa kkumplikata fil-livell internazzjonali hija l-problema tar-risposta adattata għat-theddid li jippersisti bla waqfien fid-dinja kollha minn diversi gruppi terroristiċi, theddid li ġeneralment huwa dirett lejn l-ambaxxati jew "miri" oħra, b'mod partikolari l-popolazzjoni ċivili. Għal raġunijiet ġeografiċi, l-Ewropa hija l-iktar art mhedda mill-attakki terroristiċi.

2.6 L-atti terroristiċi għandhom l-għan li joħolqu klima ta' biża' u nuqqas ta' sigurtà u li jeqirdu l-istituzzjonijiet demokratiċi. Għalhekk, wieħed għandu joqgħod attent li ma jaqax finnassa tar-restrizzjonijiet mhux iġġustifikati tad-drittijiet tal-bniedem u tal-libertajiet ċivili f'isem is-sigurtà; il-pajjiżi l-iktar mhedda ilhom is-snin f'sitwazzjoni eċċezzjonali ta' intensità ftit jew wisq qawwija, u ċerti miżuri jistgħu jmorru lil hinn minn dak li huwa meħtieġ jew li jista' jiġi kkontrollat, per eżempju fil-qasam tad-data personali tal-passaġġieri transatlantiċi, fejn tintalab informazzjoni dettaljata żżejjed li tinżamm għal żmien twil wisq.

2.7 Il-monitoraġġ tan-netwerks, is-sorveljanza ffilmjata ġeneralizzata fil-postijiet pubbliċi kollha u f'dawk privati b'aċċess pubbliku, il-politika ta' kontroll fil-fruntieri, il-ġestjoni tal-manifestazzjonijiet, it-tfittxija bir-reqqa fuq il-persuni fl-ajruporti — dawn kollha, jekk isiru b'mod esaġerat, jistgħu jkunu ta' ħsara għall-privatezza tal-persuna, il-moviment ħieles u b'mod iktar ġenerali l-libertajiet ċivili. Dan jista' jaffettwa l-appoġġ taċ-ċittadini għall-politiki kontra t-terroriżmu, għax azzjonijiet bħal dawn jistgħu jidhru li huma diretti lejhom.

2.8 L-indħil fil-ħajja privata taċ-ċittadini u l-kontrolli żejda jwasslu wkoll għar-riskju (li diġà sar realtà mifruxa) li jiġu intensifikati l-kontrolli ta' ċerti "minoranzi viżibbli", li jħossuhom dejjem iktar stigmatizzati u dejjem iktar vittmi ta' diskriminazzjoni etnika jew razzista; il-limitu tat-tolleranza diġà nqabeż u dan wassal għal "radikalizzazzjoni vjolenti" tas-sitwazzjonijiet ta' kunflitt u ta' ġlied bejn il-pulizija u l-membri tal-forzi armati fuq naħa u ż-żgħażagħ fuq in-naħa l-oħra f'ċerti żoni urbani u ghettos, fejn dan il-kunflitt wassal għall-qerda ta' bini u oġġetti pubbliċi u privati.

2.9 Iżda dawn il-vjolenzi urbani, jekk jiġu assoċjati mal-kunċett tar-"radikalizzazzjoni tal-vjolenza", li jista' jiġi kkunsidrat bħala l-pass li jwitti t-triq għat-terroriżmu jew saħansitra bħala forma ta' terroriżmu fih innifsu, jistgħu jwasslu għal definizzjoni wiesgħa wisq tad-delitt, ta' l-att terroristiku u tat-tentattiv jew tal-kompliċità, definizzjoni li tiġi estiża għal diversi forom ta' vjolenza li minkejja l-gravità tagħhom m'humiex neċessarjament marbutin ma' l-intenzjoni li wieħed iwettaq delitt terroristiku, anke jekk din il-vjolenza kultant twassal għal qerda materjali kbira kif ukoll għal korriment li jista' jkun gravi.

2.10 Il-motivazzjoni ta' l-att jew tentattiv hija kruċjali sabiex wieħed jiddetermina l-persuni humiex terroristi jew le.

2.11 Ċerti gruppi terroristiċi mmanifestaw ruħhom reċentement u għadhom preżenti fil-kontinent tagħna; il-vjolenza politika m'għandhiex motivazzjoni ġġustifikata fil-pajjiżi demokratiċi fejn huwa possibbli li jitwaqqfu partiti politiċi u li wieħed jipparteċipa f'elezzjonijiet regolari u ġusti għal kulħadd fil-livelli kollha tal-gvernanza lokali, nazzjonali u, fil-każ tagħna, fil-livell tal-membri parlamentari Ewropej.

3. **Kummenti ġenerali**

3.1 Anke jekk hemm kunsens dwar id-definizzjoni tat-terroriżmu, ċerti kunċetti ġodda jistgħu joħolqu problema, bħal per eżempju l-kunċett tar-"radikalizzazzjoni vjolenti" li huwa definit mill-Kummissjoni bħala fenomenu li minħabba fih ċerti persuni jiżviluppaw fehmiet, opinjonijiet jew ideat li jistgħu jwasslu għal atti terroristiċi bħal dawk definiti fl-Artikolu 1 tad-deċiżjoni qafas ta' l-2002.

3.2 Dan ġie enfasizzat fir-rapport Burgess tal-PE fir-rigward tal-kunċett il-ġdid tar-"radikalizzazzjoni vjolenti" f'rabta ma' l-appoġġ u r-reklutaġġ tat-terroristi; hawn ukoll, l-ikbar sfida tad-definizzjoni tar-radikalizzazzjoni vjolenti u tal-prevenzjoni hija dik ta' l-intenzjoni. Bl-istess mod, ir-radikalizzazzjoni ħafna drabi hija proċess li jista' jinfirex fuq għadd ta' snin, u dan ifisser li jkun hemm il-ħin għad-djalogu u l-proċeduri ta' edukazzjoni u informazzjoni u miżuri ta' prevenzjoni oħra.

3.3 It-terroriżmu ilu jeżisti fid-dinja tal-politika. Illum juża l-mezzi ta' komunikazzjoni globali, it-tax havens, il-possibbiltajiet li joffru l-pajjiżi bi gvernanza batuta jew dawk li l-makkinarju statali tagħhom sfronda meta nħolqu l-bażijiet u l-kampijiet ta' taħriġ. Madankollu dan huwa fenomenu mċajpar, iktar minn netwerk internazzjonali uniku u strutturat.

3.4 L-iktar dimensjoni ġdida ta' l-impatt tiegħu tinsab mingħajr dubju fil-mezzi tax-xandir diretti u internazzjonali, li jiddeskrivu t-terroriżmu b'mod dettaljat u viżibbli, bl-immaġni, u kultant kważi direttament waqt l-attakki. L-impatt ta' dawn il-mezzi huwa mingħajr preċedent fl-istorja tad-dinja. Iżda l-libertà ta' l-istampa timpedixxi li wieħed irażżan is-sensazzjonaliżmu li fil-fatt isaħħaħ b'mod konsiderevoli l-biża' u n-nuqqas ta' sigurtà li jħossu ċ-ċittadini u li saħansitra jservi ta' pubbliċità għall-attakki terroristiċi.

3.5 L-Internet huwa spazju ta' komunikazzjoni li jintuża biex jinxterdu ideoloġiji li jappoġġjaw il-vjolenza u biex jinġibdu riżorsi u anke kandidati għall-attentati suwiċida, biex min iwettaq l-attakki u l-kapijiet tagħhom jikkomunikaw bejniethom u biex jinfirxu tekniki bħall-produzzjoni ta' bombi artiġjanali.

3.6 Iżda minbarra t-tfittxija tas-siti ta' l-Internet li jiggloorifikaw it-terroriżmu, ser ikun diffiċli li wieħed jikkontrolla l-komunikazzjoni bejn ċerti gruppi fid-dawl tat-teknoloġiji eżistenti għall-kitba ta' messaġġi bil-kowd u għall-ħabi ta' informazzjoni permezz ta' kowd, kemm dik miktuba kif ukoll dik mogħtija bil-fomm.

3.7 Barra minn dan, il-Kumitat għandu xi dubji dwar l-effikaċja tal-miżuri msaħħa li qegħdin jiġu eżaminati għal adozzjoni dwar il-monitoraġġ ta' l-Internet u tal-komunikazzjonijiet taċ-ċittadini.

3.8 Jeżistu raġunijiet validi għaliex wieħed jista' jiddubita mill-fatt li l-kontrolli ta' l-identità, tal-bagalji jew tal-karozzi fil-fruntieri, fl-ajruporti, fil-portijiet u, inqas ta' spiss, fl-istazzjonijiet tal-ferrovija, jimpedixxu l-moviment tat-terroristi, anke jekk il-kontroll tad-dokumenti ta' l-identità huwa mezz tajjeb kif wieħed jista' jiġġieled kontra l-falsifikazzjoni tad-dokumenti ta' l-identità; għalkemm dawn il-miżuri sa ċertu punt jikkumplikaw il-movimenti tal-kriminali b'mod ġenerali, huma jikkumplikaw ukoll il-ħajja taċ-ċittadini kollha u għandhom it-tendenza li progressivament iwasslu għall-ħolqien ta' mappa dettaljata taċ-ċaqliq tan-nies, fuq kollox meta wieħed iqis it-tixrid tas-sistemi ta' sorveljanza ffilmjata, ta' l-aġenti privati tas-sigurtà, ta' l-użu wiesa' ta' badges ta' aċċess elettroniċi fi stabbilimenti pubbliċi u privati u tat-trasmissjoni tat-telefon ċellulari jew mezzi oħra ta' lokalizzazzjoni diretta tal-persuni. Iżda dawn il-miżuri kollha ma jimpedixxux l-attentati suwiċida. Joħolqu atmosfera ta' pajjiż ikkontrollat mill-pulizija jekk ma jitteħdux miżuri demokratiċi li juru li dawn it-teknoloġiji qegħdin jintużaw biss għat-twettiq ta' l-objettiv tagħhom. Korpi nazzjonali ta' monitoraġġ tas-sistemi ta' kontroll u l-ħolqien ta' grupp ta' studju Ewropew dwar dan issuġġett u dwar l-informazzjoni fuq persuni ssuspettati minn attività terroristika jistgħu jkunu soluzzjoni.

3.9 Normalment, il-monitoraġġ tal-flussi finanzjarji illegali m'huwiex ta' ħsara għall-ħajja ta' kuljum taċ-ċittadini u jippermetti li ssir sorveljanza tal-prattiki illegali (traffikar ta' bnedmin, armi u drogi, eċċ.) li jwasslu għall-akkumulazzjoni ta' dawn il-kapitali illegali, sorveljanza li minn banda tikkontribwixxi sabiex il-flus idumu iktar biex jaslu f'idejn it-terroristi u mill-banda l-oħra biex ikun hemm stampa iktar ċara tal-postijiet fejn tinbet din il-vjolenza ([1]). Iżda huwa diffiċli ħafna li wieħed jimpedixxi t-trasferimenti likwidi jew dawk imwettqa permezz ta' sistema ta' korrispondenti fejn il-flus imħallsa f'pajjiż jinġabru minn intermedjarju f'pajjiż ieħor, operazzjonijiet immexxija jew ikkonfermati minn ittri jew messaġġi moħbija f'kowd; is-sorveljanza u l-investigazzjonijiet jistgħu jkunu effikaċi fejn jidħol il-ġbir ta' fondi għal organizzazzjonijiet tal-karità jew umanitarji b'rabtiet moħbija ma' gruppi terroristiċi; iżda fl-istess ħin wieħed għandu jevita li jissorvelja l-organizzazzjonijiet non-governattivi kollha u jikkumplika l-attivitajiet umanitarji jew ta' solidarjetà tagħhom, jew il-ġbir tal-fondi, u b'ħekk joħloq atmosfera ta' suspettar ġeneralizzat li jdejjaq liċ-ċittadini u jikkumplika l-azzjoni ta' l-organizzazzjonijiet tagħhom, kultant bir-riżultat li saħansitra jimpedixxi l-amministrazzjoni normali tal-programmi tagħhom.

3.10 L-iskambju tad-data bejn il-korpi tal-pulizija u l-aġenziji ta' informazzjoni jinvolvi informazzjoni delikata ħafna bħar-ritratt, l-isem, l-indirizz, il-marki tas-swaba' u d-DNA u s-sħubija f'diversi organizzazzjonijiet, u għad hemm inċertezza fir-rigward tal-garanzija reali tal-protezzjoni tal-privatezza kontra l-iżbalji li jsiru waqt ir-reġistrazzjoni jew l-evalwazzjoni fil-fajls VIS, SIS, ir-reġistru kriminali jew fajls oħra tal-pulizija, kif ukoll fir-rigward tal-possibbiltà li persuni li jinsabu fir-reġistru tal-pulizija jkunu jistgħu jieħdu azzjoni biex l-iżbalji jiġu kkoreġuti.

3.11 Fl-aħħar mill-aħħar, il-kontribut essenzjali tad-dimensjoni Ewropea huwa dak ta' l-armonizzazzjoni, tal-kooperazzjoni u tat-tixrid ta' l-esperjenzi. Dan għandu jittejjeb iżda b'mod li ma jħeġġiġx żieda esaġerata ta' liġijiet u miżuri speċjali meta l-liġijiet u l-korpi eżistenti kontra l-kriminalità organizzata jew finanzjarja jistgħu jiġu estiżi għall-ġlieda kontra t-terroriżmu.

3.12 Diġà teżisti ġabra ta' informazzjoni konsiderevoli dwar l-eċċezzjonijiet, anke dawk żgħar jew moderati, li b'mod ġenerali jiffavorixxu restrizzjoni tal-libertajiet ċivili, ħsara għall-garanziji ta' l-istat tad-dritt u suspetti fir-rigward tal-barranin, il-migranti legali u illegali u dawk li ressqu talba ta'ażil. Dan kollu jiġri fil-biċċa l-kbira ta' l-Istati Membri. Qiegħda tinxtered mewġa ta' razziżmu u ksenofobija u din għandha tiġi opposta bil-kliem u bl-eżempju.

3.13 Ir-rwoli rispettivi ta' l-Istati Membri, l-istituzzjonijiet ta' l-Unjoni Ewropea, il-Europol, il-Eurojust, eċċ. huma definiti b'mod ċar, iżda l-aspett prattiku tal-kooperazzjoni fi ħdan l-aġenziji ta' informazzjoni u l-investigazzjonijiet għandu jittejjeb b'mod kontinwu.

3.14 Il-prevenzjoni tal-vjolenza radikali u tat-terroriżmu teħtieġ għarfien tal-kuntest u l-ideoloġiji li jwasslu għalihom, u dan għandu jgħin sabiex jinqerdu l-prekonċetti mhux iġġustifikati.

([1]) Opinjoni tal-KESE tal-11.5.2005 dwar "Proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-prevenzjoni ta' l-użu tas-sistema finanzjarja għal skopijiet ta' money laundering, inkluż il-finanzjament tat-terroriżmu" (mhux disponibbli bil-Malti). Rapporteur: is-Sur Simpson, ĠU C 267, 27.10.2005, punti 3.1.8 u 3.2.1.

3.15 L-organizzazzjoni tal-ġlieda kontra l-vjolenza u t-terroriżmu tista' biss issir fuq perijodu twil għax hemm bżonn li d-demokrazija u r-rispett tal-libertajiet ċivili jissaħħu jew jinbtu fil-pajjiżi li huma dgħajfa jew li ma jikkontrollawx l-art kollha tagħhom u fil-pajjiżi bi gvern awtoritarju jew dittatorjali.

3.16 Il-Kumitat jemmen li l-azzjoni, li normalment issir fid-diskrezzjoni, ta' l-aġenziji ta' informazzjoni u ta' l-investigazzjonijiet tal-pulizija m'għandhiex għalfejn tkun akkumpanjata minn politika li sistematikament tkun sigrieta fir-rigward taċ-ċittadini u r-rappreżentanti tagħhom, kemm nazzjonali kif ukoll Ewropej; informazzjoni li tiffavorixxi l-parteċipazzjoni taċ-ċittadini u kontroll demokratiku għandhom ikunu jistgħu jiġu pprovduti b'mod adegwat minkejja l-kuntest, b'mod partikolari sabiex jiġi evitat kull abbuż fir-rigward ta' l-istat tad-dritt.

4. Ir-rwol tas-soċjetà ċivili fil-prevenzjoni tat-terroriżmu u tar-radikalizzazzjoni vjolenti

4.1 *Il-missjoni ewlenija tas-soċjetà ċivili*

4.1.1 Is-soċjetà ċivili hija l-ewwel vittma tat-terroriżmu internazzjonali (ikunx ipprovokat min-nazzjonaliżmu estrem, mill-istrumentalizzazzjoni tal-fundamentaliżmu reliġjuż jew ikollux il-vjolenza bħala l-uniku skop tiegħu). Is-soċjetà ċivili qiegħda tħabbat wiċċha ma' terroriżmu li għandu l-għan li jikkastiga lil kulħadd b'mod kollettiv u globali, li qiegħed jipprova joħloq atmosfera ta' biża' ġeneralizzata sabiex il-gvern jagħtih dak li jrid. Iżda s-soċjetà ċivili hija wkoll wieħed mill-elementi ewlenin ta' kull strateġija kontra din it-theddida, kif enfasizza l-KESE fl-opinjoni tiegħu dwar "Il-parteċipazzjoni tas-soċjetà ċivili fil-ġlieda kontra l-kriminalità organizzata u t-terroriżmu" ([2]), kemm fir-rigward tal-mekkaniżmi tal-ġlieda kontra l-iktar effetti viżibbli tat-terroriżmu, kif ukoll fir-rigward tal-kawżi profondi tiegħu, mingħajr ma ninsew ir-rwol tagħha fl-ambitu ta' l-għajnuna lill-vittmi.

4.1.2 Jekk wieħed iqis ir-rwol ta' l-Istati Membri u l-istituzzjonijiet ta' l-UE — b'mod partikolari fil-qasam tas-sigurtà, il-ġustizzja u l-finanzjament — fil-ġlieda kontra l-iktar sintomi u effetti viżibbli ta' din it-theddida (il-prevenzjoni ta' atti terroristiċi, it-tfittxija u ż-żarmar tal-gruppi terroristiċi, l-arrest, il-proċess u s-sentenza tat-terroristi, il-qerda tal-mezzi ta' finanzjament tagħhom, eċċ.), is-soċjetà ċivili tista' taqdi rwol essenzjali f'dan il-kuntest billi:

4.1.2.1 tara li l-ġlieda kontra t-terroriżmu ma toħroġ qatt mil-limiti ta' l-istat tad-dritt u l-ħarsien tad-drittijiet tal-bniedem, il-valuri, il-prinċipju u l-libertajiet ta' soċjetà miftuħa u demokratika;

4.1.2.2 tikkollabora ma' l-awtoritajiet Komunitarji u nazzjonali fil-livelli kollha sabiex jiġu identifikati l-attivitajiet u l-atturi involuti fin-netwerks terroristiċi (ir-rwol tal-korpi finanzjarji u ta' dawk li jamministraw is-servizzi ta' telekomunikazzjoni huwa partikolarment importanti f'dan ir-rigward). Din il-kollaborazzjoni għandha tkun ibbażata fuq impenn reċiproku ta' l-atturi involuti kollha sabiex ikun hemm skambju ta' informazzjoni, ta' riżorsi u ta' sforzi mmirati lejn l-objettiv komuni tal-qerda tat-terroriżmu;

4.1.2.3 tistabbilixxi djalogu mal-mexxejja u l-atturi soċjali tal-komunitajiet ta' referenza tal-gruppi terroristiċi, biex tippromovi azzjoni komuni ta' kritika u "deleġittimizzazzjoni" tal-prattiki u d-diskors vjolenti;

4.1.2.4 taqsam mad-diversi atturi soċjali u ma' l-awtoritajiet nazzjonali u Komunitarji l-esperjenzi u l-prattiki li jwasslu għall-iżolament u l-kontroll ta' persuni u gruppi ta' persuni li huma vulnerabbli għall-esklużjoni u r-radikalizzazzjoni vjolenti, dejjem b'kull rispett għad-drittijiet tal-bniedem u l-libertajiet fundamentali kif ukoll għall-istat tad-dritt;

4.1.2.5 tipprovdi informazzjoni dwar id-diversi approċċi (fir-rigward tal-proċess ta' integrazzjoni, tal-fehmiet, attitudnijiet u funzjonament ta' l-iktar gruppi importanti f'dan il-kuntest) fil-programmi ta' taħriġ tal-forzi tal-pulizija, tas-sigurtà u ta' l-informazzjoni li huma inkarigati mill-ġlieda kontra din it-theddida;

4.1.2.6 tniedi proġetti pilota li jiffukaw fuq l-iktar żoni esposti għall-aljenazzjoni, ir-radikalizzazzjoni u r-reklutaġġ (ħabsijiet, postijiet ta' qima, skejjel, inħawi fil-periferija u stabbilimenti tat-telekomunikazzjoni, eċċ.) u li jkollhom l-għan li jevitaw l-esklużjoni, ir-radikalizzazzjoni u l-akkuża mhux iġġustifikata ta' persuni jew gruppi ta' persuni minħabba l-klassi soċjali, is-sess, l-oriġini etnika jew ir-reliġjon tagħhom.

4.2 *L-integrazzjoni mill-perspettiva tal-prevenzjoni: proposti konkreti*

4.2.1 Is-soċjetà ċivili tista' taqdi r-rwol tagħha bis-shiħ billi tindirizza l-kuntest li fih tinbet il-vjolenza terroristika. Mingħajr ma jiġġustifika xi tip ta' vjolenza minħabba l-kawżi tagħha, wieħed jista' jispjega għadd ta' atti terroristiċi bħala r-riżultat tal-proċess ta' aljenazzjoni, radikalizzazzjoni u reklutaġġ, aggravat mill-inugwaljanzi orizzontali bejn gruppi ta' nies li jgħixu fl-istess art, minn fenomeni bħall-esklużjoni u d-diskriminazzjoni (soċjali, politika u ekonomika) u mill-parzjalità li tiġi applikata fil-mod kif jiġu ġġudikati l-atti ta' wħud u dawk ta' oħrajn. B'konsegwenza ta' dan, l-integrazzjoni għandha tkun fil-qalba ta' kull strateġija li, għal raġunijiet ta' prevenzjoni, għandu jkollha l-għan li:

4.2.2 tiffavorixxi sistemi ta' edukazzjoni formali u informali li jkunu bbażati fuq it-tneħħija ta' stereotipi negattivi, u li jippromovu t-tolleranza u l-koeżistenza fuq il-bażi ta' valuri komuni msejsa fuq id-drittijiet tal-bniedem (għal din ir-raġuni l-kotba ta' l-iskola għandhom jiġu riveduti sabiex l-istereotipi jinbidlu f'mudelli li jistimolaw it-tolleranza u f'għodda ta' pedagoġija multikulturali);

4.2.3 titlob l-impenn (inkluż kodiċi ta' kondotta) tal-mezzi tax-xandir biex ma jagħtux lok għal diskorsi u approċċi li jistgħu jippromovu l-esklużjoni, ir-razziżmu u l-ksenofobija. B'rispett għal-libertà ta' l-istampa u ta' l-espressjoni, wieħed jista' jippromovi pożizzjonijiet u approċċi li jxandru l-valuri komuni ta' l-istorja u jfaħħru l-vantaġġi tal-multikulturaliżmu bħala aspett pożittiv tad-dinja globalizzata;

([2]) Opinjoni esploratorja tal-KESE tat-13.9.2006 dwar "Il-parteċipazzjoni tas-soċjetà ċivili fil-ġlieda kontra l-kriminalità organizzata u t-terroriżmu", rapporteurs: is-Sinjuri Rodríguez García-Caro, Pariza Castaños u Cabra de Luna (GU C 318, 23.12.2006), punt 13 (mhux disponibbli bil-Malti).

4.2.4 ixxandar, permezz ta' kampanji pubbliċitarji, messaġġi u approċċi pożittivi li jiffavorixxu l-inklużjoni u li jgħinu biex jiġu ċċarati l-affarijiet u biex il-kunċetti qarrieqa jinbidlu ma' oħrajn (per eżempju, it-terroriżmu internazzjonali minflok it-terroriżmu islamiku, l-integrazzjoni minflok l-assimilazzjoni) jew biex stampi inadegwati li jippromovu l-firda u l-konfrontazzjoni jiġu sostitwiti b'oħrajn iktar adegwati (ċittadini minflok immigranti);

4.2.5 tikkontribwixxi sabiex in-nies jifhmu li huwa importanti li d-drittijiet tal-bniedem jiġu kkunsidrati bħala l-pedament ewlieni tal-koeżistenza f'soċjetà multikulturali. F'dan il-kuntest, is-soċjetà ċivili organizzata għandha tkun il-mutur tar-rieda li tinħoloq soċjetà li fiha kulħadd igawdi mill-istess drittijiet (soċjali, politiċi u ekonomiċi) u jkollu l-istess dmirijiet;

4.2.6 tippromovi l-ħolqien ta' pjattaformi soċjali li jinvolvu membri tad-diversi komunitajiet li jgħixu fl-istess pajjiż u li jkollhom l-objettiv li jdaħħlu fis-seħħ mekkaniżmi ta' inklużjoni u soluzzjoni paċifika tal-kunflitti;

4.2.7 tidentifika u ssaħħaħ ir-rwol tal-mexxejja u ta' l-organizzazzjonijiet li jirrappreżentaw komunitajiet oħra fl-UE bħala l-interlokuturi ewlenin fir-relazzjonijiet ma' persuni minn kulturi differenti, bil-għan li jiġu stabbiliti djalogu u kollaborazzjoni sabiex jinqerdu l-kawżi potenzjali ta' l-aljenazzjoni u r-radikalizzazzjoni ta' whud mill-membri ta' dawn il-komunitajiet;

4.2.8 tiżviluppa programmi speċifiċi li jkollhom l-għan li jimpedixxu r-radikalizzazzjoni ta' dawk li potenzjalment huma kapaċi jappoġġjaw l-ideat u l-prattiki terroristiċi fil-postijiet fejn isir ir-reklutaġġ (ħabsijiet, postijiet ta' qima, eċċ.) Dawn il-programmi għandhom ikunu bbażati fuq l-integrazzjoni soċjali u l-ħolqien ta' l-impjiegi;

4.2.9 tikkunsidra l-kooperazzjoni deċentralizzata minn din il-perspettiva, kemm fil-livell nazzjonali kif ukoll f'dak Komunitarju (billi tuża mekkaniżmi diġà stabbiliti bħall-Assoċjazzjoni Ewro-Mediterranja, il-Politika Ewropea tal-Viċinat u l-assoċjazzjoni bejn il-pajjiżi AKP. Dan jimplika li l-potenzjal enormi li jirrappreżentaw il-politiki ta' kooperazzjoni u ta' żvilupp ta' l-Istati Membri u l-UE jista' jintuża biex jitwaqqfu proġetti ta' kooperazzjoni fuq il-post ma' persuni li huma involuti fix-xena reliġjuża jew nazzjonalista iżda li jirrifjutaw b'mod radikali kull tip ta' vjolenza;

4.2.10 iżżid b'mod konsiderevoli, fl-UE u fil-kuntest tar-relazzjonijiet ma' pajjiżi terzi, in-numru ta' programmi ta' skambju għall-għalliema, l-istudenti, il-ġurnalisti u l-membri ta' organizzazzjonijiet ta' min iħaddem u trade unions, id-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem, il-membri ta' organizzazzjonijiet non-governattivi, eċċ., u l-baġit tagħhom, b'attenzjoni partikolari għall-ugwaljanza bejn is-sessi. L-għarfien personali u l-iskambju ta' esperjenzi u ta' fehmiet huma metodi li għandhom jingħataw preferenza sabiex jinqerdu l-istereotipi negattivi u sabiex jitfassal ġejjieni komuni f'seklu li għandu jkun multikulturali ([3]). Għalhekk ikun xieraq li l-potenzjal tal-KESE jintuża u jissaħħaħ sabiex permezz tal-kuntatti u l-kooperazzjoni tiegħu ma' korpi extra-Komunitarji, jiġu eżaminati forom ġodda ta' azzjoni kontra r-radikalizzazzjoni ta' ċerti gruppi jew individwi;

4.2.11 tiffavorixxi l-ħolqien u l-konsolidazzjoni ta' pjattaformi ta' parteċipazzjoni tal-popolazzjoni (tal-post u barranija) li jippromovu l-inklużjoni orizzontali bbażata fuq ir-rappreżentazzjoni ċivika minflok fuq il-profil nazzjonalista jew reliġjuż;

4.2.12 tixpruna r-riċerka fiċ-ċentri u l-istituti speċjalizzati, kemm fl-UE kif ukoll fil-kuntest ta' kollaborazzjoni ma' ċentri li jinsabu f'pajjiżi li huma partikolarment importanti għal din il-kwistjoni. Huwa importanti ferm li jingħata appoġġ lil proġetti u studji mmirati lejn għarfien aħjar tal-proċessi li jwasslu għall-aljenazzjoni, ir-reklutaġġ u r-radikalizzazzjoni u tal-korrelazzjonijiet bejn id-diversi fatturi involuti.

4.3 *L-għajnuna lill-vittmi*

4.3.1 Fl-aħħar, huwa importanti li tingħata għajnuna lill-vittmi diretti ta' l-atti terroristiċi bħala parti sostanzjali minn viżjoni globali fejn is-soċjetà ċivili taqdi rwol fil-ġlieda kontra t-theddida terroristika. Sabiex il-vittmi ma jintesewx u ma jiġux marġinalizzati fl-ambitu soċjali, huwa essenzjali li:

4.3.2 jsir sforz kbir sabiex id-drittijiet kollha tal-vittmi jiġu rikonoxxuti (inkluż il-kumpens finanzjarju) bħala vittmi ta' atti terroristiċi, tkun xi tkun in-natura ta' l-attentat u indipendetement mill-fatt jekk l-attentat iseħħx fil-pajjiż tal-vittmi jew f'pajjiż ieħor;

4.3.3 jinħolqu mekkaniżmi soċjali ta' appoġġ (appoġġ fiżiku, psikoloġiku u finanzjarju) li jgħinu lill-vittmi joħorġu mit-trawma u li jevitaw li jiżviluppa diskors li jistigmatizza lil ċerti gruppi jew li jkun razzista jew ksenofobu;

4.3.4 titkattar ir-rieda politika tal-gvernijiet nazzjonali u ta' l-UE sabiex jiġi stabbilit kunsens għar-rikonoxximent tal-vittmi u l-appoġġ u l-harsien tagħhom.

4.4 *Iċ-ċittadini bħala atturi prinċipali tas-sigurtà u tal-prevenzjoni: politiki li jagħtu kontribut*

4.4.1 Fuq il-bażi tal-fatt li ċ-ċittadini huma l-mutur ewlieni ta' kull pajjiż, u b'ħekk ta' l-UE, kwistjonijiet bħas-sigurtà, il-paċi u l-prevenzjoni ta' kunflitti vjolenti, jimplikaw li hemm bżonn li:

4.4.2 jitwaqqfu strateġiji u sforzi multidimensjonali sabiex jiġi ggarantit ċertu livell ta' benesseri u ta' sigurtà għaċ-ċittadini kollha ta' pajjiż u l-ġirien tagħhom; jekk wieħed jiżgura l-iżvilupp u s-sigurtà globali jkun qiegħed jiżgura l-iżvilupp u s-sigurtà individwali;

([3]) Opinjoni tal-KESE ta' l-20.4.2006 dwar il-"Proposta għal Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill relatata mas-Sena Ewropea tad-Djalogu Interkulturali (2008)", rapporteur: is-Sinjura Cser (ĠU C 185, 8.8.2006) (mhux disponibbli bil-Malti).

4.4.3 jitnaqqsu u eventwalment jinqerdu l-inugwaljanzi bejn il-gruppi u l-pajjiżi; dan huwa l-aħjar mezz biex titħares is-sigurtà ta' kulħadd. Il-bażi komuni tal-koeżistenza u t-tnaqqis tat-theddida tat-terroriżmu tinsab, għal darb'oħra, fil-ħarsien tad-drittijiet tal-bniedem u fit-tisħiħ ta' ambjent demokratiku, b'rispett għad-diversi prattiki reliġjużi f'qafas separat mill-affarijiet pubbliċi. Dan jimplika wkoll iċ-ċaħda ta' l-eżistenza ta' spazji soċjali barra mil-limiti tal-liġi (postijiet li jinsabu f'"limbu" legali u għettos ibbażati fuq prattiki li huma inaċċettabbli f'dan il-kuntest);

4.4.4 jinftiehem il-fatt li l-ħarsien tas-sigurtà m'għandux ikun ta' ħsara għal-libertà billi jitnaqqsu d-drittijiet iggarantiti minn kull soċjetà miftuħa u demokratika jew billi jintużaw metodi kontra t-terroriżmu li jixbhu lil dawk użati mit-terroristi stess;

4.4.5 jiġi rikonoxxut li objettiv bħall-ġlieda kontra t-terroriżmu (li jinvolvi bosta dixxiplini u bosta dimensjonijiet u li jista' jintlaħaq biss fuq perijodu twil) jista' jintlaħaq biss jekk jingħata baġit speċifiku u adegwat li jinkludi riżorsi nazzjonali kif ukoll Komunitarji.

4.5 *Sħubijiet pubbliċi-privati*

4.5.1 It-theddida tat-terroriżmu hija mifruxa, permanenti u globali. L-impatt tagħha jolqot lil kulħadd, mingħajr eċċezzjoni, u n-natura u l-espressjoni tagħha jinbidlu kontinwament. Dan, flimkien mal-fatt li għadha ma nstabitx strateġija adegwata kontriha, ifisser li l-analiżi, l-istimi u l-metodi użati jridu jiġu riveduti l-ħin kollu. Din hija biċċa xogħol li tinvolvi l-partijiet kollha, kemm il-gvernijiet kif ukoll il-korpi Komunitarji u s-soċjetà ċivili kollha kemm hi. Fil-qafas ta' din il-ħidma, wieħed għandu jeżamina wkoll il-possibbiltajiet tas-sħubijiet pubbliċi-privati (però dan m'għandux iwassal għall-privatizzazzjoni tas-sigurtà u tad-difiża, li tkun ħaġa kontro-produċenti) sabiex dawn jaqdu l-objettiv komuni: il-benessseri u s-sigurtà ta' kulħadd ([4]). Dawn l-isforzi għandhom ikunu bbażati fuq:

4.5.2 il-bżonn li wieħed iħejji glossarju tat-termini sabiex jintlaħaq kunsens, kemm fid-diskors kif ukoll fl-atti, dwar il-kunċetti li jiggwidaw il-ħidma li għandha ssir mill-partijiet kollha kkonċernati;

4.5.3 il-kontroll demokratiku ta' l-istrateġija tal-ġlieda kontra t-terroriżmu fil-livelli u l-forom kollha tagħha;

4.5.4 is-sensibilizzazzjoni fir-rigward ta' l-importanza tal-politiki esterni ta' l-Istati Membri (u l-PESK/PESD fil-livell Komunitarju) u l-politiki nazzjonali u Komunitarji ta' kooperazzjoni u żvilupp għall-prevenzjoni tat-terroriżmu u tal-ġlieda kontra r-radikalizzazzjoni ta' terroristi potenzjali;

4.5.5 il-bżonn urġenti li jiġi allokat baġit adegwat u kostanti għall-programmi u l-azzjonijiet kollha msemmija f'din l-opinjoni;

4.5.6 il-bżonn li jinħolqu (jew jinżammu) djalogu u kooperazzjoni ma' l-atturi u korpi soċjali, politiċi u ekonomiċi kemm fi ħdan l-UE kif ukoll barra mill-fruntieri tagħha, fid-dawl tal-fatt li ħadd ma jista' jiggarantixxi s-suċċess tal-ġlieda kontra din it-theddida waħdu, u tal-vantaġġi li ġġib il-koordinazzjoni ta' l-isforzi biex jiġu elaborati viżjonijiet u strateġiji ta' azzjoni koerenti u sostenibbli.

Brussell, it-22 ta' April 2008.

Il-President
tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew
Dimitris DIMITRIADIS

([4]) Opinjoni esploratorja tal-KESE tat-13.9.2006 dwar "Il-parteċipazzjoni tas-soċjetà ċivili fil-ġlieda kontra l-kriminalità organizzata u t-terroriżmu", rapporteurs: is-Sinjuri Rodríguez García-Caro, Pariza Castaños u Cabra de Luna (ĠU C 318, 23.12.2006), punt 13 (mhux disponibbli bil-Malti).

Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar il-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Kunsill u l-Parlament Ewropew dwar ir-rati tal-VAT minbarra r-rati standard tal-VAT

COM(2007) 380 finali — SEC(2007) 910

(2008/C 211/18)

Nhar il-5 ta' Lulju 2007, il-Kummissjoni ddeċidiet, b'konformità ma' l-Artikolu 262 tat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, li tikkonsulta lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar:

Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Kunsill u l-Parlament Ewropew dwar ir-rati tal-VAT differenti minn dawk standard.

Is-sezzjoni speċjalizzata għall-Unjoni ekonomika u monetarja, koeżjoni ekonomika u soċjali inkarigata sabiex tipprepara l-ħidma tal-Kumitat dwar is-suġġett taħt diskussjoni, adottat l-opinjoni tagħha nhar it-28 ta' Marzu 2008, fuq il-bażi tal-proġett predispost mir-*rapporteur* is-Sur Burani.

Matul l-444 sessjoni plenarja tiegħu (seduta tat-22 ta' April), il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew adotta din l-opinjoni b'112-il vot favur, xejn voti kontra u 5 astensjonijiet.

1. **Konklużjonijiet u rakkomandazzjonijiet**

1.1 Il-KESE jilqa' l-inizjattiva tal-Kummissjoni li tipprovdi l-bażi għal dibattitu politiku fil-Parlament Ewropew u l-Kunsill li kapaċi joħroġ prinċipji aċċettati minn kulħadd dwar derogi fir-reġim tal-VAT. Peress li l-proċess għandu dimensjoni politika ċara, id-data ta' l-għeluq fl-aħħar ta' l-2010 għall-adozzjoni ta' regoli ġodda hija kompletament realistika.

1.2 L-iskop oriġinali ta' l-adozzjoni tar-reġim tal-VAT kien li joħloq l-isfond għal **armonizzazzjoni fiskali** li tiżgura t-tħaddim tajjeb tas-suq intern: madankollu, il-bosta bidliet li saru minn dakinhar, fuq kollox l-eżenzjonijiet u d-derogi, **ħadmu bil-kontra** u l-attentat li jiġu standardizzati d-derogi huwa l-aħjar li wieħed jista' jistenna fiċ-ċirkostanzi attwali.

1.3 Id-derogi jiġu implimentati f'kull Stat Membru fuq il-bażi tal-kriterji fiskali flinkien ma' **tħassib politiku u soċjali**; dawn huma permessi meta ma jkollhom l-ebda impatt transkonfinali jew meta jilħqu l-kriterji stabbiliti mill-politika Komunitarja. Il-KESE min-naħa tiegħu jemmen li, filwaqt li dawn il-kriterji jridu jiġu rrispettati, id-derogi jridu jiġu analizzati l-ewwel u qabel kollox — anki jekk mhux biss — skond il-kontribut tagħhom għal politika ta' **ridistribuzzjoni tad-dħul**.

1.4 Fid-diskussjonijiet għandha tingħata attenzjoni partikolari lis-**servizzi lokali li ma jistgħux jiġu offruti mill-bogħod**, u b'hekk m'għandhomx impatt dirett fuq is-suq intern: kategorija li tinkludi bosta attivitajiet li, għalkemm huma bla dubju ta' benefiċċju ekonomiku u soċjali, huma b'xi **mod kontroversjali** jew li jistgħu jkunu soġġetti għal konsiderazzjonijiet differenti: attivitajiet ta' snajja', servizzi ta' restaurants, servizzi tas-saħħa pubbliċi u privati, setturi ta' xogħol intensiv mhux kwalifikat, kotba u gazzetti.

1.5 Il-KESE jiġbed l-attenzjoni dwar il-ħtieġa li l-eżenzjonijiet jingħataw skond l-ispiża differenti għal **gruppi bi dħul għoli u dħul baxx**: distinzjoni li diffiċli biex issir. Imma fuq kollox ifakkar li l-eżenzjonijiet għandhom jimxu skond **kriterji ta' trasparenza** u jqisu **l-ispejjeż li jinvolvu regolamenti vagi jew ġeneriċi għall-amministraturi tat-taxxa u għan-negozji**, spejjeż li finalment jaqgħu fuq il-konsumaturi.

1.6 Għandha tingħata attenzjoni speċjali lis-**sussidji diretti bħala alternattiva għal rati mnaqqsa tal-VAT**: soluzzjoni li l-Kummissjoni qed tippreżenta però mingħajr ma tieħu pożizzjoni. Il-KESE jemmen li din l-alternattiva għandha tiġi ttrattata bil-galbu u tiġi adottata bil-qies u biss f'każi fejn ikun diffiċli li jinstabu soluzzjonijiet oħrajn; ikun x'ikun il-każ, is-sussidji m'għandhom qatt jieħdu l-forma ta' għajnuna mill-Istat.

2. **Sfond**

2.1 Ir-reġim tal-VAT huwa, min-natura tiegħu stess, ibbażat fuq sistema kumplessa; imwieled fl-1977 bħala reġim "provviżorju" ([1]), kif għadu magħruf illum — wara tletin sena! Matul is-snin dan ir-reġim ġie emendat ħafna drabi bħala riżultat ta' bidliet f'sitwazzjonijiet temporanji jew dejjiema, kunsiderazzjonijiet politiċi, żviluppi fis-suq inten, u t-tkabbir.

2.2 L-azzjoni meħtieġa biex tissimplifika x-xogħol ta' l-amministraturi u l-parteċipanti ekonomiċi ttieħdet mill-Kummissjoni permezz tad-**Direttiva dwar il-VAT ta' l-2006** ([2]), li rranġat il-leġislazzjoni u li fil-prattika hija t-"test konsolidat" dwar il-kwistjoni. Id-direttiva hija ispirata mill-prinċipji oriġinali ta' l-1977, parzjalment riveduti fl-1992: b'mod ġenerali, ir-rata minima normali hija ta' 15 % ([3]) u t-taxxa ġeneralment tiġi imposta fil-post ta' l-oriġini. Però ċerti derogi u eċċezzjonijiet huma mistennija: ir-rata standard tista' titnaqqas u xi prodotti jew servizzi jistgħu jiġu intaxxati fil-post tad-destinazzjoni tagħhom.

([1]) Skond il-loġika, reġim "definittiv" għandu jipprovidi għal tassazzjoni fil-post tad-destinazzjoni, jew aktar preċiżament, fil-post tal-konsum. Dak iż-żmien, u anki llum, ostakli differenti fixklu milli jkun hemm implimentazzjoni ġenerali, u dan għadu hekk s'issa.

([2]) Id-Direttiva tal-Kunsill 2006/112/KE tat-28 ta' Novembru 2006 dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud (ĠU L 347 tal-11.12.2006).

([3]) Artikolu 96 u 97 tad-Direttiva tal-Kunsill 2006/112/KE tat-28 ta' Novembru 2006 dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud (ĠU L 347 tal-11.12.2006). Qatt ma ġiet stabbilita rata massima.

2.3 Skond ir-regoli, l-Istati Membri jistgħu japplikaw rata mnaqqsa jew tnejn, imma biss għas-servizzi u l-prodotti mniżżla fid-direttiva dwar il-VAT ([4]). L-Istati Membri kollha, bl-eċċezzjoni parzjali tad-Danimarka, jieħdu vantaġġ minn din il-possibbiltà, imma b'qies differenti u applikata għal prodotti u servizzi differenti magħżulin minn dawk permessi. Inkonsistenza bħal din żgur ma twassalx għat-tħaddim fil-prattika tal-prinċipji ta' koordinazzjoni meħtieġa għat-tħaddim tajjeb tas-suq uniku. Il-Kummissjoni issa qed tipproponi li tniedi "**stedina għad-dibattitu politiku fil-Kunsill u l-Parlament Ewropew**" — bil-parteċipazzjoni tal-KESE, li ntlabet l-opinjoni tiegħu — bil-ħsieb li jintlaħaq ftehim bejn l-Istati Membri dwar **tfassil ġdid għar-rati tal-Vat imnaqqsa**.

2.3.1 Fil-prattika dan jinvolvi **r-reviżjoni tal-qafas sħiħ** tad-derogi speċifiċi u temporanji li diġà ngħataw, ta' l-ewwel lill-Istati Membri li ssieħbu anqas riċentament u ta' l-aħħar lill-grupp il-"ġdid" ta' Stati Membri, u l-bini mil-ġdid ta' qafas li jagħti kas li l-objettivi jkunu konsistenti mal-loġika tas-suq intern. Dan m'huwiex proċess sempliċi: ser ikollu jinstab **bilanċ aċċettat fuq bażi komuni** bejn in-neċessitajiet poltiċi, ekonomiċi u soċjali li maż-żmien iġġustifikaw id-derogi u l-eċċezzjonijiet, applikati mbagħad minn kull Stat Membru skond il-ħtiġijiet partikolari tiegħu. Il-Kummissjoni mhijiex illuża dwar id-diffikultajiet involuti: fil-fatt mhux qed tistenna li l-proċess ta'konsultazzjoni jwassal għal **regolament ġdid qabel tmiem l-2010**.

2.4 Ittieħed pass preliminari, li kien neċessarju biex ipoġġi l-Istati Membri kollha fuq l-istess livell f'dawk li huma derogi, permezz ta' l-abbozz ta' direttiva li jestendi **d-derogi temporanji mogħtija lill-Istati Membri l-ġodda** sal-31 ta' Diċembru 2010 ([5]). Ir-raġuni għall-proposta, li kienet adottata fl-20 ta' Diċembru 2007, tinsab fir-reġimi differenti li jirregolaw id-derogi: l-Istati Membri li ssieħbu anqas riċentament għandhom il-benefiċċju ta' derogi miftuħin filwaqt li dawk għall-Istati Membri l-ġodda skadew fl-aħħar ta' l-2007. L-estensjoni li ngħatat fl-20.12.2007 lil dawn ta' l-aħħar poġġiet lil kulħadd fuq l-istess livell, ta' l-anqas sa l-2010, sa liema data l-Kummissjoni tittama li l-Kunsill u l-Parlament Ewropew ikunu laħqu ftehim dwar l-adozzjoni ta' **reġim stabbli u uniformi tar-rati tal-VAT differenti minn dawk standard**.

2.5 Il-komunikazzjoni li qed tiġi indirizzata hawnhekk timmira li tipprovdi **bażi għal "dibattitu politiku"** fil-Parlament Ewropew u fil-Kunsill li kapaċi joħloq **prinċipji aċċettati b'mod komuni** li jagħmluha possibbli li jitfasslu proposti regolatorji bi **probabbiltà kbira li jiġu aċċettati**. Hi u żżomm f'moħħha l-esperjenza tal-passat u tal-preżent, il-Kummissjoni qed toqgħod attenta f'dak illi tgħid u qed tkun realistika dwar id-deċiżjonijiet li jridu jittieħdu: qed tistenna li tirċievi sinjali. Bil-komunikazzjoni tagħha tillimita lilha nnifisha għal preżentazzjoni bbilanċjata ta' l-**informazzjoni kollha utli biex issir evalwazzjoni u kunsiderazzjoni**, billi tirreferi għall-prinċipji mħaddma tas-suq uniku u l-Istrateġija ta' Lisbona. Il-KESE jqis din l-inizjattiva bħala waħda kruċjali għall-ġejjieni tas-suq intern fil-qasam fiskali: ċans uniku li s-suċċess tiegħu ser jiddependi fuq is-sens ta' responsabbiltà u r-rieda tajba ta' dawk li jieħdu d-deċiżjonijiet.

3. Il-kontenut tal-komunikazzjoni

3.1 Il-komunikazzjoni tiġbor fil-qasir ***studju ta' Copenhagen Economics*** li eżamina, f'isem il-Kummissjoni u bil-mandat tal-Kunsill u tal-Parlament Ewropew, l-impatta tar-rat mnaqqsa tal-VAT u tad-derogi relatati, b'attenzjoni partikolari mogħtija lill-**aspetti soċjali** (id-distribuzzjoni tad-dħul) u **l-ispejjeż** tas-sistema. Il-KESE jifraħ lill-Kummissjoni għall-kwalità tad-dokument li fasslet ibbażat fuq l-istudju. Tassew, la hemm elementi minsija u l-anqas truf li ma jwasslu mkien: hemm l-informazzjoni kollha meħtieġa għad-dibattitu li ġej.

3.2 L-ewwel nett, il-Kummissjoni tippreżenta l-għan tagħha li tiżgura opportunitajiet indaqs għall-Istati Membri kif ukoll aktar trasparenza, konsistenza u, fuq kollox, tħaddim tajjeb tas-suq intern, pereżempju billi jitnaqqas it-tfixkil għall-attività ekonomika transkonfinali u l-ispejjeż li jirriżultaw mill-konformità mal-VAT ([6]).

3.3 B'mod speċifiku, u b'referenza għall-istudju ta' *Copenhagen Economics*, il-Kummissjoni tinnota li minn perspettiva purament ekonomika, l-aktar soluzzjoni razzjonali tkun li jkun hemm **rata tal-VAT waħda**: toħloq tnaqqis fl-ispejjeż ta' operazzjoni għall-amministraturi u n-negozji u — fit-teorija — tnaqqas il-kompetizzjoni distorta. Bħal kull regolament riġidu, madankollu, hemm ir-riskju li r-rata unika ma tkunx addattata għal kull ċirkostanza u għalhekk tirrikjedi ċertu ammont ta' flessibilità: huwa dan il-prinċipju li fuqu huma bbażati r-**rati mnaqqsa**.

3.4 L-implimentazzjoni ta' rati mnaqqsa hija rispons għal kriterji ekonomiċi, imma wkoll għal kriterji soċjali u ekonomiċi: bħala eżempji nistgħu nsemmu s-servizzi li jieħdu ħafna xogħol (speċjalment dak ta' bla sengħa) u s-servizzi lokali meta ma jkollhomx impatt maġġuri fuq it-traffiku transkonfinali. Il-ħsieb hawnhekk huwa li rati aktar baxxi (u b'hekk prezzijiet aktar baxxi) iżidu l-produttività u x-xogħol: iċ-ċittadini jfittxu aktar l-għajnuna ta' professjonisti flok jaraw kif jieħdu ħsieb l-affarijiet kif jistgħu huma stess, u bekk jinvestu anqas fl-ekonomija "moħbija".

3.5 Il-lista sħiħa ta' prodotti u servizzi li jibbenefikaw minn rati mnaqqsa (Artikolu 98 tad-direttiva dwar il-VAT) jinsab f'Anness III tad-direttiva; Fejn jidħlu s-**servizzi li jinvolvu ħafna xogħol**, dawn iridu jilħqu tliet kriterji (Artikolu 107): barra dawk imsemmija fil-punt ta' qabel, dawn iridu jkunu **servizzi pprovduti l-aktar direttament lill-konsumaturi aħħarija** u servizzi ta' **natura lokali**, **li ma joħolqux kompetizzjoni**

([4]) Ara Artikoli 98-101 u Anness III tad-direttiva.

([5]) Proposta ta' direttiva COM(2007) 381 finali u opinjoni tal-KESE dwar il-*Proposta għal Direttiva tal-Kunsill li temenda d-Direttiva 2006/112/KE rigward ċerti dispożizzjonijiet temporanji dwar rati ta' taxxa fuq il-valur miżjud* (ĠU C 44 tas-16.2.2008, p. 120).

([6]) Ara l-Introduzzjoni għall-Komunikazzjoni COM (2007) 380 finali.

distorta. Għall-**prodotti** u s-servizzi "normali", il-kriterji huma anqas espliċiti, imma n-natura soċjali tagħhom hija ċara mil-lista: huma fil-fatt il-prodotti ta' l-ikel u dawk farmaċewtiċi, l-ilma, il-pubblikazzjoni, is-servizzi tat-televiżjoni, eċċ. Il-Kumitat ser jikkumenta dwar dawn l-aspetti aktar tard (ara punt 4.12).

3.6 Il-Kummissjoni tikkumenta dwar wieħed mill-aktar argumenti komuni dwar ir-rati imnaqqsin, li jgħid li dawn jgħinu biex jiżguraw **aktar ġustizzja soċjali** billi jtejbu d-distribuzzjoni tad-dħul biex tiffavorixxi lil dawk anqas sinjuri. L-istudju, u middehra anki l-Kummissjoni, jikkwalifikaw l-approvazzjoni tagħhom ta' dan l-argument. Ir-rati mnaqqsa jkollhom effett verament distributtiv biss jekk il-parti ta' l-ispiża għall-konsum ta' prodotti "ffavoriti" tkun stabbli matul iż-żmien u toħloq **differenza vera bejn gruppi bi dħul baxx u bi dħul għoli**. Il-komunikazzjoni tiżvela, barra minn hekk, li hemm differenzi konsiderevoli bejn pajjiż u ieħor, u li l-livell ta' effettività tar-rati mnaqqsa jiddependi fuq kemm hemm differenza fid-dħul bejn il-klassijiet soċjali.

3.7 Aspett importanti ieħor huwa **l-ispiża tas-sistema**: rati li huma differenti mir-rata standard joħolqu piżijiet amministrattivi sostanzjali għan-negozji u l-awtoritajiet tat-taxxi, speċjalment meta l-implimentazzjoni hija miftuħa għall-interpretazzjoni, li kważi dejjem hija n-norma.

3.8 Il-Kummissjoni, hekk kif tikkwota l-istudju, ma tiddubitax mis-sistema tar-rati mnaqqsa, imma ssaqsi jekk **għodda politiċi alternattivi** jkunux aktar addattati għall-għanijiet ta' l-Istati Membri. Issemmi bħala alternattiva, jew bħala waħda mill-alternattivi, **sistema ta' sussidji diretti**, li jilħqu l-istess objettivi b'anqas spejjeż. Din is-sistema tista' titfassal biex tevita effetti ta' tfawwir (spill-over) fil-livell ta' l-UE, tiżgura trasparenza akbar u tkun irħas għall-baġits ta' l-Istati Membri. Madankollu, il-Kummissjoni tinnota li s-sussidji diretti jistgħu jkunu ta' benefiċċju dubjuż għan-negozji: jistgħu jingħataw b'mod arbitrarju jew għal perjodu temporanju, jiddependi fuq dak li jitlob il-baġit nazzjonali u fuq l-orjentazzjoni politika ta' dak iż-żmien.

3.9 Jidher li l-Kummissjoni tati importanza konsiderevoli għal din l-aħħar alternattiva, u fil-fatt għal *kull* alternattiva għas-sistema tar-rati mnaqqsa: fil-fatt **"tirrakkomanda li l-Istati Membri jeżaminaw b'attenzjoni il-possibbiltajiet kollha li jeżistu"**. Minħajr ma tidher li qed tieħu pożizzjoni, tinnota li **spiss għodda oħrajn huma aktar effiċjenti mir-rati mnaqqsa tal-VAT u jinvolvu spiża anqas għall-baġit ta' l-Istat**, u dan għandu jitqies fil-proċess tat-teħid tad-deċiżjonijiet.

4. **Osservazzjonijiet u kummenti**

4.1 Ta' min wieħed jifraħ lill-Kummissjoni għall-komunikazzjoni riġoruża u bbilanċjata li fasslet. B'mod partikolari, il-KESE huwa sodisfatt bil-**konferma ta' x'uħud mill-fehmiet li kien esprima fil-bidu**, li ser jitfakkru fil-kummenti li ġejjin. L-ewwel nett, u b'referenza għall-kummenti li ssemmew f'punt 3.9 hawn fuq, il-Kumitat ifakkar li huwa esprima t-**tħassib tiegħu fuq is-sistema tad-derogi** fl-opinjoni tiegħu dwar id-direttiva dwar il-VAT ([7]): dak iż-żmien kien qal li "ma jidher li hemm l-ebda pjan [min-naħa ta' l-Istati Membri] biex jiddiskutu d-derogi … bil-ħsieb li jiġu eliminati". Din il-pożizzjoni issa hija kkonfermata u msaħħa mill-istudju awtoritattiv tal-Copenhagen Economics, u kif jidher anki mill-Kummissjoni. Madankollu, huwa ċar li kif qegħdin l-affarijiet bħalissa, sakemm ma jkunx hemm xi bidla fil-ħsieb mill-Istati Membri, kull **suġġerimenti għal soluzzjonijiet alternattivi** ser jibqgħu biss suġġerimenti.

4.2 Il-VAT hija taxxa kumplessa fiha nnifisha, diffiċli biex tiġborha, evaża minn ħafna nies u hija **spiża** għall-Istati Membri u n-negozji biex joperawha ([8]). Iżda fuq kollox **ma tiksibx l-għan oriġinali**, li kien dak li kien li **jinħoloq reġim definittiv ta' armonizzazzjoni fiskali**. Minkejja dan, ta' min jinnota li l-armonizzazzjoni m'hijiex l-iskop aħħari imma kundizzjoni neċessarja għat-**thaddim tajjeb tas-suq intern**. F'kwalunkwe każ, dawn kienu l-intenzjonijiet ta' dawk li ħalquha, kif fakkret il-Kummissjoni fil-komunikazzjoni tagħha ta' Jannar 1993. Il-Kumitat iqis dan l-aħħar dokument bħala tappa fl-istorja ta' l-evoluzzjoni tal-VAT u jiddispjaċieh li ma kienx segwit (ħlief permezz ta' l-aċċettazzjoni tar-rata minima ta' 15 %) minħabba oppożizzjoni minn xi Stati Membri. Illum is-sitwazzjoni ma nbidlitx: l-attentat tal-Kummissjoni li tirranġa għall-inqas l-aspett tad-derogi huwa punt favorevoli, imma fl-istess ħin juri **nuqqas ta' abbiltà li jsir aktar progress lejn armonizzazzjoni fiskali fil-livell Komunitarju**. Il-Kummissjoni ma taħtix ta' dan, imma lanqas ma jaħtu l-Istati Membri, jew hekk jew b'hekk mhux l-Istati Membri waħidhom: **il-problema fundamentali tinsab fl-istruttura stess** tal-VAT bħal reġim temporanju, kid ser jitfisser aktar 'il quddiem.

4.3 Bażikament jeħtieġ li ngħarfu u naċċettaw li l–VAT kif tinftiehem bħalissa tintuża mill-Istati Membri biex tikseb miri prinċipalment fiskali u biex tindirizza tħassib politiku u soċjali li jwassal biex jiġu applikati rati ogħla jew aktar baxxi mir-rata standard. Fil-livell Komunitarju, għalhekk, l-armonizzazzjoni hija aspirazzjoni li ma tissarrafx fil-prattika u din il-komunikazzjoni hija attentat biex toffri rimedju permezz ta' **l-armonizzazzjoni tar-rata tal-VAT imnaqqsa, ta' l-anqas għal attivitajiet li għandhom impatt transkonfinali jew li jaqblu ma' kriterji aċċettati ta' poltiki Komunitarji**. Min-naħa tiegħu il-KESE jsostni li dawk li jieħdu d-deċiżjonijiet għandhom dejjem iżommu f'moħħhom li, jekk wieħed mill-għanijiet tal-VAT imnaqqsa hu li jkun hemm **ridistribuzzjoni tad-dħul**, dan irid **jissarraf tassew fil-prattika**. Fi kliem ieħor, kull tnaqqis tal-VAT irid jiġi analizzat bir-reqqa biex jiġi żgurat li tassew jikkorrespondi ma' kriterju soċjali u li mhux qed jaħbi għanijiet anqas

([7]) Ara l-opinjoni tal-KESE dwar il-*Proposta għal direttiva tal-Kunsill dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud (Riformulat)* (ĠU C 74 tat-23.3.2005, p. 21).

([8]) Ara l-opinjoni tal-KESE dwar il-*Proposta għal Direttiva tal-Kunsill li Proposta għal Direttiva tal-Kunsill li temenda d-Direttiva 77/388/KEE bil-ħsieb li jiġu ssimplifikati l-obbligi tat-taxxa fuq il-valur miżjud u l-Proposta għal Regolament tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (KE) Nru. 1798/2003 fir-rigward ta' l-introduzzjoni ta' arranġamenti ta' kooperazzjoni amministrattiva fil-kuntest ta' l-iskema ta' waqfa waħda u l-proċedura ta' rifużjoni għat-taxxa fuq il-valur miżjud* (ĠU C 267 tas-27.10.2005, p. 45).

ġenwini. Ħtiġijiet oħrajn li wieħed għandu jqis huma s-**simplifikazzjoni ta' l-obbligi u t-trasparenza tar-regoli**: żewġ rekwiżiti li jagħmlu l-ħajja aktar faċli għan-negozji imma wkoll aktar faċli u ta' anqas spiża għall-awtoritajiet fiskali biex jagħmlu spezzjonijiet.

4.4 Anness III tad-direttiva dwar il-VAT jinkludi lista ta' 18-il kategorija li għalihom tapplika r-rata mnaqqsa; kull Stat Membru għandu l-possibbiltà li jagħżel il-kategoriji, jagħmel esklużjonijiet fihom u jiddetermina kemm ser ikun it-tnaqqis. Il-komunikazzjoni in kwistjoni tistieden l-Istati Membri "janalizzaw il-kandidati differenti għal rati mnaqqsa **ulterjuri** sabiex jiddeterminaw il-livell ta' tgħawwiġ li jista' jinqala' mill-eliġibbiltà — volontarja — u biex jiddeċiedu jekk tali livell ta' tgħawwiġ huwiex aċċettabbli" ([9]). Mill-kuntest ġenerali tal-komunikazzjoni ma jidhirx li wieħed jista' jinterpreta dan il-messaġġ bħala stedina biex titkabbar il-lista ta' prodotti u servizzi, jekk xejn il-kuntrarju. Hu x'inhu, il-KESE jopponi b'mod miftuħ l-estensjoni tal-kategoriji tal-prodotti u s-servizzi li għalihom jistgħu jiġu applikati r-rati mnaqqsa: jekk irridu nibqgħu mexjin — għall-inqas idealment, għalissa — fuq it-triq lejn l-armonizzazzjoni, l-Istati Membri fil-fatt imisshom iqassru aktar milli jtawlu l-lista li tinsab f'Anness III.

4.5 Wieħed jifhem, madankollu, il-linja li ħadet il-Kummissjoni: la l-miraġġ ta' reġim "definittiv" intesa jew twarrab, waħda mill-prijoritajiet hi li tingħata awtonomija akbar lill-Istati Membri biex jistabbilixxu rati mnaqqsa għas-**servizzi lokali li ma jistgħux jiġu offruti mill-bogħod**. Il-Kummissjoni tinnota li dawn is-servizzi "ma huma ta' l-ebda ħassib għat-thaddim tas-suq intern": din m'hijiex sempliċi pragmatika imma aktar l-għarfien tan-**neċessitajiet poltiċi u soċjali li huma l-bażi għall-għotja ta' l-eżenxjonijiet**.

4.6 Barra minn hekk, jeħtieġ li jiġu analizzati sewwa l-affermazzjonijiet li jwasslu għal ġeneralizzazjonijiet simplistiċi: jekk l-intaxxar ta' l-attività lokali ma taffetwax it-thaddim tas-suq intern, allura **kull prodott jew servizz prodott u kkunsmat lokalment ikollu jiġi soġġett għal tassazzjoni stabbilita fuq bażi lokali**: dan il-prinċipju li jdgħajjef kompletament l-istess bażi tad-direttiva dwar il-VAT. Bla dubju l-Kummissjoni la għandha l-intenzjoni li twaqqaf u lanqas li taċċetta prinċipju bħal dan.

4.7 Jekk inħarsu lejn id-dettalji ta' l-aspetti msemmija mill-Kummissjoni, ta' min wieħed jikkumenta dwar l-affermazzjoni li rata mnaqqsa tal-VAT f'setturi taħt mira għaqlija tista' toffri benefiċċji speċifiċi, u b'hekk iżżid il-**produttività ġenerali** u għalhekk il-PGD. F'din il-kategorija jaqgħu s-**servizzi mogħtija lokalment**: tnaqqis fil-VAT jista' jikkonvinċi l-konsumaturi jnaqqsu l-attivitajiet "do-it-yourself" u jiddedikaw aktar ħin għall-attivitajiet professjonali tagħhom. Jeħtieġ iżda li nħarsu lejn il-fatti: l-attivitajiet "do-it-yourself" huma passatemp li m'huwiex biss ta' użu soċjalment imma wkoll ta' benefiċċju ekonomiku għall-familji, u għalhekk ta' min jitħeġġeġ. Barra minn hekk, fil-waqt li hu possibbli li tnaqqis tat-taxxa jistà jwassal għal irċevuti tat-taxxa akbar għat-Teżor, dan ikun japplika biss għal attivitajiet do-it-yourself li jistgħu jsiru minn kumpaniji li jħallsu t-taxxa; kemm tista' tibbenefika minn dan l-ekonomija s-sewda ma jissemma qatt. L-ekonomija moħbija jew parzjalment moħbija — biex ma nsemmux l-evażjoni tat-taxxa — mhux ser tinkixef sempliċiment għax tibbenefika minn rata mnaqqsa tal-VAT. Biex dan jinkiseb jeħtieġ ta'miżuri differenti ħafna.

4.8 Issir referenza speċjali għas-**servizzi li jagħtu r-ristoranti**, li skond il-Kummissjoni jinsabu f'sitwazzjoni ambigwa, jew ta' l-anqas kontroversjali. Minn naħa, tosserva li huma l-aktar ikkonċentrati fuq konsum domestiku, imma min-naħa l-oħra huwa magħruf li jistgħu jkunu ta' importanza kosniderevoli għall-politika tat-turiżmu f'xi pajjiżi, u fil-pajjiżi kollha fir-reġjuni fil-fruntieri. Mhux ser ikun faċli li jintlaħaq ftehim dwar din il-kwistjoni, kif ġara fil-passat: il-Kumitat jemmen li ser **tinħtieġ deċiżjoni ta' natura purament politika**. Kull kunsiderazzjoni ekonomika jew fiskali oħra tibqa' ġġebbed l-argument: ħadd mhu ser jiċċaqlaq mill-pożizzjoni tiegħu, ġustifikata minn raġunijiet validi ta' politika interna.

4.9 Dejjem fuq il-kwistjoni ta' servizzi mogħtija lokalment, il-Kumitat jiġbed l-attenzjoni lejn qasam li jista' jsir is-suġġett ta' dibatittu importanti, dak tas-**servizzi tas-saħħa pubbliċi u privati**, li f'ċerti ċirkostanzi diġà jistgħu jkollhom rati mnaqqsa ([10]). Hemm tendenza dejjem tikber fost iċ-ċittadini ta' xi Stati Membri li jużaw is-servizzi mediċi u kirurġiċi pubbliċi f'pajjiżi oħrajn, li huma jikkunsidrawhom, bir-raġun jew le, aktar effiċjenti. Dan il-fenomenu ftit għandu x'jaqsam mat-tassazzjoni; aktar rilevanti għal kwistjonijiet ta' tassazzjoni hija l-għażla li f'pajjiżi oħrajn jintużaw **servizzi minn kliniċi u professjonisti privati**. Id-differenza kbira bejn ir-rati ntaxxati fl-Isati Membri differenti toħloq, speċjalment f'ċerti oqsma tas-saħħa, devjazzjoni mis-suq nazzjonali lejn pajjiżi oħra. In-natura lokali ta' dawn is-servizzi għalhekk qed tonqos hekk kif qed jieħdu dehra trans-nazzjonali għal xi servizzi u xi pajjiżi. F'dan il-qasam mhux faċli li jsiru distinzjonijiet, u lanqas m'hu possibbli li tiġġeneralizza:b'hekk hemm riskju qawwi li tinħoloq kontroversja.

4.9.1 Jekk jintlaħaqx ftehim jiddependi minn jekk jinstabx bilanċ bejn ħtiġijiet differenti u opposti: minn naħa, minħabba n-natura intrinsikament soċjali tal-ħarsien tas-saħħa, jidher xieraq li dawn is-servizzi jiġu inklużi ma' dawk li għalihom tapplika rata mnaqqsa, min-naħa l-oħra, dan jista' jqajjem kwistjonijiet ta' kompetizzjoni. Id-deċiżjoni aħħarija trid tqis id-dritt ta' l-individwu li jirċievi kura li tkun ta' piż mill-inqas għall-baġit familjari; Fi kliem ieħor, **l-interess taċ-ċittadin/konsumatur jrid jieħu prijorità fuq il-prinċipja ta' kompetizzjoni**.

4.10 L-applikazzjoni ta' rata tal-VAT imnaqqsa għal **oqsma li jinvolvu ħadna xogħol ta' bla sengħa** hija kontroversjali. L-istudju kkwotat mill-Kummissjoni josserva li din il-miżura tista' twassal għal tkabbir permanenti fix-xogħol, imma li l-gwadann

([9]) Ara l-Komunikazzjoni COM(2007) 380 finali, punt 3.3 "In-neċessitajiet tas-Suq Intern", it-tieni paragrafu.

([10]) Paragrafi 15 u 17, Anness III tad-Direttiva tal-VAT.

x'aktarx ikun minuri, li huwa x'aktarx minnu. Anki f'dan il-każ diffiċli tittieħed deċiżjoni: oqsma bħal dawn (bini, xogħolijiet fit-toroq, kumpaniji tad-tindif, swieq, eċċ.) jaqdu domanda li ġeneralment mhix flessibbli, u għalhekk tnaqqis fil-VAT għal dawn is-setturi ma jkollux wisq effett fuq ix-xogħol. Barra minn hekk, hemm ukoll oqsma li jimpjegaw ħaddiema bla sengħa fl-"ekonomija klandestina" aktar spiss. Tnaqqis tal-VAT żgur li jgħin biex inaqqas l-ispejjeż għan-negozji, imma mhux magħruf jekk dan iwassalx għal tnaqqis fil-prezzijiet u żieda "vera" fix-xogħol.

4.11 B'mod aktar ġenerali, il-Kummissjoni tinnota li r-rati mnaqqsa huma effettivi biss meta s-sehem tan-nefqa fuq il-konsum ta' prodotti jew servizzi tvarja biżżejjed bejn il-gruppi ta' dħul baxx u għoli u tkun stabbli tul iż-żmien. Dawn id-differenzi jidhru l-aktar fis-setturi ta' l-ikel, tal-ħwejjeġu tal-bini: jeżistu differenzi notevoli bejn pajjiż u ieħor; Imma spiss id-differenzi l-aktar evidenti — u l-aktar inġusti mill-lat soċjali) jinsabu fl-Istati Membri individwali. Il-Kumitat ifakkar li f'bosta Stati Membri ir-rata mnaqqsa tiġi applikata skond il-karegorija, mingħajr ma jitqies il-fatt li ħafna kategoriji jinkludu prodotti tal-massa waqt li oħrajn huma deċiżament esklussivi u ħafna aktar għaljin. Il-problema tibqa' dik ta' kif — u skond liema kriterji — ser tapplika rati ta' taxxa differenti fuq prodotti jew servizzi li jaqgħu fl-istess kategorija imma li fil-fatt jimmiraw klassijiet soċjali differenti skond il-kwalità u l-prezz. Problema oħra hija kif isiru distinzjonijiet dejjiema, li ma jiġux affetwati minn bidliet fil-moda, u kif tiżgura li jiġu osservati mingħajr l-użu ta' spezzjonijiet ikkumplikati u li jkunu spiża. Fl-aħħar, trid ukoll titqies il-frodi, li hi possibbli f'kull qasam imma partikolarment fit-tnejn msemmija hawnhekk: kategorizzazzjoni stretta u ddettaljat tista' tiffaċilita l-frodi u l-monitoraġġ tagħha huwa diffiċli ħafna. Il-KESE jiġbed l-attenzjoni għall-ħtieġa li jiġu applikati kriterji li huma differenti skond il-kunsiderazzjonijiet soċjali: fi kliem ieħor, rati mnaqqsa għandhom jikkontribwixxu għal politika soċjali ta' distribuzzjoni tad-dħul u, fejn l-alternattivi msemmija fil-Punt 4.15 m'humiex possibbli, għal appoġġ għal programmi soċjali importanti. Imma f'kwalunkwe każ, trid tiġi żgurata t-trasparenza b'rispett lejn iċ-ċittadini tal-pajjiż innifsu u ta' l-Istati Membri l-oħrajn.

4.11.1 L-istess ħaġa tista' tingħad għall-**kotba u l-gazzetti**, kategorija li fiha pubblikazzjonijiet ta' valur soċjali xi drabi jinġabru ma' oħrajn ta' l-ebda valur edukattiv jew li joffri divertiment jew, agħar minn hekk, li huma kważi illegali jew lil'hinn millimiti tal-kuxjenza ċivili komuni. Għalkemm diffiċli, jidher li d-distinzjonijiet huma meħtieġa, u hu x'inhu l-każ, ġustifikabbli fejn tidħol it-trasparenza demokratika.

4.12 Finament, il-Kummissjoni tinnota li l-operazzjoni ta' bosta rati tinvolvi **spejjeż sinifikattivi għan-negozji u l-awtoritajiet fiskali**: dan huwa ovvju. Il-Kumitat jippreferi jitkellem dwar żieda fl-ispejjeż, la fil-qasam tat-tassazzjoni **l-VAT diġà hija l-aktar taxxa għalja biex tiġi implimentata u miġbura**. Il-Kumitat diġà enfasizza dan il-fatt ([11]) u hawnhekk jitlob lill-Istati Membri biex juru **d-dħul nett mill-VAT** wara li jitnaqqas l-ammont li jmur fil-baġit Komunitarju kif ukoll l-ispejjeż ta' l-operazzjoni, il-ġbir, il-kontroll u l-ġlieda kontra l-frodi. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni biex tagmel din it-talba tagħha, f'isem it-trasparenza, u wkoll biex **tikkunsidra jekk jistax ikun hemm lok għal sistema alternattiva ta' taxxa** ([12]). Wieħed jawgura li bidla fil-ħsieb f'dan il-qasam sħiħ tissarraf ukoll fir-riżultati — li jistgħu jkunu sorprendenti — f'dak li hu l-***gwadann nett għat-Teżor***: meta joħorġu r-rużultati "vera", jista' jkun li jkunu l-awtoritajiet fiskali stess li jieħdu l-inizjattiva.

4.13 Madankollu, l-unika kwistjoni li qed tiġi diskussa bħalissa hija dik mhux daqstant ċentrali ta' l-ispejjeż miżjuda "għan-negozji u l-awtoritajiet tat-taxxa", jew l-ispejjeż amministrattivi u taż-żamma tal-kotba li tinvolvi l-implimentazzjoni — u l-interpretazzjoni — ta' regoli li jidderogaw mill-istandard. Il-Kumitat jisħaq li kull **żieda fl-ispejjeż għan-negozji tiġi trasferita għall-konsumatur aħħari**, għalhekk ikun meħtieġ li wieħed janalizza, skond il-każ, jekk u kemm l-applikazzjoni ta' rata mnaqqsa tissarraf f'benefiċċji reali għaċ-ċittadini. Illum il-maġġoranza tal-ħafna każi — każi ta' nuqqas ta' qbil huma riżultat tal-**firxa wiesgħa ta' klassifikazzjonijiet**, li jwasslu għal interpretazzjonijiet kontroversjali, l-involviment tal-konsulenti, spezzjonijiet u appelli: b'ħekk ir-regoli l-ġodda għandhom jiġu mfassla biex ma jkunux spiża biex jiġu implimentati.

4.14 Għalissa, is-sistema ta' rati mnaqqsa, għalkemm waħda għalja, hija l-unika waħda prattikabbli; Madankollu, peress li l-Kummissjoni sejħitilha riġida u inkoerenti, il-Kumitat jittama li d-diskussjonijiet politiċi bejn il-Kunsill u l-Parlament Ewropew iwasslu għal deċiżjonijiet konġunti li, ovvjament filwaqt li mmexxija mill-**prinċipji tas-suq intern, dejjem jirrispettaw**

([11]) Din il-kwistjoni tqajmet l-ewwel mill-Kumitat fl-Opinjoni tiegħu dwar il-Ġlieda kontra l-evażjoni tat-taxxa fis-suq uniku (ĠU C 268 tad-19.9.2000, p. 45) u f'bosta okkażjonijiet oħrajn aktar tard, l-aktar riċentament fl-opinjoni tal-KESE dwar il-Proposta għal Direttiva tal-Kunsill li temenda d-Direttiva 77/388/ECC bil-ħsieb li tissimplifika l-ibbligi tat0taxxa fuq il-valur miżjud u l-Proposta għal Regolament tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (KE) Nru. 1798/2003 li jikkonċerna l-introduzzjoni ta' arranġament ta' kooperazzjoni amministrattiva fil-kuntest ta' skema l-iskema ta' waqfa waħda u l-proċedura ta' rifużjoni għat-taxxa fuq il-valur miżjud (ĠU C 267 tas-27.10.2005, p. 45), li naturalment ħadd ma ta kasha.

([12]) Il-KESE beda jiġbed l-attenzjoni dwar dan il-punt ukoll fl-2000 fl-opinjoni msemmija fin-nota ta' qabel, u minn dakinhar kompla jsostni l-punt f'numru ta' opinjonijiet. Il-Kumitat ukoll ikkumentat dwar dan fl-opinjoni tiegħu dwar sistema komuni tal-VAT (riformulat) (ĠU C 74 tat-23 ta' Marzu 2005, p. 21).

il-ħtiġijiet taċ-ċittadini/konsumaturi, il-kumpaniji u l-awtoritajiet tat-taxxa.

4.15 F'dawk li huma **alternattivi** għar-rati mnaqqsa, il-Kummissjoni ssaqsi jekk dawn jistgħux jinbidlu minn **sussidji diretti**: dan huwa strument politiku aktar effettiv, aktar trasparenti u anqas jiswa' flus. Il-Kumitat jemmen li alternattivi skond in-natura nazzjonali huma vijabbli f'xi każi speċifiċi fuq bażi temporanja, sakemm jiġu evitati dawk il-miżuri li huma simili għall-għajnuna mill-Istat. Madankollu, kull tip ta' soluzzjoni nazzjonali bħala alternattiva għad-derogi tal-VAT għandha tkun deċiża fuq bażi ta' kriterji li jiżguraw it-trasparenza, billi nżommu f'moħħna li, f'kwalunkwe każ, dan **iwarrabna dejjem aktar mill-objettivi tas-suq uniku**.

4.16 Finalment, bħala sostenn għall-bosta opinjonijiet tiegħu dwar is-suġġett, il-Kumitat jagħti suġġeriment ibbażat fuq it-trasparenza u s-sens komun: **ir-reġim tal-VAT m'għandux jibqa' jissejjaħ "temporanju"**. Aġġettiv bħal dan, li għadu jintuża wara li għaddew 30 sena u m'għandux prospetti ta' żmien medju li jsir definittiv — huwa qarrieqi u ta' ħsara għall-kredibbiltà tar-regoli ta' l-UE. Jekk xejn jikkonferma l-idea antika li tgħid li "xejn mhu aktar definittiv mill-attwali".

Brussell, it-22 ta' April 2008.

Il President
tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew
Dimitris DIMITRIADIS

Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar Strateġija għall-ibgħad reġjuni: kisbiet u prospettivi fil-ġejjieni

COM(2007) 507 finali

(2008/C 211/19)

Nhar il-21 ta' Settembru 2007 il-Kumissjoni Ewropea iddeċidiet, b'konformità ma' l-Artikolu 262 tat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, li jikkonsulta lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar

Strateġija għall-Ibgħad Reġjuni: Kisbiet u Prospettivi fil-Ġejjieni.

Is-Sezzjoni Speċjalizzata għall-Unjoni Ekonomika u Monetarja u l-Koeżjoni Ekonomika u Soċjali, inkarigata sabiex tipprepara l-ħidma tal-Kumitat dwar is-suġġett, adottat l-opinjoni tagħha nhar it-28 ta' Marzu 2008. Ir-rapporteur kien is-Sur Coupeau.

Matul l-444 sessjoni plenarja tiegħu li nżammet fit-22 u t-23 ta' April 2008 (seduta tat-22 ta' April), il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew adotta din l-opinjoni b'128 vot favur, 3 voti kontra u 5 astensjonijiet.

1. **Introduzzjoni**

1.1 Artikolu 299(2) tat-Trattat ta' l-Unjoni Ewropea jirrikonoxxi l-partikolarità ta' l-ibgħad reġjuni u b'hekk jagħmilha possibbli għalihom li jżommu l-karatteristiċi partikolari tagħhom u jnaqqsu x-xkiel.

1.2 Is-seba' reġjuni kklassifikati bħala l-ibagħad reġjuni huma l-komunità Spanjola awtonoma tal-Gżejjer Kanarji, ir-reġjuni awtonomi Portugiżi ta' Madeira u l-Ażores u d-dipartimenti Franċiżi ta' Guadeloupe, il-Gujana Franċiża, Martinique u Réunion.

1.3 Sa mill-1989, dawn ir-reġjuni bbenefikaw minn programm speċifiku ta appoġġ għal miżuri ta' żvilupp soċjo-ekonomiku li jwasslu għal konverġenza akbar mal-bqija ta' l-Unjoni Ewropea.

1.4 Permezz tal-Komunikazzjoni tat-12 ta' Settembru 2007 bit-titolu *Strateġija għall-ibgħad reġjuni: kisbiet u prospettivi fil-ġejjieni*, il-Kummissjoni nediet proċess ta' konsultazzjoni pubblika sabiex tiġbor l-opinjonijiet tal-partijiet interessati kollha dwar il-politika tagħha dwar l-ibgħad reġjuni minħabba fl-isfidi kbar li l-ibgħad reġjuni jridu jiffaċċjaw fis-snin li ġejjin. Din l-opinjoni hi l-kontribut tal-KESE għall-proċess ta' konsultazzjoni.

1.5 Il-KESE jħoss li filwaqt li l-politiki finanzjarji ta' l-ibgħad reġjuni ta' l-UE kellhom xi effetti tajbin, għad fadal xi diffikultajiet strutturali, li jridu jiġu riżolti: dawn il-politiki għalhekk iridu jittejbu fil-futur.

1.6 Il-Kumitat jinnota li l-aċċess għall-Ewropa u s-suq tagħha hu kwistjoni kostanti minħabba d-distanza u l-insularità ta' l-ibgħad reġjuni (ħlief għall-Gujana Franċiża) u l-karatteristiċi ġeografiċi u strutturali partikolari tagħhom.

1.7 Il-KESE jinnota li l-pożizzjoni ta' l-ibgħad reġjoni, viċin sferi ta' influwenza bħalma huma l-Mercosur, l-Afrika tal-Punent u t'Isfel u l-Karibew, tagħti dimensjoni globali lill-Ewropa. Barra minn hekk, peress li jinsabu f'diversi oċeani differenti, l-ibgħad reġjuni jagħtu lill-Ewropa żona ekonomika esklussiva li tgħodd mal-25 miljun km² li fiha ġid u riżorsi li għadhom ma ġewx stmati.

1.8 Il-Kumitat jixtieq jenfasizza wkoll li min-natura tagħhom stess l-ibgħad reġjuni jbatu minn żvantaġġ kompetittiv.

— ma jistax ikollhom ekonomiji ta' skala minħabba fiċ-ċokon tas-swieq;

— in-nuqqas ta' riżorsi naturali, bħaż-żejt, il-gass u l-minerali;

— żvilupp ekonomiku li huwa bbażat fuq ftit prodotti biss: it-turiżmu, l-agrikoltura u s-sajd.

— minħabba fiċ-ċokon tas-swieq, hemm it-tendenza li n-negozji jiġbru, f'żona żgħira, u jiffurmaw monopolji jew konsorzi, li jfixklu l-kompetittività.

1.9 Il-KESE jħoss li l-grupp bejn is-servizzi dwar l-ibgħad reġjuni tal-Kummissjoni irid jinżamm jew anke jissaħħaħ, sabiex tiżdied l-effikaċja tal-politika ta' l-UE.

2. **Is-setturi ta' l-industrija ta' l-ibgħad reġjuni: analiżi u rakkomandazzjonijiet**

2.1 *Turiżmu*

2.1.1. Is-settur tat-turiżmu huwa importanti ħafna fl-ekonomiji ta' l-ibgħad reġjuni u f'xi każi l-unika sors ta' tkabbir ekonomiku.

2.2 Il-Gżejjer Kanarji żviluppaw industrija diversifikata tat-turiżmu li tattira aktar minn għaxar miljun turist fis-sena. Madeira ukoll żviluppat l-industrija tat-turiżmu tagħha billi kabbret il-kapaċità tagħha b'mod sinifikanti. It-turiżmu huwa importanti ukoll fl-Antilli u f'Réunion, iżda għalkemm settur importanti għadu fraġli. Grazzi għall-ambjent naturali eċċezzjonali u klima favorevoli, l-ibgħad reġjuni żviluppaw turiżmu ta' kwalità. Iżda dan żied id-dipendenza ekonomika tagħhom, li ġġib magħha riskji kbar minħabba fl-instabbiltà tal-klima, r-rati ta' skambju ta' l-Euro, tħassib dwar is-saħħa, eċċ. li jwasslu għal ħafna bidliet fit-talba għat-turiżmu.

2.3 Il-Kumitat jemmen li hemm bżonn urġenti li jinħareġ logo għall-ibgħad reġjuni li jiġi reklamat, sabiex dawn ir-reġjuni jiġu promossi fil-pajjiżi kollha Ewropej u anke f'pajjiżi oħra viċin l-ibgħad reġjuni, sabiex ikun hemm diversifikazzjoni u titjib fil-kwalità u s-sostenibbiltà tat-turiżmu.

2.4 Il-partijiet interessati fit-turiżmu jridu jsaħħu l-kontribut tal-prattiċi sostenibbli, fid-dawl tal-ħtieġa li jiġu ppreżervati r-riżorsi naturali, u jridu jikkonsultaw mal-partijiet interessati lokali kollha sabiex jistabbilixxu kriterji ta' żvilupp xieraq. Fil-waqt li huwa ċar li hemm għarfien dwar is-sostenibbiltà fl-ibgħad reġjuni, din trid tiġi akkumpanjata minn politika li tkun żviluppata mill-partijiet interessati lokali u msaħħa bil-fondi ta' l-UE.

2.5 *Agrikoltura*

2.5.1. Il-KESE jinnota li għalkemm l-agrikoltura hi settur tradizzjonali u tibqa pilastru importanti ta' l-ekonomiji ta' l-ibgħad reġjuni, il-kontribut tagħha għall-valur miżjud qed jonqos. L-agrikoltura tirrappreżenta sors ewlieni ta' impjieg u għandha tkun protetta akkost ta' kollox, u jekk jista' jkun żviluppata:

— L-Ażores huma l-aktar gżejjer agrikoli fost l-ibgħad reġjuni, u fejn is-settur agrikolu jirrappreżenta 24 % tal-ħaddiema (mhux biss trobbija ta' l-annimali, iżda pitravi, tabakk u oħrajn). Is-sajd hu settur strateġiku fir-rigward tal-esportazzjoni — speċjalment tat-ton — iżda dan l-aħħar kien qed jonqos.

— L-ibgħad reġjuni jipproduċu ukoll:

  — banana (Gżejjer Kanarji, Madeira, Martinique u l-Guadeloupe);

  — kannamiela (Réunion, Guadeloupe u l-Martinique);

  — frott tropikali (Réunion u l-Gujana Franċiża);

  — fjuri tropikali (l-Antilli);

  — xarbiet (Madeira, Gżejjer Kanarji, Martinique u l-Guadeloupe);

2.5.2 Għandu jiġi nnutat li hemm kompetizzjoni qawwija mill-pajjiżi terzi, li tispjega ftit mit-tnaqqis tal-valur miżjud.

2.5.3 Hemm żewġ tipi ta' agrikoltura: dik għas-suq lokali u għall-esportazzjoni. Ħafna drabi dawn iż-żewġ tipi jkunu f'kunflitt iżda jistgħu anke jikkumplimentaw lil xulxin. Il-KESE jisħaq l-ħtieġa importanti li d-distributuri lokali jippromovu l-agrikoltura għas-suq lokali.

2.5.4 Fir-rigward ta' l-agrikoltura għall-esportazzjoni, il-KESE jitlob għal kampanja ta' reklamar dwar il-prodotti ta' l-ibgħad reġjuni u li dawn il-prodotti jingħataw tikketta speċjali, li tenfasizza l-konformità tagħhom ma' l-istandards soċjali, ambjentali u ta' saħħa iebsin ta' l-UE.

2.5.5 Il-KESE jenfasizza l-ħtieġa urġenti biex l-UE issaħħaħ il-politika tagħha ta' sorveljanza tal-prodott minn pajjiżi terzi biex twaqqaf l-firxa tal-mard li jittieħed u tipi differenti ta' kontaminazzjoni tal-pjanti bil-għan li jiġu protetti l-irziezet.

2.5.6 Il-Kumitat jipproponi ċertu grad ta' konformità bejn il-prodotti minn pajjiżi terzi u mill-ibgħad reġjuni, sakemm dan:

— ma jkunx ta' theddida għall-irziezet lokali;

— iżid l-istandard ta' għajxien tan-nies f'pajjiżi terzi; u li

— ikun hemm forum għal konsultazzjoni biex jippromovi qafas ta' żvilupp sostenibbli.

2.5.7 Il-KESE jenfasizza l-iżvantaġġi naturali ta' l-ibgħad reġjuni, imsemmija qabel, u jixtieq li jżomm il-politika li jikkumpensa għalihom.

2.5.8 Il-Kumitat hu mħasseb dwar il-ġestjoni ta' l-art f'xi uħud mill-ibgħad reġjuni, għaliex għandhom jiġu preservati ż-żoni agrikoli. L-UE għandha tħeġġeġ l-awtoritajiet lokali sabiex, f'qafas ta' żvilupp sostenibbli jikklassifikaw iż-żoni ta' preservazzjoni u ż-żoni urbani.

2.5.9 L-ibgħad reġjuni huma sinjuri fil-bijodiversità u bla dubju dan hu vantaġġ ekonomiku li jippermetti li tinżamm varjetà konsiderevoli ta' agrikoltura bl-użu ta' metodi li jirrispettaw l-ekosistema. Politika f'dan il-qasam għandha tkun ambizzjuża u ffinanzjata b'mod adegwat.

2.6 *Sajd*

2.6.1 Dan hu settur importanti għall-ibgħad reġjuni, iżda l-ġestjoni tal-ħażniet tal-ħut ser tkun problematika. Għandha tingħata kunsiderazzjoni għat-tfittxija ta' provvisti ta' ħut ġodda, jista' jkun l-akwakultura tal-baħar.

2.6.2 Riċerka u politikimmirati għandhom jiżguraw mezzi ta' żamma ta' provvisti tal-ħut. L-iskemi li intużaw s'issa kellhom suċċess kbir fl-appoġġ tas-settur.

2.6.3 Is-settur ta' l-akwakultura għadu fil-bidu tiegħu iżda hu stabbilit sew fil-Gżejjer Kanarji u f'Réunion. Il-KESE jinnota s-suċċess tal-Gujana Franċiża fil-qasam ta' trobbija tal-gambli.

2.6.4 Il-pożizzjoni ta' l-ibgħad reġjuni tagħti lill-Unjoni Ewropea żona marittima kbira (l-Oċeani Indjani u Atlantiċi, il-Karibbew, eċċ) kif ukoll bijodiversità kbira ta' riżorsi tal-ħut. Il-KESE jsostni li l-baċiri ta' l-ibħra għandhom jiġu ġestiti individwalment, minħabba li s-sitwazzjoni fl-Oċean Indjan hi differenti minn dik fl-Atlantiku; dan għandu ukoll jikkunsidra l-provvisti reali tal-ħut.

2.7 *Negozjar u distribuzzjoni*

2.7.1 Is-settur tan-negozji hu wieħed importanti għall-ibgħad reġjuni, iżda jiddependi fuq l-importazzjonijiet mill-Istati Membri; il-konsum hu sostnut mill-popolazzjoni lokali, iżda jvarja ukoll skond in-numri tat-turisti.

2.7.2 Il-KESE jemmen li hemm bżonn ta' sezzjoni għall-bejgħ u x-xiri bl-imnut li tiffoka fuq il-prodotti lokali sabiex toffri varjetà ta' prodotti u servizzi adattati għall-popolazzjoni u għat-turisti.

2.8 *Kumpaniji u kompetizzjoni*

2.8.1 Meta jitqies id-daqs kemmxejn żgħir tas-suq lokali fl-ibgħad reġjuni, kumpanija żgħira tista' malajr issib ruħha f'pożizzjoni ta' monopolju.Għalhekk dik li titqies bħala kumpanija kbira fl-ibgħad reġjuni tirrappreżenta kumpanija żgħira fl-Ewropa kontinentali; b'riżultat ta' dan ma hemm l-ebda ekonomija ta' skala f'dawn ir-reġjuni.

2.8.2 Il-Kumitat jenfasizza l-ħtieġa li tiżdied it-trasparenza tas-suq u l-promozzjoni tal-kompetizzjoni bejn il-kumpaniji.

2.8.3 L-ispejjeż żejda ffaċjati mill-ibgħad reġjuni huma ġeneralment diffiċli li jiġu identifikati. Dawn jinkludu:

— trasport bil-baħar u bl-ajru tal-merkanzija u l-materjali;

— vjaġġar ta' negozju diffiċli bejn il-kontinent u l-ibgħad reġjuni minħabba n-nuqqas ta' konnessjonijiet diretti, skedi ta' titjiriet mhux konvenjenti u spejjeż għoljin kaġun tad-distanza u l-insularità doppja;

— spejjeż ta' ħażna ogħla minħabba n-nuqqas ta' konnessjonijiet bil-baħar u bl-ajru;

— spejjeż ta' reklutaġġ ogħla, minħabba l-ħtieġa ta' korisjiet ta' taħriġ fil-kumpaniji biex l-haddiema b'anqas ħiliet isiru aktar produttivi;

— nefqa ogħla fuq it-trasport, taħriġ tal-persunal u kapaċità ta' mħażen akbar mill-intrapriżi fil-kontinent Ewropew: dan iżid l-ispejjeż u jnaqqas l-kompetittività;

— spejjeż ta' installazzjoni ogħla minħabba l-importazzjoni tal-materjali.

2.8.4 Il-KESE jħoss illi l-politiki ta' l-UE jridu jikkunsidraw dawn l-ispejjeż żejda u jieħdu miżuri biex itaffuhom kemm jista' jkun.

2.9 *Enerġija*

2.9.1 L-iskarsezza jew in-nuqqas ta' sorsi tradizzjonali ta' enerġija u d-dipendenza fuq enerġija esterna hi dgħjufija strutturali ta' l-ekonomiji ta' l-ibgħad reġjuni. Madankollu l-ibgħad reġjuni għandhom firxa wiesa' ta' possibbilitajiet għall-iżvilupp ta' enerġija rinnovabbli:

2.9.2 Il-KESE jinnota li l-enerġija hi problema rikorrenti f'dawn ir-reġjuni, madankollu hemm bosta opportunitajiet, bħall-enerġija solari, geotermali mill-baħar u tar-riħ.

2.9.3 Barraminhekk, dawn ir-reġjuni għandhom kemmxejn ta' problema bl-immaniġġjar ta' l-iskart, li jista' jkun sors ta' enerġija. Politika ta' diversifikazzjoni ta' l-enerġija tista' fl-istess ħin issolvi ukoll il-problema ta' l-iġene pubblika:

— ħafna mir-reġjuni għandhom klima triopikali u jistgħu jaħżnu l-enerġija li din toffri;

— xi reġjuni jinsabu fuq territorju vulkaniku fejn tista' tiġi sfruttata l-enerġija ġeotermali;

— grazzi għall-viċinanza tal-baħar, tista' tiġi żviluppata l-enerġija bbażata fuq il-baħar;

— l-iskart hu sors possibli ta' enerġija;

2.9.4 Il-Kumitat jemmen li d-diversifikazzjoni tas-sorsi ta' enerġija għandha titqies bħala mira għat-tul li għaliha għandu jkun hemm inċentiv finanzjarju.

2.10 *Riċerka u żvilupp*

2.10.1 Iridu jiġu żviluppati teknoloġiji ta' komunikazzjoni ġodda sabiex jintemm l-iżolament u jinfetħu opportunitajiet ġodda għall-iżvilupp ekonomiku fl-ibgħad reġjuni.

2.10.2 Hu importanti, kemm għas-setturi tradizzjonali u mhux tradizzjonali, li tiġi żviluppata riċerka sabiex jinstabu risposti għall-kwistjonijiet li qed jiffaċċjaw l-ibgħad reġjuni.

2.10.3 Il-KESE jemmen li jekk dawn ir-reġjuni jsiru aktar attraenti għaċ-ċentri tar-riċerka dan ikollu effett pożittiv ħafna. Dan ukoll jipprovdi sors utli ta' diversifikazzjoni għall-ekonomoija ta' l-ibgħad reġjuni.

2.11 *L-importanza ta' l-iżvilupp u d-diversifikazzjoni ta' l-ekonomiji reġjonali:*

2.11.1 L-iżvilupp individwali fl-ibgħad reġjuni jvarjaw ħafna. Bl-eċċezzjoni ta' ftit inizjattivi, is-setturi l-ġodda m'humiex stabbiliti sew fl-ibgħad reġjuni u ma jistgħu qatt ikunu ta' alternattiva għas-settur tradizzjonali.

2.11.2 Għandu jiġi enfasizzat li s-settur pubbliku (Ewropew, amministrazzjoni ċentrali u reġjonali, kumpaniji pubbliċi, università u ċentri tar-riċerka) għandu rwol kruċjali bħala magna ta' attività. L-unversitajiet ukoll huma importanti fl-ibgħad reġjuni: hu għalhekk importanti li dawn jinżammu. Il-KESE jissuġġerixxi t-twaqqif ta' borża ta' studju Ewropea li tattira studenti minn kull nazzjonalità.

2.11.3 Il-kumpaniji lokali m'għandhomx kapaċità ta' investiment. Għalhekk huma dipendenti ħafna fuq l-għajnuna Komunitarja biex iwettqu proġetti barra fis-setturi tradizzjonali.

2.11.4 Il-potenzjal ta' finanzjar ta' kumpaniji hu mxekkel bi spejjeż żejda. Il-KESE jikkunsidra li hu indispensabbli li jkun hemm politika finanzjarja li tgħin lill-kumpaniji biex jiżviluppaw l-oqsma ta' attività tagħhom. Il-KESE jixtieq ukoll li jistimola politika ta' ħolqien ta' kumpaniji billi jiffaċilita l-aċċess għall-fondi ta' investiment sabiex jassisti fl-implimentazzjoni tal-proġetti li għandhom iġibu valur miżjud għall-ibgħad reġjuni.

2.12 *L-istandard ta' għajxien*

2.12.1 Il-KESE jipproponi li għandhom jiġu kkunsidrati l-ispeċifiki ta' dawn l-ibgħad reġjuni u għandha tiġi adottata politika koerenti għat-tul. Ir-reġjuni u l-bliet għandhom jsiru aktar attraenti billi jittejjeb l-aċċess għalihom u tiġi sostnuta r-riċerka u l-innovazzjoni, inkluż teknoloġiji ta' informazzjoni u komunikazzjoni ġodda.

2.12.2 Il-Kumitat jemmen li f'dawn ir-reġjuni, għandu jiġi promoss d-djalogu soċjali u li l-politika ta' l-UE għandha tikkunsidrhom fl-objettivi futuri għall-ibgħad reġjuni.

2.12.3 Għandhom jinħolqu aktar impjiegi u impjiegi aħjar, billi n-nies jitħeġġu biex jidħlu fis-suq tax-xogħol jiffaċilitaw il-bidu ta' intrapriżi, billi jagħmlu l-ħaddiema u l-kumpaniji aktar adattabbli u jkabbru l-investiment.

2.12.4 Gvernijiet lokali u reġjonali responsabbli mill-implimentazzjoni tal-politiki ta' l-ibgħad reġjuni għandhom it-tendenza li ma jagħtux każ ta' l-objettiv għat-titjib tal-koeżjoni soċjali; Il-KESE jikkunsidra l-koeżjoni soċjali u territorjali bħala prijorità, u dan ukoll għandu jiġi kkunsidrat.

2.12.5 Il-politiki Ewropej iridu jikkunsidraw dawn l-objettivi u jdaħħlu fis-seħħ politika ta' azzjoni biex jinkiseb l-iżvilupp ekonomiku. L-ewwelnett, il-KESE jixtieq jara politika li tagħmel l-ibgħad reġjuni aktar aċċessibbli:

— permezz ta' konnessjonijiet aħjar bi prezzijiet aktar attraenti u bil-ftuħ tas-suq tat-trasport, it-titjib ta' faċilitiajiet ta' transitu (portijiet u ajruporti), ir-razzjonalizzar ta' loġistiċi ta' trasport u kumpens għad-distanza; u

— bl-iżvilupp tas-setturi tradizzjonali, permezz ta' attività ta' reklamar u t-taħriġ tal-ħaddiema.

2.12.6 Il-KESE jirreaġixxi għas-sitwazzjoni ta' l-ibgħad reġjuni u jixtieq jara titjib fil-kundizzjonijiet tax-xogħol u tkabbir fl-istandard ta' l-għajxien permezz ta' politika ambizzjuża li trattab l-iżvantaġġi u twitti t-triq għall-ħolqien tal-valur miżjud.

2.12.7 Ta' min wieħed jinnota li s-servizzi pubbliċi ta' interess ġenerali jirrappreżentaw wieħed mill-problemi ewlenin iffaċċjati mir-residenti ta' l-ibgħad reġjuni. Il-KESE jaħseb li l-politika ta' l-UE għall-ibgħad reġuni trid tikkunsidra l-fatt li jekk il-konverġenza trid titmexxa 'l quddiem, il-koeżjoni soċjali trid tiżdied billi tittejjeb il-kwalità tas-servizzi pubbliċi.

2.13 *Kooperazzjoni transkonfinali.*

2.13.1 Il-KESE jenfasizza l-ħtieġa għal kooperazzjoni transkonfinali dinamika ma' raggruppamenti reġjonali oħrajn barra milli ma' l-Unjoni Ewropea, biex jiġu stabbiliti sinerġiji komuni għat-tkabbir ta' l-iżvilupp f'dawn ir-reġjuni; dan jitqies bħala kondizzjonali fuq il-parteċipazzjoni ta' l-awtoritajiet lokali ta' l-ibgħad reġjuni.

2.13.2 Il-KESE jixtieq jara evalwazzjoni dettaljata tal-koooperazzjoni transkonfinali u jinsab ċert li jistgħu jinstabu s-soluzzjonijiet. Iżda għandu l-ħsieb idaħħal fis-seħħ is-salvagwardji normali sabiex jiżgura li ma tinħoloq l-ebda problema ġdida.

2.14 *Sistema fiskali*

2.14.1 L-ibgħad reġjuni għandhom sistemi ekonomiċi u fiskali speċifiċi, li huma inklużi ma' dawk approvati mill-UE. Il-KESE jemmen li ż-żamma ta' dawn l-arranġamenti ekonomiċi u fiskali speċifiċi hi kruċjali sabiex l-ibgħad reġjuni jiġu megħjuna jegħlbu d-diffikultajiet strutturali li jiffaċċjaw.

2.15 *Politika ta' koeżjoni*

2.15.1 Il-kisba tal-koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali hi waħda mill-miri ewlenin ta' l-UE li trid tingħata spinta fil-ġejjieni. Il-KESE jsostni li l-politika ta' l-UE għall-ibgħad reġjuni għandha tkun immirata lejn it-tkabbir tal-koeżjoni soċjali sabiex is-sezzjonijiet kollha tal-popolazzjoni jkunu jistgħu jgawdu kwalità ta' ħajja aħjar.

2.15.2 Il-politika ta' koeżjoni trid tippermetti li n-negozji jimmodernizzaw u jiżviluppaw u li jinħolqu negozji ġodda għaż-żgħażagħ. Għal dan il-għan, l-innovazzjoni hi ta' prijorità fil-ħolqien ta' opportunitajiet ġodda kifu ukoll ċentri ta' riċerka u taħriġ f'rabta mad-dinja tan-negozju.

2.15.3 Biex tiżdied il-koeżjoni m'għandux jitħeġġeġ biss l-iżvilupp ekonomiku iżda għandu jkun hemm ukoll żieda fis-salarji, fil-kwalità ta' impjieg u fis-servizzi pubbliċi.

2.15.4 L-ibgħad reġjuni jista' jkollhom rwol importanti fl-iżvillup reġjonali, għaliex huma pjattaformi importanti Ewropej għall-kumpaniji. Jistgħu ukoll iservu bħala mudell reġjonali fl-iżvilupp tal-parteċipazzjoni tas-soċjetà ċivili u bħala referenza dinjija f'dak li għandu x'jaqsam mal-mudell soċjali.

2.16 *It-tisħiħ tal-Pjan ta' Azzjoni ta' Viċinanza Usa'*

2.16.1 Il-pożizzjoni ta' l-ibgħad reġjuni tagħtihom l-opportunità ta' sħubija privileġġjata mar-reġjuni ġirien. Madankollu, din il-politika tenħtieġ titmexxa 'l quddiem, għaliex hi implimentata b'mod insuffiċjenti u sproporzjonat. Il-KESE jinnota li din is-sħubija m'għandiex tkun biss mal-pajjiżi ta' oriġni u fuq inizjattiva tagħhom, u għalhekk għandu jkun hemm miżuri biex jinkoraġġixxu l-konoxxenza reċiproka f'dawn ir-reġjuni tad-dinja.

2.17 *Ftehim ta' Sħubija Ekonomika (EPAs)*

2.17.1 L-EPAs jistgħu joffru opportunità ta' żvilupp ta' l-ibgħad reġjuni, iżda dan jeħtieġ studju u analiżi ta' min jafdha dwar dawn l-ftehimiet futuri. L-EPAs jridu jikkunsidraw l-interessi tal-parteċipanti interessati kollha.

2.17.2 Il-KESE jitlob li dawn il-ftehimiet iħeġġu l-parteċipazzjoni ta' l-imsieħba soċjali u s-soċjetà ċivili kemm fl-ibgħad reġjuni kif ukoll fil-pajjiżi terzi.

2.17.3 Il-KESE huwa favur id-djalogu bejn l-ibgħad reġjuni u l-Istati ta' l-ACP, immirati li jidentifikaw is-sinerġiji u t-tkabbir ta' l-iżvilupp ekonomiku għall-kulhadd.

2.18 *Flussi migratorji*

2.18.1 Bħalissa l-EU qed tfassal politika komuni dwar l-immigrazzjoni li tikkunsidra s-sitwazzjoni demografika, is-swieq tax-xogħol u l-kooperazzjoni mal-pajjiżi ta' oriġini. Il-flussi migratorji huma ta' ħassib serju għall-ibgħad reġjuni. L-ibgħad reġjuni jeħtieġu arranġament li jnaqqas il-flussi illegali u/jew irregolari. Għalhekk, kwalunkwe politika ta' migrazzjoni Ewropea trid tqis b'mod xieraq il-ħtiġijiet partikolari ta' l-ibgħad reġjuni u tipprovdi soluzzjonijiet sostenibbli għall-problemi li jiffaċċjaw.

2.18.2 Għandha titwettaq stima ta' impatt biex tipprovdi għarfien aħjar ta' dan il-kwistjoni u toffri soluzzjonijiet għal kwistjonijiet migratorji.

2.18.3 Il-Kumitat jaħseb li l-politika ta' l-immigrazzjoni ta' l-UE għandha tkun aktar ambizzjuża u mmirata lejn il-ġestjoni ta' l-immigrazzjoni permezz ta' leġislazzjoni komuni u proċeduri trasparenti. L-Ewropa trid tkun kapaċi tiffaċilità l-immigrazzjoni jew l-ibgħad reġjuni waqt li tqis l-evoluzzjoni demografika tas-suq tax-xogħol.

2.18.4 Meta jitqiesu t-tendenzi demografiċi fl-Ewropa, jidher li ser jiżdiedu l-flussi migratorji. Minħabba l-pożizzjoni tagħhom l-ibgħad reġjuni jridu jiffaċċjaw problemi kaġun ta' l-immigrazzjoni irregolari u tenħtieġ is-solidarjetà Ewropea f'dan ir-rigward. L-Aġenzija Ewropea għall-Immaniġjar tal-Kooperazzjoni Operazzjonali fil-Fruntieri Esterni għandha tmexxi 'l quddiem l-attivitajiet tagħha fl-ibgħad reġjuni.

2.19 *Inżidu n-numru ta' l-ibgħad rġjuni*

2.19.1 Xi Stati Membri, speċjalment Franza u l-Olanda, bħalissa qed jikkunsidraw l-idea li jżidu n-numru ta' l-ibgħad reġjuni. Mossa bħal din tirrikjedi deċiżjoni pożittiva mill-Kunsill. Madankollu l-KESE jenfasizza li jekk l-ibgħad reġjuni attwali u dawk ġodda kellhom ikunu integrati aħjar, l-UE tkun trid taħseb għal aktar finanzjament għal din iż-żona.

Brussell, it-22 ta' April 2008

Il-President

tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew

Dimitris DIMITRIADIS

Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar Il-libertà ta' assoċjazzjoni fil-pajjiżi msieħba ta' l-Euromed

(2008/C 211/20)

Nhar is-17 ta' Jannar 2008, b'konformità ma' l-Artikolu 29(2) tar-Regoli tal-Proċedura tiegħu, il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew iddeċieda li jħejji Opinjoni fuq proprja dwar

Il-libertà ta' assoċjazzjoni fil-pajjiżi msieħba ta' l-Euromed.

Is-Sezzjoni Speċjalizzata għar-Relazzjonijiet Esterni, inkarigata sabiex tipprepara l-ħidma tal-Kumitat dwar is-suġġett, adottat l-opinjoni tagħha nhar it-22 ta' Frar 2008. Ir-rapporteur kien is-Sur Moreno Preciados.

Matul l-444 sessjoni plenarja tiegħu li nżammet fit-22 u t-23 ta' April (seduta tat-22 ta' April), il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew adotta din l-opinjoni b'99 vot favur, xejn voti kontra u astensjoni waħda.

1. Sommarju u rakkomandazzjonijiet

1.1 Ir-rispett għal-libertà ta' l-assoċjazzjoni huwa inkluż b'mod espliċitu fost l-impenji tal-gvernijiet firmatarji tad-Dikjarazzjoni ta' Barċellona ta' Novembru 1995, li waqqfet is-Sħubija Ewro-Mediterranja.

Il-ftehimiet ta' assoċjazzjoni ffirmati bejn l-UE u kull wieħed mill-Pajjiżi Msieħba Mediterranji (MPC [1]) jinkludu klawsola li tgħid li l-konformità mal-prinċipji demokratiċi u d-drittijiet fundamentali hija element essenzjali tal-ftehimiet ta' assoċjazzjoni.

Il-pjanijiet ta' azzjoni li l-Unjoni Ewropea kkonkludiet ma' l-MPCs taħt il-Politika Ewropea tal-Viċinat introdotta fl-2004 jinkludu wkoll referenzi għal "gvernanza tajba u l-promozzjoni tad-drittijiet tal-bniedem u tal-libertajiet fundamentali".

1.2 Ir-realtà fl-MPCs — għalkemm kull pajjiż huwa differenti — hija li l-libertà ta' assoċjazzjoni m'hijiex garantita u soċjetà ċivili ta' suċċess hija mwaqqfa milli timxi 'l quddiem minħabba ostakoli politiċi u amministrattivi mir-rifjut tal-kostituzzjonijiet ta' assoċjazzjonijiet f'xi każi għall-projbizzjoni jew is-sospensjoni ta' oħrajn.

Assoċjazzjonijiet li huma rikonoxxuti legalment ukoll jiltaqgħu ma' ostakoli meta joperaw b'mod normali, bl-impożizzjoni mill-gvern ta' projbizzjonijiet jew restrizzjonijiet fuq l-aċċess għal assistenza internazzjonali bbażata fuq il-kooperazzjoni. Dawn huma każijiet partikularment serji.

1.3 L-emerġenza ta' assoċjazzjonijiet ħielsa ta' gruppi soċjali f'setturi differenti tas-soċjetà ċivili (ħaddiema, dawk li jħaddmu, bdiewa, l-ekonomija soċjali, nisa, żgħażagħ, konsumaturi, eċċ.) hija prerekwiżit għall-proċess tad-demokratizzazzjoni tal-pajjiż sħab Mediterranji. L-assoċjazzjoni ekonomika Ewro-Mediterranja stabbilita fuq pedamenti sodi, permezz ta' ftehimiet ta' assoċjazzjoni ta' l-UE ma' l-MPCs għandha tiġi estiża għad-dimensjonijiet soċjali u demokratiċi. L-involviment tas-soċjetà ċivili organizzata huwa neċessarju għal dan il-għan.

1.4 L-awtoritajiet politiċi jindaħlu fit-trade unions f'diversi livelli, jillimitaw il-ħarsien tar-rappreżentanti tal-ħaddiema fl-eżerċizzju tad-drittijiet tagħhom, inkluż id-dritt li joħorġu fuq strajk.

1.5 Id-dgħjufija tad-djalogu u l-konsultazzjoni soċjali turi li hemm nuqqas fil-ħidma assoċjattiva ta' dawk li jħaddmu u t-trade unions. Dan id-djalogu bilaterali jew trilateri huwa inqas żviluppat fil-pajjiżi tal-Lvant Nofsani milli fl-Afrika ta' Fuq.

1.6 Il-KESE jsejjaħ lill-Kummissjoni Ewropea biex tiżgura li jintlaħqu l-impenji ta' demokratizzazzjoni ta' l-assoċjazzjoni Ewro-Mediterranja, il-ftehimiet ta' assoċjazzjoni u l-pjanijiet ta' azzjoni fir-rigward il-politika tal-viċinat. Il-Kummissjoni għandha tagħmilha ċara lill-gvernijiet ikkonċernati li assoċjazzjonijiet ma jistgħux ikunu suġġetti għal kwalunkwe miżuri ta' dissoluzzjoni jew sospensjoni amministrattiva, minbarra permezz ta' proċedura ġudizzjarja f'lokha.

1.7 B'mod simili, il-KESE jitlob lill-Kummissjoni sabiex tiżgura li l-gvernijiet MPC jiggarantixxu li l-membri u l-uffiċjali ta' assoċjazzjonijiet ma jkunux jistgħu jiġu arrestati għax iwettqu l-kompiti leġittimi tagħhom fir-rigward l-assoċjazzjoni.

1.8 Il-KESE jħeġġeġ lill-Kummissjoni Ewropea biex meta tfassal il-karti ta' strateġija ta' kull pajjiż li jistabbilixxu l-qafas għal kooperazzjoni Komunitarja skond il-pjanijiet ta' azzjoni, tqis il-livell ta' konformità mill-gvernijiet tal-pajjiżi msieħba fir-rigward tal-libertà ta' assoċjazzjoni u d-drittijiet tal-bniedem.

Din id-domanda hija msejsa fuq l-Artikolu 1 tal-Programm ta' Azzjoni Komunitarju 2005-2010 għaż-żona Ewro-Mediterranja (assoċjazzjoni politika u s-sigurtà) li jistabbilixxi l-objettivi ewlenin tal-promozzjoni tal-parteċipazzjoni ċivika: aktar involviment tan-nisa; l-iżgurar tal-libertà ta' l-espressjoni u ta' assoċjazzjoni; il-promozzjoni tar-rwol tas-soċjetà ċivili; l-implimentazzjoni tal-konvenzjonijiet internazzjonali.

1.9 Il-KESE jitlob lill-Kummissjoni Ewropea biex tesiġi l-involviment tas-soċjetà ċivili tal-pajjiżi MPC bħala parti mis-segwitu għall-ftehimiet ta' assoċjazzjoni u l-pjanijiet ta' azzjoni.

1.10 Fl-Assemblea Parlamentari Ewro-Mediterranja, fejn il-KESE għandu l-istatus ta' osservatur, il-kumitat ser jipproponi li l-parlamentari tal-pajjiżi msieħba jkunu infurmati dwar il-ħtieġa li ssir riforma ta' kwalunkwe leġislazzjoni li xxekkel il-libertà ta' assoċjazzjoni.

[1] Il-Marokk, l-Alġerija, it-Tuneżija, l-Eġittu, il-Ġordan, l-Iżrael, it-Territorji Palestinjani, il-Lebanon, is-Sirja, ir-Turkija, il-Mawritanja u l-Albanija (Il-Mawritanja u l-Albanija ilhom parti mill-proċes ta' Barcelona minn Diċembru 2007).

1.11 Bil-kooperazzjoni tan-netwerks Ewro-Mediterranji ta' dawk li jħaddmu, it-trade unions u l-ekonomija soċjali u oħrajn, il-KESE għandu jfassal rapporti regolari u dettaljati dwar il-qagħda tal-libertà ta' assoċjazzjoni u d-drittijiet tal-bniedem fil-pajjiżi MPC, li għandhom jitressqu lill-Kummissjoni Ewropea u lill-Parlament Ewropew. L-opinjoni attwali ser tiġi diskussa fis-summit li jmiss ta' Kunsilli Ekonomiċi u Soċjali u Istituzzjonijiet Simili, li ser isir fil-Marokk fl-2008. Il-fehmiet u l-informazzjoni li tinġabar waqt il-laqgħa ser jikkontribwixxu għas-segwitu.

1.12 Il-KESE ser ikompli b'ħidmietu jappoġġja l-istabbiliment ta' korpi konsultattivi uffiċjali tas-soċjetà ċivili fil-pajjiżi MPC, u li jagħti ħajja mill-ġdid lil dawk li diġà jeżistu fil-Libanu u l-Ġordan, u ser jirrakkomanda wkoll li dawn il-korpi jkunu magħmulin minn organizzazzjonijiet rappreżentattivi mis-setturi ċivili varji, u jkunu mgħammra bir-riżorsi neċessarji sabiex joperaw b'mod indipendenti u effettiv.

1.13 Il-KESE jerġa' jenfasizza l-ħtieġa li tissaħħaħ il-pożizzjoni tan-nisa fis-soċjetà, u b'mod partikulari fl-attivitajiet ta' assoċjazzjoni tal-pajjiżi msieħba, b'konformità mar-rakkomandazzjonijiet ta' din l-opinjoni dwar il-promozzjoni ta' l-intraprenditorija tan-nisa fir-reġjun Ewro-Mediterranju ([2]).

B'mod simili, jenfasizza wkoll l-importanza tal-konklużjonijiet tal-konferenza ministerjali Ewro-Mediterranja ([3]), li tappoġġja l-promozzjoni tar-rappreżentazzjoni u l-parteċipazzjoni tan-nisa f'inkarigi li jinvolvu t-teħid ta' deċiżjonijiet ekonomiċi, b'mod partikulari f'assoċjazzjonijiet ta' min iħaddem, unions tal-ħaddiema u strutturi oħra soċjo-ekonomiċi.

1.14 Il-KESE ser jiffaċilita laqgħat u djalogu bejn organizzazzjonijiet ta' min iħaddem (UMCE) u t-trade unions (Forum Ewro-Mediterranju tat-Trade Unions) u jappoġġja l-iżvilupp tagħhom, kif ukoll dak ta' organizzazzjonijiet oħra tas-soċjetà ċivili fiż-żona Ewro-Mediterranja bħan-Netwerk Ewro-Mediterranju ta' l-Ekonomija Soċjali (ESMED) u organizzazzjonijiet tan-nisa.

2. Il-pedamenti tal-libertà ta' assoċjazzjoni bil-għan li jintlaħqu l-objettivi ta' demokratizzazzjoni tal-Proċess ta' Barċellona

2.1 Il-ħtieġa għal din l-opinjoni ġdida toriġina min-nuqqasijiet irrimarkati fil-konklużjonijiet ta' l-ewwel Summit Ewro-Mediterranju tal-Kapijiet ta' Stat u ta' Gvern (Novembru 2005) fir-rigward tar-rwol tas-soċjetà ċivili, u bħala segwitu għad-Dikjarazzjonijiet Finali tas-summits l-iktar reċenti Ewro-Mediterranji tal-Kunsilli Ekonomiċi u Soċjali u Istituzzjonijiet Simili (Amman, Novembru 2005, Ljubljana, Novembru 2006 u Ateni, Ottubru 2007). Il-għan ta' l-opinjoni fuq inizjattiva proprja attwali huwa li jsir kontribut għall-eżerċizzju sħiħ tad-dritt ta' assoċjazzjoni fil-pajjiżi msieħba tan-nofsinhar tal-Mediterran.

2.2 L-impenji li saru mill-pajjiżi li ffirmaw id-Dikjarazzjoni ta' Barċellona jinkludu dawn li ġejjin:

— li jaġixxu skond il-Karta tan-Nazzjonijiet Uniti u d-Dikjarazzjoni Universali tad-Drittijiet tal-Bniedem, kif ukoll obbligi oħrajn taħt il-liġi internazzjonali, b'mod partikulari dawk li joħorġu mill-istrumenti reġjonali u internazzjonali li huma jagħmlu parti minnhom;

— li jiżviluppaw l-istat tad-dritt u d-demokrazija fis-sistemi politiċi tagħhom, waqt li jirrikonoxxu fi ħdan dan il-qafas id-dritt li kull wieħed minnhom jagħżel u jiżviluppa b'mod ħieles is-sistema, politika, soċjo-kulturali, ekonomika u ġudizzjarja tagħhom stess;

— li jirrispettaw id-drittijiet tal-bniedem u l-libertajiet fundamentali u jiggarantixxu l-eżerċizzju leġittimu u reali ta' dawn id-drittijiet u libertajiet, inkluża l-libertà ta' l-espressjoni, il-libertà ta' assoċjazzjoni għal finijiet paċifiki u l-libertà tal-ħsieb, tal-kuxjenza u tar-reliġjon, kemm individwalment kif ukoll flimkien ma' membri oħrajn ta' l-istess grupp, mingħajr ma ssir diskriminazzjoni fuq il-bażi tar-razza, in-nazzjonalità, il-lingwa, ir-reliġjon jew is-sess.

2.3 L-opinjoni ġenerali kienet li l-Ewwel Summit Ewro-Mediterranju tal-Kapijiet ta' Stat u ta' Gvern, li sar f'Barċellona fl-2005 sabiex jiġu valutati l-ewwel għaxar snin tal-proċess Ewro-Mediterranju kien ta' suċċess, peress li ħaddan fih numru ta' avvanzi meta mqabbel mad-Dikjarazzjoni ta' l-1995, kif ukoll dispożizzjonijiet ġodda fir-rigward ta' l-iżvilupp tar-rwol tas-soċjetà ċivili. Iżda mill-perspettiva tad-demokrazija u d-drittijiet tal-bniedem. għad hemm ħafna tħassib serju, kif ġie espress fis-summit innifsu.

2.4 Bħala konsegwenza ta' dan, is-summit ta' l-2005 impenja ruħu biex jiġu estiżi l-pluraliżmu u l-parteċipazzjoni politika għaċ-ċittadini kollha, b'mod partikulari n-nisa u ż-żgħażagħ, billi jiġi promos qafas politiku kompetittiv, li jinkludi elezzjonijiet ħielsa u ġusti u progress lejn id-deċentralizzazzjoni u ġestjoni pubblika aħjar.

2.5 Min-naħa tagħha, il-Kummissjoni Ewropea għarrfet b'mod impliċitu il-progress fqir li sar fir-rigward tad-drittijiet tal-bniedem. Fil-Komunikazzjoni tagħha lill-Kunsill u lill-Parlament Ewropew ([4]), hija semmiet id-drittijiet tal-bniedem forst it-tliet temi ta' prijorità għar-reġjun tal-Mediterran, kif ukoll relazzjonijiet iktar mill-qrib bejn l-Unjoni Ewropea u l-pajjiżi msieħba, li jiffokaw prinċipalment fuq l-objettiv li jiġu avvanzati d-drittijiet tal-bniedem u d-demokrazija. Il-KESE jaqsam mal-Kummissjoni din l-opinjoni, u jaħseb li huwa importanti ħafna li jinbdew u jiġu kkonsolidati proċessi ta' demokratizzazzjoni fl-MPCs.

2.6 Fost ir-rakkomandazzjonijiet ewlenin tar-rapport dwar il-Programm ta' Żvilupp tan-Nazzjonijiet Uniti ta' l-2004 (UNDP) ([5]) hemm ċaqliq gradwali lejn gvernanza iktar rappreżentattiva, l-ewwel stadju għandu jkun li jintużaw bis-sħiħ il-vantaġġi tas-soċjetà ċivili u li tkun permessa l-espressjoni tat-tliet libertajiet fundamentali: il-libertà ta' l-opinjoni, il-libertà ta' l-espressjoni u l-libertà ta' assoċjazzjoni.

([2]) REX/233 — CESE 1004/2007.
([3]) Istanbul, 14 u 15 ta' Diċembru 2006.
([4]) Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Kunsill u lill-Parlament Ewropew tat-12 ta' April 2005 L-Għaxar Anniversarju tas-Sħubija Ewro-Mediterranja: Programm ta' ħidma sabiex jintlaħqu l-isfidi tal-ħames snin li ġejjin, COM(2005) 139 finali (Mhux disponibbli bil-Malti).
([5]) Arab Human Development Report 2004. UNDP (April 2005).

F'dan ir-rigward, u sabiex ikun iktar faċli għan-nisa li jipparteċipaw f'kull aspett tal-ħajja pubblika fil-pajjiżi MPC, għandhom isiru bidliet fil-leġislazzjoni, b'mod speċjali liġijiet dwar l-istatus personali, sabiex nisa jkunu jistgħu jagħmlu għażliet ħielsa meta jeżerċitaw il-libertajiet fundamentali tagħhom.

2.7 Id-dikjarazzjonijiet finali ta' l-aħħar żewġ Summits tal-Kunsilli Ekonomiċi u Soċjali u Istituzzjonijiet Simili indirizzaw aspetti li jirrigwardaw it-tema ċentrali ta' l-opinjoni fuq inizjattiva proprja attwali.

2.8 Il-laqgħa f'Ljubljana fl-2006 rrimarkat il-ħtieġa li jissaħħu d-djalogu u l-kooperazzjoni bejn il-gvernijiet u l-partijiet mhux governattivi fir-reġjun Ewro-Mediterranju, b'mod speċjali assoċjazzjonijiet tan-nisa u ż-żgħażagħ, u organizzazzjonijiet soċjookkupazzjonali. F'dan ir-rigward, id-Dikjarazzjoni Finali pproponiet li l-Presidenza Slovena tal-Kunsill (l-ewwel nofs ta' l-2008) għandha torganizza konferenza tripartitika dwar il-progress fid-djalogu soċjali.

2.9 Id-Dikjarazzjoni Finali ta' l-aħħar Summit tal-Kunsilli Ekonomiċi u Soċjali u Istituzzjonijiet Simili (Ateni, 15 u 16 ta' Ottubru 2007) għamlet numru ta' referenzi sinifikanti: (a) sejħa għal monitoraġġ regolari ta' l-involviment tas-soċjetà ċivili fid-definizzjoni u l-implimentazzjoni ta' pjanijiet ta' azzjoni nazzjonali, u s-suġġeriment li l-Kunsilli Ekonomiċi u Soċjali u Istituzzjonijiet Simili jistgħu jservu bħala mezz kif jiġi faċilitat dan il-monitoraġġ (b) sejħa għal riżorsi, appoġġ u għarfien lill-Kunsilli Ekonomiċi u Soċjali sabiex ikunu jistgħu jitkellmu b'mod indipendenti, u għal impenn min-naħa tagħhom li jibqgħu miftuħa għal rappreżentanti tas-soċjetà ċivili mhux inklużi f'dawn il-korpi (c) punt 12 jitlob b'mod espliċitu li jkun hemm rispett għal-libertà ta' assoċjazzjoni sabiex jiġi faċilitat id-djalogu mas-soċjetà ċivili.

3. **Il-qagħda tal-libertà ta' assoċjazzjoni fil-pajjiżi msieħba fil-Mediterran**

3.1 Is-sigurtà u l-isforzi għall-paċi huma essenzjali għall-holqien ta' atmosfera li tiffaċilita t-tħaddim ta' proċess ta' demokratizzazzjoni fil-pajjiżi msieħba tal-Mediterran kollha.

Is-sitwazzjoni diżastruża fit-territorji Palestinjani, il-gwerra fl-Iraq u l-emerġenza ta' l-estremiżmu u t-terroriżmu għamlu ħsara kbira għall-prospetti li dawn il-libertajiet jiġu żviluppati. Xi gvernijiet użaw dawn ir-riskji jew theddid minn barra biex jiġġustifikaw li jwaqqfu r-riformi favur id-demokrazija. F'ċerti pajjiżi dan wassal għal deġenerazzjoni tal-libertajiet individwali u d-dritt ta' assoċjazzjoni.

3.2 L-eżerċizzju garantit tad-drittijiet tal-bniedem huwa kondizzjoni minn qabel ta' importanza kbira ħafna sabiex titwettaq l-intenzjoni ddikjarata favur id-demokratizzazzjoni. Il-libertà ta' assoċjazzjoni, flimkien mal-promozzjoni u l-iżvilupp ta' assoċjazzjonijiet, huma fl-interess tas-setturi kollha, u huma fattur ewlieni fl-iżvilupp ta' Sħubija Ewro-Mediterranja, b'mod partikulari fir-rigward ta' l-involviment tas-soċjetà ċivili u l-korpi varji tagħha.

3.3 Jenħtieġ li jiġi mtenni li d-dritt ta' assoċjazzjoni libera jinkludi d-dritt li wieħed jissieħeb, jassoċja jew joħroġ minn gruppi, assoċjazzjonijiet u soċjetajiet ta' tipi differenti. Jesiġi li ma jkunx hemm involviment mill-Istat fl-istabbiliment u fl-affarijiet ta' l-assoċjazzjonijiet kollha li joperaw b'mod legali. Jirrikjedi wkoll l-appoġġ ta' l-Istat fil-ħolqien u ż-żamma ta' atmosfera fejn id-dritt ta' assoċjazzjoni libera ikun jista' jiġi eżerċitat.

3.4 Id-dritt li tifforma jew tissieħeb ma' assoċjazzjoni ma jistax jiġi żolat minn drittijiet oħra ċiviki u politiċi, bħal-libertà ta' l-espressjoni u ta' l-opinjoni, il-libertà tal-moviment u ta'ażil. Soċjetà ċivili ta' suċċess ser tikkontribwixxi hi nnifisha għall-introduzzjoni jew il-konsolidazzjoni ta' sistemi politiċi iktar pluralisti.

3.5 Hemm kontradizzjoni fil-maġġoranza tal-pajjiżi MPC bejn il-konvenzjonijiet internazzjonali (li jiggarantixxu d-dritt tal-libertà tal-moviment) iffirmati mill-gvernijiet tagħhom, u l-liġijiet nazzjonali tagħhom, u bejn il-liġijiet u l-fatti kif inhuma fil-prattika. Bl-eċċezzjoni ta' ftit pajjiżi, il-ħolqien ta' assoċjazzjonijiet u l-eżerċitar ta' l-attivitajiet tagħhom huma suġġett għal ħafna restrizzjonijiet fuq il-bażi — jew il-pretest — tas-salvagwardja tas-sigurtà u l-unità nazzjonali.

3.6 Dan il-pretest jintuża ta' siktwit, permezz tal-leġislazzjoni, biex jillimita (u xi kultant anke jipprojbixxi) id-dritt li wieħed joħroġ fuq strajk, li jingħabar fi grupp f'post pubbliku, li jagħmel dimostrazzjoni u li jwaqqaf assoċjazzjoni. Ċentralizzazzjoni qawwija tal-poter eżekuttiv, element komuni fis-sistemi politiċi fil-pajjiżi msieħba, hija riflessi fis-superviżjoni eċċessiva ta' l-assoċjazzjonijiet.

3.7 It-tolleranza, il-kontroll u r-ripressjoni huma t-tliet approċċi użati (xi kultant flimkien) mill-awtoritajiet fil-konfront ta' l-assoċjazzjonijiet. F'xi pajjiżi, hemm livell aċċettabbli ta' libertà għall-assoċjazzjonijiet, u din hija ristretta biss f'ċirkostanzi speċifiċi; f'oħrajn assoċjazzjonijiet indipendenti huma permessi joperaw iżda huma kostretti minn kontrolli amministrattivi u finanzjarji; umbagħad hemm dawk il-pajjiżi fejn assoċjazzjonijiet li huma favur il-gvern biss huma permessi.

3.8 L-interferenza u l-kontroll għandhom impatt negattiv fuq l-istadji differenti fil-ħajja ta' assoċjazzjoni, mit-twaqqif tagħha sakem tisfaxxa. Fejn l-istabbiliment ta' assoċjazzjonijiet huwa selettiv jew diskrezjonali, assoċjazzjonijiet ta' sikwit huma ristretti għal dawk il-persuni li huma qrib ta' l-awtoritajiet, u ġeneralment ikunu sors ta' korruzzjoni. Fejn id-dissoluzzjoni tkun tista' tiġi imposta b'mod arbitrarju, assoċjazzjonijiet jaġixxu b'mod timidu, u jonqsu milli jilħqu l-aspettattivi jew il-potenzjal tagħhom.

3.9 Tliet tipi ta' assoċjazzjoni huma partikularment suġġetti għas-sorveljanza, u għal raġunijiet differenti: l-ewwel nett, assoċjazzjonijiet Islamiċi fundamentalisti, li huma suspettati li jinkoraġġixxu Islamiżmu politiku estrem, li f'xi pajjiżi sar forza ewlenija ta' oppożizzjoni, kemm legali kif ukoll b'mod illegali. It-tieni nett, assoċjazzjonijiet tad-drittijeit tal-bniedem, billi xi kultant ikunu qrib ta' gruppi politiċi alternattivi. U fl-aħħar nett hemm it-trade unions, peress li f'xi każijiet huma organizzazzjonijiet tal-massa li jistgħu jisfidaw il-politika ekonomika u soċjali ta' pajjiż, u għandhom kuntatti mill-qrib ma' organizzazzjonijiet u istituzzjonijiet internazzjonali.

3.10 Għalkemm dawn ir-restrizzjonijiet huma mifruxa sew, wieħed għandu jinnota li l-livell ta' libertà fir-rigward tad-dritt ta' assoċjazzjoni fil-pajjiżi msieħba m'huwiex l-istess. F'ħafna pajjizi huwa possibbli, għalkemm diffiċli, li ħaddiema, dawk li jaħdmu għal rashom, dawk li jħaddmu, in-nisa, iż-żgħażagħ, il-bdiewa, eċċ. jorganizzaw ruħhom b'mod indipendenti.

4. **Il-qagħda u l-karatteristiċi ta' l-assoċjazzjonijiet ewlenin fil-pajjiżi MPC**

4.1 Organizzazzjonjiet tradizzjonali li jirrappreżentaw il-ħaddiema, il-bdiewa, dawk li jħaddmu, l-ekonomija soċjali u attivitajiet oħra varji jkopru l-pajjiżi kollha, iżda huma relattivament dgħajfin u suġġetti għar-restrizzjonijiet imsemmija.

4.2 Tipi oħra ta' assoċjazzjoni huma ta' natura ta' karità u ta' għajnuna soċjali, li jaħdmu mas-sezzjoni tal-popolazzjoni żvantaġġjata sabiex jipprovdu servizzi l-iktar fuq bażi komunitarja, reliġjuża, tribali jew familjali. F'xi każi, dawn huma xejn inqas minn servizzi soċjali reali u organizzati.

4.3 Tipi oħra ta' assoċjazzjoni ambjentali u kulturali ħarġu mis-snin disgħin 'il hawn, li jipprovaw jinvolvu ruħhom f'affarijiet pubbliċi jew ta' l-istat permezz ta' proposti, inkoraġġiment u azzjoni diretta, u mhux biss billi jimlew il-lakuni minħabba nuqqasijiet min-naħa ta' l-istat. Dawn l-assoċjazzjonijiet il-ġodda ta' spiss ikunu taħt suspett u jiġu mxekkla min-naħa ta' l-istrutturi amministrattivi u politiċi.

4.4 Assoċjazzjonijiet oħrajn importanti huma kkonċernati bi kwistjonijiet rigward id-drittijiet tal-bniedem, id-drittijiet tannisa, id-difiża tal-minoritajiet u l-iżvilupp tad-demokrazija in ġenerali.

4.5 Is-sitwazzjoni fil-post tax-xogħol u fil-każ ta' relazzjonijiet industrijali fil-pajjiżi MPC kienet diskussa fl-aħħar Summit tal-Kunsilli Ekonomiċi u Soċjali, permezz ta' rapport konġunt ippreżentat mill-Kunsill Ekonomiku u Soċjali ta' Spanja. Uħud mill-fehmiet f'dan ir-rapport huma inklużi fl-erba' punti li ġejjin.

4.6 Il-prinċipju tal-libertà tat-trade unions huwa mħaddan fil-kostituzzjonijiet tal-pajjiżi MPC. F'dawn l-aħħar snin sar xi progress fir-ratifika tal-konvenzjonijiet soċjali ewlenin ta' l-ILO. Iżda dan m'huwiex il-każ f'termini ta' l-inkorporazzjoni tagħhom fil-leġislazzjoni nazzjonali. Il-Kumitat għal-Libertà tat-Trade Unions ta' l-ILO, li huwa responsabbli biex janlizza l-ilmenti li jagħmlu trade unions u organizzazzjonijiet tan-negozju kontra l-gvernijiet tagħhom fir-rigward ta' ksur tal-prinċipju tal-libertà tat-trade unions, irċieva numru ta' ilmenti minn pajjiżi MPC, u l-iktar li kienu jikkonċernaw kienu l-Marokk u t-Turkija ([6]).

4.7 Il-mudell għal organizzazzjonijiet tat-trade unions ivarja minn pajjiż għal pajjiż. Uħud għandhom trade union waħda obbligatorja (monopolju) waqt li f'oħrajn din l-unità hija volontarja (trade union waħda), u f'xi pajjiżi hemm firxa ta' organizzazzjonijiet tat-trade unions. Hemm ukoll dipendenza funzjonali ċara fir-rigward tal-poteri politiċi.

4.8 Barra minn hekk, hemm nuqqas ta' leġislazzjoni regolatorja ċara u definita tajjeb dwar ir-rappreżentazzjoni, li jaffettwa kemm l-organizzazzjonijiet tal-unions kif ukoll dawk tan-negozju, u b'hekk hemm ħafna spazju għall-awtoritajiet politiċi biex jeżerċitaw b'mod diskrezzjonali il-poteri tagħhom.

4.9 Il-biċċa l-kbira ta' l-organizzazzjonijiet tat-trade unions fil-pajjiżi MPC jagħmlu parti minn konfederazzjonijiet internazzjonali usa', u jikkoordinaw ħidmiethom mat-trade unions Ewropej permezz tal-Forum Ewro-Mediterranju tat-Trade Unions. Il-Forum iħaddan fih il-Konfederazzjoni Ewropea tat-Trade Unions (ETUC), il-Konfederazzjoni Internazzjonali tat-Trade Unions (ITUC), il-Konfederazzjoni Internazzjonali tat-Trade Unions Għarab (ICATU) u l-Konfederazzjoni ta' Trade Unions tal-Ħaddiema Għarab tal-Magreb (USTMA). L-objettivi tagħhom jinkludu kooperazzjoni ikbar bejn it-tramuntana u n-nofs in-nhar, u d-difiża u l-promozzjoni ta' l-interessi tal-ħaddiema fil-Proċess ta' Barċellona.

4.10 Assoċjazzjonijiet tan-negozju huma mifruxa fil-pajjiżi MPC kollha u b'mod ġenerali m'humiex suġġetti għal daqshekk restrizzjonijiet legali, politiċi jew amministrattivi meta jwettqu l-funzjoni rappreżentattiva tagħhom. Organizzazzjonijiet ta' min iħaddem ibbażati f'settur partikulari huma n-norma, u konfederazzjonijiet ta' min iħaddem trans-settorjali bil-mod qed jiġu stabbiliti. Barra minn assoċjazzjonijiet tan-negozju, għandu jiġi rimarkat ir-rwol importanti li jaqdu il-kmamar tal-kummerċ fil-pajjiżi MPC.

Il-Pluraliżmu huwa stabbilit iktar fost l-organizzazzjonijiet ta' min iħaddem milli fost it-trade unions. Organizzazzjonijiet f'kull pajjiż jistgħu jingħaqdu flimkien f'konfederazzjoni tan-negozju waħdanija, bħal fit-Tuneżija, fejn l-UTICA ([7]) tkopri s-setturi ekonomiċi kollha mhux marbuta mal-biedja, waqt li f'oħrajn teżisti firxa ta' organizzazzjonijiet, bħal fil-Marokk, fejn hemm tliet organizzazzjonijet ta' min iħaddem ([8]).

4.11 L-organizzazzjonijiet tan-negozju ta' ħdax-il pajjiż li huma msieħba ([9]) (u Malta) flimkien jifformaw l-Unjoni ta' Konfederazzjonijiet Mediterranji ta' l-Intrapriżi (UMCE), li s-sede tagħha hija fit-Tuneżija, u li l-objettivi tagħha jinkludu l-istabbiliment tal-konsultazzjoni fuq bażi istituzzjonali, bejn organizzazzjonijiet soċjo-okkupazzjonali, u sabiex tagħmel kontribut għall-istabbiliment ta' żona tal-kummerċ ħieles Ewro-Mediterranja.

4.12 L-ekonomija soċjali, fil-forom varji tagħha (kooperattivi, soċjetajiet mutwali, assoċjazzjonijiet ta' żvilupp) jagħtu xogħol għal settur imdaqqas tal-popolazzjoni fil-pajjiżi MPC, u tagħti kontribut deċiżiv għat-tkabbir ekonomiku u l-impjieg, b'mod partikulari fl-SMEs u mikro-negozji, kif ukoll taqdi rwol importanti fil-provvediment tas-servizzi soċjali.

4.13 Attività assoċjattiva fis-setturi ta' l-ekonomija soċjali m'hijiex, bħala prinċipju, ristretta fuq bażi politika, iżda hija affettwata mill-kontrolli amministrattivi indikati fir-rigward ta' gruppi oħrajn. Attività assoċjattiva hija mifruxa b'mod partikulari f'kooperattivi agrikoli f'pajjiżi bħall-Marokk, il-Palestina, it-Turkija, l-Eġittu u l-Israel.

([6]) Il-kwistjoni ta' drittijiet tat-trejdjunjins fit-Turkija bħalissa qed tiġi indirizzata mill-Kumitat Konsultattiv Konġunt UE-Turkija.

([7]) Unjoni ta' l-Industrija, il-Kummerċ u l-Artiġjanat tat-Tuneżija.

([8]) L-Unjoni Agrikola tal-Marokk; l-Unjoni Ġenerali ta' l-Industrija u l-Kummerċ u l-Konfederazzjoni Ġenerali ta' Intrapriżi Marokkini.

([9]) CGEA-Alġerija, OEC-Ċipru, FEI-Eġittu, MAI-Israel, JCI-Ġordan, ALI-Libanu, MFOI-Malta, CGEM-Marokk, PFI-Palestimna, FSCC-CCI-Sirja, UTICA-Tuneżija, TUSIAD-TISK-Turkija.

4.14 Il-gruppi varji interessati — imsieħba soċjali u soċjo-okkupazzjonali, organizzazzjonijiet ambjentali, assoċjazzjonijiet tal-familja u organizzazzjonijiet tal-konsumatur, gruppi ta' l-ekonomija soċjali, eċċ. — qegħdin jagħmlu ħilithom biex jaqdu rwol attiv fl-implimentazzjoni ta' politiki ta' sħubija u tal-viċinat, kif imfissra r-rapport ta' informazzjoni reċenti tal-KESE ([10]).

4.15 In-Netwerk Ewro-Mediterranju ta' l-Ekonomija Soċjali (ESMED) twaqqaf f'Madrid fl-2000. Attwalment jgħaqqad flimkien organizzazzjonijet minn Franza, il-Greċja, l-Italja, il-Portugall, Spanja, il-Marokk u t-Tuneżija. L-ESMED ikkontribwixxa għal inizjattivi u laqgħad varji tal-KESE u tas-Sħubija Ewro-Mediterranja.

4.16 Għalkemm suġġetti għall-istess diffikultajiet li jaffaċċjaw il-gruppi l-oħra, organizzazzjonijiet mhux governattivi u oħrajn b'għanijiet soċjali wkoll jaqdu rwol sinifikanti, b'mod partikulari fid-ħarsien tad-drittijiet tal-bniedem. Ħidmiethom hija viżibbli ħafna fir-rigward tat-twettiq ta' l-objettivi tal-Proċess ta' Barċellona. Il-Pjattaforma Mhux Governattiva Ewro-Mediterranja, li twaqqfet fl-2005, tħaddan fiha bosta netwerks u NGOs, inkluż in-Netwerk Ewro-Mediterran tad-Drittijiet tal-Bniedem.

Brussell, it-22 ta' April 2008

Il-President
tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew
Dimitris DIMITRIADIS

([10]) REX/223 — CESE 504/2007 — Il-parteċipazzjoni tas-soċjetà ċivili fil-livell lokali fl-implimentazzjoni tal-pjanijiet ta' azzjoni għall-Politika Ewropea tal-Viċinat bl-objettiv ta' żvilupp ibbilanċjat u sostenibbli.

Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar In-negozjati dwar il-ftehimiet il-ġodda tal-kummerċ — Il-pożizzjoni tal-KESE

(2008/C 211/21)

Matul is-sessjoni plenarja li nżammet nhar is-26 ta' Settembru 2007, il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew iddeċieda, b'konformità ma' l-Artikolu 29(2) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu, li jħejji opinjoni dwar:

"In-negozjati dwar il-ftehimiet il-ġodda tal-kummerċ — Il-pożizzjoni tal-KESE".

Is-Sezzjoni Speċjalizzata għar-Relazzjonijiet Esterni, inkarigata sabiex tipprepara l-ħidma tal-Kumitat dwar issuġġett, adottat l-opinjoni tagħha nhar l-1 ta' April 2008. Ir-rapporteur kien is-Sur Peel u l-ko-rapporteur kienet is-Sinjura Pichenot.

Matul l-444 sessjoni plenarja tiegħu li nżammet fit-22 u t-23 ta' April 2008 (seduta tat-22 ta' April 2008), il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew adotta din l-opinjoni b'101 voti favur, 6 voti kontra u 7 astensjonijiet.

1. **Konklużjonijiet u rakkomandazzjonijiet ġenerali**

1.1 Il-Kumitat jilqa' l-affermazzjoni mill-ġdid tal-Kummissjoni dwar l-impenn ġenerali tagħha lejn il-liberalizzazzjoni multilaterali tal-kummerċ. Huwa jagħraf li l-għażla tal-KE li ddur lura lejn aġenda bilaterali hija dovuta għal nuqqas ta' progress fil-qasam ta' l-aġenda multilaterali.

1.2 Il-Kumitat jemmen li l-ftehimiet bilaterali għandhom jitqiesu bħala fatturi li huma kompatibbli mal-multilateraliżmu u li eventwalment ser issaħħuh. Il-profitt li jkun sar fuq livell bilaterali jista' jservi sabiex iqanqal il-proċess multilaterali. Kif tistqarr sewwa l-KE, ir-riżq jiddependi mill-kummerċ.

1.3 Madanakollu l-Kumitat jisħaq fuq il-bżonn ta' bidla kwalitattiva fl-approċċ lejn din is-sensiela ġdida ta' negozjati: li wieħed jirrepeti fuq livell bilaterali dawk il-politiki li ma kellhomx suċċess fuq livell multilaterali mhuwiex biżżejjed.

1.4 L-approċċ bilaterali jippermetti aktar rispett lejn id-differenzi reġjonali u nazzjonali milli jippermettu l-ftehimiet multilaterali, li bilfors ikollhom isegwu aproċċ aktar ġenerali.

1.5 Għalhekk il-Kumitat jilqa' b'mod pożittiv id-deċiżjoni tad-DĠ Kummerċ li jfittex l-assistenza tal-Kumitat huwa u jittratta n-negozjati dwar il-ftehimiet il-ġodda tal-kummerċ ta' l-UE hekk kif bassret il-Kummissjoni fil-Komunikazzjoni tagħha *L-Ewropa Globali* f'Ottubru 2006.

1.6 Il-Kumitat jafferma mill-ġdid l-għan fundamentali tiegħu li f'isem is-soċjetà ċivili Ewropea u bħala msieħeb sħiħ tal-Kummissjoni Ewropea, ikompli jżomm u jiżviluppa l-livell għoli ta' kooperazzjoni u sensibilizzazzjoni fil-ħidma futura tiegħu mal-Kummissjoni u ma' l-istituzzjonijiet ewlenin l-oħra ta' l-UE.

1.7 Il-Kumitat jilqa' din l-opportunità li jappoġġja l-għan tal-Kummissjoni li tassigura livell ogħla ta' monitoraġġ u trasparenza f'dawn in-negozjati u li testendi u tiżviluppa l-involviment tagħha mas-soċjetà ċivili fil-pajjiżi u r-reġjuni tad-dinja li għandhom sehem fihom.

1.8 Il-Kumitat jemmen li l-istruttura tiegħu tippermettilu li jaqdi rwol attiv fil-qasam tal-monitoraġġ. L-esperjenza li għandu l-Kumitat b'mod partikolari, tippermettilu li jagħraf jidentifika msieħba potenzjali f'pajjiżi oħra.

1.9 Filwaqt li jinnota li f'dan il-każ il-Kummisjoni qiegħda tfittex il-fehma u l-kooperazzjoni ġenerali tiegħu fir-rigward tannegozjati proposti, il-Kumitat jinnota wkoll il-firxa wiesgħa talpunti u l-kwistjonijiet li ser ikopru dawn in-negozjati, li ħafna minnhom jissemmew f'din l-opinjoni. Il-Kumitat għalhekk jirrakkomanda li fil-futur, f'opinjonijiet differenti, huwa janalizza f'aktar dettall uħud minn dawn il-kwistjonijiet speċifiċi per eżempju x-Xogħol Deċenti u l-aċċess għas-suq.

1.10 Il-Kumitat jilqa' b'mod partikolari l-fatt li l-Kummissjoni tikkunsidra mill-ġdid temi soċjali u ambjentali u tagħraf li l-iżvilupp sostenibbli jinkludi konsiderazzjonijiet ekonomiċi, soċjali u ambjentali. Madankollu l-Kumitat jinnota wkoll li ħafna millkwistjonijiet ekonomiċi li tqajmu jikkonċernaw lis-soċjetà ċivili, inklużi dawk li jikkonċernaw il-moviment ħieles tan-nies.

1.11 Il-Kumitat jemmen li huwa importanti ħafna li approċċ bilaterali jkun ibbażat fuq id-drittijiet fundamentali u universali, li jiffurmaw ukoll il-bażi li fuqha nbnew l-istandards ta' l-ILO. Il-Kumitat jemmen ukoll li x-Xogħol Deċenti, li jkun kemm aċċettabbli kif ukoll prattikabbli, għandu jinbena fuq standards bħal dawn.

2. **Sfond — L-importanza tal-kummerċ**

2.1 Il-kummerċ huwa verament il-qalba tar-relazzjonijiet internazzjonali. Il-pajjiżi jikkomunikaw bejniethom fuq diversi livelli, b'mod speċjali permezz ta':

— interazzjoni ġeopolitika u militari

— rabtiet kummerċjali u ekonomiċi

— korpi governattivi mhux vinkolanti: dawk permanenti bħad-WTO (l-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ), in-Nazzjonijiet Uniti u l-aġenziji tagħha, inklużi l-ILO (l-Organizzazzjoni Internazzjonali tax-Xogħol), l-IMF (il-Fond Monetarju Internazzjonali) u l-Bank Dinji u l-korpi *ad hoc*, l-iktar dawk responsabbli għat-teħid tad-deċiżjonijiet dwar kwistjonijiet ambjentali u li jikkonċernaw l-Iżvilupp Sostenibbli u l-Bidla fil-Klima (Rio, Kyoto), — li kollha jinbtu minn interessi globali komuni,

— rabtiet sportivi, kulturali u/jew storiċi, u

— kuntatti fil-livell tas-soċjetà ċivili — li għandhom importanza partikolari għal dan il-Kumitat.

Fost dawn il-mezzi ta' interazzjoni bejn il-pajjiżi, il-kummerċ huwa l-istrument li joffri l-aktar possibbiltajiet effettivi għall-ħolqien ta' netwerks ta' kuntatti serji u permanenti bejn il-pajjiżi u r-reġjuni globali li minnhom jistgħu faċilment jiżviluppaw kuntatti u rabtiet oħra.

2.2 Il-kummerċ u l-investiment internazzjonali jmexxu t-tkabbir ekonomiku Ewropew u d-dimensjoni esterna tal-kompetittività ta' l-UE. Kif tistqarr sewwa l-Kummissjoni fil-Komunikazzjoni tagħha "L-Ewropa Globali", "ġidna jiddependi mill-kummerċ". Huwa importanti li wieħed jinnota li filwaqt li f'diversi oqsma tar-relazzjonijiet internazzjonali, il-Kummissjoni tista' tħaddan biss aspirazzjonijiet politiċi, fil-qasam tal-kummerċ hija għandha kompetenza sħiħa. Madanakollu, il-kwistjoni tar-responsabbiltà tal-Kummissjoni f'dan il-qasam hija waħda problematika u jeħtieġ li filwaqt li n-negozjati jkomplu għaddejjin, din tkompli tiġi sorveljata.

2.3 L-inkoraġġiment tal-kummerċ, tariffi aktar baxxi u t-tneħħija ta' l-ostakli fl-oqsma tal-kummerċ u l-investiment, huma kollha fatturi li jaqdu rwol importanti sabiex il-maġġoranza tal-poplu tasal biex taċċetta aħjar l-aspetti pożittivi tal-globalizzazzjoni. Il-qawwiet ekonomiċi l-ġodda bħaċ-Ċina, il-Brażil u l-Indja, li kollha ġew inklużi fl-istrateġija l-ġdida tal-Kummissjoni, qegħdin jadottaw prattiki kummerċjali anqas restrittivi u huma sinjal ta' kif il-globalizzazzjoni kull ma jmur qiegħda tiżdied. Aktar kummerċ ifisser aktar rabtiet ekonomiċi li jssaħħu b'mod konsiderevoli r-relazzjonijiet kulturali u, b'rilevanza partikolari għall-KESE, il-kuntatti fil-livell tas-soċjetà ċivili. Ħafna jemmnu wkoll li dawn ir-rabtiet ser jippromovu u jqanqlu l-aċċettazzjoni u l-iżvilupp ta' l-aħjar prattika fil-qasam tal-ħarsien ta' l-ambjent, il-promozzjoni ta' l-iżvilupp sostenibbli kif ukoll l-iżvilupp ta' standards ogħla soċjali u ta' l-impjieg. Peress li għad m'hemmx garanzija li dan ser ikun ir-riżultat, il-Kumitat jemmen fil-bżonn ta' monitoraġġ serju bil-parteċipazzjoni diretta tas-soċjetà ċivili.

2.4 Il-Kumitat jagħti importanza kbira lir-rwol tas-soċjetà ċivili fl-implimentazzjoni u l-mekkaniżmi ta' segwitu għal dawk il-partijiet speċifiċi tal-ftehimiet li għandhom x'jaqsmu ma' l-iżvilupp sostenibbli. Aħna nagħrfu l-fatt li djalogu bbażat fuq il-kooperazzjoni jqanqal kunfidenza fost l-imsieħba kkonċernati u hu l-uniku mod ta' kif wieħed għandu jindirizza l-kwistjonijiet sensittivi involuti.

2.5 Aħna nilqgħu l-fatt li l-mandat għan-negozjati tal-ftehimiet il-ġodda ġabar fih il-linji gwida importanti, li jispeċifikaw li l-ftehimiet għandhom ifittxu li jippromovu rispett lejn l-iżvilupp sostenibbli (b'mod speċjali lejn l-istandards soċjali u ambjentali). Il-mandat għandu jitqies fil-kuntest tal-kwistjonijiet globali bħall-bidla fil-klima, l-Għanijiet ta' żvilupp tal-Millennju, il-ġlieda kontra l-faqar u l-istandards tax-xogħol deċenti u tas-saħħa (b'mod partikolari fil-qasam ta' l-ikel).

2.6 Il-Kumitat jirrakkomanda li fost is-soċjetà ċivili, jerġa' jinfetaħ id-dibattitu dwar il-preferenzi kollettivi li jirfdu l-bażi tal-mudell Ewropew ta' l-ekonomija soċjali tas-suq. Il-ftehimiet bilaterali għandhom juru biċ-ċar li l-Ewropa ser tibqa' tħaddan il-preferenzi kollettivi tagħha fejn jidħlu kwistjonijiet soċjali u fl-oqsma tas-sigurtà ta' l-ikel u ta' l-ambjent. Il-Kummissjoni saħqet fuq dan l-għan fil-Komunikazzjoni tagħha ta' Ottubru 2007 (COM 581(2007)) fejn tistqarr li "Jeħtieġ li l-UE tiżgura li l-pajjiżi terzi joffru livelli proporzjonati ta' nuqqas ta' xkiel lill-esportaturi u l-investituri Ewropej u li jkollhom regoli bażiċi li ma jkollhomx effett negattiv fuq il-kapaċità tagħna li nipproteġu l-interessi tagħna u li nħarsu l-istandards għall-prodotti għolja relatati mas-saħħa, is-sigurtà, l-ambjent u l-ħarsien tal-konsumatur."

2.7 Il-Kummissjoni ħabbret li mhix sa ddum ma tressaq proposti ġodda ta' kif wieħed għandu jindirizza dawn l-isfidi prinċipali, ibbażati dejjem fuq l-impenn ta' l-UE li tiftaħ is-swieq u tiżgura kompetizzjoni ġusta. Il-Kumitat jemmen għalhekk li l-ftehimiet bilaterali għandhom ikomplu mexjin 'il quddiem b'ċertu urġenza u bbażati fuq politika li għandha bħala l-objettivi tagħha l-protezzjoni, il-ġustizzja u r-reċiproċità biex b'hekk tkun inħolqot tassew ġenerazzjoni ġdida ta' ftehimiet.

3. **Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni "L-Ewropa Globali" — Bidla importanti fil-politika tal-kummerċ ta' l-UE**

3.1 Meta l-Kunsill tal-Ministri approva l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni "L-Ewropa Globali: Kompetizzjoni Dinjija" f'April 2007, seħħ avveniment globali importanti ħafna. B'sehem ta' 26 % fil-kummerċ dinji fil-qasam tas-servizzi u ta' 17.5 % fil-qasam tal-merkanzija, l-UE hija fost l-imsieħba kummerċjali ewlenin tad-dinja (*EU25 — statistika tal-KE għall-2005*). L-istrateġija proposta mill-Kummissjoni

3.2 Dan il-qafas ġdid irriżulta min-nuqqas ta' progress prattiku fiċ-Ċiklu ta' Doha għall-Iżvilupp u għandu jintlaqa' bħala dikjarazzjoni ta' l-intenzjoni tal-Kummissjoni li ssegwi aġenda favur il-liberalizzazzjoni. Il-Kumitat jilqa' l-fatt li l-Kummissjoni għażlet li tenfasizza li l-intenzjoni ta' din l-aġenda mhix li tieħu post il-multilateraliżmu iżda li tippermetti li x-xogħol ikompli għaddej. Il-konklużjoni taċ-Ċiklu ta' Doha għadha neċessità politika u strateġika.

3.3 Madankollu, din il-Komunikazzjoni hija l-ewwel bidla li saret mill-1999 fid-direzzjoni tal-politika tal-kummerċ ta' l-UE. Il-Kumitat diġà laqa' ([1]) l-Komunikazzjoni u b'mod partikolari l-konferma li reġgħet tat ta' l-impenn tal-Kummissjoni lejn l-iżvilupp tal-kummerċ u tar-rabta ta' l-UE mal-multilateraliżmu. Importanti li l-ftehimiet bilaterali ma jfixklux il-multilateraliżmu.

([1]) Fl-opinjoni intitolata *L-isfidi u l-opportunitajiet għall-UE fil-kuntest tal-globalizzazzjoni*, Rapporteur: Henry Malosse, (REX/228 CESE 136/2007 fin), Mejju 2007.

3.4 Iżda għandhom ikunu ristretti li jipprovdu appoġġ lill-approċċ multilaterali. Huma għandhom jitqiesu bħala fatturi kompatibbli mal-multilateraliżmu u li eventwalment ser issaħħuh. Il-Kumitat jemmen li l-qligħ li jkun sar b'mod bilaterali jista' jservi biex iqanqal il-proċess multilaterali u dan b'riżultat ta' diskussjonijiet aktar dettaljati u ta' allinjament eqreb tal-pożizzjonijet li ġejjin minn approċċ bilaterali.

3.5 Il-Professur Patrick Messerlin semma l-komplessitajiet li jeżistu f'dan il-qasam b'mod ċar ([2]). Ir-riżorsi umani tant huma skarsi f'ċerti stati jew reġjuni żgħar li l-għażla bejn multilaterali jew bilaterali hija waħda kritika u importanti.

3.6 Għalhekk huwa importanti li l-Kummissjoni tinnegozja biss dawk l-FTAs (Ftehimiet tal-Kummerċ Ħieles) li ġie ppruvat li għandhom valur miżjud ġenwin. L-approċċ bilaterali huwa kapaċi jippermetti aktar rispett lejn id-differenzi reġjonali u nazzjonali milli jippermettu l-ftehimiet multilaterali li bilfors ikollhom isegwu approċċ aktar ġenerali. F'dan ir-rigward il-Kumitat jemmen li t-tliet kwistjonijiet prinċipali msejħa "l-kwistjonijiet ta' Singapor" jiġifieri l-kompetizzjoni, l-investiment u l-akkwist pubbliku għandhom jerġgħu jiġu enfasizzati. Il-Kummissjoni beħsiebha tindirizzahom permezz tan-negozjati ta' l-FTA minkejja li l-UE warrbet dawn il-kwistjonijiet min-negozjati tad-DDA (l-Aġenda ta' Doha għall-Iżvilupp) f'Cancun.

3.7 Il-Kumitat jisħaq fuq il-bżonn ta' bidla kwalitattiva fl-approċċ lejn din is-sensiela ġdida ta' negozjati: li wieħed semplikement jirrepeti fuq livell bilaterali dawk il-politiki li ma kellhomx suċċess fuq livell multilaterali mhuwiex biżżejjed.

3.8 L-UE għandha tapprezza wkoll li kull imsieħeb f'dawn in-negozjati ser ikun jixtieq jipproċedi b'mod u manjiera konformi mat-tradizzjonijiet tiegħu. Jeżistu differenzi kbar u f'diversi oqsma bejn l-approċċi ta' l-Ewropa u dawk ta' l-Ażja. Jeżistu differenzi kbar per eżempju bejn il-membri ta' l-ASEAN b'mod speċjali f'dak li għandu x'jaqsam ma' żvilupp. L-UE ma tistax testendi l-istandards tagħha mingħajr ma jkun sar negozjar.

4. **Rakkomandazzjonijiet ġenerali għall-futur ta' l-FTAs**

4.1 Il-Kummissjoni stabbilixxiet sensiela ta' FTAs ewlenin u negozjati tal-kummerċ oħra kif ukoll sensiela ta' temi fil-qasam tan-negozji li jinkludu l-ostakli tekniċi u non-tariffarji u "l-kwistjonijiet ta' Singapor" li tixtieq tippromovi u li permezz tagħhom qiegħda timmira li tiżviluppa u ssaħħaħ "l-aġenda għall-kompetittività" tal-politika tal-kummerċ tagħha. In-negozjati għandhom ikunu mifruxa iżda hemm bżonn li l-ftehimiet jevitaw kontradizzjonijiet u standards li mhumiex kompatibbli. Il-Kumitat ser jara li jkunu qed jissegwew linji gwida ċari kemm fl-FTAs li ġejjin kif ukoll matul in-negozjati li hemm ċans li jsegwu f'dawn l-oqsma:

4.2 **Ostakli tekniċi għall-kummerċ:** f'ħafna pajjiżi dawn qed ixekklu l-kummerċ u t-tkabbir ekonomiku bil-kbir u qed joħolqu aktar ostakli fl-aċċess għas-suq milli joħolqu l-ostakli tariffarji (b'mod speċjali għaliex diversi pajjiżi fit-triq ta' l-iżvilupp naqqsu t-tariffi b'mod unilaterali sabiex jiżviluppaw il-kummerċ u l-investiment). In-nuqqas ta' qbil dwar l-istandards huwa komuni ħafna, b'mod partikolari fir-rigward l-istandards tas-saħħa tal-bniedem, ta' l-annimali u tal-pjanti. L-UE għandha wħud mill-ogħla standards tad-dinja li ħafna drabi huma interpretati bħala skuża għall-protezzjoniżmu. L-Unjoni għandha tkun disposta li ssaħħaħ il-qasam tat-taħriġ, tibni fuq il-kapaċitajiet disponibbli u tibni wkoll fuq is-suċċess li kellhom il-programmi ta' Għajnuna Teknika Relatata mal-Kummerċ (TRTA).

4.3 **L-ostakli tariffarji** ser ikunu kwistjoni ewlenija tat-tliet negozjati prinċipali mal-Korea, l-Indja u l-ASEAN. L-Indja, b'mod partikolari, għandha tariffi għoljin ħafna rrinforzati b'dazji oħra bħad-Dazju Addizzjonali u d-Dazju Addizzjonali Straordinarju (*Additional Duty* u *Extra Additional Duty*) li flimkien jammontaw għal tariffa globali ta' 550 % għal ċerti prodotti. Fost il-pajjiżi ta' l-ASEAN teżisti l-problema tan-nuqqas ta' armonizzazzjoni, fejn qed jiġu applikati tariffi differenti u sistemi tad-dazju diskriminatorji ([3]).

4.4 Prijorità prinċipali fuq l-aġenda tan-negozjati ser tkun it-tneħħija ta' l-ogħla numru possibbli ta' **ostakli non-tariffarji (NTBs)**. Il-problemi li jistgħu jinħolqu f'dan il-qasam ġejjin minn burokraziji eċċessivi, regolamentazzjoni lokali restrittiva, nuqqas ta' impjieg ieħor għall-uffiċjali superfluwi u saħansitra l-korruzzjoni. L-istimi tad-WTO juru li jeżistu NTBs fuq 93 % ta' l-importazzjonijiet mill-Indja meta per eżempju fil-Brażil ir-rata hija ta' 22 % ([4]). L-NTBs fil-pajjiżi ta' l-ASEAN huma għoljin ukoll u jvarjaw ħafna (per eżempju fl-Indonesja l-NTBs jolqtu lil 31 % ta' l-importazzjonijiet filwaqt li f'Singapor jolqtu biss lil 2 % minnhom). Fil-Korea jolqtu lil 25 %.

4.5 **Il-kriterji ekonomiċi għandhom jingħataw importanza prijoritarja** — is-swieq attwali u futuri għandhom ikunu l-fatturi li jiddeterminaw il-futur ta' l-FTAs.

4.6 Il-ftehimiet għandhom jinkludu **l-prodotti u s-servizzi kollha** jiġifieri 90 % tal-kummerċ: l-Artikolu GATT XXIV jispeċifika li għandhom jiġu eliminati r-restrizzjonijiet bejn il-membri ta' l-FTA. Madanakollu ser ikun hemm bżonn li jsiru xi eċċezzjonijiet b'mod partikolari fejn jidħlu l-livelli ta' sussistenza agrikola. Din ir-restrizzjoni ma tistax tiġi applikata fil-qasam **tas-servizzi** fejn l-ogħla rata ta' inklużjoni possibbli ser tkun kwistjoni kritika. Hawnhekk qed nitkellmu fuq il-possibbiltà ta' akkwisti kummerċjali u kwantifikabbli kbar għal kull imsieħeb involut f'dawn il-ftehimiet. Il-moviment ħieles tal-kapital u tal-finanzi jaqdu rwol ċentrali sabiex kull imsieħeb ikun jista' jibbenefika bl-aħjar mod possibbli. Madanakollu, il-moviment ħieles tan-nies iqajjem problemi partikolari, b'mod speċjali skond "il-modalitajiet" 3 u 4. Is-sejba ta' soluzzjoni prattika ser tkun sfida kbira. Hawnhekk il-garanzija ta' l-aċċess liberu ta' Stat għall-professjonisti kkwalifikati ta' l-Istati l-oħra msieħba f'dawn il-ftehimiet, ser tkun sfida prinċipali. Is-soċjetà ċivili ser tkun trid issegwi

([2]) Patrick Messerlin: "Assessing the EC Trade Policy in Goods, European Centre for International Political Economy, 2007" (Jan Tumlir Policy Essay Nr. 01, 2007).

([3]) CBI *Briefing Paper*, Marzu 2007.

([4]) WTO *Market access: Unfinished Business — Post Uruguay round Inventory*, 2003.

mill-qrib l-iżviluppi u l-implimentazzjoni li jsiru f'dan il-qasam. Filwaqt li nifhmu li kull imsieħeb f'dawn in-negozjati ser ikollu qasam aktar sensittiv minn ieħor, jeħtieġ li l-ftehimiet kontradittorji jew li mhumiex kompatibbli ma' dawk li diġà saru jiġu evitati għal kollox. Il-Kumitat jilqa' l-intenzjoni tal-Kummissjoni li tibda l-ħidma tagħha fuq nota pożittiva hekk kif sar fin-negozjati ta' Doha għall-kuntrarju ta' l-approċċ negattiv ta' l-Istati Uniti.

4.7 Jeħtieġ li l-UE tippromovi **d-dimensjoni internazzjonali tas-suq intern** sabiex tħeġġeġ żieda fl-integrazzjoni ekonomika dejjem jekk din tista' tkun ta' benefiċċju, bħal per eżempju fil-każ ta' l-istandards tal-kontabilità, sabiex, fost affarijiet oħra, jiġu assigurati kundizzjonijiet uniformi għall-imsieħba kollha.

4.8 L-FTAs jeħtieġu **klawżoli ta' salvagwardja, mekkaniżmu biex jissolva t-tilwim** u aġenda soċjali għall-monitoraġġ tal-proċess. Il-KESE jirrakkomanda li jitwaqqaf mekkaniżmu li permezz tiegħu tkun tista' tinstab soluzzjoni rapida għall-problemi non-tariffarji. **Dan ikun mekkaniżmu bilaterali maħluq biex iwassal għall-ftehim permezz ta' sistema flessibbli. L-Unjoni Ewropea diġà kisbet xi esperjenza f'dan il-qasam, permezz tan-netwerk intern "Solvit"**. Il-KESE diġà indirizza l-kwistjoni tal-monitoraġġ ta' aġenda soċjali bħal din fil-kuntest tal-ftehimiet bilaterali u ppropona t-twaqqif ta' "osservatorji bilaterali konġunti" ([5]).

5. Rakkomandazzjonijiet għall-ftehimiet kummerċjali tal-futur: l-aspetti soċjali u ambjentali ([6])

5.1 Il-Kumitat b'mod partikolari jilqa' l-fatt li l-Komunikazzjoni tirreferi għall-importanza tal-Ġustizzja Soċjali meta tistqarr li għandna"nirrikonoxxu wkoll l-impatti tal-ftuħ tas-swieq għal ċerti reġjuni u ħaddiema, partikolarment dawk anqas kwalifikati". Hija tenfasizza wkoll it-theddida tal-bidla fil-klima u f'dan il-kuntest tirreferi b'mod partikolari għall-enerġija u l-bijodiversità.

5.2 Fis-sensiela ta' negozjati ma' l-Urugwaj, il-Kummissjoni appoġġjat klawżola soċjali għall-kummerċ dinji. Madanakollu din l-idea ma ntlaqgħatx mill-pajjiżi fit-triq ta' l-iżvilupp, li interpretaw kondizzjonalità bħal din bħala skuża għall-protezzjoniżmu, u għalhekk kellha titwarrab.

5.3 Madanakollu fl-UE baqgħet tippersisti l-biża' "mid-dumping soċjali" jiġifieri minn pagi u minn spejjeż soċjali ferm baxxi sabiex tinħoloq kompetizzjoni "inġusta". Il-KESE ([7]) huwa tal-fehma li ż-żoni ħielsa ta' dawk il-pajjiżi li huma involuti f'dawn in-negozjati bilaterali, għall-ebda raġuni ma jistgħu joperaw barra mil-limiti (ta' natura soċjali u ambjentali) stabbiliti mil-leġiżlazzjoni nazzjonali. Dawn huma każijiet ġenwini ta' dumping soċjali u ambjentali. Il-ftehimiet għandhom jiggarantixxu li l-ebda negozju ma jistipula objettivi, permezz ta' kuntratti lil terzi persuni, b'livelli aktar baxxi minn dawk imwaqqfa mil-leġislazzjoni nazzjonali jew mill-konvenzjonijiet fundamentali ta' l-ILO.

5.4 In-negozjati bilaterali kollha għandhom ikunu bbażati fuq il-qafas ta' l-impenji prinċipali internazzjonali: id-dikjarazzjoni ta' l-ILO ta' l-1998, is-Summit dwar l-Iżvilupp Sostenibbli ta' l-2005, l-impenji li saru fil-qafas ta' l-Għanijiet ta' Żvilupp għall-Millennju għall-ġlieda kontra l-faqar u d-dikjarazzjoni ministerjali ta' l-2006 dwar ix-xogħol deċenti.

5.5 Minkejja l-punti sensittivi li tqajmu u n-nuqqas ta' progress li kien hemm, li rriżultaw minn approċċ multilaterali lejn din l-aġenda soċjali, permezz tad-WTO, il-Kumitat iħeġġeġ lill-Kummissjoni tikkunsidra approċċ bilaterali. Kif intqal diġà, permezz ta' approċċ bilaterali, il-Kummissjoni għandha tikseb l-għanijiet tagħha b'mod aktar effettiv għax approċċ bilaterali jassigura djalogu li jirrispetta d-differenzi kulturali fil-kuntest ta' l-iżvilupp.

5.6 In-numru ta' ċittadini Ewropej li huma mħassba dwar il-futur ta' l-Ewropa f'dinja globalizzata kulma jmur qiegħed jiżdied. Min-naħa tagħha l-Kummissjoni qed tfittex li tiddefinixxi "l-interess Ewropew" kif wera r-rapport sommarju ta' Diċembru 2007 dwar l-Istrateġija ta' Lisbona. Il-Kummissjoni tenfasizza d-dimensjoni esterna ([8]) u tagħraf il-bżonn dejjem jikber li jiġu assigurati kundizzjonijiet ugwali fil-livell internazzjonali.

Sabiex issaħħaħ id-dimensjoni esterna ta' l-Istrateġija ta' Lisbona b'kunsiderazzjoni tad-difiża kif ukoll il-ftuħ leġittimu ta' l-interess Ewropew, il-Kummissjoni qablet li d-djalogu mal-pajjiżi terzi għandu jiżdied u jiġi razzjonalizzat u li għandhom jiġu enfasizzati kwistjonijiet ta' interess reċiproku bħall-aċċess għas-suq, il-konverġenza regolatorja, il-migrazzjoni u l-bidla fil-klima. Kull sena ser tadotta rapport wieħed dwar l-aċċess għas-suq fejn issemmi dawk il-pajjiżi u s-setturi li għadhom qed jiffaċċjaw ostakli kbar. Il-Kumitat jixtieq li s-soċjetà ċivili u l-imsieħba l-oħra tas-soċjetà jiġu involuti f'dan il-proċess u jemmen li permezz t'hekk il-politiki ta' l-Unjoni dwar il-kummerċ, ir-relazzjonijiet esterni u l-għajnuna għall-iżvilupp ikunu qed jingħataw aktar viżibilità u koerenza.

5.7 Fil-preżent immedjat u b'kunsiderazzjoni tan-negozjati attwali dwar il-kummerċ, il-Kumitat jemmen li s-27 konvenzjoni li jagħmlu parti mis-sistema *GSP Plus*, jipprodvu bażi għall-kapitolu dwar l-iżvilupp sostenibbli (id-drittijiet soċjali, ambjentali u umani u l-aspetti ta' gvernanza). L-għan għandu jkun li din il-bażi ssir punt komuni ta' referenza. Ir-ratifika, l-implimentazzjoni u l-monitoraġġ ta' dawn is-27 konvenzjoni internazzjonali għandhom jiffurmaw il-bażi minima tad-diskussjoni dwar il-kapitlu ta' l-iżvilupp sostenibbli, fin-negozjati attwali mal-pajjiżi ta' l-ASEAN.

([5]) Ara REX/182 — Id-dimensjoni soċjali tal-globalizzazzjoni.
([6]) Opinjoni dwar L-isfidi u l-opportunitajiet għall-UE fil-kuntest tal-globalizzazzjoni, rapporteur: Is-Sur Malosse, 31 ta' Mejju 2007.
([7]) *Ir-responsabbiltà soċjali korporattiva*, Evelyne Pichenot, Diċembru 2006.
([8]) Komunikazzjoni mill-Kummissjoni tal-11 ta' Diċembru 2007, valutazzjoni u sommarju dwar l-Istrateġija ta' Lisbona.

5.8 Fid-dawl tad-diversi livelli differenti ta' żvilupp fost il-pajjiżi Ażjatiċi u l-kapaċità istituzzjonali tagħhom li jimplimentaw dawn il-konvenzjonijiet b'mod effettiv, il-Kumitat jirrakkomanda li din il-kundizzjoni tiġi eżaminata każ b'każ u li kull pajjiż jingħata l-għajnuna finanzjarja li jeħtieġ sabiex ikun jista' jlaħħaq ma' l-esigenzi involuti. Fil-kuntest tal-pajjiżi li huma aktar żviluppati, bħall-Korea t'Isfel, din il-bażi hija biss il-bidu li jista' jwassal biex jittieħdu impenji aktar konsistenti fil-futur.

5.9 Għalhekk il-ftehimiet tal-kummerċ ħieles għandhom jissaħħu permezz ta' ftehimiet ta' kooperazzjoni li joffru l-assistenza finanzjarja meħtieġa sabiex jintlaħqu l-istandards internazzjonali. Impenn finanzjarju ta' dan il-livell ser jinfluwenza sew ir-rekwiżiti mitluba b'mod partikolari fil-qasam ambjentali. Jekk l-assistenza teknika tiġi abbinata mar-riżultati ta' l-implimentazzjoni ta' uħud mill-konvenzjonijiet, hija ser tkun aktar effettiva. Permezz ta' l-għajnuna finanzjarja jista' jseħħ monitoraġġ ta' l-impenji li jagħti spinta lill-progress soċjali.

5.10 L-assistenza teknika ser twassal sabiex jitwaqqfu jew jissaħħu l-korpi lokali jew reġjonali li jħarsu l-implimentazzjoni (eż. spezzjonijiet fuq ix-xogħol, aġenzija għall-użu tal-pestiċidi, eċċ.). Il-Kumitat jemmen b'mod partikolari fil-bżonn li l-mekkaniżmi bilaterali tal-monitoraġġ isiru r-responsabbiltà tal-korpi reġjonali u lokali u li dawn jingħataw il-kapaċità li jissorveljaw il-produtturi tat-territorju kkonċernat u li jimponu s-sanzonijiet fil-każ ta' ksur tal-liġi. Aċċess ġenwin għall-akkwist pubbliku jirrikjedi parteċipazzjoni akbar ta' l-awtoritajiet territorjali fil-monitoraġġ u l-implimentazzjoni.

5.11 Il-Kumitat jitlob li l-valutazzjonijiet ta' l-impatt fl-oqsma soċjali u ambjentali ta' kull pajjiż, ikunu disponibbli sa mill-fażijiet inizjali tan-negozjati sabiex in-negozjaturi jkollhom idea obġġettiva u ġenerali tal-possibbiltajiet u d-diffikultajiet li jiġi stabbilit impenn realistiku mal-pajjiż ikkonċernat. Ikun aħjar li l-proċess tan-negozjati jsir aktar bil-mod biex ikun jista' jinkiseb riżultat tajjeb u jsir b'kunsiderazzjoni tal-valutazzjonijiet ta' l-impatt li għaddejjin bħalissa li ser jagħtu l-kapaċità lis-soċjetà ċivili li tanalizza l-iżviluppi b'mod trasparenti għall-aħħar u l-għajnuna finanzjarja meħtieġa sabiex jintlaħqu l-aħjar objettivi soċjali u ambjentali.

5.12 F'ħafna pajjiżi, it-tnaqqis tat-tariffi tad-dwana jfisser telf fir-riżorsi finanzjarji allokati għas-servizzi pubbliċi. Din hija sitwazzjoni kumplessa li jeħtieġ li tiġi eżaminata aħjar. Għalhekk dawn il-ftehimiet tal-kummerċ ħieles m'għandhom jinkludu l-ebda proposti jew miżuri li ser iħallu effett fuq it-tħaddim tas-servizzi pubbliċi.

6. **Approċċ dinamiku lejn ix-xogħol deċenti fil-ftehimiet kummerċjali ta' l-Unjoni**

6.1 Il-Kumitat jemmen li x-xogħol deċenti, kif imfisser mill-ILO għandu jsir punt ta' referenza prijoritarju fil-kummerċ Ewropew u globali. Hawnhekk qed nitkellmu fuq kunċett li huwa rrikonoxxut fuq livell internazzjonali minn dawk li jħaddmu, mill-istati u mill-ħaddiema. Il-garanzija ta' xogħol deċenti li tiġbor fiha wkoll l-impjieg, ir-rispett lejn id-drittijiet tal-ħaddiema, id-djalogu soċjali u l-protezzjoni soċjali, hija kruċjali għall-ġlieda kontra l-faqar u għall-ksib tal-progress globali ([9]).

6.2 Il-kumitati inkarigati mill-monitoraġġ tal-ftehim tal-kummerċ ħieles għandhom jipprovdu appoġġ għall-proċeduri ta' djalogu eżistenti, b'mod speċjali f'dawk il-każijiet fejn shubija jew ftehim ta' assoċjazzjoni ħolqu struttura għal djalogu dwar "l-impjieg u l-affarijiet soċjali".

6.3 Il-Kumitat jikkunsidra li l-progress fil-qasam ta' l-istandards soċjali għandu jagħmel parti mill-approċċ ta' żvilupp sostenibbli li ġie stipulat fil-mandat. Fl-1996 ġie stabbilit li l-ħidma konġunta ta' l-ILO u d-WTO kellha bżonn tissaħħaħ. Dan wassal biex fl-2007 sar rapport konġunt dwar il-kummerċ u l-impjieg. Il-ħidma ser tkompli għaddejja fil-forma ta' studju dwar is-settur "informali". Il-Kumitat jirrakkomanda lill-UE li tikkunsidra l-interventi ta' l-ILO fil-livell reġjonali, hija u teżamina l-impatt ta' l-integrazzjoni tal-kummerċ fuq ix-xogħol deċenti u fuq it-tfassil tal-politiki tax-xogħol, tal-protezzjoni soċjali u ta' l-istandards tax-xogħol. Il-Kumitat jixtieq jiġbed l-attenzjoni tan-negozjaturi lejn l-importanza li jitwaqqfu indikaturi li huma kompatibbli ma' l-aġenda tax-xogħol deċenti.

6.4 Fl-istadju attwali tan-negozjati, il-Kumitat jemmen li tinħtieġ ir-ratifika u l-implimentazzjoni tat-tmien konvenzjonijiet bażiċi ([10]) (soġġetti għal verifikazzjoni minn grupp ta' ħidma konġunt tad-WTO u l-ILO), u jsejjaħ ukoll għall-kunsiderazzjoni ta' l-erba' konvenzjonijiet prijoritarji l-oħra dwar is-saħħa u s-sigurtà u l-ispezzjonijiet tax-xogħol. Huwa jitlob ir-ratifika ta' l-akbar numru possibbli ta' konvenzjonijiet li huma rilevanti għall-pajjiż kkonċernati, dejjem skond il-prinċipju tad-differenzjazzjoni.

6.5 Il-Kumitat jirrakkomanda li n-negozjati dwar il-ftehimiet il-ġodda tal-kummerċ jiġu akkumpanjati mill-introduzzjoni ta' programmi nazzjonali tax-xogħol deċenti. Huwa jħeġġeġ lill-pajjiżi kkonċernati ta' l-ASEAN sabiex jitolbu l-għajnuna ta' l-ILO biex iwettqu dijanjosi tripartitika u biex iħaffu r-rikonoxximent ta' dan il-pjan mill-istituzzjonijiet internazzjonali kollha. Il-Kumitat jixtieq li l-kwistjoni tan-negozjati bilaterali tkun tagħmel parti mill-komunikazzjoni ta' segwitu dwar ix-xogħol deċenti, ippjanata għall-2008.

6.6 Il-Kumitat jitlob lill-UE u lill-Istati Membri biex jipprovdu l-għajnuna finanzjarja u d-donazzjonijiet tagħhom fl-istadju li jmiss tal-monitoraġġ tal-ftehimiet sabiex tiġi megħjuna l-implimentazzjoni tal-pjanijiet nazzjonali tax-xogħol deċenti. Fir-rapporti annwali tagħha għal kull pajjiż, l-UE għandha tagħti attenzjoni partikolari lill-eżerċizzju tad-drittijiet tat-trade unions u r-rakkomandazzjonijiet tal-kumitat għall-istandards tax-xogħol ta' l-ILO.

([9]) Opinjoni dwar *Id-dimensjoni soċjali tal-globalizzazzjoni*, rapporteurs: Is-Sur Etty u s-Sinjura Hornung-Draus.

([10]) Tabella dwar il-progress tar-ratifiki fl-Asja fl-appendiċi.

6.7 Dwar il-mekkaniżmu ta' monitoraġġ, il-Kumitat jemmen li l-imsieħba soċjali fil-livelli reġjonali u lokali għandhom jitħeġġu jagħtu l-kontribut tagħhom fl-evalwazzjonijiet ta' l-impatt. Huwa jissuġġerixxi li jitwaqqfu strutturi settorjali għall-analiżi dettaljata tad-diffikultajiet speċifiċi li ġejjin minn kull settur.

7. **Id-drittijiet tal-proprjetà intellettwali (IPR) — u l-infurzar tagħhom**

7.1 Il-Kumitat jilqa' l-enfasi li għamlet il-Kummissjoni fil-Komunikazzjoni fuq it-tisħiħ tad-drittijiet tal-proprjetà intellettwali permezz tal-mezzi msemmija b'mod partikolari billi toffri għajnuna lill-SMEs u operaturi oħrajn li huma involuti f'kummerċ ma' l-ekonomiji l-ġodda. Sabiex l-UE tkun tista' tilħaq l-għan tagħha li tnaqqas il-ksur ta' l-IPR u l-produzzjoni u l-esportazzjoni ta' merkanzija falza, hemm bżonn li tiżviluppa strateġija għall-ħarsien tad-drittijiet tal-proprjetà intellettwali u għat-tisħiħ ta' l-attività ta' l-infurzar. L-infurzar huwa importanti ħafna f'dan il-kuntest. Jeħtieġ l-implimentazzjoni tal-ftehim TRIPs mill-imsieħba ta' l-FTA. Hija u tikkonkludi l-ftehimiet, l-UE għandha tikseb l-impenn sħiħ tal-pajjiżi għall-infurzar konkret tal-leġiżlazzjoni eżistenti ta' l-IPR flimkien ma' kontroll suffiċjenti u valutazzjoni tar-riżulati miksuba, aktar milli taħdem għal ftehimiet kompletament ġodda. Il-kapaċità u l-ħila ta' l-UE fil-qasam tar-Riċerka u l-Iżvilupp li tant ġie enfasizzat fl-istrateġija ta' Lisbona, huma fatturi importanti għall-kompetittività ta' l-Ewropa f'dinja fejn l-akbar sfida ekonomika kull ma jmur dejjem aktar sa tkun ġejja minn barra l-Ewropa.

7.2 Fil-ġlieda kontra l-falsifikazzjoni, il-Kumitat iħeġġeġ linnegozjaturi, b'mod partikolari l-Indja, li jiddiskutu l-miżuri għall-ħarsien tal-konsumaturi mir-riskji assoċjati mal-falsifikazzjoni. Is-segwitu tal-ftehim għandu jinkludi kumitat konġunt UE-Indja dwar il-falsifikazzjoni (kif sar maċ-Ċina) ([11]).

7.3 L-Indja hija involuta fil-proċess ta' Heiligerdamm (li tnieda f'Ġunju 2007) bejn il-pajjiżi tal-G8 u l-ħames ekonomiji l-ġodda, sabiex jinħoloq djalogu strutturat dwar il-promozzjoni ta' l-innovazzjoni u l-ħarsien tad-drittijiet tal-proprjetà intellettwali. Ikun utli għan-negozjati bilaterali għalhekk, li s-soċjetà ċivili tikkunsidra l-monitoraġġ ta' dan il-proċess.

8. **Ir-regoli ta' l-oriġini**

8.1 Għandu jingħata permess għall-akkumulazzjoni ta' l-oriġini bejn l-imsieħba li magħhom l-UE daħlet fi Ftehim tal-Kummerċ Ħieles (FTA). Ir-regoli ta' l-oriġini għandhom jiġu armonizzati sabiex jitħaffef il-kummerċ ma' l-imsieħba tagħna fl-FTA. In-nuqqas ta' akkumulazzjoni u differenzi bejn ir-regoli ta' l-oriġini għall-kummerċ multilaterali ("regoli mhux preferenzjali") u għaż-żoni tal-kummerċ ħieles ("regoli preferenzjali") jimponu diffikultajiet fuq l-operaturi ekonomiċi meta dawn jiġu biex japprofittaw mit-tariffi aktar baxxi ta' l-FTAs. Illum il-ġurnata, ħafna mill-importaturi Ewropej jippreferu jħallsu d-dazju mhux preferenzjali milli d-dazju irħas ta' l-FTA, sabiex jevitaw il-multi li jistgħu jeħlu talli jkunu aċċettaw ċertifikati ta' l-oriġini dubjużi. F'każijiet bħal dawn, l-FTAs mhumiex qed iservu l-għan tagħhom li jespandu l-kummerċ.

([11]) Irreferi wkoll għall-Opinjoni intitolata "Id-diveri miżuri politiċi, li jmorru lil hinn minn finanzjament adegwat, għall-iżvilupp ta' l-SMEs". Rapporteur: Is-Sur Cappellini.

9. **Is-swieq ta' l-akkwist tal-gvern u r-regoli ta' l-investiment u l-kompetizzjoni fil-pajjiżi terzi**

9.1 Il-Kumitat jinsab imħasseb dwar id-DDA u dwar kemm issa huwa ż-żmien opportun li fih jiġu introdotti "l-kwistjonijiet ta' Singapor". Madanakollu huwa jilqa' l-proposti dettaljati tal-Kummissjoni għall-ftuħ tas-swieq ta' l-akkwist pubbliku (li kull ma jmur aktar qiegħed jissejjaħ l-akkwist tal-gvern) fil-pajjiżi terzi, ir-regoli ta' l-investiment, il-kompetizzjoni u l-għajnuna statali, minħabba r-restrizzjonijiet li japplikaw l-imsieħba kummerċjali prinċipali ta' l-UE. Kif intqal diġà, biex FTA verament ikun jagħmel sens jeħtieġ li jitqies bħala wieħed li jħalli valur miżjud.

9.2 Il-Kumitat jinnota li fil-qasam ta' **l-akkwist tal-gvern** jeżisti grupp ta' ħidma tad-WTO li jippermetti lil dawk il-pajjiżi ta' l-istess fehma li jagħmlu progress konsenswali fil-qasam ta' l-akkwist pubbliku taħt id-WTO. B'ħekk ikun qiegħed jitħaffef il-pass mingħajr ma ssir pressjoni fuq il-pajjiżi biex jikkommettu ruħhom aktar milli jifilħu. Wieħed jista' jagħmel użu minn sistema bħal din għall-ftehimiet bilaterali wkoll.

9.3 Kif stqarret il-Kummissjoni fil-Komunikazzjoni tagħha *L-Ewropa Globali*, l-akkwist tal-gvern huwa "qasam ta' potenzjal sinifikanti li għadu mhux sfruttat għall-esportaturi ta' l-UE." Dan il-qasam huwa importanti ħafna għall-esportaturi ta' l-UE fiddiversi setturi tas-swieq il-ġodda. B'kunsiderazzjoni ta' l-eżempju ta' l-FTA bejn l-UE u ċ-Ċili, il-Kumitat jemmen li l-istandards stabbiliti mill-Ftehim dwar l-Akkwist tal-Gvern (GPA) ta' l-1994 għandhom ikunu l-istandards minimi tal-ftehimiet ukoll. Fejn meħtieġ, l-UE għandha toffri assistenza teknika jew għajnuna oħra għat-tisħiħ tal-kapaċità (*capacity building*) lill-partijiet ikkonċernati sabiex tgħinhom jikkonformaw mal-ftehim. Nixtiequ niġbdu attenzjoni lejn il-fatt li l-Istati Uniti, fin-negozjati tagħha, wriet biċ-ċar li tixtieq tikseb dan l-għan. Aħna nilqgħu il-garanzija li tat il-Kummissjoni li dan huwa l-għan ta' l-UE wkoll. M'għandna l-ebda illużjoni falza li l-ksib ta' dan l-objettiv ser ikun wieħed faċli, b'mod partikolari fl-Indja fejn il-kompetenza taqa' taħt il-livell statali u mhux federali.

9.4 Huwa importanti li jittejbu l-kundizzjonijiet ta' **l-investiment** fil-pajjiżi terzi sabiex ikun jista' jseħħ it-tkabbir kemm fl-UE kif ukoll fil-pajjiżi benefiċjarji. Numru kbir, jekk mhux il-maġġoranza ta' l-imsieħba kummerċjali ta' l-UE jżommu livell għoli ta' protezzjoni mill-investiment barrani dirett. Dan jagħmluh permezz ta' sistemi diskriminatorji u regoli ta' awtorizzazzjoni li jinvolvu spejjeż amministrattivi u/jew burokratiċi kbar. Barra minn hekk jeżistu wisq setturi li għalihom jew għal partijiet sostanzjali tagħhom, l-investiment Ewropew m'għandu l-ebda aċċess, b'mod partikolari s-settur tas-servizzi (banek, finanzi, assigurazzjoni, u trasport). L-għan prinċipali ta' dawn in-negozjati ser ikun it-tneħħija tar-restrizzjonijiet li mhumiex neċessarji u l-assigurazzjoni li n-negozjati u l-proċessi stabbiliti jkunu kompletament trasparenti u li l-proċedura ta' awtorizzazzjoni min-naħa ta' imsieħeb fl-FTA tkun ġusta, rapida u effiċjenti. Il-Kumitat jinnota li l-mudell ta' l-FTA li tuża l-Istati Uniti fin-negozjati tagħha jagħmel użu minn approċċ komprensiv li jiġbor fih ukoll il-ħarsien ta' l-investituri.

9.5 Aħna nilqgħu x-xewqa ta' l-UE li fin-negozjati ta' l-FTA tinkludi xi dispożizzjonijiet dwar **il-kompetizzjoni**. Ħafna drabi l-investiment u l-kummerċ ma jkunux faċli minħabba n-nuqqas ta' sistemi adegwati ta' kompetizzjoni fil-pajjiżi kkonċernati. Dan in-nuqqas ifixkel il-kummerċ globali. L-ostakli fil-flussi ta' l-investiment ħafna drabi huma kkawżati minn distorsjonijiet fis-suq ikkaġunati min-nuqqas ta' kompetizzjoni (jew min-nuqqas gravi ta' implimentazzjoni tar-regoli). Dawn huma l-kwistjonijiet fundamentali ta' gvernanza globali. Kemm il-ftehim ma' l-Afrika t'Isfel kif ukoll il-ftehim maċ-Ċili jipprovdu għall-kooperazzjoni bejn il-Kummissjoni u l-awtorità lokali li għandha l-kompetizzjoni f'idejha. Il-Kummissjoni għandha tinkludi dispożizzjonijiet bħal dawn fl-FTAs. Dan ser ikun pass diffiċli (possibbilment bl-eċċezzjoni tal-Korea t'Isfel).

9.6 Il-Kumitat jilqa' l-fatt li l-Kummissjoni enfasizzat mill-ġdid **l-istrateġija għall-aċċess għas-suq**, flimkien ma' l-impenn tal-konċentrazzjoni tar-riżorsi f'pajjiżi ewlenin u t-twaqqif ta' prijoritajiet ċari fir-rigward tat-tneħħija ta' l-ostakli non-tariffarji u oħrajn kummerċjali f'pajjiżi prijoritarji.

9.7 Il-Kumitat jinnota li attwalment għaddejja r-reviżjoni ta' **l-istrumenti ta' difiża kummerċjali ta' l-UE**. Il-Kumitat jemmen li l-istrumenti ta' difiża kummerċjali ta' l-UE għandhom ikomplu jaqdu rwol protettiv anke fi ħdan il-ftehimiet bilaterali (il-miżuri ta' kontra d-dumping, ta' kontra s-sussidji u ta' salvagward).

10. **Il-faċilitazzjoni tal-kummerċ**

10.1 Ir-raba'"kwistjoni ta' Singapor", li ssemmiet fil-Komunikazzjoni, għadha tagħmel parti integrali mill-aġenda ta' Doha. L-abbozz tat-test tad-WTO dwar il-Faċilitazzjoni tal-Kummerċ dal-waqt ser jiġi adottat. Permezz ta' dan ser jitwaqqfu standards prinċipali għall-ġestjoni tal-fruntieri u tad-dwana fil-kummerċ dinji u b'hekk ser jitnaqqas ir-riskju ta' interventi għalgħarrieda min-naħa tal-gvern. Ftehim bħal dan għandu jinkludi proċeduri rapidi u semplifikati għall-ħruġ tal-merkanzija mid-dwana, il-proċeduri ta' rikors u l-appell legali, il-pubblikazzjoni tar-regolamenti tal-kummerċ, it-tnaqqis kemm jista' jkun tal-miżati u l-ħlasijiet u fuq kollox it-twaqqif ta' punt ta' referenza uniku (*single window*) permezz ta' l-użu tat-teknoloġija għall-proċeduri tad-dwana. B'hekk jonqsu x-xogħol doppju, l-ispejjeż u l-ħin involuti b'mod partikolari fil-każijiet fejn id-diversi dipartimenti tal-gvern ikunu qed jitolbu bejn wieħed u ieħor l-istess informazzjoni. Dan għandu importanza partikolari fin-negozjati ma' l-Indja. Skond il-Bank Dinji ([12]), l-esportazzjoni tal-merkanzija mill-Indja tieħu għaxart ijiem (seba' mill-Brażil) filwaqt li l-importazzjoni mill-Indja tieħu medja ta' 41 ġurnata (kontra l-24 mill-Brażil). Ta' min jinnota wkoll id-differenza vasta li teżisti bejn il-membri ta' l-ASEAN, b'mod partikolari bejn Singapor u t-Tajlandja. Inħeġġu lill-Kummissjoni sabiex tagħmel l-almu kollu tagħha sabiex tikseb ftehim bħal dan anki jekk in-negozjati tad-DDA jeħlu totalment. Ftehim bħal dan għandu jwassal għal standards ogħla u għal proċeduri eħfef, irħas u aktar effiċjenti mal-fruntieri u fid-dwana.

10.2 L-ewwel fost dawk li jibbenefikaw minn ftehim bħal dan ikunu l-pajjiżi mingħajr kosta. Proċeduri trasparenti u teknoloġiċi jeliminaw it-telf u d-dewmien involuti waqt li l-merkanzija tkun għaddejja minn pajjiżi terzi fi triqitha lejn jew lil hinn minn port.

10.3 In-negozji ż-żgħar huma l-aktar esposti għall-ispejjeż kummerċjali tad-dwana u ħafna drabi ma jkollhomx il-massa kritika neċessarja (f'termini ta' l-ekonomiji ta' l-iskala, l-ammont ta' bejgħ, in-networks ta' distribuzzjoni, il-faċilitajiet ta' trasport, eċċ.) sabiex ikopru spejjeż tad-dwana għoljin ġejjin minn dewmien amministrattiv, il-korruzzjoni u fatturi oħra, b'riżultat li jitilfu swieq potenzjali. L-SMEs ta' l-UE wkoll ser jibbenefikaw minn ftehim dwar il-faċilitazzjoni tal-kummerċ. Fuq perijodu qasir, l-SMEs jistgħu jiggwadannjaw aktar minn ftehim ambizzjuż dwar il-faċilitazzjoni tal-kummerċ milli minn tnaqqis fit-tariffi.

10.4 Irrispettivament mill-progress li jsir fin-negozjati ta' Doha, il-Kumitat jemmen li għandu jkun hemm enfasi partikolari fuq in-negozjati ta' l-FTA dwar il-Faċilitazzjoni tal-Kummerċ kif ukoll fuq it-tliet Kwistjonijiet l-oħra ta' Singapor.

10.5 Il-Kumitat jinnota s-suċċess tal-programmi ta' Għajnuna Teknika Relatata mal-Kummerċ (TRTA) tal-Kummissjoni, li taw kontribut siewi sabiex dawk il-pajjiżi fit-triq ta' l-iżvilupp jiżviluppaw il-kapaċità tagħhom li jlaħħqu ma' l-esiġenzi tas-sħubija fid-WTO, l-esiġenzi mitluba minnhom bħala esportaturi tal-merkanzija u s-servizzi lejn l-UE, u bħala benefiċjarji ta' investimenti ta' l-UE. Programmi bħal dawn jistgħu jagħmlu użu mill-għarfien tekniku ta' korpi internazzjonali oħra tan-Nazzjonijiet Uniti (eż. l-UNIDO, il-WIPO u l-ITC) li huma kapaċi jsaħħu l-profil ta' l-UE u jwasslu għal aktar kooperazzjoni bejn l-istituzzjonijiet internazzjonali. Dan l-aspett ser jikseb sinifikat akbar meta jiġu biex jinvolvu ruħhom aktar il-membri l-anqas żviluppati ta' l-ASEAN u huwa importanti ħafna għall-progress ta' l-Amerika Latina.

11. **Ir-rwol tas-soċjetà ċivili**

11.1 Il-Kumitat jilqa' l-għan tal-Kummissjoni li tassigura livell akbar ta' monitoraġġ u trasparenza fin-negozjati u li testendi u tiżviluppa l-kollaborazzjoni tagħha mas-soċjetà ċivili fil-pajjiżi u r-reġjuni tad-dinja li għandhom sehem f'dawn in-negozjati. L-istruttura tal-Kumitat tippermettilu li jaqdi rwol attiv fil-qasam tal-monitoraġġ, filwaqt li l-esperjenza li għandu tippermettilu li jagħraf jidentifika l-imsieħba potenzjali fil-pajjiżi terzi. Il-parteċipazzjoni tas-soċjetà ċivili issaħħaħ ukoll ir-rwol li din taqdi f'pajjiżha stess.

11.2 Fil-kuntest tan-negozjati tal-Ftehim tas-Sħubija Ekonomika (EPA) u skond il-Ftehim ta' Cotonou, il-Kumitat għandu l-mandat li jorganizza konsultazzjonijiet u laqgħat mal-gruppi ta' interess ekonomiku u soċjali ta' l-ACP u sa mill-2003, skond it-talba tal-Kummissarju tal-Kummerċ li kien fil-kariga dak iż-żmien (is-Sur Lamy), jitlob minnu wkoll il-monitoraġġ tan-negozjati. Bil-parteċipazzjoni tan-negozjaturi tal-KE, impenn bħal dan irriżulta f'żewġ laqgħat fis-sena tal-Kumitat ta' Segwitu ta' l-ACP-UE, seminars reġjonali darba jew darbtejn fis-sena u konferenzi ġenerali bil-parteċipazzjoni ta' delegati mill-pajjiżi ta'

([12]) Il-Bank Dinji, *Doing Business 2007*; Settembru 2006.

l-ACP kollha fi Brussell. B'riżultat tal-konsultazzjonijiet, l-EPA tal-Karibew jiġbor fih kapitolu soċjali u ambjentali u l-ħolqien ta' Kumitat Konsultattiv tas-soċjetà ċivili responsabbli għall-monitoraġġ ta' l-implimentazzjoni ta' l-EPA u għall-analiżi mill-ġdid ta' l-aspetti ekonomiċi, soċjali u ambjentali kollha tiegħu.

11.3 Fir-rigward tal-ftehimiet ta' assoċjazzjoni proposti ma' l-Amerika Ċentrali u r-reġjuni ta' l-Andina, ilu jeżisti djalogu regolari mar-rappreżentanti tas-soċjetà ċivili organizzata ta' l-Amerika Latina u tal-Karibew sa mill-1999. Il-ħames laqgħa fi ħdan dan id-djalogu mistennija ssir f'April 2008. L-għan ta' dan id-djalogu huwa li jassigura li jingħata l-kontribut tas-soċjetà ċivili fis-summit UE-Amerika Latina li jsir kull sentejn. Il-Kumitat għandu kuntatti estensivi mal-Forum Ekonomiku u Soċjali tal-Mercosur, il-Kunsill Konsultattiv Andin għax-Xogħol, il-Kumitat Konsultattiv Andin għall-Kummerċ, il-Kumitat Konsultattiv tas-soċjetà ċivili għas-Sistema ta' Integrazzjoni ta' l-Amerika Ċentrali.

11.4 Il-Kumitat jipparteċipa wkoll fir-round tables ta' l-UE u l-Indja u l-UE u ċ-Ċina fejn jifforma d-delegazzjoni ta' l-UE. Ir-round table ta' l-UE u l-Indja twaqqfet fl-2001 filwaqt li dik ta' l-UE u ċ-Ċina twaqqfet fl-2007. It-tnejn li huma jiltaqgħu regolarment u x-xogħol tagħhom ġie rikonoxxut fis-summits annwali. Fil-livell tas-soċjetà ċivili, il-Kumitat għandu kuntatt mal-Kumitat Ekonomiċi u Soċjali tal-Korea t'Isfel u tat-Tajlandja permezz ta' l-Assoċjazzjoni Internazzjonali tal-Kunsilli Ekonomiċi u Soċjali u Istituzzjonijiet Simili (IAESCSI).

11.5 Il-Kumitat lest li jipprovdi l-għajnuna tiegħu sabiex jiġu organizzati laqgħat konsultattivi tas-soċjetà ċivili fuq livell reġjonali, dwar in-negozjati tal-kummerċ. F'dan ir-rwol, huwa jista' juża' d-diversi kuntatti reġjonali li għandu u l-esperjenza li kiseb matul il-monitarġġ tan-negozjati ta' l-EPA. Il-KESE jipproponi li jorganizza workshops jew laqgħat regolari oħra sabiex permezz tagħhom jiġu kkonsultati l-gruppi ta' interess ekonomiku u soċjali tal-pajjiżi u r-reġjuni kkonċernati anki permezz ta' round tables. F'dawn il-laqgħat jiġu mistiedna n-negozjaturi ta' l-UE (u l-kontrapartijiet tagħhom) sabiex jirrappurtaw dwar l-istat tan-negozjati u sabiex jirċievu feedback mingħand ir-rappreżentati tas-soċjetà ċivili kemm mill-Ewropa u kemm minn pajjiżi terzi. Il-Kumitat jista' jkompli jibni fuq l-attivitajiet tal-KE billi jiffaċilita l-parteċipazzjoni tar-rappreżentanti Ewropej u tal-pajjiżi terzi fil-proċess ta' l-Istimi ta' l-Impatt tas-Sostenibbiltà u billi jipprovdu aċċess elettroniku dirett lill-kuntatti tas-soċjetà ċivili kollha tiegħu fil-pajjiżi u r-reġjuni kkonċernati.

11.6 Il-Kumitat jeħtieġ li joqgħod attent għall-korpi u l-proċeduri li jintużaw għall-monitoraġġ ta' kwistjonijiet sensittivi dwar l-iżvilupp sostenibbli. Huwa jħoss li d-djalogu bilaterali għandu jinbena fuq ir-rakkomandazzjonijiet tal-mekkaniżmi li nħolqu skond is-27 konvenzjoni li ssemmew f'punt 5.8. Id-djalogu bilaterali jrid jinbena wkoll fuq l-osservazzjonijiet tas-soċjetà ċivili kif ukoll fuq analiżi ta' l-informazzjoni u l-valutazzjonijiet non-finanzjarji speċifiċi għal kull pajjiż li pprovda l-Bank Dinji jew li pprovdew aġenziji oħra tar-rating. Is-soċjetà ċivili għandha twettaq stima preliminarja tad-diversi mekkaniżmi ta' segwitu kkonċernati.

11.7 Speċifikament għall-Korea, il-Kumitat jissuġġerixxi li jintużaw ir-rapporti ta' l-Organizzazzjoni għall-Kooperazzjoni u l-Iżvilupp Ekonomiku (OECD), b'mod partikolari għall-moratorju ffirmat ma' l-imsieħba soċjali sa l-2010.

11.8 Min-naħa tagħhom, il-kumpaniji, bħala inizjattiva ta' żvilupp sostenibbli, jistgħu, fuq bażi volontarja, jużaw ir-responsabbiltà soċjali korporattiva biex jgħinu l-implimentazzjoni ta' l-impenji soċjali u ambjentali li jagħmlu parti mil-ftehimiet il-ġodda tal-kummerċ. Approċċ bħal dan huwa bbażat fuq madwar ħamsin ftehim ta' qafas internazzjonali li saru ma' kumpaniji prinċipali, ħafna minnhom Ewropej. Dawn il-kumpaniji qegħdin jippromovu x-xogħol deċenti permezz ta' l-eżempju ta' djalogu soċjali li qed ixerrdu permezz tas-sussidjarji tagħhom fil-pajjiżi msieħba. Permezz t'hekk qegħdin jiġbdu lejhom ukoll il-ħaddiema lokali u mħarrġa. Meta l-kumpaniji multinazzjonali, jew is-sussidjarji tagħhom f'settur partikolari, jidħlu għal impenji ta' responsabbiltà soċjali korporattiva huma jkunu qed iħeġġu wkoll lil dawk li jagħmlu parti mill-katina sħiħa ta' valur (il-forniturі u s-sottokuntratturi), b'mod partikolari fl-ekonomiji l-ġodda bħaċ-Ċina. Il-Kumitat jirrakkomanda li l-kwistjoni tat-tikkettar soċjali u ambjentali ssir parti mill-aġenda tal-kumitat tal-monitoraġġ tal-ftehim tal-kummerċ sabiex il-konsumaturi jingħataw informazzjoni ta' l-ogħla kwalità u sabiex jintlaħqu r-rekwiżiti tat-traċċabilità.

Brussell, it-22 ta' April 2008.

Il-President
tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew
Dimitris DIMITRIADIS

Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni: "Nikkomunikaw l-Ewropa fi Shubija"

COM(2007) 568 & Appendiċi COM(2007) 569

(2008/C 211/22)

Nhar it-3 ta' Ottubru 2007, il-Kummissjoni Ewropea ddeċidiet, b'konformità ma' l-Artikolu 262 tat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, li tikkonsulta lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar il-

Komunikazzjoni: "Nikkomunikaw l-Ewropa bi Shubija".

Il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew, b'konformità ma' Regola 20 tar-Regoli ta' Proċedura, ħatar lis-Sinjura van Turnhout bħala rapporteur ġenerali.

Matul l-444 sessjoni plenarja tiegħu tat-22 u t-23 ta' April 2008 (seduta tat-22 ta' April 2008), il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew adotta din l-opinjoni b'92 vot favur, 12-il vot kontra u 26 astensjoni.

1. **Konklużjonijiet u rakkomandazzjonijiet**

1.1 Il-Kumitat itenni t-talba tiegħu biex il-Kummissjoni tindirizza bis-sħiħ il-problema tan-nuqqas ta' bażi legali għal politika ta' komunikazzjoni. Madankollu, jagħraf it-tfixkil legali u politiku li jeżisti u m'huwiex kontra Ftehim Interistituzzjonali (IIA) bejn il-Kunsill, il-Parlament Ewropew u l-Kummissjoni. Il-Kumitat — sa fejn hu possibbli — ser isegwi l-intenzjonijiet deskritti f'dan il-Ftehim.

1.2 Il-Kumitat jerġa' jiġbed l-attenzjoni fuq problema li għandha sorsi doppji: nuqqas ta' fondi u proċedura burokratika komplikata b'mod skoraġġanti għar-rimborż tagħhom. Il-Kumitat jitlob lill-Kummissjoni tissimplifika l-proċeduri ta' l-għotjiet u jitlob lill-Kummissjoni tinkludi l-korpi konsultattivi, bħall-KESE, f'Kuntratti Qafas futuri; pereżempju, is-Servizzi Awdjoviżivi, l-EBS u l-Istħarriġ ta' l-Opinjoni Pubblika.

1.3 Il-Kumitat ifaħħar l-idea li Nikkomunikaw fi Shubija b'mod koerenti u integrat, billi nsaħħu l-implikazzjoni taċ-ċittadini Ewropej u niżviluppaw Sfera Pubblika Ewropea. Sabiex nilħqu ċ-ċittadini, neħtieġu (i) sett ta' messaġġi ċari, sempliċi u attraenti; viżjoni ċara li ċ-ċittadini jaċċettaw bħala l-viżjoni tagħhom; u (ii) diżinn u għodda xierqa għall-komunikazzjoni. It-tfassil ta' pjan ta' ħidma annwali għal għażla ta' prijoritajiet fil-komunikazzjoni ta' l-UE jista' jgħin f'dan. Jekk jingħata r-riżorsi t-tajbin, Il-KESE huwa lest u ħerqan li jaħdem fuq dan ma' l-istituzzjonijiet l-oħra, għax jagħraf li l-UE m'hijiex biss Brussell u li l-UE trid tindirizza l-livell lokali.

1.4 Il-KESE jagħti importanza kbira lir-rappreżentazzjoni tiegħu fil-Grupp Interistituzzjonali dwar l-Informazzjoni (IGI). L-addendum għall-protokoll ta' kooperazzjoni bejn il-Kummissjoni Ewropea u l-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew li sar wara li ħarget il-White Paper u li gie ffirmat fil-31 ta' Mejju 2007, jipprovdi qafas eċċellenti għall-Kummissjoni Ewropea (KE), il-Parlament Ewropew (PE) u d-Djar Ewropej fl-Istati Membri biex jinvolvu b'mod attiv lit-344 membru tal-KESE f'attivitajiet nazzjonali u reġjonali. Meta tikkomunika mas-soċjetà ċivili, il-Kummissjoni hija mħeġġa tagħraf ir-rwol li l-Kumitat kapaċi jaqdi bħala pont bejn l-istituzzjonijiet Ewropej u s-soċjetà ċivili organizzata. Il-Kumitat jista' wkoll jara valur fis-sehem attiv tal-Membri tiegħu fin-Netwerks ta' Informazzjoni Pilota (PINs) ibbażata fuq l-internet li qed tiġi proposta. Il-Kumitat bi pjaċir iħarreġ u jżomm il-kuntatti mal-Punti ta' Kuntatt proposti tas-Soċjetà Ċivili u netwerks relevanti oħrajn, bħall-Punti ta' Kuntatt tal-KESE, f'Rappreżentanzi tal-KE u fiċ-Ċentri Europe Direct. Bl-istess mod, il-Kumitat iħeġġeġ lill-Kummissjoni biex tara kif iżżid l-appoġġ għan-netwerks tagħhom, bħall-Europe Direct u T-Team Europe Speakers.

2. **Stqarrija ta' spjega**

2.1 Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni Ewropea (COM 2007/568) dwar "Nikkomunikaw l-Ewropa fi Shubija" ġiet adottata fit-3 ta' Ottubru 2007. Dan huwa r-raba' dokument li ġie adottat dwar kwistjonijiet ta' komunikazzjoni mill-Kummissjoni Ewropea. It-tlieta l-oħra kienu: i) il-White Paper tal-Kummissjoni Ewropea dwar Politika ta' Komunikazzjoni Ewropea (COM(2006) 35 finali), adottata fl-1 ta' Frar 2006; ii) Pjan ta' Azzjoni intern (SEC(2005) 985 finali), adottat fl-20 ta' Lulju 2005; u iii) il-Komunikazzjoni tagħha "Riflessjoni u aktar: Pjan D għal Demokarazija, Djalogu u Dibattitu" (COM(2005) 494 finali), adottata fit-13 ta' Ottubru 2005.

2.2 "Nikkomunikaw l-Ewropa fi Shubija" tenfasizza l-importanza kruċjali tal-kooperazzjoni interistituzzjonali fil-komunikazzjoni dwar kwistjonijiet ta' l-UE u tistabbilixxi l-prerekwiżiti għal politika ta' komunikazzjoni ta' suċċess imsejsa fuq shubija ma' l-atturi soċjali politiċi, ekonomiċi u soċjali ewlenin fil-livelli kollha. Fl-istess jum, il-Kummissjoni adottat ukoll — kif deskritt f'punt 1.2, u skond ir-riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew dwar Politika ta' Komunikazzjoni Ewropea — proposta għal Ftehim Interistituzzjonali (COM 2007/569) dwar "Nikkomunikaw l-Ewropa fi Shubija". L-għan ta' dan kien li jissaħħaħ l-impenn ta' l-istituzzjonijiet kollha ta' l-UE lejn numru ta' prijoritajiet relatati mal-komunikazzjoni ta' l-UE kull sena u bl-involviment ta' l-Istati Membri interessati. Filwaqt li jirrikonoxxi l-awtonomija u r-responsabbiltajiet differenti ta' kull istituzzjoni ta' l-UE, il-Ftehim Interistituzzjonali jenfasizza l-ħtieġa u l-valur miżjud ta'

koordinazzjoni aħjar fil-mod li dawn jikkomunikaw dwar suġġetti li għandhom x'jaqsmu ma' l-UE. Għal dan il-għan, jipprovdi wkoll qafas koerenti biex tittieħed azzjoni. B'kunsiderazzjoni ta' l-importanza partikulari tas-sena 2008 għall-proċess ta' ratifika tat-Trattat ta' Riforma ta' Lisbona fl-Istati Membri u bi tħejjija għall-elezzjonijiet Ewropej fl-2009, il-Kummissjoni tistieden lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew jesprimi l-fehmiet tiegħu dwar il-Komunikazzjoni.

2.3 Min-naħa tiegħu, il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew adotta tliet opinjonijiet reċenti fil-qasam tal-komunikazzjoni, l-ewwel waħda dwar "Il-Perijodu ta' Riflessjoni: struttura, temi u qafas għal evalwazzjoni tad-dibattitu dwar l-Unjoni Ewropea" (CESE 1249/2005 [1]), adottata fis-26 ta' Ottubru 2005, u indirizzata lill-Parlament Ewropew; it-tieni, l-opinjoni tal-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar "Pjan D" (CESE 1499/2005 [2]), adottata fl-14 ta' Diċembru 2005. Dawn l-opinjonijiet it-tnejn ipproponew serje ta' rakkomandazzjonijiet operattivi. It-tielet opinjoni tal-KESE kienet marbuta mal-White Paper dwar politika ta' komunikazzjoni Ewropea (CESE 972-2006 [3]), adottata fis-6 ta' Lulju 2006. Din l-aħħar opinjoni titlob lill-Kummissjoni tindirizza l-problema tan-nuqqas ta' bażi legali għal politika ta' komunikazzjoni u tappoġġja aktar kooperazzjoni interistituzzjonali li tiffoka fuq approċċ deċentralizzat.

2.4 L-opinjoni attwali dwar il-Komunikazzjoni "Nikkomunikaw l-Ewropa fi Sħubija", għalhekk, ma għandhiex tittratta oqsma li l-Kumitat diġà kopra jew li għadu qiegħed ikopri. Minflok, għandha tfittex li twieġeb għat-tliet oqsma bażiċi identifikati fil-Komunikazzjoni. Dawn huma:

— aktar setgħa liċ-ċittadini,

— l-iżvilupp ta' Sfera Pubblika Ewropea, u

— it-tisħiħ ta' l-approċċ ta' sħubija (inkluża l-proposta għal Ftehim Interistituzzjonali (IIA) dwar il-komunikazzjoni).

2.5 Barra mit-tliet opinjonijiet imsemmija hawn fuq u l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni: "Nikkomunikaw l-Ewropa", din l-Opinjoni hija bbażata fuq bosta sorsi oħrajn:

— ir-reġistri mqassrin tad-dibattiti li saru fis-sessjonijiet plenarji tal-KESE sa minn Ġunju 2005;

— ir-reġistri mqassrin tad-diskussjonijiet varji li saru fil-Grupp ta' Komunikazzjoni tal-KESE;

— ir-Riżoluzzjoni tal-Kumitat li saret bħala kontribut lill-Kunsill Ewropew tal-21 u t-22 ta' Ġunju 2007 — Pjan Direzzjonali tal-Proċess Kostituzzjonali, kif adottata fit-30 ta' Mejju 2007 (CESE 640/2007);

— ir-rakkomandazzjonijiet li ħarġu mid-Dikjarazzjoni ta' Ruma dwar iż-Żgħażagħ tal-25 ta' Marzu 2007, li ċċelebrat il-50 anniversarju tat-Trattat ta' Ruma;

— is-sehem tal-Kumitat fis-sitt proġetti kofinanzjati "Pjan D" tal-Kummissjoni;

— il-konklużjonijiet mill-konferenza tal-partijiet interessati tal-KESE, "L-Ewropa Tiegħek, L-Opinjoni Tiegħek" li nżammet f'Dublin fit-18 ta' Ottubru 2007; u

— l-konklużjonijiet mis-seminar tal-KESE għal uffiċjali ta' l-istampa Ewropea dwar "Nikkomunikaw l-Ewropa: X'rwol tixtieq li taqdi s-Soċjetà Ċivili?", li nżamm fi Brussell fit-12 ta' Novembru 2007.

2.6 Din l-Opinjoni dwar il-Komunikazzjoni: "Nikkomunikaw l-Ewropa fi Sħubija" hija maqsuma fi tliet sezzjonijiet, pariġġ it-tliet kwistjonijiet identifikati fid-dokument tal-Kummissjoni, u tindirizza biss ftit kwistjonijiet ewlenin f'kull sezzjoni.

3. **Kummenti ġenerali**

3.1 *Aktar setgħa liċ-ċittadini*

3.1.1 Fil-qasam speċifiku tal-komunikazzjoni ta' l-Ewropa, ir-rwol tas-Soċjetà Ċivili huwa essenzjali. Il-qafas imġedded ta' Pjan D jrid jinvolvi ħafna sħab fl-iżvilupp ta' l-Unjoni Ewropea, inklużi NGOs, assoċjazzjonijiet professjonali u n-numru dejjem jiżdied ta' intrapriżi li jridu jitgħallmu aktar dwar l-Ewropa, il-politiki, il-programmi u l-proċessi tagħha. Il-KESE jappoġġja t-talba tad-Dikjarazzjonijiet ta' Ruma dwar iż-Żgħażagħ biex jiġi żgurat baġit ikbar għall-iffinanzjar ta' NGOs bħala l-forniturі primarji ta' edukazzjoni mhux formali u dawk li jippromovu l-parteċipazzjoni ċivili, id-drittijiet umani u d-demokrazija.

3.1.2 Il-Kumitat jappoġġja bis-sħiħ approċċ multilingwu għall-komunikazzjoni. Mhux talli l-Komunikazzjoni se ssir finnumru meħtieġ ta' lingwi, imma se jintuża wkoll lingwaġġ sempliċi. Dan intqal b'mod ċar fid-dibattitu tas-seminar tal-KESE għall-Uffiċjali ta' l-Istampa, f'Novembru 2007.

3.1.3 Il-KESE qal bosta drabi li l-UE m'hijiex biss Brussell. Fil-fatt, bl-azzjonijiet tiegħu, il-KESE appoġġja l-kunċett ta' ħidma fil-livell lokali. Il-Kumitat minn qalbu jilqa' l-inizjattiva tal-Kummissjoni li taħtar punti ta' kuntatt tal-KESE fir-Rappreżentanzi kollha tal-KE. Dan kien segwitu loġiku għall-iffirmar ta' l-addendum għall-protokoll ta' kooperazzjoni bejn iż-żewġ istituzzjonijiet. L-addendum ser iservi ta' bażi biex jitkompla l-iżvilupp tar-relazzjonijiet tax-xogħol interistituzzjonali. Il-KESE għandu 344 membru mifruxa mas-27 Stat Membru kollha ta' l-UE. Dawn il-membri huma bbażati f'organizzazzjonijiet nazzjonali differenti li jirrappreżentaw it-tliet gruppi tal-Kumitat. Dawn il-membri għandhom għarfien kemm nazzjonali u reġjonali, kif ukoll perspettiva Ewropea mill-ħidma tagħhom fil-Kumitat. Ir-Rappreżentanzi tal-KE u l-uffiċji ta' l-informazzjoni tal-PE għandhom jagħmlu użu minn dawn ir-riżorsi siewja. L-ewwel sfida interessanti kieku tkun li l-Punti ta' Kuntatt maħtura jieħdu inizjattivi flimkien mal-membri tal-KESE biex jiċċelebraw il-50 anniversarju tal-KESE f'Mejju 2008.

([1]) ĠU C 28, 3.2.2006, pp. 42-46.
([2]) ĠU C 65, 17.2.2006, pp. 92-93.
([3]) ĠU C 309, 16.12.2006, pp. 115-119.

3.1.4 F'dan il-kuntest, il-bosta netwerks stabbiliti fl-Ewropa huma kollha elementi importanti fl-isforz li nikkomunikaw l-Ewropa fil-livell lokali. Iċ-Ċentri Europe Direct, pereżempju, għandhom jikkomunikaw il-Politika Ewropea billi jħarsu lejn l-istituzzjonijiet kollha ta' l-UE. Il-KESE jkun lest li jagħti l-għarfien f'dawn in-netwerks, billi joffri materjal ta' informazzjoni rilevanti u taħriġ fejn xieraq. Il-Kummissjoni għandha tirrevedi l-appoġġ finanzjarju relattivament limitat mogħti lil dawn in-netwerks. B'aktar riżorsi u approċċ aktar varjat min-naħa tal-Kummissjoni, iċ-ċentri jkunu jistgħu jappoġġjaw l-ambizzjoni li naħdmu fil-livell lokali b'mod aktar effiċjenti. Barra minn hekk, il-Kummissjoni u l-Parlament Ewropew għandhom jikkunsidraw kif jistgħu jinvolvu n-netwerk ta' Aġenziji Ewropej, imferrxa ma' l-Ewropa kollha, fl-isforz tal-Komunikazzjoni ta' l-UE. Fl-aħħar nett, il-KESE tgħallem ukoll mill-esperjenza li inizjattivi fil-qasam kulturali jqajmu interess fost iċ-ċittadini u jservu bħala mezzi importanti biex jiġu promossi ideat Ewropej.

3.1.5 Il-konsultazzjoni tal-Kummissjoni dwar il-White Paper uriet talba qawwija mill-atturi tas-soċjetà ċivili biex ikollhom involviment aktar mill-qrib fil-proċess Ewropew. Il-KESE jrid jenfasizza l-konklużjonijiet li ntlaħqu fis-seminar tiegħu għall-Uffiċjali ta' l-Istampa li sar fi Brussell, f'Novembru 2007, fejn talab għall-ħtieġa li jintużaw strutturi u netwerks eżistenti għall-konsultazzjoni, minflok ma joqgħod jerġà jinbeda kollox mill-ġdid kull darba. Il-KESE, li jirrappreżenta s-Soċjetà Ċivili organizzata Ewropea, għandu rwol importanti ħafna x'jaqdi ħawnhekk, u dan iridu jirrikonoxxuh istituzzjonijiet oħrajn ta' l-Unjoni Ewropea.

3.1.6 Il-KESE jaqbel mal-Kummissjoni li l-edukazzjoni u t-taħriġ għaċ-ċittadinanza attiva huma responsabbiltà ta' l-Istati Membri. Il-KESE jinnota l-fatt li d-drittijiet u d-dmirijiet taċ-ċittadini Ewropej jissemmew f'inqas min-nofs tal-kurrikuli skolastiċi ta' l-Istati Membri ta' l-UE. Il-Forum ta' Dublin għaż-Żgħażagħ, organizzat mill-KESE f'Ottubru 2007, ikkonferma li ċ-ċittadini lesti jiddiskutu kwistjonijiet Ewropej jekk jingħataw l-opportunità. Element importanti huwa l-edukazzjoni u li l-UE titpoġġa fuq l-aġenda skolastika. Is-seminar talab għal aktar Parteċipazzjoni taż-Żgħażagħ fil-proċess tat-teħid ta' deċiżjonijiet. Għall-UE huwa kompletament possibbli li tħeġġeġ attivitajiet ta' volontarjat u programmi ta' skambju aħjar mingħajr ma tintilef l-identità nazzjonali. Il-KESE jitlob li jittieħdu inizjattivi speċifiċi f'dan il-qasam.

3.1.7 Il-KESE jilqa' inizjattivi bħal ma huma "Il-Ġurnata tar-Rebbiegħa fl-Ewropa" ("Spring Day Europe") u "Lura l-Iskola" ("Back to School"). Il-Kumitat iħeġġeġ lill-Kummissjoni tara kif tinvolvi aħjar netwerks reġjonali u lokali eżistenti f'dawn l-isforzi. Dawn l-isforzi għandhom jinkludu l-livelli kollha skolastiċi, inkluż il-livell primarju.

3.2 *L-iżvilupp ta' sfera pubblika Ewropea*

3.2.1 Il-Kummissjoni ssostni l-importanza li l-politiki tagħha jitwasslu, għax hu l-aħjar mod kif jiġi żgurat l-appoġġ pubbliku għall-Proġett Ewropew. Jidher li l-komunikazzjoni limitata dwar ir-ratifika tat-Trattat ta' Riforma ta' Lisbona tmur kontra l-idea ta' Sfera Pubblika Ewropea. Fir-riżoluzzjoni tiegħu ta' Mejju 2007 imressqa quddiem il-Kunsill Ewropew ta' Ġunju 2007, il-KESE talab għar-rikonoxximent ta' l-importanza tad-demokrazija parteċipattiva, b'mod partikolari billi talab lill-istituzzjonijiet Ewropej iżommu djalogu trasparenti u regolari ma' l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili u maċ-ċittadini ta' l-UE.

3.2.2 Il-KESE jaqsam l-ambizzjoni tal-Kummissjoni u tal-Parlament Ewropew li jiżdied il-livell ta' parteċipazzjoni fl-elezzjonijiet tal-Parlament Ewropew ta' l-2009. Dan jista' jitkattar bl-implimentazzjoni ta' l-ideat, imressqa mill-Kummissjoni, dwar it-twaqqif ta' prijoritajiet Komunitarji komuni. Il-KESE huwa lest li jaħdem fuq dawn l-għanijiet komuni. L-UE teħtieġ proġett reali u kontenut li ċ-ċittadini jistgħu jidentifikaw ruħhom miegħu. Kull objettiv għall-Ewropa jeħtieġ li jinkludi wkoll is-settur soċjali u x-xogħol, u l-KESE hawnhekk għandu pożizzjoni ideali. Komunikazzjoni tajba għandha dejjem tkun ibbażata fuq pjan ċar u definit sewwa, u li hu ta' valur għaċ-ċittadini Ewropej. Fuq skala iżgħar, il-membri tal-KESE għandhom ikunu mistiedna jgħinu fl-inizjattiva tal-Kummissjoni ta' Netwerks ta' Informazzjoni Pilota (PINs) fuq l-internet.

3.2.3 Il-mezzi awdjoviżivi huma l-aktar għodda ta' komunikazzjoni b'saħħitha u l-ikbar istituzzjonijiet, bħall-Kummissjoni u l-Parlament Ewropew, għandhom aċċess għal dawn l-għodda. Ovvjament, tkun żgurata l-indipendenza tax-xandara meta jsiru kuntratti ma' dawk li joffru s-servizzi mill-EbS (Europe by Satellite) jew servizzi oħrajn fuq l-internet. Meta tistabbilixxi kuntatti bħal dawn, il-Kummissjoni ser tiġi mħeġġa tqis kif tista' tiftaħ il-bibien għal istituzzjonijiet u korpi oħrajn ta' l-UE wkoll, biex tiżgura komunikazzjoni bilanċjata — billi żżomm f'rasha wkoll li l-proċessi amministrattivi biex jiġi stabbilit kuntratt huma ta' piż għall-korpi konsultattivi u korpi oħrajn ta' l-UE. Il-Kummissjoni tkun tista' tiżgura wkoll li jinħolqu s-sinerġiji adegwati. Dan jista' wkoll ikun il-każ meta wieħed ikun qed jidentifika oqsma li fihom jista' jevalwa l-opinjoni pubblika.

3.3 *It-tisħiħ ta' l-approċċ ta' sħubija*

3.3.1 Il-KESE jappoġġja bis-sħiħ l-approċċ ta' sħubija kif promoss mill-Kummissjoni Ewropea. Dan jinkludi mhux biss l-istituzzjonijiet ta' l-UE, imma wkoll l-Istati Membri u l-politiċi u dawk li jieħdu d-deċiżjonijiet fil-livell nazzjonali u reġjonali, li għandhomjerfgħu r-responsabbiltà tagħhom fid-deċiżjonijiet li jieħdu b'rabta ma' l-UE. Il-KESE jilqa' n-netwerking ma' diretturi ta' komunikazzjoni nazzjonali u jitlob għal sinerġija msaħħa ma' l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili u r-riżorsi ta' komunikazzjoni tagħhom. Il-KESE għandu din il-pjattaforma permezz tan-netwerk tiegħu ta' l-Uffiċjali ta' l-Istampa. Ta' min wieħed jinnota wkoll li ħafna mill-Istati Membri ta' l-UE għandhom Kunsilli Ekonomiċi u Soċjali nazzjonali u li l-membri tal-KESE għandhom rabtiet tajbin ma' l-organizzazzjonijiet ospitanti fl-Istati Membri rispettivi tagħhom. Din hija netwerk b'saħħitha, u waħda li fiha l-KESE bħala istituzzjoni jista' jkun imsieħeb b'saħħtu għall-istituzzjonijiet l-oħrajn.

3.3.2 Il-Kumitat huwa involut bis-sħiħ fix-xogħol tal-Grupp Interistituzzjonali dwar l-Informazzjoni (IGI), li fih jaqdi r-rwol ta' osservatur. Il-KESE jrid isostni l-importanza, f'livell tekniku, ta' tħejjija tajba għal dawn il-laqħat. Il-KESE għandu wkoll problema prattika bil-parteċipazzjoni, għax il-laqgħat ta' l-IGI dejjem jinżammu fi Strasburgu u jsiru fl-istess żmien tal-Bureau tal-KESE u l-laqgħat plenarji fi Brussell. Il-KESE jixtieq li l-laqgħat ta' l-IGI jiċċaqilqu biex il-KESE jkun jista' jagħti sehmu flogħla livell possibbli. Il-KESE jilqa' wkoll il-politika ta' bibien miftuħa għall-Grupp ta' Ħidma tal-Kunsill dwar l-Informazzjoni u jispera li dak il-bieb jibqa' miftuħ, biex b'hekk iħalli l-parteċipazzjoni tal-KESE tgħin biex tiġi ffurmata l-politika ta' Komunikazzjoni ta' l-UE.

3.3.3 Għalkemm f'okkażjonijiet aktar bikrin, il-KESE ppromova l-idea li titwaqqaf bażi legali xierqa għall-komunikazzjoni, il-KESE jieħu nota tal-proposta li jintlaħaq ftehim interistituzzjonali dwar il-komunikazzjoni bejn il-Kummissjoni, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill. Min-naħa tiegħu, il-Kumitat qed ikompli jaġġorna u jimplimenta il-pjan strateġiku ta' komunikazzjoni tiegħu. Dan jinkludi reviżjoni kontinwa ta' l-għodda ta' komunikazzjoni tiegħu u l-użu tagħhom, u l-esplorazzjoni ta' metodi innovattivi. Fil-prijoritajiet ta' Komunikazzjoni tiegħu, il-KESE jqis l-objettivi ta' komunikazzjoni mressqa mill-Kummissjoni. Il-KESE jitlob li l-objettivi jkunu ċari, iffukati, rilevanti għaċ-ċittadini u limitati fin-numru.

3.3.4 Il-KESE jappoġġja l-għotjiet ipprovduti permezz ta' l-inizjattiva ta' Pjan D u jkompli jsostni l-importanza ta' proċeduri amministrattivi trasparenti u inqas burokratiċi li jħallu l-organizzazzjonijiet kollha tas-Soċjetà Ċivili jinvolvu ruħhom fil-proġetti. Il-KESE jistenna bil-ħerqa s-segwitu ta' l-eżerċizzju ta' Pjan D, bl-isem ta' "Niddibattu l-Ewropa", kif imħabbar mill-Kummissjoni.

4. **Infakkru r-rakkomandazzjonijiet preċedenti tal-Kumitat**

4.1 Il-Kumitat ifakkar ir-rakkomandazzjonijiet preċedenti tiegħu lill-Kummissjoni (fil-kuntest ta' komunikazzjoni): dawk ippreżentati fl-appendiċi għall-opinjoni tiegħu ta' Ottubru 2005 dwar "Il-Perijodu ta' Riflessjoni: struttura, temi u qafas għal evalwazzjoni tad-dibattitu dwar l-Unjoni Ewropea" (CESE 1249/2005); l-opinjoni tiegħu ta' Diċembru 2005 dwar il-kontribut tal-Kummissjoni għar-riflessjoni u aktar: Pjan D għal Demokrazija, Djalogu u Dibattitu (CESE 1499/2005); u l-opinjoni tiegħu ta' Lulju 2006 dwar il-White Paper dwar politika ta' komunikazzjoni Ewropea (CESE 972/2006).

Brussell, it-22 ta' April 2008

Il-President
tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew
Dimitris DIMITRIADIS